21998A0623(01)

23.6.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 179/3

*ANNESS I*

**IL-KONVENZJONI TAN-NAZZJONIJIET UNITI DWAR IL-LIĠI TAL-BAĦAR U L-FTEHIM DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PARTI XI TAGĦHA**

# IL-KONVENZJONI TAN-NAZZJONIJIET UNITI DWAR IL-LIĠI TAL-BAĦAR

L-ISTATI KONTRAENTI TA' DIN IL-KONVENZJONI,

IMĦEĠĠA bix-xewqa li jwettqu, fl-ispirtu tal-ftehim u l-koperazzjoni reċiproki, il-materji kollha li jirrigwardaw il-liġi tal-baħar u konxji mis-sinifikat storiku ta' din il-Konvenzjoni bħala kontribut importanti għaż-żamma tal-paċi, l-ġustizzja u l-progress tal-popli kollha tad-dinja;

JINNOTTAW li l-iżviluppi sa minn meta il-Konferenzi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar li nżammu f'Ġinevra fl-1958 u fil-1960 kienu aċċennaw il-ħtieġa għal Konvenzjoni ġdida u ġeneralment aċċettabbli dwar il-liġi tal-baħar;

KONXJI li l-problemi ta' l-ispazju ta' l-oċeani huma inter-relatati mill-qrib u jeħtieġ li jkunu meqjusa fl-intier tagħhom;

JIRRIKONOXXU ix-xewqa li tkun stabbilita permezz ta' din il-Konvenzjoni, b'attenzjoni xierqa tas-sovranità ta' l-Istati kollha, ordni legali għall-ibħra u l-oċeani li tkun tiffaċilita l-komunikazzjoni internazzjonali, u li tħeġġeġ l-użu paċifiku ta' l-ibħra u l-oċeani, l-utilizzazzjoni ekwitabbli u effiċjenti tar-riżorsi tagħhom, il-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tagħhom, u l-istudju, il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu;

JIFTAKRU li l-akkwist ta' dawn il-miri ikun jikkontribwixxu għar-realizzazzjoni ta' l-ordni ekonomika internazzjonali li hija ġusta u ekwitabbli li tqis l-interessi u l-ħtiġiet ta' l-umanità u, partikolarment, l-interessi speċjali u l-ħtiġiet tal-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw, kemm jekk kostali u wkoll li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar;

MIXTIEQA b'din il-Konvenzjoni li jiżviluppaw il-prinċipji inkorporati fir-Riżoluzzjoni 2794 (XXV) tas-17 ta' Diċembru 1970 li fiha l-Assemblea Ġenerali tal-Nazzjonijiet Uniti sollennament iddikjarat, *inter alia*, li ż-żona tal-qiegħ il-baħar u l-art oċeanika u l-istrata ta' l-art taħt dik tal-wiċċ tagħhom, lil hinn mill-limiti tal-ġurisdizzjoni nazzjonali, kif ukoll ir-riżosi tagħhom, huma eredità komuni ta' l-umanità, li l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tagħhom għandhom ikunu mwettqa għall-benefiċċju ta' l-umanità fl-intier tagħha, irrispettivament mil-lokalità ta' l-Istati;

JEMMNU li l-kodifika u l-iżvilupp progressiv tal-liġi tal-baħar milħuqa b'din il-Konvenzjoni għandhom jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-paċi, tas-sigurtà, tal-koperazzjoni u r-relazzjonijiet ta' ħbiberija fost in-nazzjonijiet kollha b'konformità mal-prinċipji tal-ġustizzja u d-drittijiet ugwali u għandhom iħeġġu l-avvanz ekonomiku u soċjali tal-popli kollha tad-dinja, b'konformità ma l-Iskopijiet u l-Prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif stabbiliti f'din il-Karta;

JAFFERMAW li l-materji mhux regolati b'din il-Konvenzjoni jibqgħu li jkunu rregolati bir-regoli u l-prinċipji tal-liġi ġenerali internazzjonali,

FTIEHMU kif ġej:

## PARTI I

## INTRODUZZJONI

*Artikolu 1*

### L-użu tat-termini u l-iskop

1. Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni:

(1) "żona" tfisser il-qiegħ tal-baħar u l-art oċeanika u l-istrata ta' l-art taħt dik tal-wiċċ, lil hinn mil-limiti tal-ġurisdizzjoni nazzjonali;

(2) "Awtorità" tfisser l-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ-il-Baħar;

(3) "attivitajiet fiż-żona" tfisser l-attivitajiet kollha ta' l-esplorazzjoni għal, u l-esplojtazzjoni ta', ir-riżorsi taż-żona;

(4) "tniġġiż ta' l-ambjent marittimu" tfisser l-introduzzjoni mill-bniedem, direttament jew inderettament, ta' sustanzi jew enerġija fl-ambjent marittimu, inklużi l-estwarji, li jirriżultaw

jew li aktarx li jirriżultaw f'effetti qerrieda bħal dawn hekk li jgħamlu ħsara għar-riżorsi ħajjin u l-ħajja marittima, ta' periklu għas-saħħa umana, ta' tfixkil għall-attivitajiet marittimi, inkluż is-sajd u l-użu leġittimu l-ieħor tal-baħar, tħassir tal-kwalità għall-użu ta' l-ilma tal-baħar u t-tnaqqis ta' l-amenitajiet;

5 (a) "*dumping*" tfisser:

(i) kwalunkwe disponiment deliberat ta' skart jew materja oħra minn vapuri, ajruplanti, pjattaformi u stutturi magħmula mill-bniedem fil-baħar;

(ii) kwalunkwe disponiment deliberat ta' vapuri, ajruplani, pjattaformi u jew stutturi oħrajn magħmula mill-bniedem fil-baħar;

(b) "*dumping*" ma jinkludix:

(i) id-disponiment ta' skart jew materja oħra inċidentali għal, jew akkwistati mill-operazzjonijiet normali ta' vapuri, ajruplani, pjattaformi jew strutturi oħrajn magħmula mill-bniedem fil-baħar u l-apparat tagħhom, apparti milli l-iskart jew materja oħra ttrasportati minn jew lejn vapuri, ajruplani, pjattaformi jew strutturi oħrajn magħmula mill-bniedem fil-baħar, li joperaw għall-iskop tad-disponiment ta' materja bħal din jew derivata mit-trattament ta' skart jew materja oħra bħal dawn jew xi materja oħra fuq dawk il-vapuri, ajruplani, pjattaformi jew strutturi;

(ii) it-tqegħid ta' materja għall-iskop apparti milli sempliċement għad-disponiment tagħhom, basta li t-tqegħid bħal dak ma jkunx kontra l-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni.

2. (1) "L-Istati Partijiet" tfisser l-Istati li jkunu qablu li jkunu marbuta b'din il-Konvenzjoni u li dwarhom din il-Konvenzjoni hija fis-seħħ;

(2) din il-Konvenzjoni tapplika *mutatis mutandis* għall-entitajiet msemmija fl-Artikolu 305(1) (b), (c), (d), (e) u (f), li saru partijiet għal din il-Konvenzjoni b'konformità mal-kondizzjonijiet relevanti għal kull wieħed minnhom, u sal-limitu li "Stati Partijiet" tirreferi għal dawk l-entitajiet.

PARTI II

# BAĦAR TERITORJALI U Ż-ŻONA KONTIGWA

SEZZJONI 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 2*

### L-istatus legali tal-baħar territorjali, ta' l-ispazju ta' l-ajru fuq il-baħar teritorjali u l-qiegħ u l-istrata ta' l-art taħt dik tal-wiċċ

1. Is-sovranità ta' Stat kostali testendi, lil hinn mill-art territorjali tiegħu u mill-ilmijiet interni tiegħu u, fil-każ ta' Stat arċipelagu, l-ilmijiet arċipelaġiċi tiegħu, lejn medda tal-baħar tal-biswit, deskritti bħala il-baħar territorjali.

2. Din is-sovranità testendi għall-ispazju ta' l-ajru ta' fuq il-baħar territorjali kif ukoll għall-qiegħ u l-istrata ta' l-art taħt dik tal-qiegħ tiegħu.

3. Is-sovranità fuq il-baħar territorjali hija eżerċitata bla ħsara għan din il-Konvenzjoni u għar-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali.

SEZZJONI 2

## IL-LIMITI TAL-BAĦAR TERRITORJALI

*Artikolu 3*

### Il-wisa' tal-baħar territorjali

Kull Stat għandu d-dritt li jistabbilixxi l-wisa' tal-baħar territorjali tiegħu sa limitu li ma jeċċedix 12-il mil nawtiku, imkejjel mil-linji bażiċi ddeterminati b'konformità ma din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 4*

### Il-limitu estern tal-baħar territorjali

Il-limitu estern tal-baħar territorjali huwa bi dritt kull punt li fih ikun f'distanza mill-eqreb punt tal-linja bażi ugwali għall-wisa' tal-baħar territorjali.

*Artikolu 5*

**Linja bażi normali**

Appart milli kif hemm ipprovdut mod ieħor f'din il-Konvenzjoni, il-linja bażi normali għall-kejl tal-wisa' tal-baħar territorjali hija l-linja fil-baħar baxx matul il-kosta kif immarkata fuq il-mapep nawtiċi uffiċċjalment rikonoxxuti mill-Istat kostali.

*Artikolu 6*

**Skolli**

Fil-każ ta' gżejjer li jinstabu fuq skoljeri jew ta' gżejjer li jkollhom l-iskolli mad-dawra, il-linja bażi għall-kejl tal-wisa' tal-baħar territorjali hija l-linja fit-tarf mal-baħar baxx tas-skoljeri, kif murija bis-simbolu xieraq fuq il-mapep uffiċjalment rikonoxxuti mill-Istat kostali.

*Artikolu 7*

**Linji bażi dritti**

1. Fil-lokalitajiet meta l-linja kostali hija b'hafna daħliet u bajjiet deħlin minnha, jew jekk ikun hemm sensiela ta' gżejjer matul il-kosta bil-qrib immedjat tagħha, il-metodu tal-linji bażi dritti li jgħaqdu il-punti xierqa jista jkun użat għad-disinjar tal-linja bażi li minnha l-wisa' tal-baħar territorjali hija mkejjla.

2. Meta minħabba l-preżenza ta' *delta* jew kondizzjonijiet naturali oħrajn il-linja kostali hija ferm instabbli, il-punti xierqa jistgħu jkunu magħżula matul il-limitu l-aktar il-barra tat-tarf tal-baħar fil-linja tal-baħar baxx u, minkejja rigressjonijiet sussegwenti tal-linja tal-baħar baxx, il-linji bażi dritti jibqgħu effettivivi sakemm mibdula mill-Istat kostali b'konformità ma din il-Konvenzjoni.

3. Id-disinjar tal-linji bażi dritti m'għandhomx jitbiegħdu għal xi distanza apprezzabbli mid-direzzjoni ġenerali tal-kosta, u ż-żoni tal-baħar li jinsabu fi ħdan il-linji għandhom ikunu suffiċċjentament magħquda mill-qrib lejn id-dominju ta' l-art hekk li jkunu suġġetti għar-reġim ta' l-ilmijiet interni.

4. Linji bażi dritti m'għandhomx ikunu ddissinjati lejn u minn elevazzjonijiet tal-marea-baxxa, sakemm fanali tan-navigazzjoni, u stallazzjonijiet simili li huma permanenti 'l fuq minn wiċċ il-baħar ma jkunux mibnijin fuqhom jew sakemm f'każi meta d-disinn tal-linji bażi lejn u minn elevazzjonijiet bħal dawk ikunu rċevew rikonoxximent ġenerali internazzjonali.

5. Meta il-metodu tal-linji bażi dritti jkun applikat permezz tal-punt 1, qies għandu jittieħed, fid-determinazzjoni ta' linji bażi partikolari, ta' l-interessi ekonomiċi partikolari għar-reġjun ikkonċernat, li r-realtà u l-importanza tagħhom hija kjarament murija b'użu fit-tul.

6. Is-sistema ta' linji bażi dritti ma tistgħax tkun applikata minn Stat b'tali mod hekk li taqta' l-baħar territorjali ta' Stat ieħor mill-baħar internazzjonali jew minn żona ekonomika esklussiva.

*Artikolu 8*

**Ilmijiet interni**

1. Apparti milli kif hemm ipprovdut fil-Parti IV, ilmijiet il-ġewwa lejn l-art mil-linja bażi tal-baħar territorjali jifformaw parti mill-ilmijiet interni tal-Istat.

2. Meta l-istabbiliment ta' linja bażi dritta b'konformità mal-metodu stabbilit fl-Artikolu 7 jkollu l-effett li jagħlaq iż-żoni ta' l-ilmijiet interni li preċedentamenti ma kienux meqjusa bħala tali, dritt ta' passaġġ innoċenti kif hemm provvediment dwar dan f'din il-Konvenzjoni għandu jkun jeżisti f'dawk l-ilmijiet.

*Artikolu 9*

**Il-bokok tax-xmajjar**

Jekk xmara tispiċċa direttament fil-baħar, il-linja bażi għandha tkun dritta mal-linja matul il-bokka tax-xmara bejn il-punti tal-linja ta' l-ilma baxx fuq ix-xtut tagħha.

*Artikolu 10*

**Bajjiet**

1. Dan l-Artikolu jirrigwarda biss għall-bajjiet u x-xtut li jappartienu lill-Stat wieħed.

2. Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, bajja hija indentazzjoni immarkata sewwa li l-penetrazzjoni tagħha hija fi proporzjon tali mal-wisa' tal-bokka tagħha hekk li jkun fiha ilmijiet magħluqa bejn l-art u tikkostitwixxi aktar milli sempliċement kurvatura tal-kosta. Indentazzjoni m'għandhiex, b'dana kollu, tkun meqjusa bħala bajja sakem il-wiċċ tagħha ikun kbir daqs, jew akbar minn, dak tan-nofs ċirku li d-dijametru tiegħu huwa l-linja miġbudha matul il-bokka ta' dik l-indentazzjoni.

3. Għall-iskopijiet tal-kejl, il-wiċċ ta' l-indentazzjoni huwa dak li jkun bejn il-marka tal-baħar baxx matul ix-xatt ta' l-indentazzjoni u linja li tgħaqqad il-marka tal-baħar baxx tal-punti tad-dħul

naturali tagħha. Meta, minħabba l-preżenza ta' gżejjer, indentazzjoni jkollha aktar minn bokka waħda, in-nofs ċirku għandu jkun linja miġbudha sat-tul tat-total tas-somma tat-tulijiet bħal tal-linji matul id-diversi bokok. Gżejjer fi ħdan l-indentazzjoni għandhom ikunu nklużi bħalli kieku dawn kienu parti mill-wiċċ ta' l-ilma ta' l-indentazzjoni.

4. Jekk id-distanza bejn il-marki tal-baħar baxx tal-punti naturali tad-dħul tal-bajja ma jkunux jeċċedu 24 mil nawtiku, linja ta' l-għeluq tista tkun miġbudha bejn dawk iż-żewġ marki tal-baħar baxx, u l-ilmijiet miġburin hemmhekk bihom għandhom ikunu meqjusa bħala ilmijiet interni.

5. Meta d-distanza bejn il-marki tal-baħar baxx tal-punti naturali tad-dħul ta' bajja teċċedi 24 mil nawtiku, linja bażi dritta ta' 24 mil nawtiku għandha tkun miġbudha fi ħdan dik il-bajja b'tali manjiera hekk li tagħlaq il-wiċċ massimu ta' l-ilma li jkun possibbli b'linja ta' dak it-tul.

6. Id-disposizzjonijiet imsemmija ma japplikawx għallhekk imsejħa bajjiet "storiċi", jew fi kwalunkwe każ meta s-sistema ta' linji bażi li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 7 jkunu applikati.

*Artikolu 11*

**Portijiet**

Għall-iskop li jkun delimitat il-baħar territorjali, ix-xogħolijiet permanenti tal-port l-aktar il-barra li jifformaw parti ntegrali missistema tal-port huma meqjusa bħala li jifformaw il-kosta. Stallazzjonijiet *off-shore* u gżejjer artifiċjali m'għandhomx ikunu meqjusa bħala xogħolijiet permamemti ta' port.

*Artikolu 12*

**Irmiġġi fil-miftuħ**

Irmiġġi fil-miftuħ li huma normalment użati għat-tgħabija, għallħatt u l-ankrar ta' vapuri, u li normalment ikunu jinsabu kompletament jew parzjalment il-barra mill-limitu estern tal-baħar territorjali, huma nklużi fil-baħar territorjali.

*Artikolu 13*

**Elevazzjonijiet tal-marea baxxa**

1. Elevazzjoni tal-marea baxxa hija żona ta' art ifformata naturalment li hija mdawwra bi u 'l fuq mill-ilma fil-marea baxxa imma mgħaddsa fil-marea għolja. Meta l-elevazzjoni tal-marea baxxa tkun tinstab kompletament jew parzjalment f'distanza li ma teċċedix il-wisa' tal-baħar territorjali mill-art ewlenija jew minn gżira, il-linja tal-baħar baxx fuq dik l-elevazzjoni tista tkun użata bħala l-linja bażi għall-kejl tal-wisa' tal-baħar territorjali.

2. Meta l-elevazzjoni ta' marea-baxxa tkun kompletament tinsab f'distanza li teċċedi il-wisa' tal-baħar territorjali mill-art ewlenija jew minn gżira, din ma jkollhiex baħar territorjali tagħha bħala entità waħedha.

*Artikolu 14*

**Ġabra ta' metodi għad-determinazzjoni ta' linji bażi**

L-Istat Kostali jista jiddetermina l-linji bażi meta jkun il-każ bi kwalunkwe mill-metodi li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli preċedenti sabiex ikunu adattati għal kondizzjonijiet differenti.

*Artikolu 15*

**Id-delimitazzjoni tal-baħar territorjali bejn Stati bi xtut opposti jew ma ġenb xulxin**

Meta x-xtut ta' żewġ Stati huma opposti jew ma ġenb xulxin, l-ebda miż-żewġ stati ma huwa ntitolat, sa kemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor bejniethom, li jestendi l-baħar territorjali tiegħu lil hinn mil-linja medjana li kull punt tagħha jkun ekwidistanti mil-eqreb punti tal-linji bażi li minnhom il-linji bażi tal-wisa' ta' l-ibħra territorjali ta' kull wieħed miż-żewġ Stati jkunu mkejjla. Id-disposizzjoni ta' hawn fuq ma tapplikax, b'dana kollu, meta huwa meħtieġ minħabba raġunijiet ta' titolu storiku jew ta' ċirkostanzi oħrajn li jkunu delimitati l-ibħra territorjali taż-żewġ Stati b'mod li jkun f'varjanza ma dan.

*Artikolu 16*

**Mapep nawtiċi u l-listi tal-kordinati ġeografiċi**

1. Il-linji bażi għall-kejl tal-wisa' tal-baħar territorjali ddeterminat b'konformità ma l-Artikoli 7, 9 u 10, jew il-limiti akkwistati minnhom, u l-linji tad-delimitazzjoni miġbuda b'konformità ma l-Artikoli 12 u 15 għandhom ikunu murija fuq il-mapep nawtiċi ta' skala jew skali adekwati għall-aċċertazzjoni tal-posizzjoni tagħhom. Alternattivament, lista tal-punti ta' kordinati ġeografiċi, li jispeċifikaw id-*datum* ġeodetiku, jistgħu ikunu mibdula minn flokhom.

2. L-Istat kostali għandu jagħti l-pubbliċità meħtieġa dwar dawk il-mapep nawtiċi jew tal-listi tal-kordinati ġeografiċi u għandu jiddepożita kopja ta' kull mappa nawtika jew ta' lista bħal dik mas-Segreteraju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

SEZZJONI 3

**PASSAĠĠ INNOĊENTI FIL-BAĦAR TERRITORJALI**

Subsezzjoni A

***Regoli applikabbli għall-vapuri kollha***

*Artikolu 17*

**Id-dritt ta' passaġġ innoċenti**

Bla ħsara għal din il-Konvenzjoni, il-vapuri ta' l-Istati kollha, sew jekk kostali jew li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar, igawdu d-dritt tal-passaġġ innoċenti matul il-baħar territorjali.

*Artikolu 18*

**It-tifsira ta' passaġġ**

1. Passaġġ ifisser in-navigazzjoni matul il-baħar territorjali għall-iskop ta':

(a) li jkun traversat dak il-baħar mingħajr ma jsir dħul fl-ilmijiet interni jew żjarat fuq irmiġġi jew faċilitajiet tal-port il-barra mill-ilmijiet interni; jew

(b) li jipproċedi lejn jew minn ilmijiet interni jew żjara fuq irmiġġi jew faċilitajiet bħal dawk tal-portijiet.

2. Il-passaġġ għandu jkun kontinwu u mingħajr dewmien. B'dana kollu, passaġġ jinkludi l-waqfien u l-ankoraġġ, imma biss sakemm dawn ikunu inċidentali għan-navigazzjoni ordinarja jew ikkaġunati b' *force majeure* jew f'emerġenza jew għall-iskop li tingħata għajnuna lill-persuni, vapuri jew ajruplani fil-periklu jew f'emerġenza.

*Artikolu 19*

**It-tifsira ta' passaġġ innoċenti**

1. Il-Passaġġ huwa innoċenti sakemm dan ma jkunx ta' preġudizzju għall-paċi, il-bon ordni jew is-sigurtà ta' Stat kostali. Passaġġ bħal dan għandu jseħħ b'konformità ma din il-Konvenzjoni u mar-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali.

2. Passaġġ ta' vapur barrani għandu jkun meqjus li jkun ta' preġudizzju għall-paċi, il-bon ordni jew is-sigurtà ta' Stat kostali jekk fil-baħar territorjali dan ikun involut fi kwalunkwe mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) kwalunkwe theddida jew l-użu ta' forza kontra s-sovranità, l-integrità territorjali jew l-indipendenza polika ta' l-Istat kostali, jew b'xi manjiera oħra bi vjolazzjoni tal-prinċipji tal-liġi internazzjonali li huma nkorporati fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

(b) xi taħriġ jew provi bl-armi ta' kwalunkwe tip;

(ċ) xi att immirat għall-ġbir ta' l-informazzjoni li tkun ta' preġudizzju għad-difiża u s-sigurtà ta' l-Istat kostali;

(d) xi att ta' propoganda immirat sabiex jaffettwa d-difiża u s-sigurtà ta' l-Istat kostali;

(e) it-titjir, l-inżul jew it-teħid abbord ta' kull tip ta' ajruplan;

(f) il-varar, l-inżul jew it-teħid abbord ta' kull tip ta' apparat militari;

(g) it-teħid abbord jew il-ħatt ta' xi merkanzija utili, munita jew persuni kontrarji għal-liġijiet doganali, fiskali, ta' l-immigrazzjoni jew sanitarji u kontra r-regolamenti ta' l-Istat kostali;

(h) kwalunkwe att ta' tniġġiż intiż u serju kontra din il-Konvenzjoni;

(i) kwalunkwe attività tas-sajd;

(j) it-twettieq ta' l-attivitajiet ta' riċerka jew ta' stħarriġ;

(k) kwalunkwe att immirat għall-indħil ma xi sistemi tal-komunikazzjoni jew ma xi faċilitajiet jew installazzjonijiet oħrajn ta' l-Istat kostali;

(l) kwalunkwe attività oħra li ma jkollhiex sinifikat dirett fuq il-passaġġ.

*Artikolu 20*

**Sottomarini u nġenji oħrajn ta' taħt il-baħar**

Fil-baħar territorjali, sottomarini u nġenji oħrajn ta' taħt il-baħar huma meħtieġa li jinnavigaw fil-wiċċ u li jtajjru l-bandiera tagħhom.

*Artikolu 21*

**Liġijiet u regolamenti ta' l-Istati kostali li jirrigwardaw il-passaġġ innoċenti**

1. L-Istat kostali jista jadotta liġijiet u regolamenti, b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u r-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali, li jirrigwardaw il-passaġġ innoċenti matul il-baħar territorjali, fir-rigward ta' dawn kollha jew uħud minnhom kif ġejjin:

(a) is-sigurtà tan-navigazzjoni u r-regolazzjoni tat-traffiku marittimu;

(b) il-protezzjoni ta' l-għajnuniet u l-faċilitajiet tan-navgazzjoni u tal-faċilitajiet u l-istallazzjonijiet l-oħrajn;

(ċ) il-ħarsien ta' fili u pajpijiet ta' taħt il-baħar;

(d) il-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar;

(e) il-prevenzjoni tal-ksur tal-liġijiet u r-regolamenti dwar is-sajd ta' l-Istat kostali;

(f) il-preservazzjoni ta' l-ambjent ta' l-Istat kostali u l-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontrol tat-tniġġiż tagħhom;

(g) ir-riċerka xjentifika marittima u l-istħarriġ idrografiku;

(h) il-prevenzjoni tal-ksur tal-liġijiet u r-regolamenti doganali, fiskali, ta' l-immigrazzjoni jew sanitarji ta' l-Istat kostali.

2. Liġijiet u regolamenti bħal dawn m'għandhomx japplikaw għad-disinn, il-kostruzzjoni, il-forniment b'persunal jew b'tagħmir lill-vapuri barranin sakemm dawn iseħħu skond regoli u normi internazzjonali kif ġeneralment aċċettati.

3. L-Istat kostali għandu jagħti l-pubbliċità xierqa għal dawn il-liġijiet u r-regolamenti kollha.

4. Vapuri barranin li jeżerċitaw id-dritt ta' passaġġ innoċenti matul il-baħar territorjali għandhom ikunu konformi mal-liġijiet u r-regolamenti bħal dawk u mar-regolamenti internazzjonali ġeneralment aċċettati li jirrigwardaw il-prevenzjoni ta' ħabtiet fuq il-baħar.

*Artikolu 22*

**Skemi ta' rotot marittimi u separazzjoni tat-traffiku fil-baħar territorjali**

1. L-Istat kostali jista, meta meħtieġ billi jqis is-sigurtà tan-navigazzjoni, li jkun jeħtieġ li vapuri barranin li jeżerċitaw id-dritt tal-passaġġ innoċenti matul il-baħar territorjali tiegħu, li jutilizzaw dawk ir-rotot marittimi u skemi ta' separazzjoni tat-traffiku skond ma hu jiddisinja jew jippreskrivi għal-regolazzjoni tal-passaġġ tal-vapuri.

2. Partikolarment, *tankers*, vapuri b'qawwa nukleari u vapuri li jġorru sustanzi nukleari jew oħrajn li fil-qofol tagħhom ikunu sustanzi perikolużi jew ta' ħsara jistgħu jkunu meħtieġa li jillimitaw il-passaġġ tagħhom għal dawk ir-rotot marittimi.

3. Fit-tħejjija ta' rotot marittimi u fil-preskrizzjoni tal-iskemi tas-separazzjoni tat-traffiku permezz ta' dan l-Artikolu, l-Istat kostali għandu jqis:

(a) ir-rakkommandazzjonijiet ta' l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti;

(b) il-kanali abitwalment użati għan-navigazzjoni internazzjonali;

(ċ) il-karatteristċi speċjali ta' vapuri u kanali partikolari; u

(d) id-densità tat-traffiku.

4. L-Istat kostali għandu kjarament jindika dawn ir-rotot marittimi u l-iskemi ta' separazzjoni tat-traffiku fuq il-mapep tan-navigazzjoni li dwarhom ikun ta il-publiċità xierqa.

*Artikolu 23*

**Vapuri barranin b'qawwa nukleari u vapuri li jġorru sustanzi nukleari u sustanzi oħrajn li huma perikolużi u ta' ħsara.**

Il-vapuri barranin b'qawwa nukleari u vapuri li jġorru sustanzi nukleari u sustanzi oħrajn li huma perikolużi u ta' ħsara għandhom, meta jeżerċitaw id-dritt ta' passaġġ innoċenti matul il-baħar territorjali, li jġorru dokumenti u li josservaw il-miżuri speċjali ta' prekawzjoni stabbiliti għal vapuri bħal dawk bi ftehim internazzjonali.

*Artikolu 24*

**Id-doveri ta' Stati kostali**

1. L-Istat kostali m'għandux ifixkel il-passaġġ innoċenti ta' vapuri barranin matul il-baħar territorjali tiegħu apparti milli b'konformità ma din il-Konvenzjoni. Partikolarment, fl-applikazzjoni ta' din il-Konvezjoni jew ta' xi liġijiet jew regolamenti b'konformità ma din il-Konvenzjoni, l-Istat kostali m'għandux:

(a) jimponi ħtiġiet fuq vapuri barranin li jkollhom l-effett attwali li jċaħħdu jew li jfixklu d-drittijiet tal-passaġġ innoċenti; jew

(d) jiddiskriminaw fil-għamla jew fil-fatt kontra vapuri ta' xi Stat jew kontra vapuri li jġorru merkanzija lejn, minn jew f'isem xi Stat.

2. L-Istat kostali għandu jagħti l-pubbliċità xierqa dwar xi periklu għan-navigazzjoni, li dwaru jkollu tagħrif, fil-baħar territorjali tiegħu.

*Artikolu 25*

**Id-drittijiet tal-protezzjoni ta' Stat kostali**

1. L-Istat kostali jista jieħu l-passi meħtieġa fil-baħar territorjali tiegħu sabiex ma jħallix passaġġ li ma jkunx innoċenti.

2. Fil-każ ta' vapuri li jipproċjedu f'ilmijiet interni jew li jżuru faċilità ta' port il-barra mill-ibħra interni, l-Istat kostali għandu wkoll id-dritt li jieħu l-passi meħtieġa sabiex ma jħallix li jseħħ xi ksur tal-kondizzjonijiet li dwarhom id-dħul ta' dawk il-vapuri f'ilmijiet interni jew żjara bħal dik ikunu suġġetti.

3. L-Istat kostali jista, mingħajr diskriminazzjoni fil-għamla jew fil-fatt fost vapuri barranin, jissosspendi temporanjament f'żoni

speċifiċi tal-baħar territorjali tiegħu il-passaġġ innoċenti ta' vapuri barranin jekk sospensjoni bħal din tkun essenzjali għall-protezzjoni tas-sigurtà tiegħu, inklużi l-eżerċizzi bl-armi. Sospensjoni bħal din tista jkollha effett biss wara li tkun ġiet ippubblikata kif xieraq.

*Artikolu 26*

**Ħlasijiet li jistgħu jkunu mposti fuq vapuri barranin**

1. L-ebda ħlas ma jista jkun impost fuq vapuri baranin għas-sempliċi raġuni tal-passaġġ tagħhom matul il-baħar territorjali.

2. Ħlas jista jkun impost biss fuq vapur barrani li jgħaddi matul il-baħar territorjali dwar servizzi speċifiċi kif mogħtija lill-vapur. Dawn il-ħlasijiet għandhom ikunu mposti mingħajr diskriminazzjoni.

Subsezzjoni B

***Ir-regoli applikabbli għal vapuri merkantili u vapuri governattivi li joperaw għal skopijiet kummerċjali***

*Artikolu 27*

**Ġurisdizzjoni kriminali abbord vapur barani**

1. Il-ġurisdizzjoni kriminali ta' l-Istat kostali m'għandhiex tkun eżerċitata abbord vapur barrani li jbaħħar matul il-baħar territorjali sabiex jarresta xi persuna jew li jwettaq xi investigazzjoni b'konnessjoni ma xi reat imwettaq abbord il-vapur matul il-passaġġ tiegħu, apparti milli f'dawn il-każi li ġejjin:

(a) jekk il-konsegwenza tar-reat kriminali testendi għall-Istat kostali;

(b) jekk ir-reat kriminali ikun tat-tip li jħarbat il-paċi tal-pajjiż jew il-bon ordni tal-baħar territorjali;

(ċ) jekk l-għajnuna ta' l-awtoritajiet lokali tkun ġiet mitluba mill-kaptan tal-vapur jew minn aġent diplomatiku jew uffiċjal konsulari ta' l-Istat tal-bandiera; jew

(d) jekk miżuri bħal dawk huma meħtieġa għas-soppressjoni ta' traffiku illeċitu f'narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

2. Id-disposizzjonijiet ta' hawn fuq m'għandhomx jaffettaw id-dritt ta' l-Istat kostali milli jieħu dawk il-passi awtorizzati għall-iskop ta' l-arrest jew l-investigazzjoni abbord vapur barrani li jgħaddi matul il-baħar territorjali wara li jkun ħalla l-ilmijiet interni.

3. Fil-każi li hemm provvedimenti dwarhom fil-paragrafi 1 u 2, l-Istat kostali għandu, jekk il-kaptan hekk jitlob, jinnotifika lill-aġent diplomatiku jew lill-uffiċjal konsulari ta' l-Istat tal-bandiera qabel ma jieħu xi passi, u għandu jiffaċilita l-kuntatt bejn dak l-aġent jew uffiċjal ma l-ekwipaġġ tal-vapur. Fil-każi ta' emerġenza din in-notifika tista tkun ikkomunikata waqt li l-miżuri jkun qiegħdin jittieħdu.

4. Meta jikkunsidraw jekk u f'liema manjiera arrest għandu jsir, l-awtoritajiet lokali għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-interessi tan-navigazzjoni.

5. Apparti milli kif hemm ipprovdut fil-Parti XII jew fir-rigward ta' xi vjolazzjonijiet tal-liġijiet u r-regolamenti adottati b'konformità mal-Parti V, l-Istat kostali m'għandux jieħu xi passi abbord vapur barrani li jgħaddi matul il-baħar territorjali sabiex jarresta xi persuna jew li jwettaq xi investigazzjoni b'konnessjoni ma xi reat kriminali mwettaq qabel ma l-vapur ikun daħal fil-baħar territorjali, jekk il-vapur, li jipproċedi minn port barrani, ikun għaddej biss matul il-baħar territorjali mingħajr ma jidħol fl-ilmijiet interni.

*Artikolu 28*

**Ġurisdizzjoni ċivili b'relazzjoni ma' vapuri barranin**

1. L-Istat kostali m'għandux iwaqqaf jew li jdawwar vapur barani li jkun għaddej mill-baħar territorjali għall-iskop ta' l-eżerċitar tal-ġurisdizzjoni ċivili b'relazzjoni ma persuna abbord il-vapur.

2. L-Istat kostali ma jitgħax jimponi eżekuzzjoni kontra jew li jarresta l-vapur għall-iskop ta' xi proċedimenti ċivili, apparti milli fir-rigward ta' l-obligazzjonijiet jew tar-responsabiltajiet ipotetiċi jew involuti mill-vapur innifsu fil-korsa jew għall-iskop tal-vjaġġ tiegħu matul l-ilmijiet ta' l-Istat kostali.

3. Il-paragrafu 2 huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istat kostali, b'konfomità mal-liġijiet tiegħu, li jwettaq l-eżekuzzjoni kontra ta', jew li jarresta, għall-iskop ta' xi proċedimenti ċivili, vapur barrani li jkun jinsab fil-baħar territorjali tiegħu, jew li jkun għaddej matul il-baħar territorjali wara li jkun ħalla l-ilmijiet interni.

Subsezzjoni Ċ

***Ir-regoli applikabbli għal vapuri tal-gwerra u vapuri governattivi li joperaw għal skopijiet mhux kummerċjali***

*Artikolu 29*

**Definizzjoni ta' vapuri tal-gwerra**

Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, "vapur tal-gwerra" ifisser vapur li jappartieni għall-forzi armati ta' Stat li fuq jkollu l-marki

esterni li jiddistingwixxu vapuri bħal dawk tan-nazzjonalità tiegħu, taħt il-kmand ta' uffiċjal ikkommissjonat kif suppost mill-gvern ta' l-Istat u li ismu jidher fil-lista tas-servizz applikabbli jew fl-ekwivalent tagħha, u mgħammar b'ekwipaġġ li jkun taħt id-dixxiplina regolari tal-forzi armati.

*Artikolu 30*

**Nuqqas ta' konformità mill-vapuri tal-gwerra tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istat kostali**

Jekk xi vapur tal-gwerra ma jkunx konformi mal-liġijiet jew mar-regolamenti ta' l-Istat kostali li jikkonċernaw il-passaġġ matul il-baħar territorjali u jinjora xi talba għall-konformità magħhom li ssir lilu, l-Istat kostali jista jeħtieġ li dak iħalli immedjatament il-baħar territorjali.

*Artikolu 31*

**Responsabbiltà ta' l-Istat tal-bandiera għat-twettieq ta' ħsara kkaġunata minn vapur tal-gwerra jew xi vapur ieħor governattiv għal skopijiet mhux kummerċjali**

L-Istat tal-bandiera għandu jerfa' r-responsabbiltà internazzjonali dwar xi telf jew ħsara għall-Istat kostali li tirriżulta minn nuqqas ta' konformità, mill-vapur tal-gwerra jew xi vapur governattiv ieħor li jopera għal skopijiet mhux governattivi, mal-liġijiet jew mar-regolamenti ta' l-Istat kostali li jikkonċernaw il-passaġġ matul il-baħar territorjali jew mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jew mar-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali.

*Artikolu 32*

**L-immunitajiet tal-vapuri tal-gwerra u tal-vapuri governattivi li joperaw għal skopijiet mhux kummerċjali**

B'dawk l-eċċezzjonijiet li jinsabu fis-subsezzjoni A u fl-Artikoli 30 u 31, xejn f'din il-Konvenzjoni ma jaffettwa l-immunitajiet tal-vapuri tal-gwerra u ta' vapuri governattivi oħrajn li joperaw għal skopijiet mhux kummerċjali.

SEZZJONI 4

**ŻONA KONTIGWA**

*Artikolu 33*

**Żona kontigwa**

1. F'żona kontigwa għall-baħar territorjali tiegħu, deskritta bħala żona kontigwa, l-Istat kostali jista jeżerċita il-kontroll meħtieġ biex:

(a) jipprevjeni il-ksur tal-liġijiet u r-regolamenti doganli, fiskali, ta' l-immigrazzjoni jew sanitarji tiegħu fi ħdan it-territorju jew il-baħar territorjali tiegħu;

(b) jikkastiga l-ksur tal-liġijiet tar-regolamenti ta' hawn fuq imwettqa fi ħdan it-territorju u l-baħar territorjali tiegħu.

2. Iż-żona kontigwa ma tistax teċċedi lil hinn minn 24 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom il-wisa' tal-baħar territorjali tkun ġiet imkejla.

PARTI III

**MOGĦDIJIET UŻATI GĦAL NAVIGAZZJONI INTERNAZZJONLI**

SEZZJONI 1

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 34*

**L-istatus legali ta' l-ilmijiet li jifformaw il-mogħdijiet użati għal navigazzjoni internazzjonali**

1. Ir-reġim tal-passaġġ matul mogħdijiet użati għal navigazzjoni internazzjnali stabbiliti f'din il-parti m'għandhomx f'aspetti oħrajn jaffettwaw l-istatus legali ta' l-ilmijiet li jifformaw mogħdijiet bħal dawk jew l-eżerċitar mill-Istati bi fruntieri fuq dawk il-mogħdijiet tas-sovranità tal-ġurisdizzjoni tagħhom fuq dawk l-ilmijiet jew l-ispazju ta' l-ajru tagħhom, tal-qiegħ jew ta' l-istrati ta' taħt l-art.

2. Is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati bi fruntieri fuq il-mogħdijiet huma eżerċitati bla ħsara għall din il-parti u għar-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali.

*Artikolu 35*

**L-iskop ta' din il-parti**

Xejn f'din il-parti m'għandu jaffettwa:

(a) xi żoni ta' l-ilmijiet interni f'dik il-mogħdija, apparti minn meta l-istabbiliment tal-linja bażi dritta b'konformità mal-metodu

stabbilit fl-Artikolu 7 milli jkollu l-effett li jgħalaq iż-żoni ta' l-ilmijiet interni li ma jkunux preċedentament kienu meqjusa bħala tali;

(b) l-istatus legali ta' l-ilmijiet lil hinn mill-ibħra territorjali ta' l-Istati bi fruntieri fuq dawk il-mogħdijiet bħala żoni ekonomiċi esklussivi jew ibħra internazzjonali; jew

(ċ) ir-reġim legali f'mogħdijiet li fihom il-passaġġ huwa rregolat totalment jew parzjalment minn konvenzjonijiet interazzjonali li ilhom fis-seħħ għal ħafna żmien li speċifikament jirrigwardaw dawn il-mogħdijiet.

*Artikolu 36*

**Rotot fuq ibħra internazzjonali jew rotot matul iż-żoni ekonomiċi esklussivi matul mogħdijiet użati għal navigazzjoni internazzjonali.**

Din il-parti ma tapplikax għal mogħdija wżata għal navigazzjoni internazzjonali jekk mill-mogħdija tkun teżisti rotta matul baħar internazzjonali jew matul żona ekonomika esklussiva ta' konvenjenza simili fir-rigward tal-karatteristiċi tan-navigazzjoni u idrografiċi; f'rotot bħal dawk, il-partijiet relevanti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, inklużi id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-libertajiet tan-navigazzjoni u tat-titjiriet fuqhom, huma applikabbli.

SEZZJONI 2

**PASSAĠĠ TAT-TRANSITU**

*Artikolu 37*

**L-iskop ta' din is-sezzjoni**

Din is-sezzjoni tapplika għal mogħdijiet li huma wżati għal navigazzjoni internazzjonali bejn parti waħda ta' ibħra internazzjonali jew żona ekonomika esklussiva u parti oħra ta' l-ibħra internazzjonali jew ta' żona ekonomika esklussiva.

*Artikolu 38*

**Id-dritt ta' passaġġ tat-transitu**

1. Fil-mogħdijiet msemmija fl-Artikolu 37, il-vapuri u l-ajruplani kollha igawdu d-dritt tal-passaġġ tat-transitu, li m'għandux ikun imfixkel; apparti minn dan, jekk il-mogħdija tkun iffurmata minn gżira ta' Stat li jkollha l-fruntiera fuq il-mogħdija u l-art ewlenija tagħha, il-passaġġ tat-transitu m'għandux ikun japplika jew tkun teżisti rotta fuq in-naħa tal-baħar tal-gżira u rotta matul l-ibħra internazzjonali jew matul żona ekonomika esklussiva ta' konvenjenza simili fir-rigward tal-karatteristċi tan-navigazzjoni jew idrografiċi.

2. Il-passaġġ tat-transitu jfisser l-eżerċitar b'konformità ma din il-parti tal-libertà tan-navigazzjoni u t-titjiriet biss għall-iskop tat-transitu kontinwu u mħaffef tal-mogħdija bejn parti waħda ta' l-ibħra internazzjonali u żona ekonomika esklussiva u parti oħra ta' l-ibħra internazzjonali jew ta' żona ekonomika esklussiva. B'dana kollu, il-ħtieġa tat-transitu kontinwu u mħaffef ma jżommx il-passaġġ matul mogħdija għall-iskop li jidħol, iħalli jew li jmur lura minn Stat bi fruntiera mal-mogħdija, suġġett għall-kondizzjonijiet tad-dħul f'dak l-Istat.

3. Xi attività li mhix l-eżerċitar tad-dritt tal-passaġġ tat-transitu matul mogħdija tibqa suġġetta għad-disposizzjonijiet l-oħrajn applikabbli għal din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 39*

**Id-doveri ta' vapuri u ajruplani matul il-passaġġ tat-transitu**

1. Vapuri u ajruplani, meta jeżerċitaw id-dritt tal-passaġġ tat-transitu, għandhom:

(a) jipproċedu mingħajr dewmien matul jew fuq il-passaġġ;

(b) jevitaw kwalunkwe theddida jew l-użu ta' forza kontra s-sovranità, l-integrità territorjali jew l-indipendenza polika ta' l-Istat kostali bi fruntiera fuq il-mogħdija, jew b'xi materja oħra bi vjolazzjoni tal-prinċipji tal-liġi internazzjonali li huma nkorporati fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

(ċ) jevitaw li jinvolvu rwieħhom f'attivitajiet apparti milli dawk li huma nċidentali għall-modi normali tat-transitu kontinwu u mħaffef sakemm ma jkunx meħtieġ b'*force majeure* jew b'periklu;

(d) ikunu konformi mad-disposizzjonijiet relevanti l-oħrajn ta' din il-parti.

2. Vapuri f'passaġġ tat-transitu għandhom:

(a) ikunu konformi mar-regolamenti, l-prinċipji u l-prattiċi internazzjonali ġeneralment aċċettati għas-sigurtà fuq il-baħar, inklużi r-Regolamenti Internazzjonali għal-Prevenżjoni ta' Ħabtiet fil-Baħar;

(b) ikunu konformi mar-regolamenti, l-proċeduri jew il-prattiċi internazzjonalment aċċettati għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż mill-vapuri.

3. Ajruplani f'passaġġ tat-transitu għandhom:

(a) josservaw ir-Regoli ta' l-Ajru stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni ċivili kif dawn japplikaw għal ajruplani ċivili; ajruplani ta' l-Istat għandhom normalment ikunu konformi ma dawk il-miżuri ta' sigurtà u għandhom fil-ħin kollu joperaw b'attenzjoni xierqa għas-sigurtà tan-navigazzjoni;

(b) fil-waqtiet kollha jimmonitorjaw il-frekwenza tar-radju assenjata mill-awtorità kompetenti innominata għall-kontroll

tat-traffiku jew il-frekwenza tar-radju internazzjonali xierqa għall-użu f'emerġenza.

*Artikolu 40*

**Attivitajiet ta' riċerka u stħarriġ**

Matul il-passaġġ tat-transitu, vapuri barranin, inklużi l-vapuri tal-istħarriġ tar-riċerka xjentifika marittima u idrografika, ma jistgħux iwettqu xi attivitajiet ta' riċerka jew ta' stħarriġ mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-quddiem ta' l-Istati bil-fruntieri fuq il-mogħdijiet.

*Artikolu 41*

**Passaġġi marittimi u skemi tas-separazzjoni tat-traffiku f'mogħdijiet użati għal navigazzjoni internazzjonali**

1. B'konformità ma din il-parti, l-Istati bi fruntieri fuq il-mogħdijiet jistgħu jinnominaw il-passaġġi marittimi u jippreskrivu l-iskemi tas-separazzjoni tat-traffiku dwar in-navigazzjoni fil-mogħdijiet meta meħtieġ sabiex iħeġġu l-passaġġ mingħajr periklu tal-vapuri.

2. Stati bħal dawn jistgħu, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, u wara li jkunu ppubblikaw kif meħtieġ, jissosstitwixxu passaġġi marittimi oħrajn jew skemi oħrajn tas-separazzjoni tat-traffiku għal dawk il-passaġġi marittimi jew skemi tas-separazzjoni tat-traffiku li preċedentament kienu nnominati jew preskritti minnhom.

3. Passaġġi marittimi u skemi tas-separazzjoni tat-traffiku bħal dawn għandhom ikunu konformi mar-regolamenti internazzjonali ġeneralment aċċettati.

4. Qabel ma jinnominaw jew jissostitwixxu passaġġi marittimi jew jippreskrivu jew jissostitwixxu skemi tas-separazzjoni tat-traffiku, l-Istati bi fruntieri fuq il-mogħdijiet għandhom jirreferu l-proposti lejn l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti bil-għan ta' l-adozzjoni tagħhom. L-organizzazzjoni tista tadotta biss dawk il-passaġġi marittimi jew skemi tas-separazzjoni tat-traffiku skond ma jkun mifthiem ma l-Istati bil-fruntieri fuq il-mogħdijiet, wara li l-Istati jkunu nnominaw, ippreskrivew jew li jissostitwuhom.

5. Fir-rigward ta' mogħdija meta l-passaġġi marittimi jew l-iskemi tas-separazzjoni tat-traffiku matul l-ilmijiet ta' tnejn jew aktar Stati bi fruntiera fuq il-mogħdija jkunu ppproponuti, l-Istati kkonċernati għandhom jikkoperaw fil-formulazzjoni ta' proposti b'konsultazzjoni mal-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti.

6. L-Istati bi fruntieri fuq il-mogħdijiet għandhom kjarament jindikaw ir-rotot marittimi u l-iskemi ta' separazzjoni tat-traffiku kollha innominati jew preskritti minnhom fuq il-mapep tan-navigazzjoni li dwarhom ikunu taw il-publiċità xierqa.

7. Vapuri f'passaġġ tat-transitu għandhom jirrispettaw il-passaġġi marittimi u l-iskemi tas-separazzjoni tat-traffiku stabbiliti b'konformità ma dan l-Artikolu.

*Artikolu 42*

**Il-liġijiet u r-Regolamenti ta' l-Istati bi fruntieri fuq mogħdijiet li jirrigwardaw il-passaġġ tat-transitu**

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din is-sezzjoni, l-Istati bi fruntieri fuq il-mogħdijiet jistgħu jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti li jirrigwardaw il-passaġġ tat-transitu matul il-mogħdijiet, fir-rigward ta' kollha jew ta' uħud minn dawn li ġejjin:

(a) is-sigurtà tan-navigazzjoni u r-regolazzjoni tat-traffiku marittimu, kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 41;

(b) il-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż, billi jdaħħlu b'effett ir-regolamenti internazzjonali applikabbli fir-rigward tar-rimi taż-żejt, skart taż-żejt jew sustanzi perikolużi oħrajn fil-mogħdija;

(ċ) fir-rigward tad-dgħajjes tas-sajd, il-prevenzjoni tas-sajd, inkluż l-istivar ta' l-appart tas-sajd;

(d) it-tagħbija jew il-ħatt ta' xi merkanzija utili, munita jew persuni b'kontravenzjoni għal-liġijiet doganali, fiskali, ta' l-immigrazzjoni jew sanitarji u kontra r-regolamenti ta' l-Istat bi fruntieri fuq il-mogħdijiet;

2. Liġijiet u regolamenti bħal dawk m'għandhomx ikunu ta' diskriminazzjoni fil-għamla jew fil-fatt fost vapuri barranin jew fl-applikazzjoni tagħhom hekk li jkollhom effett prattiku li jċaħħdu, jfixklu jew jimpedixxu d-dritt tal-passaġġ tat-transitu kif definit f'din is-sezzjoni.

3. L-Istati bi fruntiera fuq mogħdijiet għandhom jagħtu l-pubbliċità xierqa għal dawn il-liġijiet u r-regolamenti kollha.

4. Vapuri barranin li jeżerċitaw id-dritt tal-passaġġ tat-transitu għandhom ikunu konformi ma dawn il-liġijiet u r-regolamenti.

5. L-Istat tal-bandiera tal-vapur, jew l-Istat tar-reġistrazzjoni ta' l-ajruplan li għandu d-dritt ta' l-immunità sovrana li jaġixxi b'manjiera kuntrarja ta' dawn il-liġijiet u regolamenti jew ta' disposizzjonijiet oħrajn ta' din il-parti għandu jerfa' r-responsabbiltà internazzjonali għal xi telf jew ħsara li tirriżulta lill-Istati bi fruntieri fuq il-mogħdijiet.

*Artikolu 43*

**Għajnuniet tan-navigazzjoni u tas-sigurtà u tittjib oħrajn u l-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż**

L-Istati utilizzanti u l-Istati bil-fruntiera fuq mogħdija għandhom bi ftehim jikkoperaw:

(a) fl-istabbiliment u ż-żamma fil-mogħdija ta' l-għajnuniet meħtieġa tan-navigazzjoni u tas-sigurtà u titjib ieħor għall-għajnuna tan-navigazzjoni internazzjonali; u

(b) għall-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll ta' tniġġiż mill-vapuri.

*Artikolu 44*

**Id-doveri ta' l-Istati bi fruntieri fuq mogħdijiet**

L-Istati bi fruntieri fuq mogħdijiet m'għandhomx ifixklu l-passaġġ tat-transitu u għandhom jagħtu l-pubbliċità xierqa dwar xi periklu għan-navigazzjoni jew għat-titjir fi ħdan u fuq il-mogħdija li dwaru jkollhom tagħrif. M'għandu jkun hemm l-ebda sospensjoni tal-passaġġ tat-transitu.

SEZZJONI 3

**PASSAĠĠ INNOĊENTI**

*Artikolu 45*

**Passaġġ innoċenti**

1. Ir-reġim ta' passaġġ innoċenti, b'konformità mal-Parti II, is-Sezzjoni 3, għandu jkun japplika f'mogħdijiet użati għal navigazzjonijiet internazzjonali:

(a) esklużi mill-applikazzjoni tar-reġim tal-passaġġ tat-transitu permezz ta' l-Artikolu 38(1); jew

(b) bejn parti ta' l-ibħra internazzjonali jew żona ekonomika esklussiva u l-baħar territorjali ta' Stat barrani.

2. M'għandu jkun hemm l-ebda sospensjoni tal-passaġġ innoċenti matul mogħdijiet bħal dawk.

PARTI IV

**STATI ARĊIPELAĠIĊI**

*Artikolu 46*

**L-użu tat-termini**

Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni:

(a) "Stat arċipelagu" ifisser Stat magħmul kompletament minn wieħed jew aktar arċipelaġi u jista jinkludi gżejjer oħrajn;

(b) "arċipelagu" ifisser grupp ta' gżejjer, inklużi partijiet ta' gżejjer, ilmijiet li jgħaqduhom u fatturi naturali oħrajn li huma marbuta mill-qrib ma gżejjer, ibħra u fatturi naturali oħrajn bħal dawk li jifformaw entità intrinsika, ġeografika, ekonomika u politika, jew li storikament kienu meqjusa bħala tali.

*Artikolu 47*

**Linji bażi arċipelaġiċi**

1. Stat arċipelaġiku jista jiġbed linji bażi dritti arċipelaġiċi li jgħaqdu l-punti l-aktar il-barra tal-gżejjer l-aktar il-barra u s-sikkek tat-tnixxif ta' l-arċipelagu basta li fi ħdan linji bażi bħal dawk ikunu nklużi l-gżejjer ewlenija u żona li fiha r-relattività taż-żona tal-baħar maż-żona ta' l-art, inklużi l-iskoljeri, tkun bejn 1 sa 1 u 9 sa 1.

2. It-tul ta' linji bażi bħal dawk m'għandux jeċċedi 100 mil nawtiku, apparti milli sa 3 % tan-numru totali ta' linji bażi li jħaddnu kwalunkwe arċipelagu jistgħu jeċċedu dak it-tul, sa massimu ta' 125 mil nawtiku.

3. It-tħejjija ta' linji bażi bħal dawk m'għandhomx jitbiegħdu sa ċertu tul apprezzabbli mill-konfigurazzjoni ġenerali ta' l-arċipelagu.

4. Linji bażi bħal dawk m'għandhomx ikunu ddissinjati lejn u minn elevazzjonijiet tal-marea baxxa, sakemm fanali tan-navigazzjoni u stallazzjonijiet simili li huma permanenti 'l fuq minn wiċċ il-baħar ma jkunux ġew mibnija fuqhom jew meta l-elevazzjonijiet fil-marea baxxa jkunu jinsabu totalment jew parzjalment f'distanza li ma teċċedix il-wisa' tal-baħar territorjali mill-eqreb gżira.

5. Is-sistema ta' linji bażi bħal dawk ma tistgħax tkun applikata minn Stat arċipelaġiku bħal dak b'tali mod hekk li taqta' mill-baħar internazzjonali jew minn żona ekonomika esklussiva il-baħar territorjali ta' Stat ieħor.

6. Jekk parti ta' l-ibħra arċipelaġiċi ta' Stat arċipelaġiku tkun bejn żewġ punti immedjatament biswit ta' Stat qarib, id-drittijiet eżistenti u l-interessi leġittimi l-oħrajn kollha li dak l-Istat ta' l-aħħar kien tradizzjonalment eżerċita fuq dawk l-ibħra u d-drittijiet kollha stipulati bi ftehim bejn dawk iż-żewġ Stati għandhom jibqgħu u jkunu rrispettati.

7. Għall-iskop tal-kalkolazzjoni tar-relattività ta' bejn il-baħar u l-art permezz tal-paragrafu 1, żoni ta' l-art jistgħu jinkludu dawk

l-ibħra fi ħdan sikek ta' bordura tal-gżejjer u l-iskoljeri, inkluża dik il-parti tal-pjanura oċeanika b'ġenb li jaqa' ħesrem li tkun magħluqha jew kważi magħluqa b'sensiela ta' gżejjer tal-ġebel tal-ġir u sikek tat-tnixxif li huma fil-perimetru tal-pjanura.

8. Il-linji bażi pinġuti b'konformità ma dan l-Artikolu għandhom ikunu murija fuq mapep nawtiċi fi skala jew skali adattati għall-aċċertar tal-posizzjoni tagħhom. Alternattivament, lista tal-punti ta' kordinati ġeografiċi, li jispeċifikaw id-*datum* ġeodetiku, jistgħu ikunu mibdula minn flokhom.

9. L-Istat arċipelagu għandu jagħti l-publiċità meħtieġa dwar dawk il-mapep nawtiċi jew tal-listi tal-kordinati ġeografiċi u għandu jiddepożita kopja ta' kull mappa nawtika jew ta' lista bħal dik mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 48*

**Il-kejl tal-wisa' tal-baħar territorjali, taż-żona kontigwa, taż-żoni ekonomiċi esklussivi u tas-sikka kontinentali**

Il-wisa' tal-baħar territorjali, taż-żona kontgwa, taż-żona ekonomika esklussiva u tas-sikka kontinentali għandu jkun imkejjel mil-linji bażi arċipelaġiċi pinguti b'konformità ma l-Artikolu 47.

*Artikolu 49*

**L-istatus legali ta' l-ibħra arċipelaġiċi, ta' l-ispazju ta' l-ajru fuq l-ibħra arċipelaġiċi u l-qiegħ u l-istrata ta' l-art taħt dik tal-wiċċ**

1. Is-sovranità ta' Stat arċipelaġiku testendi għall-ibħra magħluqa mill-linji bażi arċipelaġiċi pinġuti b'konformità ma l-Artikolu 47, deskritti bħala ibħra arċipelaġiċi, independentament mill-fond tagħhom jew mid-distanza mill-kosta.

2. Din is-sovranità testendi għall-ispazju ta' l-ajru ta' fuq l-ibħra arċipelaġiċi, kif ukoll għall-qiegħ u l-istrata ta' l-art taħt dik tal-qiegħ tagħhom.

3. Din is-sovranità hija eżerċitata bla ħsara għal din il-parti.

4. Ir-reġim ta' passaġġi nawtiċi arċipelaġiċi stabbilit f'din il-parti m'għandux, f'aspetti oħrajn, jaffettwa l-istatus ta' l-ibħra arċipelaġiċi, inklużi l-passaġġi nawtiċi, jew l-eżerċitar mill-Istat arċipelaġiku tas-sovranità tiegħu fuq dawk l-ibħra jew l-ispazju ta' l-ajru tagħhom, il-qiegħ tal-baħar jew l-istrata ta' l-art taħt dik tal-wiċċ, u r-riżorsi li jinsabu hemmhekk.

*Artikolu 50*

**Delimitazzjoni ta' ilmijiet interni**

Fi ħdan l-ibħra arċipelaġiċi tiegħu, l-Istat arċipelaġiku jista jpinġi linji ta' l-għeluq għad-delimitazzjoni ta' l-ilmijiet interni, b'konformità ma l-Artikoli 9, 10 u 11.

*Artikolu 51*

**Ftehim eżistenti, drittijiet tradizzjonali tas-sajd u fili eżistenti ta' qiegħ il-baħar**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 49, Stat arċipelagu għandu jirrispetta l-ftehim eżistenti ma Stati oħrajn u għandu jirrikonoxxi d-drittijiet tradizzjonali tas-sajd u l-attivitajiet leġittimi l-oħrajn ta' l-Istati immedjatament fil-qrib f'ċerti żoni li jinsabu fl-ilmijiet arċipelaġiċi. It-termini u l-kondizzjonijiet għall-eżerċitar ta' drittijiet u attivitajiet bħal dawk, inkluża n-natura, il-limitu u ż-żoni li dwarhom huma applikabbli, għandhom, fir-rigward ta' kwalunkwe mill-Istati kkonċernati, ikunu rregolati bi ftehim bilaterali bejniethom. Drittijiet bħal dawk m'għandhomx ikunu trasferiti lejn, jew maqsuma ma Stati terzi jew miċ-ċittadini tagħhom.

2. Stat arċipelagu għandu jirrispetta l-fili eżistenti ta' taħt il-baħar imqiegħda minn Stati oħrajn u li jgħaddu mill-ibħra tiegħu mingħajr ma jitilgħu fuq l-art. Stat arċipelagu għandu jippermetti ż-żamma u t-tibdil ta' fili bħal dawk meta jirċievi avviż xieraq tal-lokalità tagħhom u ta' l-intenzjoni tat-tiswija jew tat-tibdil tagħhom.

*Artikolu 52*

**Id-dritt ta' passaġġ innoċenti**

1. Bla ħsara għall-Artikolu 53 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 50, il-vapuri ta' l-Istati kollha jgawdu d-dritt tal-passaġġ innoċenti matul l-ibħra ta' l-arċipelagu, b'konformità mal-Parti II, is-Sezzjoni 3.

2. L-Istat arċipelaġiku jista, mingħajr diskriminazzjoni fil-għamla jew fil-fatt fost vapuri barranin, jissosspendi temporanjament f'żoni speċifiċi tal-baħar arċipelaġiku tiegħu il-passaġġ innoċenti ta' vapuri barranin jew sospensjoni bħal din tkun essenzjali għall-protezzjoni tas-sigurtà tiegħu. Sospensjoni bħal din tista jkollha effett biss wara li tkun ġiet ippubblikata kif xieraq.

*Artikolu 53*

**Id-dritt tal-passaġġ minn passaġġi marittimi arċipelaġiċi**

1. Stat arċipelaġiku jista jinnomina passaġġi marittimi u rotot ta' l-arju fuq dawn, adattati għall-passaġġ kontinwu u mħaffef ta' vapuri u ajruplani barranin matul jew fuq l-ibħra arċipelaġiċi tiegħu u l-baħar territorjali tal-biswit.

2. Il-vapuri u l-ajruplani kollha jgawdu d-dritt tal-passaġġ mill-passaġġi marittimi arċipelaġiċi f'passaġġi marittimi u rotot ta' l-ajru bħal dawn.

3. Il-passaġġ matul passaġġi marittimi arċipelaġiċi jfisser l-eżerċitar b'konformità ma din il-Konvenzjoni tad-drittijiet

tan-navigazzjoni u t-titjiriet fuq dawn bil-metodu normali biss għall-iskop tat-transitu kontinwu u mħaffef tal-mogħdija bejn parti waħda ta’ l-ibħra internazzjonali u żona ekonomika esklussiva u l-parti l-oħra ta’ l-ibħra internazzjonali jew ta’ żona ekonomika esklussiva.

4. Passaġġi marittimi u rotot ta’ l-ajru bħal dawn għandhom jittraversaw l-ibħra arċipelaġiċi u l-baħar territorjali tal-qrib u għandhom jinkludu r-rotot kollha tal-passaġġ normalment użati bħala rotot għan-navigazzjoni jew titjiriet internazzjonali matul jew fuq l-ibħra arċipelaġiċi u, fi ħdan dawk ir-rotot, f’dak li jikkonċerna l-vapuri, il-kanali normali kollha tan-navigazzjoni, basta li dupplikazzjoni tar-rotot ta’ konvenjenza simili bejn l-istess punti tad-dħul u l-ħruġ m’għandhomx ikunu meħtieġa.

5. Passaġġi marittimi u rotot ta’ l-ajru bħal dawn għandhom ikunu definiti b’serje ta’ linji assjali kontinwi mill-punti tad-dħul tar-rotot tal-passaġġ sal-punti tal-ħruġ. Vapuri u ajruplani matul il-passaġġ tal-passaġġi marittimi arċipelaġiċi m’għandhomx joħorġu barra mir-rotta b’aktar minn 25 mil nawtiku fuq kull naħa ta’ dawn il-lini assjali matul il-passaġġ, basta li l-vapuri u l-ajruplani bħal dawn m’għandhomx jinnavigaw eqreb lejn il-kosta milli 10 % tad-distanza bejn l-eqreb punti fil-gżejjer talkonfini tal-passaġġ marittimu

6. Stat arċipelaġiku li jinnomina passaġġi marittimi permezz ta’ dan l-Artikolu jista jippreskrivi skemi ta’ separazzjoni tat-traffiku għall-passaġġ mingħajr periklu tal-vapuri matul kanali dojoq ta’ passaġġi marittimi bħal dawk.

7. Stat arċipelaġiku jista, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, u wara li jkun ippubblika kif meħtieġ, jissosstitwixxi passaġġi marittimi oħrajn jew skemi oħrajn tas-separazzjoni tat-traffiku għal dawk il-passaġġi marittimi jew skemi tas-separazzjoni tat-traffiku li preċedentament kienu nnominati jew preskritti minnu.

8. Passaġġi marittimi u skemi tas-separazzjoni tat-traffiku bħal dawn għandhom ikunu konformi mar-regolamenti internazzjonali ġeneralment aċċettati.

9. Fin-nominazzjoni jew fis-sostituzzjoni tal-passaġġi marittimi jew meta jippreskrivu jew jissostitwixxu skemi tas-separazzjoni tat-traffiku, l-Istati għandhom jirreferu l-proposti lejn l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti bil-għan ta’ l-adozzjoni tagħhom. L-organizzazzjoni tista tadotta biss dawk il-passaġġi marittimi jew skemi tas-separazzjoni tat-traffiku skond ma jkun mifthiem ma’ l-Istati arċipelaġiċi, wara li l-Istati arċipelaġiċi jkunu nnominaw, ippriskrevew jew li jissostitwuhom.

10. L-Istati arċipelaġiċi għandhom kjarament jindikaw ir-rotot marittimi u l-iskemi tas-separazzjoni tat-traffiku kollha innominati jew preskritti minnhom fuq il-mapep tan-navigazzjoni li dwarhom ikunu taw il-publiċità xierqa.

11. Vapuri f’passaġġ matul il-passaġġi marittimi arċipelaġiċi għandhom jirrispettaw il-passaġġi marittimi applikabbli u l-iskemi tas-separazzjoni tat-traffiku stabbiliti b’konformità ma dan l-Artikolu.

12. Jekk Stat arċipelaġiku ma jinnominax passaġġi marittimi jew rotot ta’ l-ajru, id-dritt tal-passaġġ marittimu arċipelaġiku jista jkun eżerċitat matul ir-rotot normalment użati għan-navigazzjoni internazzjonali.

*Artikolu 54*

**Id-doveri tal-vapuri u l-ajruplani matul il-passaġġ tagħhom, l-attivitajiet ta’ riċerka u stħarriġ, doveri ta’ l-Istati arċipelaġiċi u l-liġijiet u r-regolamenti ta’ l-Istat arċipelaġiku li jirrigwardaw it-transitu tal-passaġġ marittimu arċipelaġiku**

L-Artikoli 39, 40, 42 u 44 japplikaw *mutatis mutandis* għattransitu tal-passaġġi marittimi arċipelaġiċi.

PARTI V

## ŻONA EKONOMIKA ESKLUSSIVA

*Artikolu 55*

**Reġim speċifiku legali għaż-żona ekonomika esklussiva**

Iż-żona ekonomika esklussiva hija żona lil hinn u biswit tal-baħar territorjali, suġġetti għar-reġim legali speċifiku stabbilit f’din il-parti, permezz tad-drittijiet u l-ġurisdizzjoni ta’ l-Istat kostali u tad-drittijiet u l-libertajiet ta’ l-Istati l-oħrajn li huma rregolati biddisposizzjonijiet relevanti ta’ din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 56*

**Drittijiet, ġurisdizzjoni u d-doveri ta’ Stat kostali fiż-żona ekonomika esklussiva**

1. Fiż-żona ekonomika esklussiva, l-Istat kostali għandu:

(a) id-drittijiet sovrani għall-iskop ta’ l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni, tal-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali, seww jekk ħajjin jew mhuxħajjin, tal-baħar

supra-qarib tal-qiegħ tal-baħar jew tal-qiegħ tal-baħar u l-istrata ta' taħt il-wiċċ tal-qiegħ tiegħu, f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet l-oħrajn għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni ekonomika taż-żona, bħal ma hija l-produzzjoni ta' l-enerġija mill-ilma, mill-kurrenti jew mill-irjieħ;

(b) ġurisdizzjoni kif hemm provvediment dwar dan fid-diposizzjonijiet relevanti ta' din il-Konvenzjoni f'dak li jirrigwarda:

(i) l-istabbiliment u l-użu ta' gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi;

(ii) ir-riċerka xjentifika marittima;

(iii) il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu;

(ċ) id-drittijiet u d-doveri l-oħrajn li hemm provvediment dwarhom f'din il-Konvenzjoni.

2. Fl-eżerċitar tad-drittijiet tiegħu u fit-twettieq tad-doveri tiegħu permezz ta' din il-Konvenzjoni fiż-żona ekonomika esklussiva, l-Istat kostali għandu jagħti attenzjoni xierqa għad-drittijiet u d-doveri ta' l-Istati l-oħrajn u għandu jaġixxi f'manjiera kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

3. Id-drittijiet stabbiliti b'dan l-Artikolu fir-rigward ta' qiegħ il-baħar u l-istrata ta' taħt dak għandhom ikunu eżerċitati b'konformità mal-Parti VI.

*Artikolu 57*

**Il-wisa' taż-żona ekonomika esklussiva**

Iż-żona ekonomika esklussiva ma tistax teċċedi lil hinn minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom il-wisa' tal-baħar territorjali tkun ġiet imkejla.

*Artikolu 58*

**Id-drittijiet, il-ġurisdizzjoni u d-doveri ta' l-Istati l-oħrajn fiż-żona ekonomika esklussiva**

1. Fiż-żona ekonomika esklussiva, l-Istati kollha, kemm jekk kostali jew li m'għandhom aċċess dirett għall-baħar, igawdu, suġġett għad-disposizzjonijiet relevanti ta' din il-Konvenzjoni, il-libertajiet msemmija fl-Artikolu 87, tan-navigazzjoni u t-titjiriet u tat-tqegħid ta' fili u pajpijiet sottomarini, u ta' l-użu internazzjonali legali l-ieħor tal-baħar relatati ma dawk il-libertajiet, bħal dawk assoċjati ma l-operazzjoni ta' vapuri, ajruplani u fili u pajpijiet sottomarini, u kompatibbli mad-disposizzjonijiet l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.

2. L-Artikoli 88 sa 115 u r-regoli pertinenti l-oħrajn tal-liġi internazzjonali japplikaw għaż-żona ekonomika esklussiva sal-limiti li dawn ma jkunux mhux-kompatibbli ma din il-parti.

3. Fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom u fit-twettieq tad-doveri tagħhom fiż-żona ekonomika esklusiva permezz ta' din il-Konvenzjoni, l-Istati għandhom jagħtu attenzjoni xierqa għad-drittijiet u d-doveri ta' l-Istat kostali u għandhom ikunu konformi mal-liġijiet u r-regolamenti adottati mill-Istat kostali b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u mar-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali sal-limiti li dawn ma jkunux mhux-kompatibbli ma din il-parti.

*Artikolu 59*

**Il-bażi għar-riżoluzzjoni ta' kunflitti rigward l-attribuzzjoni tad-drittijiet u l-ġurisdizzjoni fiż-żona ekonomika esklussiva**

Fil-każi meta din il-Konvenzjoni ma tattribwix drittijiet jew ġurisdizzjoni lill-Istat kostali jew lil-Istati l-oħrajn fi ħdan iż-żona ekonomika esklussiva, u kunflitt jirriżulta bejn l-interessi ta' l-Istat kostali u ta' xi Stat jew Stati oħrajn, il-kunflitt għandu jkun riżolt fuq il-bażi ta' ekwità u fid-dawl taċ-ċirkostanzi relevanti kollha, billi jingħata qies ta' l-importanza rispettiva ta' l-interessi nvoluti għall-partijiet kif ukoll għall-komunità internazzjonali kollha kemm hija.

*Artikolu 60*

**Gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi fiż-żona ekonomika esklussiva**

1. Fiż-żona ekonomika esklussiva, l-Istat kostali għandu jkollu d-dritt esklussiv li jibni u li jawtorizza u jirregola l-kostruzzjoni, l-oprazzjoni u l-użu ta':

(a) gżejjer artifiċjali;

(b) stallazzjonijiet u strutturi għall-iskopijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 56 u għal skopijiet ekonomiċi oħrajn;

(ċ) stallazzjonijiet u strutturi li jistgħu ifixxklu fl-eżerċitar tad-drittijiet ta' l-Istat kostali f'dik iż-żona.

2. L-Istat kostali għandu jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva fuq dawk il-gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi, inkluża l-ġurisdizzjoni fir-rigward tal-liġijiet u r-regolament doganali, fiskali, tas-saħħa, tas-sigurtà u ta' l-immigrazzjoni.

3. Avviż xieraq għandu jingħata dwar il-kostruzzjoni ta' gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi bħal dawk, u l-mezzi permanenti għall-għoti ta' twissija tal-preżenza tagħhom għandhom jinżammu b'qagħda tajba. Kwalunkwe stallazzjonijiet jew strutturi li huma abbandunati jew mhux aktar użati għandhom ikunu mneħħija sabiex tkun assigurata s-sigurtà tan-navigazzjoni, billi jingħata qies ta' xi normi internazzjonali ġeneralment aċċettati kif inhum stabbiliti f'dan ir-rigward mill-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti. Tneħija bħal din għandha wkoll tagħti qies tas-sajd, tal-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu u tad-drittijiet u d-doveri ta' l-Istati l-oħrajn. Pubbliċità xierqa għandha tingħata dwar il-fond, il-posizzjoni u l-qisien ta' xi stallazzjonijiet jew strutturi li ma jkunux kompletament imneħħija.

4. L-Istat kostali jista, meta meħtieġ, jistabbilixxi żoni raġjonevoli ta' sigurtà madwar dawn il-gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi li fihom jista jieħu l-miżuri xierqa sabiex jassigura s-sigurtà kemm tan-navigazzjoni u wkoll tal-gżejjer artifiċjali, ta' l-istallazzjonijiet u ta' l-istrutturi.

5. Il-wisa' taż-żoni tas-sigurtà għandha tkun iddeterminata mill-Istat kostali, billi jqis in-normi internazzjonali applikabbli. Żoni bħal dawk għandhom ikunu ddisinjati sabiex jassiguraw li dawn ikunu raġonevolment relatati man-natura u l-funzjoni tal-gżejjer artifiċjali, l-istallazzjonijiet jew l-istrutturi, u m'għandhomx jeċċedu distanza ta' 500 metru madwarhom, imkejjla minn kull punt tat-tarf ta' barra, apparti milli kif awtorizzat b'normi internazzjonali ġeneralment aċċettati jew minn kif irrakkomandati mill-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti. Avviż xieraq għandu jingħata dwar il-medda ta' żoni ta' sigurtà

6. Il-vapuri kollha għandhom jirrispettaw dawn iż-żoni ta' sigurtà u għandhom ikunu konformi man-normi internazzjonali ġeneralment aċċettati fir-rigward tan-navigazzjoni fil-viċinanza ta' gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet, strutturi u żoni ta' sigurtà.

7. Gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi u ż-żoni tas-sigurtà madwarhom ma jistgħux ikunu stabbliti meta interfernza tista tinħoloq għall-użu ta' passaġġi internazzjonali rikonoxxuti li huma essenzjali għan-navigazzjoni internazzjonali.

8. Gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi ma jgawdux mill-istatus ta' gżejjer. Dawn m'għandhom l-ebda baħar territorjali tagħhom, u l-preżenza tagħhom ma taffetwax id-delimitazzjoni tal-baħar territorjali, taż-żona ekonomika esklussiva jew tas-sikka kontinentali.

*Artikolu 61*

**Il-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin**

1. L-Istat kostali għandu jiddetermina l-qabda permissibbli tar-riżorsi ħajjin fiż-żona ekonomika esklussiva.

2. L-Istat kostali, billi jieħu konjizzjoni ta' l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli għalih, għandu jassigura permezz tal-konservazzjoni xierqa u l-miżuri ta' l-amministrazzjoni li l-manteniment tar-riżorsi ħajjin fiż-żona ekonomika esklussiva ma tkunx ipperikolata b'esplojtazzjoni żejda. Kif xieraq, l-Istat kostali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, seww jekk subreġjonali, reġjunali jew globali, għandhom jikkoperaw għal dan il-għan.

3. Miżuri bħal dawn għandhom ukoll ikunu ddisinjati għall-manteniment u r-restawrazzjoni tal-popolazzjonijiet ta' speċjali maqbuda f'livelli li jistgħu jipproduċu l-akkwist massimu sostenibbli, kif kwalifikat bil-fatturi ambjentali u ekonomiċi relevanti, inklużi l-ħtiġiet ekonomiċi tal-komunitajiet kostali tas-sajjieda u l-ħtiġiet speċjali ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw, u billi jittieħed akkont ta' l-għamliet tas-sajd, l-interdipendenza tal-ħażniet u xi normi internazzjonali minimi ġeneralment rikonoxxuti, kemm jekk subreġjonali, reġjonali jew globali.

4. Fit-teħid ta' dawn il-miżuri, l-Istat kostali għandu jqis l-effetti fuq l-ispeċje asoċċjati ma jew dipendenti fuq l-ispeċje maqbuda bil-għan taż-żamma jew tar-restawr tal-popolazzjonijiet ta' dawk l-ispeċje assoċjati jew dipendenti il-fuq mil-livelli li fihom ir-riproduzzjoni tagħhom tista ssir serjament mhedda.

5. Informazzjoni xjentifika disponibbli, l-istatistika tal-qbid u ta' l-isforzi tas-sajd, u d-dettalji l-oħrajn relevanti għall-konservazzjoni tal-ħażniet tal-ħut għandhom ikunu fornuti u skambjati fuq bażi regolari matul l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, kemm subreġjonali, reġjonali jew globali, meta xieraq u bil-parteċipazzjoni mill-Istati kollha kkonċernati, inklużi l-Istati li ċ-ċittadini tagħhom li huma mħollija li jistadu fiż-żona ekonomika esklussiva.

*Artikolu 62*

**L-utilizzazzjoni tar-riżorsi ħajjin**

1. L-Istat kostali għandu jħeġġeġ l-obbjettiv ta' l-aqwa utilizzazzjoni tar-riżosi ħajjin fiż-żona ekonomika esklussiva mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 61.

2. L-Istat kostali għandu jiddetermina l-potenzjal tiegħu dwar il-qbid tar-riżorsi ħajjin fiż-żona ekonomika esklussiva. Meta l-Istat kostali ma jkollux il-kapaċità li jiġbor il-qabda permissibbli kollha, huwa għandu, permezz ta' ftehim jew arranġamenti oħrajn u skond it-termini, l-kondizzjonijiet, il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fil-paragrafu 4, jgħati lil Stati oħrajn aċċess għaż-żejjed tal-qabda permissibbli, wara li jkunu ħa l-qies xieraq tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 69 u 70, speċjalment fir-rigward ta' l-Istati li qiegħdin jiżviluppaw imsemmija hemmhekk.

3. Meta jagħti aċċess lil Stati oħrajn għaż-żona ekonomika esklussiva tiegħu permezz ta' dan l-Artikolu, l-Istat kostali għandu jieħu akkont tal-fatturi relevanti kollha, inklużi, *inter alia*, is-sinifikanza tar-riżorsi ħajjin taż-żona għall-ekonomija ta' l-Istat kostali kkonċernat u ta' l-interessi nazzjonali l-oħrajn tiegħu, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 69 u 70, il-ħtiġiet ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw fis-subreġjun jew fir-reġjun fil-ġbir ta' parti taż-żejjed u l-ħtieġa li tkun minimizzata d-dislokazzjoni ekonomika fl-Istati li ċ-ċittadini tagħhom kienu abitwalment jistadu fiż-żona jew li jkun għamlu sforzi sostanzjali fir-riċerka u l-identifikazzjoni tal-ħażniet.

4. Ċittadini ta' Stati oħrajn li jistadu fiż-żona ekonomika esklussiva għandhom ikunu konformi mal-miżuri tal-konservazzjoni u mat-termini u l-kondizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti bil-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istat kostali. Dawn il-liġijiet u regolamenti għandhom ikunu konsistenti ma din il-Konvenzjoni u jistgħu jirrelataw, *inter alia*, ma dan li ġej:

(a) il-liċenzjar tas-sajjieda, tad-dgħajjes u tat-tgħamir tas-sajd, inkluż il-pagamenti ta' miżati u l-għamliet l-oħrajn tar-remunerazzjoni, li, fil-każ ta' Stati kostali li għadhom jiżviluppaw, jistgħu jikkonsistu f'kumpens adekwat fil-qasam tal-finanzjar, tat-tgħamir u tat-teknoloġija li tirrigwarda l-industrja tas-sajd;

(b) id-determinazzjoni ta' l-ispeċje li jistgħu jkunu maqbuda, u l-iffissar tal-kwoti tal-qabda, jekk b'relazzjoni ma ħażniet partikolari jew gruppi ta' ħażniet jew tal-qabda għal kull dgħajjsa matul perjodu ta' żmien jew dwar il-qabda minn ċittadini ta' xi Stat ieħor matul perjodu speċifikat;

(ċ) l-irregolar ta' l-istaġuni u ż-żoni tas-sajd, it-tipi, il-qisien u l-ammont ta' l-apparat, u t-tipi, il-qisien u n-numru ta' dgħajjes tas-sajd li jistgħu jkunu wżati;

(d) l-iffissar ta' l-età u d-daqs tal-ħut u ta' l-ispeċje l-oħrajn li jistgħu jkunu maqbuda;

(e) jispeċifikaw l-informazzjoni meħtieġa mid-dgħajjes tas-sajd, inklużi rapporti dwar il-qabda u l-istatistika tal-isforzi u l-posizzjoni tad-dgħajjes;

(f) jeħtieġu, taħt l-awtorizzazzjoni u l-kontroll ta' l-Istat kostali, it-twettieq ta' programmi ta' riċerka speċifika tas-sajd u r-regolazzjoni u t-twettieq ta' riċerka bħal dik, inklużi l-kampjunar tal-qabdiet, id-disponiment tal-kampjuni u r-rapportaġġ tad-dettalji xjentifiċi assoċjati;

(g) it-tqegħid ta' osservaturi jew apprentisti abbord dgħajjes bħal dawk mill-Istat kostali;

(h) il-ħatt tal-qabda kollha jew ta' xi parti minn dgħajjes bħal dawk fil-portijiet ta' l-Istati kostali;

(i) it-termini u l-kondizzjonijiet li jirrigwardaw impriżi konġunti jew l-arranġamenti koperattivi oħrajn;

(j) il-ħtiġiet għat-taħriġ tal-persunal u t-transferiment tat-teknoloġija tas-sajd, inkluż it-tisħieħ tal-kapaċità ta' l-Istat kostali li jidħol għal riċerka dwar is-sajd;

(k) il-proċeduri dwar l-infurzar.

5. L-Istati kostali għandhom jagħtu avviż xieraq dwar il-liġijiet u r-regolamenti tal-konservazzjoni u l-amministrazzjoni.

*Artikolu 63*

**Ħażniet li jseħħu fi ħdan iż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' tnejn jew aktar Stati kostali jew tat-tnejn li huma fiż-żona ekonomika esklussiva u fiż-żona lil hinn u biswitha**

1. Meta l-istess ħażna jew ħażniet ta' speċje assoċjati jseħħu fi ħdan iż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' tnejn jew aktar Stati kostali, dawn l-Istati għandhom ifittxu, jew direttament inkella permezz ta' l-organizzazzjonijiet subreġjonali jew regjonali xierqa, sabiex jifthiemu dwar il-miżuri meħtieġa sabiex jikkordinaw u jassiguraw il-konservazzjoni u l-iżvilupp ta' ħażniet bħal dawk mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħrajn ta' din il-parti.

2. Meta l-istess ħażna jew ħażniet ta' speċje assoċjati jseħħu kemm fi ħdan iż-żona ekonomika esklussiva u f'żona lil hinn u biswit taż-żona, l-Istat kostali u l-Istati li jistadu għal ħażniet bħal dawk fiż-żona tal-qrib għandhom ifittxu, jew direttament jew permezz tal-organizzazzjonijiet subreġjonali jew reġjonali xierqa, sabiex jifthiemu dwar il-miżuri meħtieġa għall-konservazzjoni ta' dawn il-ħażniet fiż-żona tal-qrib.

*Artikolu 64*

**Speċje ferm migratorji**

1. L-Istat kostali u l-Istati l-oħrajn li ċ-ċittadini tagħhom jistadu fir-reġjun ta' speċje ferm migratorji elenkati fl-Anness I għandhom jikkoperaw direttament jew permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali xierqa bil-għan sabiex jassiguraw konservazzjoni u jheġġu l-objettiv ta' l-aqwa utilizzazzjoni ta' speċje bħal dawn matul ir-reġjun, kemm fi ħdan u lil hinn miż-żona ekonomika esklussiva. Fir-reġjuni li dwarhom l-ebda organizzazzjoni internazzjonali xierqa ma tkun teżisti, l-Istat kostali u l-Istati l-oħrajn li ċ-ċittadini tagħhom jaqbdu dawn l-ispeċje fir-reġjun għandhom jikkoperaw sabiex jistabbilixxu organizzazzjoni bħal dik u jipparteċipaw fix-xogħol tagħha.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 jappikaw ukoll għad-disposizzjonijiet l-oħrajn ta' din il-parti.

*Artikolu 65*

**Mammali marini**

Xejn f'din il-parti ma tnaqqas id-dritt ta' l-Istat kostali jew tal-kompetenza ta' l-organizzazzjoni internazzjonali, skond kif xieraq, li jipprojbixxu, jillimitaw jew li jirregolaw l-esplojtazzjoni ta' mammali marini aktar strettament milli hemm provvediment dwar dan f'din il-parti. L-Istati għandhom jikkoperaw bil-għan tal-konservazzjoni tal-mammali marini u fil-każ ta' ċeteċani għandhom partikolarment jaħdmu permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali xierqa għall-konservazzjoni, l-amministrazzjoni u l-istudju tagħhom.

*Artikolu 66*

**Ħażniet anadromiċi**

1. L-Istati li fix-xmajjar tagħhom joriġinaw ħażniet anadromiċi għandhom ikollhom l-interess primarju fi, u r-responsabbiltà għal ħażniet bħal dawk.

2. L-Istat ta' l-oriġini ta' ħażniet anadromiċi għandu jassigura l-konservazzjoni tagħhom bl-istabbilliment tal-miżuri regolatorji xierqa dwar is-sajd fl-ilmijiet kollha tan-naħa ta' l-art tal-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva u dwar is-sajd li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 3(b). L-Istat ta' l-oriġini jista, wara konsultazzjonijiet ma' l-Istati l-oħrajn msemmija fil-paragrafi 3 u 4 li jistadu għal dawn il-ħażniet, jistabbilixxi il-qabdiet totali permissibbli dwar il-ħażniet li joriġinaw fix-xmajjar tiegħu.

3. (a) Is-sajd għal ħażniet anadromiċi għandu jkun imwettaq biss fl-ilmijiet lejn l-art tal-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva, apparti milli fil-każi meta din id-disposizzjoni tkun tirriżulta fid-dislokazzjoni ekonomika għal Stat apparti milli l-Istat ta' l-oriġini. Fir-rigward ta' sajd bħal dan lil hinn mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva, l-Istati kkonċernati għandhom iżommu konsultazzjonijiet bil-għan li jilħqu ftehim dwar it-termini u l-kondizzjonijiet għal sajd bħal dan billi jagħtu attenzjoni xierqa għall-ħtiġiet tal-konservazzjoni u l-ħtiġiet ta' l-Istat ta' l-oriġini fir-rigward ta' dawn il-ħażniet.

(b) L-Istat ta' l-oriġini għandu jikkoperaw fit-tnaqqis tad-dislokazzjoni ekonomika fi Stati oħrajn bħal dawk li jistadu dawn il-ħażniet, billi jqisu l-qabda normali u l-metodu ta' l-operazzjonijiet ta' Stati bħal dawk, u taż-żoni kollha li fihom sajd bħal dan kien iseħħ.

(ċ) L-Istati msemmija fis-subparagrafu (b), li jipparteċipaw bi ftehim mal-Istat ta' l-oriġini fil-miżuri sabiex jirrinovaw il-ħażniet anadromiċi, partikolarment b'nefqiet għal dak l-iskop, għandhom jinagħtaw kunsiderazzjoni speċjali mill-Istat ta' l-oriġini fil-qabda ta' ħażniet li joriġinaw fix-xmajjar tiegħu.

(d) L-inforzar tar-regolamenti li jirrigwardaw il-ħażniet anadromiċi lil hinn miż-żona ekonomika esklussiva għandu jseħħ bi ftehim bejn l-Istat ta' l-oriġini u l-Istati l-oħrajn ikkonċernati.

4. Fil-każi meta ħażniet anadromiċi jemigraw fil jew matul ilmijiet lejn l-art tal-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva ta' Stat apparti milli l-Istat ta' l-oriġini, Stat bħal dak għandu jikkopera mal-Istat ta' l-oriġini fir-rigward tal-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet bħal dawk.

5. L-Istat ta' l-oriġini ta' ħażniet anadromiċi u l-Istati l-oħrajn li jistadu dawn il-ħażniet għandhom jagħmlu l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, meta xieraq, permezz ta' organizzazzjonijiet reġjonali.

*Artikolu 67*

**Speċi katadromiċi**

1. Stat kostali li fl-ilmijiet tiegħu speċi katadromiċi jgħaddu l-parti l-kbira taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom għandu jkollu r-responsabbilità għall-amministrazzjoni ta' dawn l-ispeċi u għandu jassigura l-ingress u l-egress tal-ħut migratorji.

2. IL-qabda ta' speċi katadromiċi għandha tkun imwettqa biss fl-ilmijiet lejn in-naħa ta' l-art tal-limiti esterni taż-żoni ekonomiċi esklussivi. Meta mwettaq fiż-żoni ekonomiċi esklussivi, il-qbid għandu jkun suġġett għal dan l-Artikolu u tad-disposizzjonijiet l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni li jikkonċernaw is-sajd f'dawn iż-żoni.

3. Fil-każi meta ħut katadromiku jemigra matul iż-żona ekonomika esklussiva ta' Stat iehor, sew jekk ħut żgħir jew matur, l-amministrazzjoni, inkluż il-ġbir, ta' ħut bħal dak għandu jkun irregolat bi ftehim bejn l-Istat imsemmi fil-paragrafu 1 u l-Istat l-ieħor ikkonċernat. Ftehim bħal dan għandu jassigura l-amministrazzjoni razzjonali ta' l-ispeċi u għandu jieħu akkont tar-responsabbiltajiet ta' l-Istat imsemmi fil-paragrafu 1 dwar l-amministrazzjoni ta' dawn l-ispeċi.

*Artikolu 68*

**Speċi sedentarji**

Din il-parti ma tapplikax għal speċi sedentarji kif definiti fl-Artikolu 77(4).

*Artikolu 69*

**Id-dritt ta' l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar**

1. L-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar għandhom id-dritt li jipparteċipaw, fuq bażi ekwitabbli, fl-esplojtazzjoni tal-parti xierqa taż-żejjed tar-riżorsi ħajjin taż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' l-Istati kostali ta' l-istess subreġjun jew reġjun, billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u ġeografiċi relevanti ta' l-Istati kollha kkonċernati u b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u ta' l-Artikoli 61 u 62.

2. It-termini u l-modalitajiet ta' parteċipazzjoni bħal din għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati kkonċernati permezz ta' ftehim bilaterali, subreġjonali jew reġjonali, billi jittieħed akkont ta', *inter alia*:

(a) il-ħtieġa li jkunu evitati l-effett dettrimentali għall-komunitajiet tas-sajd jew ta' l-industriji tas-sajd ta' l-Istati kostali;

(b) il-limitu li dwaru l-Istat li m'għandux aċċess dirett għall-baħar, b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, ikun

jipparteċipa jew inkella huwa ntitolat li jipparteċipa permezz ta' ftehim bilaterali, ftehim subreġjonali jew reġjonali, fl-esplojtazzjoni ta' riżorsi ħajjin taż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' l-Istati kostali l-oħrajn;

(ċ) sal-limitu li dwaru l-Istati l-oħrajn li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar u l-Istati ġeografikament disvantaġġati huma jipparteċipaw fl-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin taż-żona ekonimika esklussiva ta' l-Istat kostali u fil-ħtieġa konsegwanzjali li jkun evitat xi piż partikolari fuq Stat kostali wieħed jew fuq xi parti tiegħu;

(d) il-ħtiġiet nutrizzjonali tal-popolazzjonijiet fl-Istati rispettivi.

3. Meta l-kapaċità tal-ġbir ta' l-Istat kostali tilħaq punt li jkun jgħinha ħalli tiġbor il-qabda intiera permissibbli tar-riżorsi ħajjin fiż-żona ekonomika esklussiva, l-Istat kostali u l-Istati l-oħrajn ikkonċernati għandhom jikkoperaw fl-istabbiliment ta' l-arranġamenti ekwitabbli fuq bażi bilaterali, kemm subreġjonali u wkoll reġjonali, li jippermettu għall-parteċipazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar ta' l-istess subreġjun jew reġjun fl-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin taż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' l-Istati kostali tas-subreġjuni jew tar-reġjuni, skond ma jista jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi u b'termini li huma sodisfaċenti għall-partijiet kollha. Fl-implimentazzjoni ta' din id-disposizzjoni il-fatturi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ukoll ikunu meqjusa.

4. L-Istati żviluppati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar għandhom, permezz tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, ikunu ntitolati li jipparteċipaw fl-esplojtazzjoni ta' riżorsi ħajjin, biss, fiż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' Stati kostali żviluppati ta' l-istess subreġjun jew reġjun wara li titqies il-medda li dwarha l-Istat kostali, meta jagħti aċċess lil-Istati l-oħrajn għar-riżorsi ħajjin tal-żona ekonomiku esklussiva tiegħu, ikun qies il-ħtieġa li jkunu minimizzati l-effetti ta' ħsara fuq il-komunitajiet tas-sajjieda u d-dislokazzjoni ekonomika fi Stati li ċ-ċittadini tagħhom ikunu abitwalment stadu f'dik iż-żona.

5. Id-disposizzjonijiet ta' hawn fuq huma mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti mifthiema dwar is-subreġjuni jew reġjuni meta l-Istati kostali jistgħu jagħtu lill-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar ta' l-istess subreġjun jew reġjun, drittijiet ugwali jew preferenzali għall-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin fiż-żoni ekonomiċi esklussivi.

*Artikolu 70*

**Id-dritt ta' l-Istati ġeografikament żvantaġġati**

1. L-Istati ġeografikament żvantaġġati għandhom id-dritt li jipparteċipaw, fuq bażi ekwitabbli, fl-esplojtazzjoni tal-parti xierqa taż-żejjed tar-riżorsi ħajjin taż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' l-Istati kostali ta' l-istess subreġjun jew reġjun, billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u ġeografiċi relevanti ta' l-Istati kollha kkonċernati u b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u ta' l-Artikoli 61 u 62.

2. Għall-iskopijiet ta' din il-parti, "Stati ġeografikament żvantaġġati" tfisser Stati kostali, inklużi l-Istati bi fruntieri fuq ibħra magħluqa jew parzjalment-magħluqa, li s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom tagħmilhom dipendenti fuq l-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin taż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' Stati oħrajn fis-subreġjun jew fir-reġjun għal fornimenti adekwati ta' ħut għal skopijiet nutrizzjomnali tal-popolazzjonijiet tagħhom jew ta' uħud minnhom, u l-Istati kostali li ma jistgħux ikollhom l-ebda dritt għal żoni ekonomiċi esklussivi tagħhom.

3. It-termini u l-modalitajiet ta' parteċipazzjoni bħal din għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati kkonċernati permezz ta' ftehim bilaterali, subreġjonali jew reġjonali, billi jittieħed akkont ta', *inter alia*:

(a) il-ħtieġa li jkunu evitati l-effett detrimentali għall-komunitajiet tas-sajd jew ta' l-industriji tas-sajd ta' l-Istati kostali;

(b) il-limitu li dwaru l-Istat li huwa ġeografikament żvantaġġat, b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, ikun jipparteċipa jew inkella huwa ntitolat li jipparteċipa permezz ta' ftehim bilaterali, ftehim subreġjonali jew reġjonali, fl-esplojtazzjoni ta' riżorsi ħajjin taż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' l-Istati kostali l-oħrajn;

(ċ) sal-limitu li dwaru l-Istati l-oħrajn li huma ġeografikament żvantaġġati u l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar li jipparteċipaw fl-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin taż-żona ekonomika esklussiva ta' l-Istat kostali u fil-ħtieġa konsegwenzjali li jkun evitat xi piż partikolari fuq Stat kostali wieħed jew fuq xi parti tiegħu;

(d) il-ħtiġiet nutrizzjonali tal-popolazzjonijiet fl-Istati rispettivi.

4. Meta l-kapaċità tal-ġbir ta' Stat kostali tilħaq punt li jkun jgħinha ħalli tiġbor il-qabda intiera permissibbli tar-riżorsi ħajjin fiż-żona ekonomika esklussiva tagħha, l-Istat kostali u l-Istati l-oħrajn ikkonċernati għandhom jikkoperaw fl-istabbiliment ta' l-arranġamenti ekwitabbli fuq bażi bilaterali, kemm subreġjonali u wkoll reġjonali, li jippermettu għall-parteċipazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Istati li huma ġeografikament żvantaġġati ta' l-istess subreġjun jew reġjun fl-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin taż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' l-Istati kostali tas-subreġjuni jew tar-reġjuni, skond ma jista jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi u b'termini li huma sodisfaċenti għall-partijiet kollha. Fl-implimentazzjoni ta' din id-disposizzjoni il-fatturi msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ukoll ikunu meqjusa.

5. Stati żviluppati li huma ġeografikament żvantaġġati għandhom, permezz tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, ikunu ntitolati li jipparteċipaw fl-esplojtazzjoni ta' riżorsi ħajjin,

biss, fiż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' Stati kostali żviluppati ta' l-istess subreġjun jew reġjun wara li titqies il-medda li dwarha l-Istat kostali, meta jagħti aċċess lill-Istati l-oħrajn għar-riżorsi ħajjin taż-żona ekonomiku esklussiva tiegħu, ikun qies il-ħtieġa li jkunu minimizzati l-effetti ta' ħsara fuq il-komunitajiet tas-sajjieda u d-dislokazzjoni ekonomika fi Stati li ċ-ċittadini tagħhom ikunu abitwalment jistadu f'dik iż-żona.

6. Id-disposizzjonijiet ta' hawn fuq huma mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti mifthiema dwar is-subreġjuni jew reġjuni meta l-Istati kostali jistgħu jagħtu lill-Istati ġeografikament żvantaġġat ta' l-istess subreġjun jew reġjun, drittijiet ugwali jew preferenzali għall-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin fiż-żoni ekonomiċi esklussivi.

*Artikolu 71*

**Nuqqas ta' applikabilità ta' l-Artikoli 69 u 70**

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 69 u 70 ma japplikawx fil-każ ta' Stat kostali li l-ekonomija tiegħu hija ferm dipendenti fuq l-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin taż-żona ekonomika esklussiva tiegħu.

*Artikolu 72*

**Restrizzjonijiet dwar it-trasferiment ta' drittijiet**

1. Id-drittijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli 69 u 70 dwar l-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin m'għandhomx ikunu direttament jew indirettament trasferiti lejn Stati terzi jew lejn iċ-ċittadini tagħhom b'kera jew b'liċenzja, bl-istabbiliment ta' impriżi konġunti jew b'xi manjiera oħra li jkollha l-effett ta' trasferiment bħal dan sakemm ma jkunx mifthiem mod ieħor mill-Istati kkonċernati.

2. Id-disposizzjonijiet preċedenti ma jżommux lill-Istati kkonċernati milli jakkwistaw għajnuna teknika jew finanzjarja minn għand Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex jiffaċċilitaw l-eżerċitar tad-drittijiet bis-saħħa ta' l-Artikoli 69 u 70, basta li dan ma jkollux l-effett msemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 73*

**L-inforzar tal-liġijiet u tar-regolamenti ta' l-Istati kostali**

1. L-Istat kostali jista, fl-eżerċitar tad-drittijiet sovrani tiegħu li jesplora, jesplojta, jikkonserva u jamministra r-riżorsi ħajjin fiż-żona ekonomika esklussiva, jieħu dawk il-miżuri, inklużi t-tlugħ abbord, l-ispezzjoni, l-arrest u l-proċedimenti ġudizzjarji, skond ma jista jkun meħtieġ, sabiex jassigura konformità mal-liġijiet u r-regolamenti adottati minnu b'konformità ma din il-Konvenzjoni.

2. Il-vapuri u l-ekwipaġġi tagħhom li jkunu ġew arrestati għandhom ikunu meħlusin fil-pront mal-preżentazzjoni ta' pleġġ raġjonevoli jew xi garanzija oħra.

3. Il-penalitajiet ta' l-Istati kostali għal vjolazzjonijiet tal-liġijiet u r-regolamenti tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva ma jistgħux jinkludu priġonerija, fin-nuqqas ta' ftehim għall-kuntrarju mill-Istati kkonċernati, jew ta' xi tip ieħor ta' kastig korporali.

4. Fil-każ ta' arrest jew detenzjoni ta' vapuri barranin, l-Istat kostali għandu mill-ewwel jinnotifika lill-Istat tal-bandiera, permezz tal-kanali xierqa, dwar l-azzjoni meħudha u b'xi penalitajiet sussegwentament imposti.

*Artikolu 74*

**Id-delimitazzjoni taż-żona ekonomika esklussiva bejn Stati b'kosti opposti jew biswit xulxin**

1. Id-delimitazzjoni taż-żona ekonomika esklussiva bejn Stati b'kosti oppost jew biswit għandha tkun effettwata bi ftehim fuq il-bażi ta' liġi internazzjonali, kif msemmi fl-Artikolu 38 tal-Istatut tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, sabiex jaslu għal soluzzjoni ekwitabbli.

2. Jekk l-ebda ftehim ma jkun jista jintlaħaq fi żmien perjodu raġjonevoli, l-Istati kkonċernati għandhom jirrikoru għad-disposizzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fil-Parti XV.

3. Sakemm iseħħ il-ftehim li hemm provvediment dwaru fil-paragrafu 1, l-Istati kkonċernati, fi spirtu ta' rikonoxximent u koperazzjoni, għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jaslu fi ftehim proviżjonali ta' natura prattika u, matul dan il-perjodu transizzjonali, li ma jipperikolax jew li jfixkel għat-twassil ta' ftehim finali. Arranġamenti bħal dawn għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-delimitazzjoni finali.

4. Meta jkun hemm ftehim eżistenti bejn l-Istati kkonċernati, kwistjonijiet li jirrigwardaw id-delimitazzjoni taż-żona ekonomika esklussiva għandhom ikunu ddeterminati b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' dak il-ftehim.

*Artikolu 75*

**Mapep nawtiċi u l-listi tal-kordinati ġeografiċi**

1. Suġġett għal din il-parti, il-linji tal-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva u l-linji tad-delimitazzjoni pinġuti b'konformità ma l-Artikolu 74 għandhom ikunu murija fuq il-mapep nawtiċi u ta' skala jew skali adekwati għall-aċċertar tal-posizzjoni tagħhom. Meta xieraq, listi tal-punti tal-kordinati ġeografiċi, li jispeċifikaw id-*datum* ġeodetiku, jistgħu ikunu mibdula għal dawn il-linji tal-limitu estern jew tal-linji tad-delimitazzjoni.

2. L-Istat kostali għandu jagħti l-publiċità meħtieġa dwar dawk il-mapep nawtiċi jew tal-listi tal-kordinati ġeografiċi u għandu jiddepożita kopja ta' kull mappa nawtika jew ta' lista bħal dik mas-Segreteraju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

PARTI VI

## IS-SIKKA KONTINENTALI

*Artikolu 76*

### Definizzjoni tas-sikka kontinentali

1. Is-sikka kontinentali ta' Stat kostali tinkludi l-qiegħ tal-baħar u l-istrata ta' taħt dak taż-żoni ta' taħt il-baħar li jestendu lil hinn mill-baħar territorjali tiegħu matul prolongazzjoni naturali ta' l-art territorjali tiegħu sat-tarf ta' barra tal-marġini kontinentali, jew sa distanza ta' 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom il-wisa' tal-baħar territorjali huwa mkejjel meta t-tarf estern tal-marġini kontinentali ma jestendix sa dik id-distanza.

2. Is-sikka kontinentali ta' Stat kostali m'għandhiex testendi lil hinn mil-limiti li hemm provvedimemnt dwarhom fil-paragrafi 4 sa 6.

3. Il-marġini kontinentali jinkludi l-prolungazzjoni mgħarrqa tal-massa ta' l-art ta' l-Istat kostali, u tikkonsisti mil-qiegħ tal-baħar u l-istrata ta' taħt dak tas-sikka, ir-rampa l-isfel u wkoll it-tlugħ. Din ma tinkludix l-art fonda oċeanika bit-trufijiet oċeaniċi jew il-qiegħ tagħhom.

4. (a) Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, l-Istat kostali għandu jistabbilixxi t-tarf estern tal-marġini kontinentali kull meta l-marġini jestendi lil hinn minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom il-wisa' tal-baħar territorjali huwa mkejjel, jew permezz ta':

(i) linja delineata b'konformità mal-paragrafu 7 b'referenza għal punti fissi fl-aktar naħa ta' barra li f'kull wieħed minnhom il-ħxuna tal-blat sedimentarju tkun mill-anqas 1 % ta' l-aqsar distanza minn punt bħal dak fit-tarf tar-rampa kontinentali; inkella

(ii) linja delineata b'konformità mal-paragrafu 7 b'referenza għal punti fissi mhux aktar minn 60 mil nawtiku mit-tarf tar-rampa kontinentali.

(b) Fin-nuqqas ta' evidenza bil-kuntrarju, it-tarf tar-rampa kontinentali għandu jkun iddeterminat bħala l-punt tat-tibdil massimu fix-xaqlib fil-bażi tagħha.

5. Il-punti fissi jinkludu l-linja tal-limiti esterni tas-sikka kontinentali fuq il-qiegħ tal-baħar, pinġuta b'konformità mal-paragrafu 4(a)(i) u (ii), jew li m'għandhiex teċċedi 350 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom il-wisa' tal-baħar territorjali huwa mkejjel jew inkella m'għandux jeċċedi 100 mil nawtiku mill-*isobath ta'* 2 500 metru, li hija l-linja li tgħaqqad il-fond ta' 2 500 metru.

6. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 5, fis-sriebet ta' taħt il-baħar, il-limitu estern tas-sikka kontinentali m'għandux jeċċedi 350 mil nawtiku mill-linji bażi li minnhom kienet tkejjlet il-wisa' tal-baħar territorjali. Dan il-paragrafu ma japplikax għal sriebet ta' taħt il-baħar li huma l-komponenti naturali tal-marġini kontinentali bħal ma huma *plateaux*, għoljiet, qċaċet, watjiet u fili ta' għoljiet.

7. L-Istat kostali għandu jiddelinja il-limiti esterni tas-sikka kontinentali tiegħu, meta dik is-sikka testendi lil hinn minn 20 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom il-wisa' tal-baħar territorjali huwa mkejjel, b'linji dritti li ma jeċċedux 60 mil nawtiku fit-tul, li jgħaqdu punti fissi, definiti bil-kordinati tal-latitudni u l-lonġitudni.

8. Informazzjoni rigward il-limiti tas-sikka kontinentali lil hinn minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom hija mkejjla l-wisa' tal-baħar territorjali għandhom ikunu ppreżentati mill-Istat kostali lejn il-Kummissjoni dwar il-Limiti tas-Sikka Kontinentali stabbilita permezz ta' l-Anness II fuq il-bażi ta' rappreżentazzjoni ġeografika ekwitabbli. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati kostali dwar materji relatati ma l-istabbilliment tal-limiti esterni tas-sikka kontinentali tagħhom. Il-limiti tas-sikka stabbiliti minn Stat kostali fuq il-bażi ta' dawn ir-rakkommandazzjonijiet għandhom ikunu finali u jorbtu.

9. L-Istat kostali għandu jiddepożita mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti mapep nawtiċi u l-informazzjoni relevanti, inkluż id-*datum* ġeodetiku, li permanentament jiddeskrivu l-limiti esterni tas-sikka kontinentali. Is-Segretarju Ġenerali għandu jagħtu l-pubbliċità xierqa dwar dan.

10. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni tad-delimitazzjoni tas-sikka kontinentali bejn Stati b'kosti opposti jew biswit xulxin.

*Artikolu 77*

### Id-drittijiet ta' l-Istat kostali fuq is-sikka kontinentali

1. L-Istat kostali jeżerċita fuq is-sikka kontinentali drittijiet sovrani għall-iskop ta' l-esplorazzjoni tagħha u ta' l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha.

2. Id-drittijiet msemmija fil-paragrafu 1 huma esklussivi fis-sens li jekk Stat kostali ma jesplorax is-sikka kontinentali jew ma jutilizzax ir-riżorsi tagħha, ħadd ma jkun jista jidħol għal dawn l-attivitajiet mingħajr il-kunsens espliċitu ta' l-Istat kostali.

3. Id-drittijiet ta' l-Istat kostali fuq is-sikka kontinentali ma jiddependux mill-okkupazzjoni, effettiva jew misthajjla, jew fuq xi proklama espressa.

4. Ir-riżorsi naturali msemmija f'din il-parti jikkonsistu mill-minerali u r-riżorsi mhux-ħajjin l-oħrajn tal-qiegħ il-baħar u s-saff ta' taħt dak, flimkien ma l-organiżmi ħajjin li jappartienu għall-ispeċje sedentarja, jiġifieri, organiżmi li, fl-istadju tal-ġbir tagħhom, jew huma li ma jiċċaqilqux jew inkella taħt qiegħ il-baħar, jew inkella li ma jistgħux jiċċaqilqu apparti milli b'kuntatt fiżiku kontinwu mal-qiegħ il-baħar jew is-saff ta' taħt dak.

*Artikolu 78*

**L-istatus legali ta' l-ilmijiet supra-qarib u l-ispazju ta' l-ajru u d-drittijiet u l-libertajiet ta' l-Istati l-oħrajn**

1. Id-drittijiet ta' l-Istat kostali fuq is-sikka kontinentali ma jaffettwawx l-istatus legali ta' l-ilmijiet supra-qarib jew l-ispazji ta' l-arju fuq dawk l-ilmijiet.

2. L-eżerċitar tad-drittijiet ta' l-Istat kostali fuq is-sikka kontinentali m'għandhomx jiksru jew li jirriżultaw f'interferenza mhux ġustifikabbli man-navigazzjoni u mad-drittijiet l-oħrajn u l-liberta ta' l-Istati l-oħrajn kif hemm provvediment dwar dan f'din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 79*

**Fili u pajpijiet sottomarini fuq is-sikka kontinentali**

1. L-Istati kollha huma ntitolati li jqiegħdu fili u pajpijiet sottomarini fuq is-sikka kontinentali, b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Bla ħsara għad-dritt li jieħdu miżuri raġjonevoli għall-esplorazzjoni tas-sikka kontinentali, l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha u tal-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż minn pajpijiet, l-Istat kostali ma jistax jimpedixxi it-tqegħid jew il-manteniment ta' fili jew pajpijiet bħal dawk.

3. Il-delineazzjoni tal-korsa għat-tqegħid ta' pajpijiet bħal dawk fuq is-sikka kontinentali hija suġġetta għall-kunsens ta' l-Istat kostali.

4. Xejn f'din il-parti ma jaffettwa d-dritt ta' l-Istat kostali li jistabbilixxi kondizzjonijiet dwar il-fili u l-pajpijiet li jidħlu fit-territorju jew fl-ibħra territorjali tiegħu, jew tal-ġurisdizzjoni tiegħu fuq il-fili u l-pajpijiet kostruwiti jew użati b'konnessjoni ma l-esplorazzjoni tas-sikka kontinentali jew l-esplorazzjoni tar-riżorsi tagħha jew ta' l-operazzjonijiet ta' gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

5. Meta jqiegħdu fili jew pajpijiet sottomarini, l-Istati għandhom iqisu kif xieraq il-fili jew il-pajpijiet li diġa jkunu qiegħdin hemm-hekk. Partikolarment, il-possibbiltajiet tat-tiswija ta' fili u pajpijiet eżistenti m'għandhomx ikunu ppreġudikati.

*Artikolu 80*

**Gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi fis-sikka kontinentali**

L-Artikolu 60 japplika *mutatis mutandis* għal gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi fis-sikka kontinentali.

*Artikolu 81*

**Tħaffir fis-sikka kontinentali**

L-Istat kostali għandu jkollu d-dritt esklussiv li jawtorizza u jirregola t-tħaffir fuq is-sikka kontinentali għall-iskopijiet kollha.

*Artikolu 82*

**Pagamenti u kontribuzzjonijiet fir-rigward ta' l-esplojtazzjoni tas-sikka kontinentali lil hinn minn 200 mil nawtiku**

1. L-Istat kostali għandu jagħmel pagamenti jew kontribuzzjonijiet b'għelejjel fir-rigward ta' l-esplorazzjoni ta' riżorsi mhux ħajjin tas-sikka kontinentali lil hinn minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom il-wisa' tal-baħar territorjali huwa mkejjel.

2. Il-pagamenti u l-kontribuzzjonijiet għandhom isiru ta' kull sena fir-rigward tal-produzzjoni kollha minn sit wara l-ewwel ħames snin tal-produzzjoni fuq dak is-sit. Għas-sitt sena, ir-rata tal-pagament jew tal-kontribuzzjoni għandha tkun ta' 1 % tal-valur jew tal-volum tal-produzzjoni fuq is-sit. Ir-rata għandha tiżdied bi 1 % għal kull sena susseggwenti sat-12-il sena u għandha tibqa fi 7 % minn hemm il-quddiem. Il-produzzjoni ma tinkludix riżorsi użati b'konnessjoni ma l-esplojtazzjoni.

3. Stat li għadu jiżviluppa li huwa importatur nett ta' riżorsi minerali prodotti mis-sikka kontinentali tiegħu huwa eżentat milli jwettaq pagamaneti jew kontribuzzjonijiet bħal dawk fir-rigward ta' dawk ir-riżorsi minerali.

4. Il-pagamenti jew il-kontribuzzjonijiet għandhom isiru tramite l-Awtorità, li għandha tqassamhom fost il-Partijiet Kontraenti ta' din il-Konvenzjoni, fuq il-bażi ta' kriterja u ishma ekwitabbli, billi jitqiesu l-interessi u l-ħtiġiet ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw, partikolarment dawk fosthom l-anqas żviluppati u dawk li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar.

*Artikolu 83*

**Id-delimitazzjoni tas-sikka kontinentali bejn l-Istati b'kosti opposti jew biswit xulxin**

1. Id-delimitazzjoni tas-sikka kontinentali bejn l-Istati b'kosti oppost jew biswit għandha tkun effettwata bi ftehim fuq il-bażi ta' liġi internazzjonali, kif msemmi fl-Artikolu 38 ta' l-Istatut tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, sabiex jaslu għal soluzzjoni ekwitabbli.

2. Jekk l-ebda ftehim ma jkun jista jintlaħaq fi żmien perjodu raġjonevoli, l-Istati kkonċernati għandhom jirrikorru għad-disposizzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fil-Parti XV.

3. Sakemm isehħ il-ftehim li hemm provvediment dwaru fil-paragrafu 1, l-Istati kkonċernati, fi spirtu ta' rikonoxximent u koperazzjoni, għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jaslu fi ftehim proviżjonali ta' natura prattika u, matul dan il-perjodu transizzjonali, li ma jipperikolax jew li jfixkel għat-twassil ta' ftehim finali. Arranġamenti bħal dawn għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-delimitazzjoni finali.

4. Meta jkun hemm ftehim eżistenti bejn l-Istati kkonċernati, kwistjonijiet li jirrigwardaw id-delimitazzjoni tas-sikka kontinentali għandhom ikunu ddeterminati b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' dak il-ftehim.

*Artikolu 84*

**Mapep nawtiċi u l-listi tal-kordinati ġeografiċi**

1. Suġġett għal din il-parti, il-linji tal-limiti esterni tas-sikka kontinentali u l-linji tad-delimitazzjoni pinġuti b'konformità ma l-Artikolu 83 għandhom ikunu murija fuq il-mapep nawtiċi u ta' skala jew skali adekwati għall-aċċertar tal-posizzjoni tagħhom. Meta xieraq, listi tal-punti tal-kordinati ġeografiċi, li jispeċifikaw id-*datum* ġeodetiku, jistgħu ikunu mibdula għal dawn il-linji tal-limitu estern jew tal-linji tad-delimitazzjoni.

2. L-Istat kostali għandu jagħti l-publiċità meħtieġa dwar dawk il-mapep nawtiċi jew tal-listi tal-kordinati ġeografiċi u għandu jiddepożita kopja ta' kull mappa nawtika jew ta' lista bħal dik mas-Segreteraju-Ġenerali ta' l-Awtorità.

*Artikolu 85*

**Tħaffir ta' mini**

Din il-parti ma tippreġudikax id-dritt ta' Stati kostali li jesplojtaw is-saff ta' taħt il qiegħ il-baħar permezz ta' tħaffir ta' mini, irrispettivament mill-fond ta' l-ilmijiet fuq dak is-saff ta' taħt il-qiegħ.

PARTI VII

**IBĦRA INTERNAZZJONALI**

SEZZJONI 1

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 86*

**L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-parti**

Id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti japplikaw għall-partijiet kollha li ma humiex inklużi fiż-żona ekonomika esklussiva, fil-baħar territorjali jew fl-ilmijiet interni ta' Stat, jew fl-ibħra arċipelaġiċi jew ta' Stat arċipelagu. Dan l-Artikolu ma jinvolvix xi tnaqqis tad-drittijiet gawduti mill-Istati kolha f'żona ekonomika esklussiva b'konformità ma l-Artikolu 58.

*Artikolu 87*

**Il-libertà ta' l-ibħra internazzjonali**

1. L-ibħra internazzjonali huma miftuħa għall-Istati kollha, seww jekk kostali u anke jekk m'għandhom aċċess dirett għall-baħar. Il-libertà ta' l-ibħra internazzjonali hija eżerċitata permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti b'din il-Konvenzjoni u b'regoli oħrajn tal-liġi internazzjonali. Din tgħodd, *inter alia*, kemm għal Stati kostali wkoll għal dawk li m'għandhomx aċċess dirett għal-baħar:

(a) il-libertà tan-navigazzjoni;

(b) il-libertà tat-titjiriet;

(ċ) il-liberta li jitqiegħdu fili u pajpijiet, bla ħsara għall-Parti VI;

(d) il-libertà tal-kostruzzjoni ta' gżejjer artifiċjali u stallazzjonijiet oħrajn permissibbli permezz tal-liġi internazzjonali, suġġetta għall-Parti VI;

(e) il-libertà tas-sajd, suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fis-Sezzjoni 2;

(f) il-libertà tar-riċerka xjentifika, suġġetta għall-Partijiet VI u XIII.

2. Dawn il-libertajiet għandhom ikunu eżerċitati mill-Istati kollha b'attenzjoni xierqa għall-interessi ta' l-Istati l-oħrajn fl-eżerċitar tagħhom tal-libertà ta' l-ibħra internazzjonali, u wkoll b'attenzjoni xierqa permezz ta' din il-Konvenzjoni fir-rigward ta' l-attivitajiet f'dik iż-żona.

*Artikolu 88*

**Ir-riserva ta' l-ibħra internazzjonali għal skopijiet paċifiċi**

L-ibħra internazzjonali għandhom ikunu rriservati għal skopijiet paċifiċi.

*Artikolu 89*

**L-invalidità ta' pretenzjonijiet ta' sovranità fuq l-ibħra internazzjonali**

L-ebda Stat ma jista validitament jipproponi li jissuġġetta xi parti mill-baħar internazzjonali għas-sovranità tiegħu.

*Artikolu 90*

**Id-dritt tan-navigazzjoni**

Kwalunkwe Stat, sew jekk kostali jew li m'għandux aċċess dirett għall-baħar, għandu d-dritt li jbaħħar il-vapuri li jtajjru l-bandiera tiegħu matul l-ibħra internazzjonali.

*Artikolu 91*

**In-nazzjonalità ta' vapuri**

1. Kull Stat għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti tan-nazzjonalità tiegħu lill-vapuri, għar-reġistrazzjoni ta' vapuri fit-territorju tiegħu, u tad-dritt li jtajjru il-bandiera tiegħu. Il-vapuri għandhom in-nazzjonalità ta' l-Istat li l-bandiera tiegħu huma ntitolati li jtajjru. Għandu jkun hemm rabta ġenwina bejn l-Istat u l-vapur.

2. Kull Stat għandu jforni lill-vapuri li hu jkun ta d-dritt li jtajjru l-bandiera tiegħu dawk id-dokumenti dwar dan il-fatt.

*Artikolu 92*

**L-istatus ta' vapuri**

1. Vapuri għandhom ibaħħru taħt il-bandiera ta' Stat wieħed biss u, apparti milli f'każi li eċċezzjonalment hemm provvediment espress dwar dan fi trattati internazzjonali jew f'din il-Konvenzjoni, għandhom ikunu suġġetti għall-ġurisdizzjoni esklussiva tiegħu fl-ibħra internazzjonali. Vapur ma jistax jibdel il-bandiera tiegħu matul vjaġġ jew waqt f'port fi żjara, apparti fil-każ ta' trasferiment reali tal-propjetarju jew kambjament tar-reġistru.

2. Vapur li jbaħħar taħt il-bnadar ta' tnejn jew aktar Stati, li jutilizzhom skond il-konvenjenza, ma jistax jitlob waħda min-nazzjonalitajiet f'dan il-każ fir-rigward ta' xi Stat ieħor, u jista' jkun assimiljat ma vapur mingħajr nazzjonalità.

*Artikolu 93*

**Vapuri li jtajjru l-bandiera tan-Nazzjonijiet Uniti, l-aġenziji speċjalizzati tagħha u ta' l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika**

L-Artikoli preċedenti ma jippreġudikawx il-kwistjoni ta' vapuri użati fis-servizz uffiċjali tan-Nazzjonijiet Uniti, l-aġenziji speċjalizzati tagħha jew ta' l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika, li jtajjru l-bandiera ta' l-organizzazzjoni.

*Artikolu 94*

**Id-doveri ta' l-Istat tal-bandiera**

1. Kull Stat għandu effettivament jeżerċita l-ġurisdizzjoni u l-kontroll tiegħu f'materji amministrattivi, tekniċi u soċjali fuq il-vapuri li jtajjru l-bandiera tiegħu.

2. Partikolarment, kull Stat għandu:

(a) jżomm reġistru ta' vapuri li jkun fih l-ismijiet u l-partikolaritajiet tal-vapuri li jtajjru l-bandiera tiegħu, apparti minn dawk li huma esklużi minn regolamenti internazzjonali ġeneralment aċċettati minħabba d-daqs żgħir tagħhom; u

(b) jassumi ġurisdizzjoni permezz tal-liġi interna tiegħu fuq kull vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu u fuq il-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ fir-rigward ta' materji amministrattivi, tekniċi u soċjali li jikkonċernaw il-vapur.

3. Kull Stat għandu jieħu dawk il-miżuri dwar il-vapuri li jtajjru l-bandiera tiegħu skond ma huma meħtieġa sabiex jassiguraw is-sigurtà fuq il-baħar fir-rigward, *inter alia*, dwar:

(a) il-kostruzzjoni, l-apparat u l-adattabbilità tiegħu għat-tbaħħir ta' vapuri;

(b) l-ekwipaġġ ta' vapuri, l-kondizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ ta' l-ekwipaġġi, billi jittieħed akkont ta' l-istrumenti internazzjonali applikabbli;

(ċ) l-użu ta' sinjali, iż-żamma ta' komunikazzjonijiet u l-prevenzjoni ta' ħabtiet.

4. Miżuri bħal dawn għandhom jinkludu dawk li huma meħtieġa sabiex jassiguraw:

(a) li kull vapur, qabel ir-reġistrazzjoni, u imbagħad matul intervalli xierqa, għandu jkun spezzjonat minn spettur kwalifikat tal-vapuri, u li jkollu abbord dawk il-mapep marittimi, pubblikazzjonijiet nawtiċi u tgħamir u strumenti tan-navigazzjoni skond kif inhuma xierqa għal navigazzjoni sigura tal-vapur.

(b) li kull vapur ikun taħt il-kmand ta' kaptan u uffiċjali li jkollhom il-kwalifiki xierqa, partikolarment fit-tbaħħir, fin-navigazzjoni, fil-komunikazzjonijiet u fl-inġinerija marittima, u li l-ekwipaġġ jkun adattat kemm fil-kwalifiki u n-numru għat-tip, id-daqs, il-makkinarju u t-tgħamir tal-vapur;

(ċ) li l-kaptan, l-uffiċjali u, sal-limitu xierqa, l-ekwipaġġ għandu jkun kompletament konversanti ma u li jkun meħtieġ li josservaw ir-regolamenti internazzjonali applikabbli rigward is-sigurtà tal-ħajja fuq il-baħar, li jieħdu ħsieb il-prevenzjoni ta' ħabtiet, il-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż marittimu, u ż-żamma tal-komunikazzjonijiet bir-radju.

5. Fit-teħid tal-miżuri kif mitluba fil-paragrafi 3 u 4, kull Stat huwa meħtieġ li jkun konformi mar-regolamenti internazzjonali, mal-proċeduri u l-prattiċi ġeneralment aċċettati u li jieħu dawk il-passi skond ma jista jkun meħtieġ sabiex tkun assigurata l-osservanza tagħhom.

6. Stat li jkollu raġunijiet ċari li jemmen li l-ġurisdizzjoni u l-kontroll xieraq fir-rigward ta' vapur ma jkunux ġew eżerċitati jista jirraporta l-fatti lill-Istat tal-bandiera. Meta jirċievi rapport bħal dan, l-Istat tal-bandiera għandu jinvestiga l-materja u, jekk xieraq, jista jieħu kwalunkwe azzjoni meħtieġa sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni.

7. Kull Stat għandu jara li inkjesta tkun miżmumha minn jew quddiem persuna jew persuni kwalifikati kif xieraq dwar kull każwalità jew inċident marittimu jew tan-navigazzjoni fuq l-ibħra internazzjonali li jinvolvu vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu u toħloq telf ta' ħajja jew korriment serju taċ-ċittadini ta' Stat ieħor jew ħsara serja lill-vapuri jew lill-istallazzjonijiet ta' Stat ieħor jew għall-ambjent marittimu. L-Istat tal-bandiera u l-Istat l-ieħor għandhom jikkoperaw fit-twettieq ta' kwalunkwe inkjesta miżmumha minn dak l-Istat l-ieħor fi każwalità jew inċident jew navigazzjoni bħal dawk.

*Artikolu 95*

**L-immunità ta' vapuri tal-gwerra fuq baħar internazzjonali**

Vapuri tal-gwerra fuq baħar internazzjonali għandhom immunità sħiħa mill-ġurisdizzjoni ta' xi Stat apparti milli l-Istat tal-bandiera.

*Artikolu 96*

**L-immunità ta' vapuri wżati biss fis-servizz mhux kummerċjali ta' gvern**

Vapuri li jappartienu jew li huma operati minn Stat u wżati biss fis-servizz mhux-kummerċjali ta' gvern għandhom, meta jkunu f'ibħra internazzjonali, jkollhom immunità sħiħa mill-ġurisdizzjoni ta' xi Stat apparti milli l-Istat tal-bandiera.

*Artikolu 97*

**Ġurisdizzjoni penali f'materji ta' ħabtiet jew xi inċident ieħor tan-navigazzjoni**

1. Fil-każ ta' ħabta jew xi inċident ieħor tan-navigazzjoni li jikkonċerna vapur f'baħar internazzjonali, li tinvolvi responsabbilità penali jew dixxiplinarja tal-kaptan jew ta' xi persuna oħra fis-servizz tal-vapur, l-ebda proċediment penali jew dixxiplinarji ma jistgħu jkunu mibdija kontra persuna bħal din apparti milli quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi jew mill-Istat tal-bandiera jew mill-Istat li tiegħu il-persuna hija ċittadin.

2. F'materji ta' dixxiplina, l-Istat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat tal-kaptan jew iċ-ċertifikat ta' kompetenza jew liċenzja għandhom biss ikunu kompetenti, wara proċess legali xieraq, jista jippronunzja t-tneħħija ta' ċertifikati bħal dawn, anki jekk id-detentur ma jkunx ċittadin ta' l-Istat li jkun ħariġhom.

3. L-ebda arrest jew detenzjoni ta' vapuri, anki bħala miżura ta' investigazzjoni, m'għandu jkun ordnat minn xi awtoritajiet apparti minn dawk ta' l-Istat tal-bandiera.

*Artikolu 98*

**Dover li tingħata għajnuna**

1. Kull Stat għandu jeħtieġ li kaptan ta' vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu, sakemm dan ikun jista' jagħmel hekk mingħajr periklu serju għall-vapur, għall-ekwipaġġ jew għall-pasiġġieri:

(a) li jagħti l-għajnuna lill-kwalunkwe persuna misjuba fuq il-baħar fil-periklu li tkun mitlufha;

(b) li jipproċedi bil-ħeffa kollha possibbli ħalli jsalva persuni f'periklu, jekk ikun infurmat bil-ħtieġa tagħhom għall-għajuna, sakemm azzjoni bħal din tista' b'mod raġjonevoli tkun mistennija minnu;

(ċ) wara ħabta, jagħti l-għajnuna lill-vapur l-ieħor, lill-ekwipaġġ tiegħu u lill-passiġġieri tiegħu u, meta possibbli, li jinforma lill-vapur l-ieħor bl-isem tal-vapur tiegħu, bil-port tar-reġistrazzjoni tiegħu u bl-eqreb post li fih mistenni li jidħol.

2. Kull Stat kostali għandu jħeġġeġ l-istabbiliment, l-operazzjoni u ż-żamma ta' servizz adekwat u effettiv għal tfittix u s-salvataġġ fir-rigward tas-sigurtà fuq u madwar l-ibħra u, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, permezz ta' l-arranġamenti reġjonali reċiproki ta' koperazzjoni ma' l-Istati tal-qrib, għan dan l-iskop.

*Artikolu 99*

**Il-projbizzjoni tat-trasportazzjoni ta' skjavi**

Kull Stat għandu jieħu miżuri effettivi ħalli jżomm u jikkastiga t-trasportazzjoni ta' skjavi fuq il-vpuri li huma awtorizzati li jtajjru l-bandiera tiegħu u li ma jħallix l-użu illegali tal-bandiera tiegħu għal dak l-iskop. Xi skjav li jfittex kenn abbord kwalunkwe vapur,

independentament mill-bandiera tiegħu, għandu *ipso facto*, ikun ħieles.

*Artikolu 100*

**Id-dover tal-koperazzjoni għar-repressjoni tal-piraterija**

L-Istati kollha għandhom jikkoperaw sal-limitu massimu possibbli fir-repressjoni tal-piraterija fuq l-ibħra internazzjonali jew f'xi post ieħor il-barra mill-ġurisdizzjoni ta' xi Stat.

*Artikolu 101*

**Definizzjoni tal-piraterija**

Il-piraterija tikkonsisti fi kwalunkwe minn dawn l-atti li ġejjin:

(a) xi atti illegali ta' vjolenza jew detenzjoni, jew xi att ta' ħtif, imwettaq għal skopijiet privati mill-ekwipaġġ jew mill-pasiġġieri ta' vapur privat jew ta' ajruplan privat, u mwettaq:

  (i) fuq l-ibħra internazzjonali, kontra vapur jew ajruplan ieħor, jew kontra persuni jew propjetà abbord vapur jew arjuplan bħal dak;

  (ii) kontra vapur, ajruplan, persuni jew propjeta f'post il-barra mill-ġurisdizzjoni ta' xi Stat;

(b) xi att ta' parteċipazzjoni voluntarja fl-operazzjoni ta' vapur jew ta' ajruplan b'konoxxenza tal-fatti li jgħamluh vapur jew ajruplan tal-piraterija;

(ċ) xi att ta' tixwix għal, jew tal-faċilitar intenzjonali għall-iffaċilitar ta' att deskitt fis-sub paragrafu (a) jew (b).

*Artikolu 102*

**Piraterija b'vapur tal-gwerra, vapur ta' gvern jew b'ajruplan ta' gvern li l-ekwipaġġ tiegħu ikun irvella kontra l-kaptan**

L-atti tal-piraterija, kif definiti fl-Artikolu 101, imwettqa minn vapur tal-gwerra, vapur ta' gvern jew ajruplan ta' gvern li l-ekwipaġġ tiegħu jkun irvella kontra l-kaptan u li jkun ħa kontroll tal-vapur jew ta' l-ajruplan, huma assimiljati ma atti mwettqa minn vapur jew ajruplan pirata.

*Artikolu 103*

**Definizzjoni ta' vapur jew ajruplan pirata**

Vapur jew ajruplan huwa meqjus bħala vapur jew ajrupjan pirata jekk huwa ntiż mill-persuni li jkunu dominanti fil-kontroll tiegħu sabiex ikun użat għall-iskop li jwettaq wieħed jew aktar mill-atti msemmija fl-Artikolu 101. L-istess japplika jekk il-vapur jew l-ajruplan ikun ġie użat sabiex iwettaq att bħal dan, sakemm dan jibqa taħt il-kontroll tal-persuni ħatja ta' dak l-att.

*Artikolu 104*

**Iż-żamma jew it-telf tan-nazzjonalità ta' vapur jew ajruplan pirata**

Vapur jew ajruplan jista jżomm in-nazzjonalità tiegħu għalkemm ikun sar vapur jew ajruplan pirata. Iż-żamma jew it-telfien tan-nazzjonalità hija ddeterminata bil-liġi ta' l-Istat li minn għandu n-nazzjonalità kienet ġiet akkwistata.

*Artikolu 105*

**Il-ħtif ta' vapur jew ajruplan pirata**

Fuq l-ibħra internazzjonali, jew f'xi post ieħor il-barra mill-ġurisdizzjoni ta' xi Stat, kull Stat jista jaħtaf vapur jew ajruplan pirata, jew vapur jew ajruplan maħtuf bil-piraterija u taħt il-kontroll ta' pirati, u jarresta l-persuni u jaħtaf il-propjetà li jkun hemm abbord. Il-qrati ta' l-Istat li jwettaq dan il-ħtif jistgħu jiddeċiedu dwar il-penalitajiet li għandhom ikunu mposti, u jista wkoll jiddetermina l-azzjoni li għandha tittieħed fir-rigward tal-vapuri, l-ajruplani jew il-propjeta, bla ħsara għad-drittijiet ta' partijiet terzi li jaġixxu *in bona fede*.

*Artikolu 106*

**Responsabbiltà dwar ħtif mingħajr raġunijiet sodi**

Meta l-ħtif ta' vapur jew ajruplan fuq is-suspett ta' piraterija jkun ġie effettwat mingħajr raġunijiet sodi, l-Istat li jagħmel il-ħtif għandu jkun responsabbli lejn l-Istat tan-nazzjonalità li jkollu l-vapur jew l-ajruplan, għal xi telf jew danni kkaġunati b'dak il-ħtif.

*Artikolu 107*

**Vapuri u ajruplani li huma intitolati li jwettqu ħtif minħabba l-piraterija**

Ħtif minħabba piraterija jista jitwettaq biss minn vapuri tal-gwerra jew arjuplani militari, jew vapuri jew ajruplani oħrajn immarkati kjarament u identifikabbli bħala li huma fis-servizz ta' gvern u awtorizzati għal dak l-iskop.

*Artikolu 108*

**Traffiku illeċitu fi drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi**

1. L-Istati kollha għandhom jikkoperaw fis-suppressjoni tat-traffiku illeċitu tad-drogi narkotiċi jew ta' sustanzi psikotropiċi imwettqa minn vapuri f'ibħra internazzjonali b'kuntrarju għall-konvenzjonijiet internazzjonali.

2. Xi Stat li jkollu bażi raġjonevoli sabiex jemmen li vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu ikun involut fit-traffiku illeċitu fi drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi jista jitlob il-koperazzjoni ta' l-Istati l-oħrajn sabiex iwaqqaf dak it-traffiku.

*Artikolu 109*

**Xandir mhux awtorizzat minn ibħra internazzjonali**

1. L-Istati kollha għandhom jikkoperaw fis-supressjoni ta' xandir mhux awtorizzat minn fuq ibħra internazzjonali.

2. Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, "xandir mhux awtorizzat" ifisser it-trasmissjoni ta' xandir tal-ħoss bir-radju jew bit-televiżjoni minn fuq vapur jew stallazzjoni f'ibħra internazzjonali intiżi sabiex jirċevihom il-pubbliku ġenerali kuntrarju tar-regolamenti internazzjonali, imma eskluża t-trasmissjoni ta' sejħiet għall-għajnuna f'każ ta' emerġenza.

3. Kwalunkwe persuna nvoluta f'xandir mhux awtorizzat tista tkun tkun miġjuba quddiem il-qorti ta':

(a) l-Istat tal-bandiera tal-vapur;

(b) l-Istat tar-reġistrazzjoni ta' l-istallazzjoni;

(ċ) l-Istat li tiegħu il-persuna hija ċittadin;

(d) kwalunkwe Stat ta' fejn it-trasmissjoni tista tkun irċevuta; jew

(e) kwalunkwe Stat ta' fejn komunikazzjoni awtorizzata bir-radju tkun issofri minn interferenza.

4. Fl-ibħra internazzjonali, Stat li jkollu ġurisdizzjoni b'konformità mal-paragrafu 3 jista, b'konformità ma l-Artikolu 110, jarresta kwalunkwe persuna jew vapur involut fix-xandir mhux awtorizzat u jaħtaf l-apparat tax-xandir.

*Artikolu 110*

**Id-dritt ta' żjara**

1. Ħlief meta atti ta' interferenza li jirriżultaw mill-poteri mogħtija bi trattat, vapur tal-gwerra li jiltaqa ma vapur barrani fl-ibħra internazzjonali, apparti milli vapur intitolat għal immunità shiħa b'konformità ma l-Artikoli 95 u 96, mhux ġustifikat li jtella nies fuqu sakemm ma jkunx hemm bażi raġjonevoli għas-suspett li:

(a) il-vapur ikun involut fil-piraterija;

(b) il-vapur ikun involut fil-kummerċ ta' l-iskjavi;

(ċ) il-vapur ikun involut f'xandir mhux awtorizzat u li l-Istat tal-bandiera tal-vapur tal-gwerra jkollu ġurisdizzjoni permezz ta' l-Artikolu 109;

(d) il-vapur ikun mingħajr nazzjonalità; jew

(e) għalkemm itajjar bandiera barranija jew inkella jiċħad li juri l-bandiera tiegħu, il-vapur ikun, fir-realtà, ta' l-istess nazzjonalità bħal dik tal-vapur tal-gwerra.

2. Fil-każi li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 1, vapur tal-gwerra jista jipproċedi li jivverifika d-dritt ta' vapur li jtajjar dik il-bandiera. Għal dan l-iskop, huwa jista jibgħat dgħajsa taħt il-kmand ta' fizzjal lejn il-vapur issospettat. Jekk is-suspett jibqa anki wara li d-dokumenti jkunu ġew eżaminati, dan jista jipproċedi għal aktar eżaminazzjoni abbord il-vapur, li għandha titwettaq b'kunsiderazzjoni xierqa.

3. Jekk is-suspetti jirriżultaw li ma jkunux fondati, u basta li l-vapur li jkun sar it-tluħ fuqu ma jkun wettaq l-ebda att li jiġġustika dan, għandu jkun ikkompensat għal xi telf jew danni li jkun setgħa sofra.

4. Dawn id-disposizzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għal ajruplani militari.

5. Dawn id-disposizzjonijiet japplikaw ukoll għal xi vapuri jew ajruplani oħrajn awtorizzati u kjarament immarkati u identifikati bħala li huma fis-servizz ta' gvern.

*Artikolu 111*

**Id-dritt ta' ġiri b'segwiment**

1. Il-ġiri b'segwiment ta' vapur barrani jista jitwettaq mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat kostali li jkollu raġuni soda li jemmen li dak il-vapur ikun kiser il-liġijiet u r-regolamenti ta' dak l-Istat. Segwiment bħal dak għandu jibda meta l-vapur barrani jew waħda mid-dgħajjes tiegħu ikunu fl-ibħra nterni, l-ibħra arċipelaġiċi, il-baħar territorjali jew f'żona kontigwa ta' l-Istat li jgħamel is-segwiment, u jista jibqa jseħħ biss il-barra mill-baħar territorjali jew taż-żona kontigwa jekk is-segwiment ma jkunx ġie interrott. Mhux meħtieġ li, fil-waqt meta l-vapur barrani jkun fil-baħar territorjali jew fiż-żona kontigwa li jirċievi ordni li jieqaf, li l-vapur li jgħati l-ordni għandu l-istess ikun gewwa l-baħar territorjali jew fiż-żona kontigwa. Jekk vapur barrani jkun fiż-żona kontigwa, kif definita fl-Artikolu 33, is-segwiment jista jseħħ biss jekk ikun hemm vjolazzjoni tad-drittijiet għall-protezzjoni li dwarha ż-żona tkun ġiet stabbilita.

2. Id-dritt tal-ġiri b'segwiment għandu japplika *mutatis mutandis* għal vjolazzjonijiet fiż-żona ekonomika esklussiva jew fuq is-sikka kontinentali, inklużi ż-żoni tas-sigurtà madwar stallazzjonijiet ta' fuq is-sikka kontinentali, tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istat kostali applikabbli b'konformità ma din il-Konvenzjoni għal żona ekonomika esklussiva jew għas-sikka kontinentali, inklużi dawk iż-żoni ta' sigurtà.

3. Id-dritt ta' ġiri b'segwiment jispiċċa malli l-vapur segwit jidħol fil-baħar territorjali ta' l-Istat tiegħu jew ta' Stat terz.

4. Ġiri b'segwiment mhux meqjus li jkun beda sakemm il-vapur li jkun jagħmel is-segwiment ikun sodisfatt b'dawk il-mezzi prattikabbli skond ma jistgħu jkunu disponibbli li l-vapur segwit jew li waħda mid-dgħajjes tiegħu jew xi mezz ieħor tat-tbaħħir li jkunu jaħdmu bħala grupp u li jużaw il-vapur segwit bħala l-vapur tal-bażi tagħhom, ikunu fil-limiti tal-baħar territorjali, jew, skond ma jkun il-każ, fi ħdan iż-żona tal-konfigurazzjoni jew fiż-żona ekonomika esklussiva jew fuq is-sikka kontinentali. Is-segwiment jista jkun mibdi biss wara li sinjal viżwali jew awditorju li jordna l-waqfien ikun ingħata f'distanza li fiha dan ikun jista jidher jew jinstema mill-vapur barrani.

5. Id-dritt tal-ġiri b'segwiment jista jitwettaq biss minn vapuri tal-gwerra jew arjuplani militari, jew vapuri jew ajruplani oħrajn immarkati kjarament u identifikabbli bħala li huma fis-servizz ta' gvern u awtorizzati għal dak l-iskop.

6. Meta ġiri b'segwiment isir minn ajruplan:

(a) id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom ikunu applikabbli *mutatis mutandis*;

(b) l-ajruplan li jagħti l-ordni għall-waqfien għandu huwa nnifsu isegwi attivament lill-vapur sakemm vapur jew ajruplan ieħor ta' l-Istat kostali, imsejjaħ mill-ajruplan, jasal sabiex ikompli bis-segwiment, sakemm l-ajruplan innifsu ma jkunx jista li jaffettwa l-arrest huwa stess. Ma jkunx biż-żejjed li jkun iġġustifikat li jseħħ arrest il-barra mill-baħar territorjali li l-vapur kien sempliċement jidher mill-ajruplan bħala li qiegħed iwettaq offiża jew li huwa ssusspettat b'offiża, jekk dan ma kienx, kemm li ġie ordnat li jieqaf u wkoll li kien segwit mill-ajruplan innifsu jew minn ajruplani jew vapuri oħrajn li jibqgħu isegwuh mingħajr interruzzjoni.

7. Ir-rilaxx tal-vapur arrestat fi ħdan il-ġurisdizzjoni ta' Stat u eskortat lejn port ta' dak l-Istat għall-iskopijiet ta' inkjesta quddiem l-awtoritajiet kompetenti ma jistax ikun ċitat biss fuq il-bażi li l-vapur, fil-korsa tal-vjaġġ tiegħu, kien eskortat matul parti taż-żona ekonomika esklussiva jew f'baħar internazzjonali, jekk iċ-ċirkostanzi kienu hekk jeħtieġu.

8. Meta vapur ikun twaqqaf jew ikun arrestat il-barra mill-baħar territorjali f'ċirkostanzi li ma jiġġustifikawx l-eżerċitar tad-dritt tal-ġiri b'segwiment, dan għandu jkun ikkumpensat għal xi telf jew danni li minħabba f'hekk ikun sofra.

*Artikolu 112*

**Id-dritt tat-tqegħid ta' fili u pajpijiet taħt il-baħar**

1. L-Istati kollha huma ntitolati li jqiegħdu fili u pajpijiet fuq qiegħ il-baħar ta' l-ibħra internazzjonali lil hinn mis-sikka kontinentali.

2. L-Artikolu 79(5) huwa applikabbli għal fili u pajpijiet bħal dawn.

*Artikolu 113*

**Il-qtugħ jew ħsara għal fili jew pajpijiet ta' taħt il-baħar**

Kull Stat għandu jadotta l-liġijiet u r-regolamenti meħtieġa sabiex jipprovdi li l-qtugħ jew ħsara, minn vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu jew minn persuna li hija suġġetta għall-ġurisdizzjoni tiegħu, ta' fili ta' taħt il-baħar internazzjonali mwettaq b'malizja jew b'negliġenza ta' traskuraġni, f'tali manjiera hekk li jkun jista jinterrompi jew jostakola l-komunikazzjonijiet telegrafiċi jew telefoniċi, u l-qtugħ u l-ħsara simili ta' pajpijiet ta' taħt il-baħar jew ta' fili ta' potenza bil-vultaġġ għoli, għandha tkun offiża suġġetta għal kastig. Din id-disposizzjoni għandha tkun tapplika wkoll dwar l-imġieba kkalkolata jew li aktarx li tirriżulta filli jseħħ dak il-qtugħ jew ħsara. B'dana kollu, m'għandux ikun applikabbli għal xi qtugħ jew ħsara kkawżata minn persuni li jaġixxu sempliċement bil-għan leġittimi li jsalvaw ħajjithom jew lill-vapuri tagħhom, wara li jkunu ħadu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jevitaw dak il-qtugħ jew ħsara.

*Artikolu 114*

**Il-qtugħ jew il-ħsara mill-propjetarji ta' fili jew ta' pajpijiet ta' taħt il-baħar ta' fili jew pajpijiet oħrajn ta' taħt il-baħar**

Kull Stat għandu jadotta l-liġijiet u r-regolamenti meħtieġa sabiex jipprovdi li, jekk persuni li huma suġġetti għall-ġurisdizzjoni tiegħu u li huma l-propjetarji ta' fili jew pajpijiet taħt baħar internazzjonali, li fit-tqegħid jew fit-tiswija ta' dak il-fil jew pajp, jaqtgħu jew jagħmlu ħsara lil fil jew pajp ieħor, huma għandhom ikunu responsabbli ta' l-ispejjes tat-tiswijiet.

*Artikolu 115*

**Indemnità għal telf soffrut sabiex tkun evitata l-ħsara f'fili jew f'pajpijiet ta' taħt il-baħar**

Kull Stat għandu jadotta l-liġijiet u r-regolamenti meħtieġa sabiex jassigura li l-propjetarji ta' vapuri li jkunu jistgħu jagħtu prova li huma jkunu ssagrifikaw ankra, xibka jew apparat ieħor tas-sajd, sabiex jevitaw li sseħħ ħsara għal fili jew pajpijiet ta' taħt il-baħar,

għandhom ikunu indemnifikati mis-sid ta' dak il-fil jew pajp, basta li s-sid tal-vapur ikun ħa minn qabel il-miżuri kollha meħtieġa ta' prekawzjoni.

SEZZJONI 2

## IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAR-RIŻORSI ĦAJJIN TA' L-IBĦRA INTERNAZZJONALI

*Artikolu 116*

### Id-dritt tas-sajd f'ibħra internazzjonali

L-Istati kollha għandhom id-dritt għaċ-ċittadini tagħhom li jinvolvu rwieħhom fis-sajd f'ibħra internazzjonali, suġġett għal:

(a) l-obligazzjonijiet tagħhom għal Trattat;

(b) id-drittijiet u d-doveri kif ukoll l-interessi ta' l-Istati Kostali li hemm provvediment dwarhom, *inter alia*, fl-Artikolu 63(2) u fl-Artikoli 64 sa 67; u

(ċ) id-disposizzjonijiet ta' din is-sezzjoni.

*Artikolu 117*

### Id-dover ta' Stati li jadottaw fir-rigward taċ-ċittadini tagħhom il-miżuri ta' konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin ta' l-ibħra internazzjonali

L-Istati kollha għandhom id-dover li jieħdu, b'koperazzjoni ma Stati oħrajn, dawk il-miżuri għaċ-ċittadini rispettivi tagħhom skond ma jista jkun meħtieġ, għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin ta' l-ibħra internazzjonali.

*Artikolu 118*

### Il-koperazzjoni ta' l-Istati fil-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi ħajjin

L-Istati għandhom jikkoperaw bejniethom fil-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi ħajjin fiż-żoni ta' l-ibħra internazzjonali. L-Istati li ċ-ċittadini tagħhom jesplojtaw riżorsi ħajjin identiċi, jew riżorsi ħajjin differenti, fl-istess żona, għandhom jibdew negozjati bil-għan li jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin ikkonċernati. Huma għandhom għal dan l-iskop, skond kif ikun xieraq, li jikkoperaw bl-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet subreġjonali jew reġjonali tas-sajd.

*Artikolu 119*

### Il-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar internazzjonali

1. Fid-determinazzjoni tal-qabda permissibbli u fl-istabbilliment tal-miżuri l-oħrajn tal-konservazzjoni għal riżorsi ħajjin fl-ibħra internazzjonali, l-Istati għandhom:

(a) jieħdu l-miżuri li huma ddisinjati, fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli għall-Istati kkonċernati, għall-manteniment u r-restawrazzjoni tal-popolazzjonijiet ta' speċjali maqbuda f'livelli li jistgħu jipproduċu l-akkwist massimu sostenibbli, kif kwalifikat bil-fatturi ambjentali u ekonomiċi relevanti, inklużi l-ħtiġiet speċjali ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw, u billi jittieħed akkont ta' l-għamliet tas-sajd, l-interdipendenza tal-ħażniet u xi normi internazzjonali minimi ġeneralment rikonoxxuti, kemm jekk subreġjonali, reġjonali jew globali;

(b) jieħdu kunsiderazzjoni għall-effetti fuq l-ispeċje assoċjati ma jew dipendenti fuq l-ispeċje maqbuda bil-għan taż-żamma jew tar-restawr tal-popolazzjonijiet ta' dawk l-ispeċje assoċjati jew dipendenti il-fuq mil-livelli li fihom ir-riproduzzjoni tagħhom tista tkun serjament mhedda.

2. Informazzjoni xjentifika disponibbli, l-istatistika tal-qbid u ta' l-isforzi tas-sajd, u dettalji oħrajn relevanti għall-konservazzjoni tal-ħażniet tal-ħut għandhom ikunu fornuti u skambjati fuq bażi regolari matul l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, kemm subreġjonali, reġjonali jew globali, meta xieraq u bil-parteċipazzjoni mill-Istati kollha kkonċernati.

3. L-Istati kkonċernati għandhom jassiguraw li l-miżuri tal-konservazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom ma jkunux diskriminatorji fil-għamla jew fil-fatt kontra sajjieda ta' xi Stat ieħor.

*Artikolu 120*

### Mammali marini

L-Artikolu 65 japplika wkoll għall-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' mammali marini fl-ibħra internazzjonali.

PARTI VIII

## IR-REĠIM TA' GŻEJJER

*Artikolu 121*

### Ir-reġim ta' gżejjer

1. Gżira hija żona ta' art iffurmata naturali, imdawwra fil-baħar, li hija l-fuq mill-wiċċ meta l-marea tkun għolja.

2. Apparti milli kif hemm provvediment dwar dan fil-paragrafu 3, il-baħar territorjali, iż-żona kontigwa, iż-żona ekonomika esklussiva u s-sikka kontinentali ta' gżira huma ddeterminati b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni applikabbli għal art territorjali oħra.

3. Blat li ma jistgħux isostnu abitazzjoni umana jew ħajja ekonomika minnhom infushom ma għandhom l-ebda żona ekonomika esklussiva jew sikka kontinentali.

PARTI IX

## IBĦRA MAGĦLUQA JEW PARZJALMENT MAGĦLUQA

*Artikolu 122*

### Definizzjoni

Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, "baħar magħluq jew parzjalment magħluq" ifisser golf, baċir jew baħar imdawwar bi tnejn jew aktar Stati u konness ma baħar jew oċean ieħor bi sfog dejjaq jew li jikkonsisti kompletament jew primarjament f'ibħra territorjali u żoni ekonomiċi esklussivi ta' tnejn jew aktar Stati kostali.

*Artikolu 123*

### Koperazzjoni bejn l-Istati bi fruntieri fuq ibħra magħluqa jew parzjalment magħluqa

L-Istati bi fruntieri fuq baħar magħluq jew parzjalment magħluq għandhom jikkoperaw bejniethom fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom u fit-twettieq tad-doveri tagħhom permezz ta' din il-Konvenzjoni. Għal dan il-għan huma għandhom jagħmlu sforz, direttament jew permezz ta' organizzazzjoni reġjonali xierqa:

(a) li jikkordinaw l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni, l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar;

(b) li jikkordrinaw l-implimentazzjoni tad-drittijiet u d-doveri tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu;

(ċ) li jikkordinaw l-istrateġiji tagħhom tar-riċerka xjentifika u jidħlu għal, meta xieraq, programmi konġunti ta' riċerka xjentifika f'dik iż-żona;

(d) li jistiednu, kif xieraq, lil-Istati jew lill-organizzazzjonijiet l-oħrajn li huma nteressati sabiex jikkoperaw magħhom fit-tkomplija ulterjuri tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

PARTI X

## ID-DRITT TA' L-AĊĊESS TA' L-ISTATI LI M'GĦANDHOMX AĊĊESS DIRETT GĦALL-BAĦAR LEJN U MILL-BAĦAR U L-LIBERTÀ TAT-TRANSITU

*Artikolu 124*

### L-użu tat-termini

1. Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni:

(a) "Stat li m'għandux aċċess dirett għall-baħar" ifisser stat li m'għandux kosta mal-baħar;

(b) "Stat transitu" ifisser Stat, bi jew mingħajr kosta mal-baħar, li jinsab bejn l-Istat li m'għandux aċċess dirett għall-baħar u l-baħar, li matul it-territorju tiegħu jgħaddi traffiku fi transitu;

(ċ) "traffiku fi transitu" ifisser it-transitu ta' persuni, bagalji, merkanzija u mezzi tat-trasport matul it-territorju ta' wieħed jew

aktar Stati transiti, meta l-passaġġ matul territorju bħal dak, bil jew mingħajr trasbord, magażżinaġġ, tqassim tal-massa jew tibdil fil-metodu tat-trasport, ikun parti biss minn vjaġġ sħiħ li jibda jew li jispiċċa fi ħdan it-territorju ta' Stat li m'għandux aċċess dirett għall-baħar;

(d) "mezzi tat-trasport" ifisser:

(i) vaguni tal-ferrovija, dgħajjes tal-baħar, ta' l-għadira jew tax-xmara u vetturi tat-triq;

(ii) meta l-kondizzjonijiet lokali hekk jeħtieġu, ġarrara jew annimali tal-ġarr.

2. L-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar u l-Istati transiti jistgħu, bi ftehim bejniethom, jinkludu l-mezzi tat-trasport ta' pajpijiet u tubi tal-gass u mezzi oħrajn tat-trasportazzjoni apparti minn dawk inklużi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 125*

**Id-dritt ta' l-aċċess lejn u mill-baħar u l-libertà tat-transitu**

1. L-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar għandhom ikollhom id-dritt ta' l-aċċess lejn u mill-baħar għall-iskopijiet li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li hemm provvediment dwarhom f'din il-Konvenzjoni, inklużi dawk relatati mal-libertà ta' l-ibħra internazzjonali u tal-wirt komuni tal-bniedem. Għal dan il-għan, l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar, għandhom igawdu l-libertà tat-transitu matul it-territorju ta' l-Istat transitu bil-mezzi kollha tat-trasport.

2. It-termini u l-modalitajiet għall-eżerċitar tal-libertà tat-transitu għandhom ikunu mifthiema bejn l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar u l-Istati transiti kkonċernati permezz ta' ftehim bilaterali, subreġjonali jew reġjonali.

3. L-Istati transiti, fl-eżerċitar tas-sovranità sħiħa tagħhom fuq it-territorju tagħhom, għandhom ikollhom id-dritt li jieħdu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li d-drittijiet u l-faċilitajiet li hemm provvediment dwarhom f'din il-parti għall-Istati li m'għandhomx aċċess dirett lejn il-baħar m'għandhom bl-ebda mod jiksru d-drittijiet leġittimi tagħhom.

*Artikolu 126*

**L-esklużjoni ta' l-applikazzjoni tal-klawsola tan-nazzjon-l-aktar-favorit**

Id-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, kif ukoll l-arranġamenti speċjali li jirrigwardaw l-eżerċitar tad-dritt ta' aċċess lejn u mill-baħar, li jistabbilixxu d-drittijiet u l-faċilitajiet minħabba l-posizzjoni ġeografika speċjali ta' l-Istati li l-m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar, huma esklużi mill-applikazzjoni tal-kwasola tan-nazzjon-l-aktar-favorit.

*Artikolu 127*

**Dazju doganali, dazji w imposti oħrajn**

1. It-traffiku fi transitu m'għandux ikun suġġett għal xi dazji doganali, taxxi jew imposti oħrajn apparti milli mposti ntaxxati għal servizzi speċifiċi mwettqa b'konnessjoni ma traffiku bħal dak.

2. Il-mezzi tat-trasport fi transitu u l-faċilitajiet l-oħrajn ipprovduri għal u wżati mill-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar m'għandhomx ikunu suġġetti għal taxxi jew imposti għola minn dawk imposti għall-użu tal-mezzi tat-trasport ta' l-Istat transitu.

*Artikolu 128*

**Żoni ħielsa u faċilitajiet doganali oħrajn**

Għall-konvenzjenza ta' traffiku fi transitu, żoni ħielsa u faċilitajiet doganali oħrajn jistgħu jkunu pprovvduti fil-portijiet tad-dħul u l-ħruġ fl-Istati transiti, bi ftehim bejn dawk l-Istati u l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar.

*Artikolu 129*

**Koperazzjoni fil-kostruzzjoni u t-tittjib tal-mezzi tat-trasport**

Meta ma jkunx hemm mezzi tat-trasport fl-Istati transiti sabiex jagħtu effett tal-libertà tat-transitu jew meta il-mezzi eżistenti, inklużi l-istallazzjonijiet u l-apparat tal-port, ma humiex adekwati fi kwalunkwe rigward, l-Istati transiti u l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar ikkonċernati jistgħu jikkoperaw fil-kostruzzjoni jew fit-titjib tagħhom.

*Artikolu 130*

**Miżuri biex ikunu evitati d-dewmien jew diffikultajiet oħrajn ta' natura teknika għat-traffiku fi transitu**

1. L-Istati transiti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex ikunu evitati d-dewmien jew diffikultajiet oħrajn ta' natura teknika għat-traffiku fi transitu.

2. Jekk dewmien jew difikultajiet bħal dawn iseħħu, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati transiti u l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar ikkonċernati għandhom jikkoperaw lejn l-eliminazzjoni mhaffa tagħhom.

*Artikolu 131*

**Trattament ugwali fil-portijiet marittimi**

Vapuri li jtajjru il-bandiera ta' l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar għandhom igawdu trattament ugwali bħal dak mogħti lill-vapuri baranin oħrajn fil-portijiet marittimi.

*Artikolu 132*

**L-għoti ta' faċilitajiet akbar tat-transitu**

Din il-Konvenzjoni ma tinvolvix bl-ebda mod it-tneħħija ta' faċilitajiet tat-transitu li huma akbar minn dawk li hemm provvediment dwarhom f'din il-Konvenzjoni u li huma mifthiema bejn Stati Partijiet ta' din il-Konvenzjoni jew mogħtija minn Stat Parti. Din il-Konvenzjoni ma timpedix l-għoti ta' faċilitajiet akbar bħal dawn fil-ġejjini.

PARTI XI

# IŻ-ŻONA

SEZZJONI 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 133*

**L-użu tat-termini**

Għall-iskopijiet ta' din il-Parti:

(a) "riżorsi" tfisser ir-riżorsi minerali solidi, likwidi jew gassusi *in situ* fiż-żona fi jew taħt il-qiegħ tal-baħar, inklużi noduli polimetalliċi;

(b) riżorsi, meta rkuprati miż-żona, huma msemmija bħala "minerali".

*Artikolu 134*

**L-iskop ta' din il-parti**

1. Din il-parti tapplika għaż-żona.

2. Attivitajiet fiż-żona għandhom ikunu rregolati bid-disposizzjonijiet ta' din il-parti.

3. Il-ħtiġiet li jikkonċernaw id-depożiti ta', u l-pubbliċità mogħtija lil, mapep nawtiċi jew listi ta' kordinati ġeografiċi li juru l-limiti referuri fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 (1), huma stabbiliti fil-parti VI.

4. Xejn f'dan l-Artikolu ma jaffettwa l-istabbiliment tal-limiti esterni tas-sikka kontinentali b'konformità mal-parti VI jew il-validità tal-ftehim li jirrigwarda d-delimitazzjoni bejn l-Istati b'kosti faċċata jew biswit xulxin.

*Artikolu 135*

**L-istatus legali ta' l-ilmijiet supra-biswit u l-ispazju ta' l-ajru**

Xejn f'din il-parti u l-anqas l-ebda drittijiet mogħtija bis-saħħa tagħhom m'għandhom jaffettwaw l-istatut legali ta' l-ilmijiet supra-biswit taż-żona jew dawk ta' l-ispazju ta' l-ajru fuq dawk l-ibħra.

SEZZJONI 2

## PRINĊIPJI LI JIRREGOLAW IŻ-ŻONA

*Artikolu 136*

**Il-wirt komuni ta' l-umanità**

Iż-żona u r-riżorsi tagħha huma wirt komuni ta' l-umanità

*Artikolu 137*

**L-istatus legali taż-żona u tar-riżorsi tagħha**

1. L-ebda Stat ma jista jitlob jew jeżerċita sovranità jew drittijiet tas-sovranità fuq xi parti taż-żona jew tar-riżorsi tagħha, l-anqas m'għandu xi Stat jew persuna naturali jew ġuridika tapproprja xi parti minnha. L-ebda talba jew eżerċitar ta' sovranità jew id-drittijiet ta' sovranità jew approppjazzjoni bħal din m'għandha tkun rikonoxxuta.

2. Id-drittijiet fir-riżorsi taż-żona huma investimenti ta' l-umanità kollha kemm hi, li fl-isem tagħha l-Awtorità għandha taġixxi. Dawn ir-riżorsi ma humhiex suġġetti għall-aljenazzjoni. Il-minerali rkuprati miż-żona, b'dana kollu, jistgħu biss ikunu aljenati b'konformità ma dan il-parti u mar-regoli u r-regolamenti u l-proċedura ta' l-Awtorità.

3. L-ebda Stat jew persuna naturali jew ġuridika m'għandha titlob dritt, takkwista jew teżerċita drittijiet fir-rigward tal-minerali rkuprati miż-żona apparti milli b'konformità ma din il-parti. Altrimenti, l-ebda talba, akkwist jew eżerċitar bħal dan ta' drittijiet bħal dawn m'għandhom ikunu rikonoxxuti.

*Artikolu 138*

**L-imġieba ġenerali ta' l-Istati fir-rigward taż-żona**

L-imġieba ġenerali ta' l-Istati fir-rigward taż-żona għandha tkun b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' din il-parti, il-prinċipji

imdaħħla fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u r-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali fl-interessi taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà u tat-tħeġġiġ tal-koperazzjoni internazzjonali u r-rikonoxximent reċiproku.

*Artikolu 139*

**Ir-responsabbiltà sabiex tkun assigurata l-konformità u r-responsabbiltà għal danni**

1. L-Istati Partijiet għandhom ikollhom ir-responsabiltà li jassiguraw li l-attivitajiet f'din iż-żona, sew jekk imwettqa mill-Istati Partijiet, jew minn impriżi Statali jew persuni naturali jew ġuridiċi li jkollhom in-nazzjonalità ta' Stati Partijiet jew li huma effettivament ikkontrollati minnhom jew iċ-ċittadini tagħhom, għandhom jitwettqu b'konformità ma din il-parti. L-istess responsabbiltà hija applikabbli għall-organizzazzjonijiet internazzjonali dwar l-attivitajiet fiż-żona mwettqa minn organizzazzjonijiet bħal dawn.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-liġi internazzjonali u l-Anness III, l-Artikolu 22, danni kkaġunati min-nuqqas ta' Stat Parti jew minn organizzazzjoni internazzjonali li twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha permezz ta' din il-parti għandha tinvolvi r-responsabbiltà; Stati Partijiet jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jaġixxu flimkien għandhom jerfgħu ir-responsabbiltà konġunta u separata. Stat Parti m'għandux b'dana kollu jkun responsabbli għal danni kkawżati minn xi nuqqas ta' konformità ma din il-parti minn persuna li huwa jkun ta s-sostenn tiegħu permezz ta' l-Artikolu 153(2)(b), jekk L-Istat Parti jkun ħa l-miżuri kollha meħtieġa u xierqa sabiex jassigura konformità permezz ta' l-Artikolu 153(4), u l-Anness III, l-Artikolu 4(4).

3. L-Istati Partijiet li huma membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jassiguraw l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' l-organizzazzjonijiet bħal dawn.

*Artikolu 140*

**Il-benefiċċju ta' l-umanità**

1. Attivitajiet fiż-żona għandhom, kif hemm provvediment speċifiku dwar dan f'din il-parti, jitwettqu għall-benefiċċju ta' l-umanità kollha, irrispettivament mil-lokalità ġeografika ta' l-Istati, seww jekk kostali jew li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar, billi tittieħed kunsiderazzjoni partikolari tal-kunsiderazzjonijiet ta' l-interessi u l-ħtiġiet ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw u tal-popli li ma jkunux laħqu indipendenza sħiħa jew xi status ieħor ta' self-government rikonoxxut min-Nazzjonijiet Uniti b'konformità mar-Reżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali 1514 (XV) u tar-Reżoluzzjonijiet relevanti l-oħrajn ta' l-Assemblea Ġenerali.

2. L-Awtorità għandha tipprovdi għal sehem ekwitabbli tal-benefiċċji finanzjarji w ekonomiċi oħrajn akkwistati mill-attivitajiet fiż-żona permezz ta' xi mekkaniżmu xieraq, fuq bażi mhux diskriminatorja, b'konformità ma l-Artikolu 160(2)(f)(i).

*Artikolu 141*

**L-użu taż-żona esklusiva għal skopijiet paċifiċi**

Iż-żona għandha tkun miftuħha għall-użu esklussiv ta' skopijiet paċifiċi mill-Istati kollha, seww jekk kostali jew li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar u mingħajr preġudizzju tad-disposizzjonijiet l-oħrajn ta' din il-parti.

*Artikolu 142*

**Id-drittijiet u l-interessi leġittimi ta' l-Istati kostali**

1. Attivitajiet fiż-żona, fir-rigward tad-depożiti ta' riżorsi fiż-żona li tkun titraversa matul il-limiti ta' ġurisdizzjoni nazzjonali, għandhom ikunu mwettqa b'attenzjoni xierqa għad-drittijiet u l-interessi leġittimi ta' xi Stat kostali li ma tul il-ġurisdizzjoni tiegħu ikunu jinsabu depożiti bħal dawn.

2. Konsultazzjonijiet, inkluża sistema ta' notifika bil-quddiem, għandhom jinżammu mal-Istat ikkonċernat, bil-għan li jkun evitat ksur ta' drittijiet w interessi bħal dawn. Fil-każi meta l-attivitajiet fiż-żona jistgħu jirriżultaw fl-esplojtazzjoni tar-riżorsi li jinsabu fi ħdan ġurisdizzjoni nazzjonali, kunsens bil-quddiem ta' l-Istat kostali kkonċernat għandu jkun akkwistat.

3. La din il-parti u l-anqas xi drittijiet mogħtija jew eżerċitati permezz tagħhom m'għandhom jaffettwaw id-drittijiet ta' l-Istati kostali sabiex jieħdu miżuri konsistenti mad-disposizzjonijiet tal-Parti XII skond ma jkun meħtieġ sabiex ikunu ipprevenut, mitigat jew eliminat periklu gravi w iminenti għall-kosta tagħhom, jew l-interessi relatati mat-tniġġiż jew it-thedid ta' dan minn okkorrenzi ta' perikoli oħrajn li jirriżultaw minn jew li huma kkawżati minn xi attivitajiet fiż-żona.

*Artikolu 143*

**Riċerka xjentifika marittima**

1. Riċerka xjentifika marittima fiż-żona għandha tkun imwettqa esklussivament għal skopijiet paċifiċi u għall-benefiċċju ta' l-umanità kollha, b'konformità mal-Parti XIII.

2. L-Awtorità tista twettaq riċerka xjentifika marittima li tikkonċerna ż-żona u r-riżorsi tagħha, u tista tidħol f'kuntratti għal dan

l-iskop. L-Awtorità għandha tħeġġeġ u tinkoraġixxi t-twettieq ta' riċerka xjentifika marittima fiż-żona, u għandha tikkordina u xxerred ir-riżultati ta' riċerka u analiżi bħal dawn meta disponibbli.

3. L-Istati Partijiet jistgħu iwettqu riċerka xjentifika marittima fiż-żona. L-Istati Partijiet għandhom iħeġġu koperazzjoni internazzjonali fir-riċerka xjentifika marittima fiż-żona billi:

(a) jipparteċipaw fi programmi internazzjonali u jinkoraġġixxu koperazzjoni fir-riċerka xjentifika marittima mill-persunal ta' pajjiżi differenti u ta' l-Awtorità;

(b) jassiguraw li programmi jkunu żviluppati permezz ta' l-Awtorità jew ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn skond kif xieraq għall-benefiċċju ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw u ta' l-Istati li huma teknoloġokament anqas żviluppati bil-għan li:

(i) isaħħu il-kapaċitajiet tagħom tar-riċerka;

(ii) iħarrġu l-persunal tagħhom u l-persunal ta' l-Awtorità fit-teknika u l-applikazzjoni tar-riċerka;

(iii) jinkorraġġixxu l-impieg tal-persunal kwalifikat tagħhom fir-riċerka fiż-żona;

(ċ) effettivament ixerdu r-riżultati tar-riċerka u l-analiżi meta disponibbli, permezz ta' l-Awtorità jew ta' xi kanali internazzjonali oħrajn meta dan ikun xieraq.

*Artikolu 144*

**It-trasferiment tat-teknoloġija**

1. L-Awtorità għandha tieħu miżuri b'konformità ma din il-Konvenzjoni:

(a) sabiex takkwista teknoloġija u tgħarif xjentifiku li jirrigwarda l-attivitajiet fiż-żona; u

(b) tħeġġeġ u tinkoraġġixxi t-trasferiment lejn Stati li għadhom jiżviluppaw dik it-teknoloġija u tagħrif xjentifiku hekk li l-Istati Partijiet kollha jibbenefikaw minnhom.

2. Għal dan il-għan, l-Awtorità u l-Istati Partijiet għandhom jikkoperaw fit-tixrid tat-trasferiment tat-teknoloġija u t-tgħarif xjentifiku li jirrigwardaw l-attivitajiet fiż-żona hekk li l-impriża u l-Istati Partijiet kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw minnhom. Partikolarment, huma għandhom jibdew u jheġġu:

(a) programmi għat-trasferiment tat-teknoloġija lill-impriżi u lill-Istati li għadhom jiżviluppaw fir-rigward ta' l-attivitajiet fiż-żona, inkluż, *inter alia*, l-iffaċilitar ta' l-aċċess għall-impriżi ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw għat-teknoloġija relevanti, permezz ta' termini u kondizzjonijiet ġusti u ekwiji;

(b) miżuri diretti lejn l-avvanz tat-teknoloġija ta' l-impriżi u tat-teknoloġija domestika ta' Stati li għadhom jiżviluppaw, partikolarment billi jipprovdu opportunitajiet lill-persunal minn impriżi u minn Stati li għadhom jiżviluppaw għal taħriġ fix-xjenza u t-teknoloġija marittima u għall-parteċipazzjoni tagħhom bis-sħiħ fl-attivitajiet fiż-żona.

*Artikolu 145*

**Il-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu**

Il-miżuri meħtieġa għandhom jittieħdu b'konformità ma din il-Konvenzjoni fir-rigward ta' l-attivitajiet fiż-żona sabiex jassiguraw protezzjoni effettiva għall-ambjent marittimu minn effetti ta' ħsara li jistgħu jinħolqu minn attivitajiet bħal dawn. Għal dan il-għan l-Awtorità għandha tadotta r-regoli, r-regolament u d-disposizzjonijiet xierqa dwar, *inter alia*:

(a) il-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż u perikoli oħrajn għall-ambjent marittimu, inkluża l-kosta, u ta' interferenza mal-bilanċ ekoloġiku ta' l-ambjent marittimu, attenzjoni partikolari tkun tingħata għall-ħtieġa tal-protezzjoni minn effetti ta' ħsara ta' attivitajiet bħal ma huma t-tħaffir, tindif bil-gangmu, l-eskavazzjoni, ir-rimi tal-iskart, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni jew il-manteniment ta' stallazzjonijiet, pajpijiet u apparati oħrajn relatati ma attivitajiet bħal dawn;

(b) il-protezzjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali taż-żona u l-prevenzjoni ta' danni għall-*flora* u l-*fauna* ta' l-ambjent marittimu.

*Artikolu 146*

**Protezzjoni tal-ħajja umana**

Fir-rigward ta' l-attivitajiet fiż-żona, il-miżuri meħtieġa għandhom jittieħdu sabiex jassiguraw protezzjoni effettiva tal-ħajja umana. Għal dan il-għan l-Awtorità għandha tadotta regoli, regolamenti u proċeduri xierqa sabiex tissupplementa l-liġi internazzjonali kif inkorporata fit-trattati relevanti.

*Artikolu 147*

**L-akkommodazzjoni ta' l-attivitajiet fiż-żona u fl-ambjent marittimu**

1. L-attivitajiet fiż-żona għandhom jitwettqu b'attenzjoni xierqa għall-attivitajiet l-oħrajn fl-ambjent marittimu.

2. L-istallazzjonijiet użati fit-twettieq ta' l-attivitajiet fiż-żona għandhom ikunu suġġetti għal dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawk l-istallazzjonijiet għandhom ikunu mibnija, mqiegħda u mneħħija biss b'konformità ma din il-parti u suġġetti

għar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità. Avviż xieraq għandu jingħata dwar il-bini, t-tqegħid u t-tneħħija ta' stallazzjonijiet bħal dawk, u l-mezzi permanenti għall-għoti ta' twissija tal-preżenza tagħhom għandhom jinżammu f'qagħda tajba;

(b) stallazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux ikunu stabbiliti meta interferenza tista tinħoloq għall-użu ta' passaġġi marittimi rikonoxxuti li huma esenzali għan-navigazzjoni internazzjonali jew f'żoni ta' attività intensa tas-sajd;

(ċ) żoni ta' sigurtà għandhom ikunu stabbiliti madwar stallazzjonijiet bħal dawn b'marki xierqa sabiex jassiguraw is-sigurtà kemm tan-navigazzjoni u wkoll tal-istallazzjonijiet. Il-konfigurazzjoni u l-lokalità ta' żoni ta' sigurtà bħal dawn m'għandhiex tkun tali li tifforma ċirku li jimpedixxi l-aċċess legali għat-tbaħħir lejn żoni marittimi partikolari jew għal navigazzjoni matul passaġġi marittimi internazzjonali;

(d) stallazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu wżati esklusivament għal skopijiet paċifiċi;

(e) stallazzjonijiet bħal dawn ma jgawdux mill-istatus ta' gżejjer. Dawn m'għandhom l-ebda baħar territorjali tagħhom, u l-preżenza tagħhom ma taffetwax id-delimitazzjoni tal-baħar territorjali, taż-żona ekonomika esklussiva jew tas-sikka kontinentali.

3. L-attivitajiet l-oħrajn fl-ambjent marittimu għandhom jitwettqu b'attenzjoni xierqa għall-attivitajiet l-oħrajn fiż-żona.

*Artikolu 148*

**Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet fiż-żona ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw**

Il-parteċipazzjoni effettiva fl-attivitajiet fiż-żona ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw, għandhom ikunu mħeġġa kif speċifikament hemm provvediment dwar dan f'din il-parti, billi tingħata attenzjoni xierqa għall-interessi u l-ħtiġiet speċjali tagħhom, u partikolarment għall-ħtieġa speċjali tal-pajjiżi li m'għandhomx aċċess dirett lejn il-baħar u ġeografikament żvantaġġati fost dawk sabiex jirkbu l-ostakoli li joriġinaw mil-lokalità żvantaġġata tagħhom, inkluża l-lokalità mbiegħda miż-żona u d-diffikultà ta' l-aċċess tagħha jew minnha.

*Artikolu 149*

**Oġġetti arkeoloġiċi u storiċi**

L-oġġetti kollha ta' natura arkeoloġika u storika misjuba fiż-żona għandhom ikunu ppreservati jew disposti għall-benefiċċju ta' l-umanità kollha kemm hi, partikolarment attenzjoni tingħata għad-drittijiet preferenzali ta' l-Istat jew tal-pajjiż ta' l-oriġini, jew ta' l-Istat ta' l-oriġini kulturali, jew ta' l-Istat ta' l-oriġini storika jew arkeoloġika.

SEZZJONI 3

**L-IŻVILUPP TAR-RIŻORSI TAL-BAĦAR**

*Artikolu 150*

**Strateġiji li jirrigwardaw l-attivitajiet fiż-żona**

L-attivitajiet fiż-żona għandhom, kif speċifikament hemm provvediment dwar dan f'din il-parti, ikunu mwettqa b'tali manjiera hekk li jheġġu l-iżvilupp ta' l-ekonomija tad-dinja u t-tkabbir ibbilanċjat tal-kummerċ internazzjonali, u sabiex iheġġu l-koperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp globali fil-pajjiżi kollha, speċjalment ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw, u bil-għan li jassiguraw:

(a) l-iżvilupp tar-riżorsi taż-żona;

(b) l-amministrazzjoni galbata, sigura u razzjonali tar-riżorsi taż-żona, inkluża l-kondotta effiċjenti ta' l-attivitajiet fiż-żona u, b'konformità ma prinċipji sodi tal-konservazzjoni, l-evitar ta' ħela żejda;

(ċ) l-espanzjoni ta' l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni f'dawk l-attivitajiet li huma konsistenti partikolarment ma l-Artikoli 144 u 148;

(d) il-parteċipazzjoni f'introjti mill-Awtorità u t-trasferiment ta' teknoloġija lill-impriżi u l-Istati li għadhom jizviluppaw kif hemm provvediment dwar dan f'din il-Konvenzjoni;

(e) żieda fid-disponibilità tal-minerali derivati miż-żona kif meħtieġ b'konnessjoni mal-minerali derivati minn sorsi oħrajn, sabiex jassiguraw fornimenti lill-konsumaturi ta' minerali bħal dawn;

(f) it-tħeġġiġ ta' prezzijiet remunerattivi ġusti u stabbli għall-produtturi u ġusti għall-konsumaturi għall-minerali akkwistati miż-żona u minn sorsi oħrajn, u t-tħeġġiġ ta' ekwilibriju f'terminu fit-tul bejn il-forniment u t-talba;

(g) it-tisħieħ ta' l-opportunitajiet għall-Istati Partijiet kollha, irrispettivament mis-sistemi soċjali w ekonomiċi tagħhom jew tal-lokalità ġeografika, li jipparteċipaw fl-iżvilupp tar-riżorsi taż-żona u fil-prevenzjoni tal-monopolizzazzjoni ta' l-attivitajiet fiż-żona;

(h) il-protezzjoni ta' pajjiżi li għadhom jiżviluppaw, minn effetti ħżiena fuq l-ekonomiji tagħhom jew mil-qliegħ mill-esportazzjoni li jirriżultaw mit-tnaqqis fil-prezz tal-minerali affetwati, jew fil-volum ta' l-esportazzjoni ta' dak il-mineral, sal-limitu li tnaqqis bħal dak ikun ikkawżat minn attivitajiet fiż-żona, kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 151;

(i) l-iżvilupp tal-wirt komuni għall-benefiċċju ta' l-umanità kollha kemm hija; u

(j) il-kondizzjonijiet għall-aċċess tas-swieq għall-importazzjoni ta' minerali prodotti minn riżorsi taż-żona u għall-importazzjoni tal-merkanzija essenzjali prodotta minn minerali bħal dawk m'għandhomx ikunu aktar favorevoli milli minn dawk l-aktar favorevoli kif applikati għal-importazzjoni minn sorsi oħrajn.

*Artikolu 151*

**Strateġiji tal-produzzjoni**

1. (a) Mingħajr preġudizzju għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 150 għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tas-subparagrafu (h) ta' dak l-Artikolu, l-Awtorità, li taġixxi permezz tal-*fora* eżistenti jew ta' l-arranġamenti ġodda jew ta' ftehim skond ma jista jkun xieraq, li fihom il-partijiet interessati kollha, inklużi kemm il-produtturi u l-konsumaturi, jipparteċipaw, għandha tieħu l-miżuri xierqa ħalli theġġeġ it-tkabbir, l-effiċċjenza u l-istabbilità tas-swieq għal dik il-merkanzija essenzjali prodotta mill-minerali akkwistati miż-żona, fi prezzijiet remunerattivi għall-produtturi u ġusti għall-konsumaturi. L-Istati Partijiet kollha għandhom jikkoperaw għal dan il-għan.

(b) L-Awtorità għandha jkollha d-dritt li tipparteċipa fi kwalunkwe konferenza rigward merkanzija essenzjali li titratta mal-merkanzija essenzjali u li fiha l-partijiet interessati kollha, inklużi kemm il-produtturi u l-konsumaturi, jipparteċipaw. L-Awtorità għandha jkollha d-dritt li ssir parti minn xi arranġament jew ftehim li jirriżulta minn konferenzi bħal dawn. Il-parteċipazzjoni ta' l-Awtorità f'dawk l-organi stabbiliti permezz ta' dawk l-arranġamenti jew ftehim għandha tkun fir-rigward tal-produzzjoni fiż-żona u b'konformità mar-regoli relevanti ta' dawk l-organi.

(ċ) L-Awtorità għandha twettaq l-obligazzjonijiet tagħha permezz ta' l-arranġamenti jew tal-ftehim msemmija f'dan il-paragrafu f'manjiera li tassigura implimentazzjoni uniformi u mhux diskriminatorja fir-rigward tal-produzzjoni kollha fiż-żona tal-minerali kkonċernati. Meta tagħmel hekk, l-Awtorità għandha taġixxi b'manjiera konsistenti mat-termini tal-kuntratti eżistenti u l-approvazzjoni tal-pjanijiet tax-xogħol ta' l-impriża.

2. (a) Matul perjodu transitorju kif speċifikat fil-paragrafu 3, il-produzzjoni kummerċjali m'għan-dhiex tinbeda bis-saħħa ta' pjan ta' xogħol approvat sakemm l-operatur ikun applika għal u jkun ġie mogħti l-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni mill-Awtorità. Awtorizzazzjoni tal-produzzjoni bħal dawn ma jistax ikun hemm applikazzjoni dwarhom jew inkellha jkunu maħruġa għal aktar minn ħames snin tal-bidu ppjanat tal-produzzjoni kummerċjali permezz tal-pjan tax-xogħol sakemm, wara li tkun tqieset in-natura u l-programm taż-żmien tal-proġett ta' l-iżvilupp, tar-regoli, tar-regolamenti u tal-proċeduri li l-Awtorità tippreskrivi perjodu ieħor.

(b) Fl-applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni, l-operatur għandu jispeċifika l-kwantità annwali tan-nikil mistenni li jkun irkuprat permezz tal-pjan ta' xogħol approvat. L-applikazzjoni għandha tinkludi skeda ta' spejjeż li għandhom isiru mill-operatur wara li jkun irċieva l-awtorizzazzjoni li raġonevolment hija kkalkolata li tippermettilu li jibda bil-produzzjoni fid-data ppjanata.

(ċ) Għall-iskopijiet tas-subparagrafi (a) u (b), l-Awtorità għandha tistabbilixxi ħtiġiet xierqa tat-twettieq b'konformità ma' l-Anness III, l-Artikolu 17.

(d) L-Awtorità għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni għal-livell tal-produzzjoni li tkun saret applikazzjoni dwarha sakemm is-somma ta' dak il-livell jew tal-livelli diġa awtorizzati teċċedi l-limitu massimu tal-produzzjoni tan-nikil, ikkalkolat bis-saħħa tal-paragrafu 4 fis-sena tal-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni, matul xi sena tal-produzzjoni ppjanata li tidħol f'dak il-perjodu transitorju.

(e) Meta maħruġa, l-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni u l-applikazzjoni approvata għandhom isiru parti mil-pjan ta' xogħol approvat.

(f) Jekk l-applikazzjoni ta' l-operatur għall-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni hija miċħudha permezz tas-subparagrafu (d), l-operatur jista japplika mil-ġdid fi kwalunkwe żmien lejn l-Awtorità.

3. Il-perjodu transitorju għandu jibda ħames snin qabel l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha il-produzzjoni kummerċjali l-aktar kmieni hija ppjanata li tibda permezz tal-pjan ta' xogħol approvat. Jekk il-produzzjoni kummerċjali l-aktar kmieni tkun imdewma lil hinn mis-sena ppjanata, il-bidu tal-perjodu transitorju u l-livell massimu tal-produzzjoni oriġinalment ikkalkolata għandu jkun aġġustat kif xieraq. Il-perjodu transitorju għandu jkun ta' 25 sena jew sat-tmiem ta' l-ewwel Konferenza ta' reviżjoni msemmija fl-Artikolu 155 jew sal-jum meta l-arranġamenti jew tal-ftehim ġodda bħal dawn kif msemmija fil-paragrafu 1 jidħlu fis-seħħ, liema minnhom ikun l-aktar kmieni. L-Awtorità għandha terġa tieħu l-poter li hemm provvediment dwaru f'dan l-Artikolu għall-kumplament tal-perjodu transitorju jekk l-imsemmija arranġamenti jew ftehim jeskadu jew isiru ineffettivi independentament minn x'hiex tkun ir-raġuni.

4. (a) il-limitu massimu tal-produzzjoni fi kwalunkwe sena tal-perjodu transitorju għandha tkun is-somma ta':

(i) id-differenza bejn it-tendenza tal-linji tal-valuri għall-konsum tan-nikel, kif ikkalkolat permezz tas-subparagrafu(b), għas-sena immedjatament preċedenti

tas-sena tal-produzzjoni kummerċjali l-aktar kmieni u tas-sena immedjatament preċedenti tal-bidu tal-perjodu transitorju; u

(ii) 60 % tad-differenza bejn it-tendenza tal-linja tal-valuri tal-konsum tan-nikil, ikkalkolata permezz tas-subparagrafu (b), għas-sena li dwarha l-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni li tkun saret applikazzjoni dwarha u għas-sena immedjatament qabel is-sena tal-produzzjoni kummerċjali l-aktar kmieni.

(b) Għall-iskopijiet tas-subparagrafu (a):

(i) it-tendenza tal-linji tal-valuri wżati għall-kalkolazzjoni tal-limitu massimu tal-produzzjoni tan-nikil għandhom ikunu dawk tal-valuri tal-konsum annwali tan-nikil fuq it-tendenza tal-linja kkalkolata matul is-sena li fiha tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni. It-tendenza tal-linja għandha tkun akkwistata minn regressjoni linearja tal-logaritmi tal-konsum attwali tan-nikil għall-perjodu ta' 15 il-sena l-aktar reċenti li dwaru l-informazzjoni bħal dik hija disponibbli, iż-żmien ikunu il-varjabli independenti. Din it-tendenza ta' linji għandha tkun msemmija rigward it-tendenza tal-linja oriġinali;

(ii) jekk ir-rata annwali taż-żieda fit-tendenza oriġinali tal-linja tkun anqas minn 3 %, allura t-tendenza tal-linja wżata sabiex ikunu ddterminati l-kwanitajiet msemmija fis-subparagrafu (a) għandha minflok tkun dik li tgħaddi mit-tendenza oriġinali tal-linja tal-valur ta' l-ewwel sena tal-perjodu ta' 15 il-sena relevanti, u li tiżdied bi 3 % kull sena; basta b'dana kollu li l-limitu massimu tal-produzzjoni stabbilita għal xi sena tal-perjodu transitorju ma tkunx fi kwalunkwe każ teċċedi d-differenza bejn it-tendenza oriġinali tal-linja tal-valur għal dik is-sena u t-tendenza oriġinali tal-linja tal-valur għas-sena immedjatament preċedenti tal-bidu tal-perjodu transitorju.

5. L-Awtorità għandha tirriserva għall-impriża għall-produzzjoni inizjali tagħha kwanitità ta' 38 000 tunnellata ta' nikil mill-produzzjoni disponibbli tal-limitu massimu ikkalkolat bis-saħħa tal-paragrafu 4.

6. (a) Operatur jista fi kwalunkwe sena jipproduċi anqas minn jew sa 8 % aktar mil-livell annwali tal-produzzjoni tal-minerali min-noduli polimetalliċi speċifikati fl-awtorizzazzjoni tiegħu tal-produzzjoni, basta li l-ammont globali tal-produzzjoni m'għandux jeċċedi dak speċifikat fl-awtorizzazzjoni. Xi eċċess ta' aktar minn 8 % u sa 20 % f'xi sena waħda, jew xi eċċess fl-ewwel u fis-snin sussegwenti li jsegwu sentejn konsekuttivi li fihom iseħħ l-eċċess, għandhom ikunu nnegozzjati ma l-Awtorità, li tista tkun teħtieġ li l-operatur jakkwista awtorizzazzjoni supplementari tal-produzzjoni sbiex ikopri l-produzzjoni addizzjonali.

(b) Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet tal-produzzjoni supplementari għandhom ikunu meqjusa biss mill-Awtorità wara li l-applikazzjonijiet pendenti kollha mill-operaturi li jkunu għadhom ma rċevewx l-awtorizzazzjonijiet tal-produzzjoni tkun ittieħdet azzjoni dwarhom u qies xieraq ikun ittieħed ta' applikanti possibbli oħrajn. L-Awtorità għandha tkun iggwidata bil-prinċipju li ma teċċedix il-produzzjoni totali permissibbli permezz tal-limitu massimu tal-produzzjoni matul xi sena waħda tal-perjodu transitorju. Hi m'għandhiex tawtorizza l-produzzjoni permezz ta' xi pjan ta' xogħol ta' kwantità b'eċċess ta' 46 500 tunnellati ta' nikil għal kull sena.

7. Il-livelli tal-produzzjoni ta' metalli oħrajn bħal ma huma r-ramm, il-kobalt u l-manganiż estratti min-noduli polimetalliċi li huma rkuprati permezz ta' l-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni m'għandhomx ikunu aktar minn dawk li kienu jkunu prodotti kieku l-operatur kien ipproduċa l-livell massimu ta' nikil minn dawk in-noduli bis-saħħa ta' dan l-Artikolu. L-Awtorità għandha tistabbilixxi r-regoli, r-regolamenti u l-proċedura bis-saħħa ta' l-Anness III, l-Artikolu 17, sabiex timplementa dan il-paragrafu.

8. Id-drittijiet u l-obligazzjonijiet li jirrigwardaw il-prattiċi ta' l-ekonomija inġusta permezz tal-ftehim relevani multilaterali tal-kummerċ għandhom ikunu applikabbli dwar l-esplorazzjoni għal u l-esplojtazzjoni ta' minerali miż-żona. Fit-twettieq ta' kwistjonijiet li jinqalgħu permezz ta' din id-disposizzjoni, l-Istati Partijiet li huma partijiet għal ftehim multilaterali bħal dawn tal-kummerċ għandhom ikollhom rikors għall-proċeduri tat-twettieq ta' kwistjonijiet ta' ftehim bħal dawn.

9. L-Awtorità għandha jkollha l-poter li tillimita l-livell tal-produzzjoni tal-minerali miż-żona, apparti milli l-minerali min-noduli polimetalliċi, permezz ta' dawk il-kondizzjonijiet u tapplika dawk il-metodi skond ma jkun xieraq bl-adozzjoni tar-regolamenti b'konformità ma l-Artikolu 161(8).

10. Fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill fuq il-bażi ta' parir mill-Kummissjoni ta' l-Ippjanar Ekonomiku, l-Assemblea għandha tistabbilixxi sistema ta' kumpens jew li tieħu miżuri oħrajn ta' aġġustament ta' għajnuna ekonomika, inkluża l-koperazzjoni ma l-aġenziji speċjalizzati u ma l-organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn sabiex tgħin lill-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw li jbagħtu minn effetti ħżiena serji fuq il-qliegħ tagħhom mill-esportazzjoni jew minn ekonomiji li jirriżultaw minn tnaqqis fil-prezz tal-mineral affettwat jew fil-volum ta' l-esportazzjoni ta' dak il-mineral, sal-limitu li tnaqqis bħal dak ikun ikkaġunat mill-attivitajiet fiż-żona. L-Awtorità wara talba għandha tibda studji dwar il-problemi ta' dawk l-Istati li pjuttost li x'aktarx ikunu l-aktar affettwati serjament bil-għan li tnaqqas id-diffikultajiet tagħhom u tgħinhom fl-aġġustament ekonomiku tagħhom.

*Artikolu 152*

**L-eżerċitar tal-poteri u tal-funzjonijiet ta' l-Awtorità**

1. L-Awtorità għandha tevita d-diskriminazzjoni fl-eżerċitar tal-poteri u l-funzjonijiet tagħha, inkluż l-għoti ta' l-opportunitajiet għall-attivitajiet fiż-żona.

2. B'dana kollu, kunsiderazzjoni speċjali għal Stati li għadhom jiżviluppaw, inklużi l-kunsiderazzjoni għal dawk fosthom li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar u dawk ġeografikament żvantaġġati, li speċifikament hemm provvediment dwarhom f'din il-parti, għandha tkun permissibbli.

*Artikolu 153*

**Is-sistema ta' l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni**

1. Attivitajiet fiż-żona għandhom ikunu organizzati, mwettqa u kkontrollati mil-Awtorità għall-benefiċċju ta' l-umanità kollha b'konformità ma' dan l-Artikolu kif ukoll mad-disposizzjonijiet l-oħrajn relevanti ta' din il-parti u l-Annessi relevanti, u mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità.

2. L-attivitajiet fiż-żona għandhom ikunu mwettqa kif preskritt fil-paragrafu 3:

(a) mill-impriża, u

(b) b'assoċċjazzjoni ma l-Awtorità mill-Istati Partijiet, jew l-impriżi ta' l-Istat jew minn persuni naturali jew ġuridiċi li jkollhom in-nazzjonalità ta' l-Istati Partijiet jew li huma effettivament ikkontrollati minnhom jew miċ-ċittadini tagħhom, meta sponsorjati minn Stati bħal dawn, jew minn grupp ta' dawn l-imsemmija, li jilħqu l-ħtiġiet li hemm provvediment dwarhom f'din il-parti u fl-Anness III.

3. Attivitajiet fiż-żona għandhom ikunu mwettqa b'konformità ma pjan tax-xogħol, formali u bil-miktub, imħejji b'konformità ma l-Anness III u approvat mill-Kunsill wara reviżjoni mill-Kummissjoni Legali u Teknika. Fil-każ ta' l-attivitajiet fiż-żona mwettqa kif awtorizzati mill-Awtorità mill-entitajiet speċifikati fil-paragrafu 2(b), il-pjan tax-xogħol għandu, b'konformità ma l-Anness III, l-Artikolu 3, ikun fil-għamla ta' kuntratt. Kuntratti bħal dawn jistgħu jipprovdu għall-arranġamenti konġunti b'konformità ma' l-Anness III, l-Artikolu 11.

4. L-Awtorità għandha teżerċita l-kontroll bħal dan fuq l-attivitajiet fiż-żona skond ma jkun meħtieġ għall-iskop li tassigura l-konformità mad-disposizzjonijiet relevanti ta' din il-part u ma l-Annessi relatati magħhom, u mar-regoli u r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, u l-pjanijiet tax-xogħol kif approvati b'konformità mal-paragrafu 3. L-Istati Partijiet għandhom jgħinu lill-Awtorità billi jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw konformità bħal din bi qbil ma l-Artikolu 139.

5. L-Awtorità għandha jkollha d-dritt li fi kwalunkwe żmien tieħu kwalunkwe mill-miżuri li hemm provvediment dwarhom permezz ta' din il-parti sabiex tassigura konformità mad-disposizzjonijiet tagħha u ma l-eżerċitar tal-kontroll u tar-regolazzjoni assenjata lilha permezz ta' dawn jew permezz ta' xi kuntratt. L-Awtorità għandha jkollha d-dritt li twettaq spezzjonijiet fuq l-istallazzjonijiet kollha fiż-żona li huma wżati b'konnessjoni ma l-attivitajiet fiż-żona.

6. Kuntratt permezz tal-paragrafu 3 għandu jipprovdi għas-sigurtà tat-titlu. Għalhekk, il-kuntratt m'għandux ikun revedut, sospiż jew itterminat apparti milli b'konformità ma l-Anness III, l-Artikoli 18 u 19.

*Artikolu 154*

**Reviżjoni perjodika**

Darba kull ħames snin mid-dħul b'effett ta' din il-Konvenzjoni, l-Assemblea għandha twettaq reviżjoni ġenerali u sistematika tal-manjiera li biha r-reġim internazzjonali fiż-żona kif stabbilit f'din il-Konvenzjoni jkun opera fil-prattika. Fid-dawl ta' din ir-reviżjoni, l-Assemblea tista tieħu, jew tirakkommanda li l-organi tagħha jieħdu, l-miżuri b'konformità mad-disposizzjonijiet u l-proċeduri ta' din il-parti u ma ta' l-Annessi li jirrigwardawhom, li għandhom iwasslu għal titjib fl-operazzjoni tar-reġim.

*Artikolu 155*

**Il-Konferenza tar-reviżjoni**

1. Ħmistax il-sena mill-1 ta' Jannar tas-sena li fiha il-produzzjoni kummerċjali l-aktar kmieni tkun bdiet permezz tal-pjan tax-xogħol approvat, l-Assemblea għandha ssejjaħ konferenza dwar ir-reviżjoni ta' dawk id-disposizzjonijiet ta' din il-parti u l-Annessi relevanti li jirregolaw is-sistema ta' l-esplorazzjoni tar-riżorsi ta' dik iż-żona. Il-Konferenza tar-Reviżjoni għandha tikkunsidra fid-dettall, fid-dawl ta' l-esperjenza akkwistata matul dak il-perjodu:

(a) jekk id-disposizzjonijiet ta' din il-parti li tirregola s-sistema ta' l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi taż-żona jkunux laħqu l-għanijiet tagħhom fl-aspetti kollha, inklużi jekk dawn ikunux ta' benefiċċju għall-umanità kollha;

(b) jekk, matul il-perjodu ta' 15 il-sena, iż-żoni reservati jkunux ġew esplojtati f'manjiera effettiva u bbilanċjata meta mqabbla ma żoni mhux reservati;

(ċ) jekk l-iżvilupp u l-użu taż-żona u r-riżorsi tagħha jkunu seħħu b'tali mod hekk li jħeġġu żvilupp utili ta' l-ekonomija dinjija u tkabbir ibbilanċjat tal-kummerċ internazzjonali;

(d) jekk il-monopolizzazzjoni ta' l-attivitajiet fiż-żona jkunux ġew prevenuti;

(e) jekk l-istrateġiji stabbiliti fl-Artikoli 150 u 151 jkunux ġew imwettqa; u

(f) jekk is-sistema tkunx irriżultat fis-sehem ekwitabbli tal-benefiċċji akkwistati mill-attivitajiet fiż-żona, billi tittieħed kunsiderazzjoni partikolari ta' l-interessi u l-ħtiġiet ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw.

2. Il-Konferenza tar-reviżjoni għandha tassigura żżamma tal-prinċipju ta' l-eredità komuni ta' l-umanità, ir-reġim internazzjonali iddisinjat sabiex jassigura esplojtazzjoni ekwitabbli tar-riżorsi taż-żona għall-benefiċċju tal-pajjiżi kollha, speċjalment l-Istati li għadhom jiżviluppaw, u Awtorità li torganizza, twettaq u tikkontrolla l-attivitajiet fiż-żona. Din għandha wkoll tassigura ż-żamma tal-prinċipji stabbiliti f'din il-parti fir-rigward ta' l-esklużjoni tat-talbiet sabiex tkun eżerċitata s-sovranità fuq xi parti taż-żona, id-drittijiet ta' l-Istati u l-imġieba ġenerali b'relazzjoni maż-żona, u l-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet fiż-żona b'konformità ma din il-Konvenzjoni, il-prevenzjoni ta' monopolizzazzjoni ta' attivitajiet fiż-żona, l-użu taż-żona esklussivament għal skopijiet paċifiċi, l-aspetti ekonomiċi ta' l-attivitajiet fiż-żona, ir-riċerka xjentifika marittima, it-trasferiment tat-teknoloġija, il-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu, il-protezzjoni tal-ħajja umana, id-drittijiet ta' l-Istati kostali, l-istatus legali ta' l-ilmijiet supra-biswit taż-żona u dak ta' l-ispazju ta' l-arja fuq dawk l-ilmijiet u l-akkommodazzjoni bejn attivitajiet fiż-żona u attivitajiet oħrajn fl-ambjent marittimu.

3. Il-proċedura tat-teħid-tad-Deċisjonijiet applikabbli għall-Konferenza tar-Reviżjoni għandha tkun l-istess bħal dik applikabbli fit-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Il-Konferenza għandha tagħmel kull sfors sabiex tilħaq ftehim dwar l-emendi permezz ta' kunsens u m'għandu jkun hemm l-ebda votazzjoni fuq materji bħal dawn sakemm l-isforzi kollha sabiex jintlaħaq kunsens ikunu ġew eżawriti.

4. Jekk, ħames snin wara l-bidu tagħha, l-Konferenza tar-Reviżjoni tkun għadha ma laħqitx ftehim dwar is-sistema ta' l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi fiż-żona, din tista tiddeċiedi fit-12 il-xahar sussegwenti, b'maġġoranza ta' tlieta-minn-erba' ta' l-Istati Partijiet, li tadotta u tippreżenta lill-Istati Partijiet għar-rattifika jew l-adezjoni, dawk l-emendi li jibdlu jew jimmodifikaw is-sistema skond ma hi tiddetermina bħala meħtieġ u xieraq. Emendi bħal dawn għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Istati Partijiet kollha 12 il-xahar wara d-depożitu ta' l-istrumenti tar-ratifika jew ta' l-adezjoni minn tlieta-minn-erba' ta' l-Istati Partijiet.

5. Emendi adottati mill-Konferenza tar-Reviżjoni bis-saħħa ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jaffettwaw id-drittijiet akkwistati permezz tal-kuntratti eżistenti.

SEZZJONI 4

## L-AWTORITÀ

Subsezzjoni A

### *Dispożizzjonijiet ġenerali*

*Artikolu 156*

### L-istabbiliment ta' l-Awtorità

1. Hija b'dan stabbilita Awtorità Internazzjonali tal-Qiegħ-il-Baħar, li għandha tiffunzjona b'konformità ma din il-parti.

2. L-Istati Partijiet kollha huma *ipso facto* membri ta' l-Awtorità.

3. L-osservaturi tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar li jkunu ffirmaw l-Att Finali u li ma hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 305(1)(c), (d), (e) jew (f) għandhom ikollhom id-dritt li jipparteċipaw fl-Awtorità bħala osservaturi, b'konformità mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri tagħha.

4. Is-sede ta' l-Awtorità għandu jkun fil-Ġamajka.

5. L-Awtorità tista tisstabbilixxi dawk iċ-ċentri reġjonali jew uffiċċji bħal ma hija tħoss li jkun meħtieġ għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha.

*Artikolu 157*

### In-natura u l-prinċipji fundamentali ta' l-Awtorità

1. L-Awtorità hija l-organizzazzjoni li permezz tagħha l-Istati Partijiet għandhom, b'konformità ma din il-parti, jorganizzaw u jikkontrollaw l-attivitajiet fiż-żona, partikolarment bil-għan ta' l-amministrazzjoni tar-riżorsi taż-żona.

2. Il-poteri u l-funzjonijiet ta' l-Awtorità għandhom ikunu dawk espressament mogħtija lilha b'din il-Konvenzjoni. L-Awtorità għandha jkollha dawk il-poteri inċidentali, konsistenti ma din il-Konvenzjoni, hekk kif inhuma impliċiti fi u meħtieġa fl-eżerċitar ta' dawk il-poteri u l-funzjonijiet fir-rigward ta' l-attivitajiet fiż-żona.

3. L-Awtorità hija bbażata fuq il-prinċipji ta' sovranità ugwali għall-membi kollha tagħha.

4. Il-membri kollha ta' l-Awtorità għandhom iwettqu in *bona fede* l-obligazzjonijiet merfuha minnhom b'konformità ma din il-parti sabiex jassiguraw għal kollha kemm huma d-drittijiet u l-benefiċċji li jirriżultaw mis-sħubija.

*Artikolu 158*

**L-organi ta' l-Awtorità**

1. Huma b'dan stabbiliti, bħala organi ewlenija ta' l-Awtorità, Assemblea, Kunsill u Segretarjat.

2. Hija b'dan stabbilita impriża, l-organu li permezz tagħha l-Awtorità għandha twettaq il-funzjonijiet msemmija fl-Artikolu 170(1).

3. Organi sussidjarji bħal dawn skond ma jistgħu jinstabu li huma meħtieġa, jistgħu ikunu stabbiliti b'konformità ma din il-parti.

4. Kull organu ewlieni ta' l-Awtorità u l-impriża għandhom ikunu responsabbli għall-eżerċitar ta' dawk il-poteri u l-funzjonijiet li huma konferiti lilhom. Fl-eżerċitar ta' poteri u funzjonijiet bħal dawn kull organu għandu jevita li jieħu xi azzjoni li tista tkun ta' deroga mil, jew li timpedixxi l-eżerċitar tal-poteri u l-funzjonijiet speċifiċi konferiti fuq organu ieħor.

Subsezzjoni B

***L-Assemblea***

*Artikolu 159*

**Komposizzjoni, proċedura u votazzjoni**

1. L-Assemblea għandha tikkonsisti mill-membri kollha ta' l-Awtorità. Kul membru għandu jkollu rappreżentant wieħed fl-Assemblea, li jista jkun akkumpanjat b'alternattivi u kunsillieri.

2. L-Assemblea għandha tiltaqa' regolarment f'sessjoni annwali u f'dawk is-sessjonijiet skond ma jista jkun deċiż mill-Assemblea, jew meta jkun hemm komunikazzjoni dwar dan mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill jew ta' maġġoranza tal-membri ta' l-Awtorità.

3. Sessjonijiet għandhom jinżammu fis-sede ta' l-Awtorità sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Assemblea.

4. L-Assemblea għandha tadotta r-regoli tal-proċedura tagħha. Fil-bidu ta' kull sessjoni regolari, din għandha teleġġi l-President tagħha u dawk l-uffiċjali l-oħrajn skond ma jkun meħtieġ. Dawn għandhom iżommu l-uffiċċju sa kemm President u l-uffiċjali l-ġodda jkunu eletti fis-sezzjoni regolari li tkun tmiss.

5. Maġġoranza tal-membri ta' l-Assemblea għandhom jikkostitwixxu *quorum*.

6. Kull membru ta' l-Assemblea għandu jkollu vot wieħed.

7. Deċisjonijiet dwar kwistjonijiet ta' proċedura, inklużi Deċisjonijiet sabiex tkun imlaqqa sessjoni speċjali ta' l-Assemblea, għandhom jittieħdu mill-maġġoranza tal-membri preżenti u li jivvotaw.

8. Deċizjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' żewġ-terzi tal-membri preżenti u li jivvotaw, basta li maġġoranza bħal din tinkludi maġġoranza tal-membri li jipparteċipaw fis-sessjoni. Meta jqum il-punt dwar jekk kwistjoni tkunx waħda ta' sustanza jew le, dik il-kwistjoni għandha tkun ittrattata bħala waħda ta' sustanza sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Assemblea bil-maġġoranza meħtieġa dwar Deċisjonijiet fuq kwistjonijiet ta' sustanza.

9. Meta kwistjoni ta' sustanza titressaq għall-votazzjoni għall-ewwel darba, il-President jista, u għandu, jekk ikun mitlub b'mill-anqas wieħed minn ħamsa tal-membri ta' l-Assemblea, jiddifferixxi s-suġġett tat-teħid tal-vot dwar dik il-kwistjoni għal peridjou li ma jeċċedix ħamest ijiem kalendarji. Din ir-regola tista tkun applikata darba biss għal kull kwistjoni, u m'għandhiex tkun applikata hekk li tiddifferixxi l-kwistjoni lil hinn mit-tmiem tas-sessjoni.

10. Fuq talba bil-miktub indirizzata lill-President u sponsorjota b'mill-anqas wieħed minn erba tal-membri ta' l-Awtorità għal opinjoni konsultattiva dwar il-konformità ma din il-Konvenzjoni ta' proposta quddiem l-Assemblea dwar kwalunkwe materja, l-Assemblea għandha titlob lill-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar tat-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar li tagħti opinjoni konsultattiva dwar dan u għandha tiddifferixxi l-votazzjoni dwar dik il-proposta sakemm tasal l-opinjoni konsultattiva mill-Kamra. Jekk l-opinjoni konsultattiva ma tkunx waslet qabel l-aħħar ġimgħa tas-sessjoni li fiha tkun mitluba, l-Assemblea għandha tiddeċiedi meta hi għandha terġa tiltaqa' sabiex tivvota dwar il-proposta deferita.

*Artikolu 160*

**Poteri u funzjonijiet**

1. L-Assemblea, bħala l-organu uniku ta' l-Awtorità, li tikkonsisti mill-membri kollha, għandha tkun meqjusa bħala l-organu suprem ta' l-Awtorità li lejha l-organi ewlenija l-oħrajn għandhom ikunu responsabbli kif speċifikament hemm provvediment dwar dan f'din il-Konvenzjoni. L-Assemblea għandha l-poter li tistabbilixxi strateġiji ġenerali b'konformità mad-disposizzjonijiet relevanti ta' din il-Konvenzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni jew materja fi ħdan il-kompetenza ta' l-Awtorità.

2. B'żieda ma dan, il-poteri u l-funzjonijiet ta' l-Assemblea għandhom ikunu:

(a) li teleġġi l-membri tal-Kunsill bi qbil mal-Artikolu 161;

(b) li teleġġi s-Segretarju-Ġenerali minn fost il-kandidati pproponuti mill-Kunsill;

(ċ) li teleġġi, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill, il-membri tal-Board Regolatorju ta' l-impriża u d-Direttur-Ġenerali ta' l-impriża;

(d) li tistabbilixxi organi sussidjarji skond ma ssib li jkun meħtieġ għal-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha bi qbil ma din il-parti. Fil-komposizzjoni ta' dawn l-organi sussidjarji qies xieraq għandu jittieħed tal-prinċipju ta' distribuzzjoni ġeografika ekwitabbli u ta' l-interessi speċjali u tal-ħtieġa għal membri kwalifikati u kompetenti fil-kwistjonijiet tekniċi relevanti li għandhom ikunu ttrattati minn dawk l-organi;

(e) li tikkunsidra l-kontribuzzjonijiet tal-membri dwar il-budget amministrattiv ta' l-Awtorità b'konformità ma skala miftiehema ta' studju bbażat fuq l-iskala wżata għall-budget regolari tan-Nazzjonijiet Uniti sakemm l-Awtorità jkollha introjtu suffiċċjenti minn sorsi oħrajn sabiex tilħaq l-ispejjeż amministrattivi tagħha;

(f) (i) sabiex tikkunsidra u tapprova, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri dwar it-tqassim ekwitabbli tal-benefiċċji finanzjarji u ekonomiċi oħrajn li jirriżultaw mill-attivitajiet fiż-żona u l-pagamenti u l-kontribuzzjonijiet mwettqa permezz ta' l-Artikolu 82, billi tieħu kunsiderazzjoni partikolari ta' l-interessi u l-ħtiġiet ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw u tal-popli li għadhom ma laħqux indipendenza shiħa jew status ieħor ta' *self-government*. Jekk l-Assemblea ma tapprovax ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill, l-Assemblea għandha tmur lura lejn il-Kunsill għal kunsiderazzjoni mill-ġdid fiddawl ta' l-opinjonijiet espressi mill-Assemblea;

(ii) sabiex tikkunsidra u tapprova r-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, u xi emendi għalihom, proviżjonalment adottati mill-Kunsill permezz ta' l-Artikolu 162(2)(o)(*ii*). Dawn ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri għandhom ikunu marbuta mat-tfittix, l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni fiż-żona, l-amministrazzjoni finanzjarja u l-amministrazzjoni nterna ta' l-Awtorità, u, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Board Regolatorju ta' l-impriża, dwar it-trasferiment ta' fondi mill-impriza lejn l-Awtorità;

(g) li tiddeċiedi dwar it-tqassim ekwitabbli tal-benefiċċji finanzjarji u ekonomiċi oħrajn akkwistati mill-attivitajiet fiż-żona li huma konsistenti ma din il-Konvenzjoni u mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità;

(h) li tikkunsidra u tapprova il-*budget* annwali propost ta' l-Awtorità kif ippreżentat mill-Kunsill;

(i) li teżamina perjodikament rapporti mill-Kunsill u mill-impriża u rapporti speċjali mitluba mill-Kunsill jew minn għand xi organu ieħor ta' l-Assemblea;

(j) li tagħti bidu għal studji u li tagħmel rakkommandazzjonijiet għall-iskop tat-tħeġġiġ ta' koperazzjoni internazzjonali li tikkonċerna l-attivitajiet fiż-żona u tinkoraġġixxi l-iżvilupp progressiv ta' liġi internazzjonali li hija relatata ma dawn u dwar il-kodifika tagħha;

(k) li tikkunsidra kwistjonijiet ta' natura ġenerali b'konnessjoni ma l-attivitajiet fiż-żona li joriġinaw partikolarment għal Stati li għadhom jiżviluppaw, kif ukoll dawk il-problemi għall-Istati b'konnessjoni ma l-attivitajiet fiż-żona li huma dovuti minħabba l-lokalità ġeografika tagħhom, partikolarment għall-Istati li m'għandhomx aċċess dirett lejn il-baħar u dawk li huma ġeografikament żvantaġġati;

(l) li tistabbilixxi, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill, fuq il-bażi ta' parir lill-Kummissjoni għall-Ippjanar Ekonomiku, sistema ta' kumpens u miżuri oħrajn ta' għajnuna għall-aġġustament ekonomiku kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 151(10);

(m) li tissospendi d-drittijiet u l-privileġġi tas-sħubija bis-saħħa ta' l-Artikoli 185;

(n) li tiddiskuti kwalunkwe kwistjoni jew materja fil-kompetenza ta' l-Awtorità u li tiddeċiedi liema organu ta' l-Awtorità għandu jittratta ma xi kwistjoni jew materja bħal din li ma tkunx speċifikament afdata lejn organu partikolari, konsistenti mad-distribuzzjoni tal-poteri u l-funzjonijiet fost l-organi ta' l-Awtorità.

Subsezzjoni C

***Il-Kunsill***

*Artikolu 161*

**Komposizzjoni, proċedura u votazzjoni**

1. Il-Kunsill għandu jikkonsisti minn 36 membru ta' l-Awtorità eletti mill-Assemblea b'din is-sekwenza li ġejja:

(a) erba' membri minn fost l-Istati Partijiet li, matul l-ewwel ħames snin li dwarhom l-istatistika hija disponibbli, kienu jew ikkunsmaw aktar minn 2 % tal-konsum dinji totali jew kellhom importazzjoni netta ta' aktar 2 % ta' l-importazzjoni dinjija totali tal-merkanzija utili prodotta mill-kategoriji ta' minerali li għandhom ikunu akkwistati miż-żona, u fil-każ ta' Stat wieħed mir-reġjun ta' l-Ewropa tal-Vant (Soċjalist), kif ukoll l-akbar konsumatur;

(b) erba membri minn fost it-tmien Stati Partijiet li jkollhom l-akbar investimenti fil-preparazzjoni għal, u fit-twettieq ta' l-attivitajiet fiż-żona, jew direttament, inkella miċ-ċittadini tagħhom, inkluż mill-anqas Stat wieħed mir-Reġjun ta' l-Ewropa ta' lvant (Soċjalist);

(ċ) erba' membri minn fost l-Istati Partijiet li fuq il-bażi ta' produzzjoni fiż-żoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom huma esportaturi netti maġġuri tal-kategoriji ta' minerali li għandhom ikunu miġbura miż-żona, inklużi mil-anqas żewġ Stati li għadhom jiżviluppaw li l-esportazzjoni tagħhom ta' minerali bħal dawk ikollhom effett sostanzjali fuq l-ekonomiji tagħhom;

(d) sitt membri minn fost l-Istati Partijiet li għadhom jiżvilupaw, li jirrapreżentaw interessi speċjali. L-interessi speċjali li għandhom ikunu rrappreżentati għandhom jinkludu dawk ta' l-Istati bl-akbar popolazzjonijiet, l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar jew li huma ġeografikament żvantaġġati, l-Istati li huma mportaturi maġġuri tal-kategoriji ta' minerali li għandhom ikunu akkwistat mill-baħar, l-Istati li huma produtturi potenżjali ta' minerali bħal dawk, u l-Istati li huma l-anqas żviluppati;

(e) 18 il-membru eletti skond il-prinċipju ta' l-assigurazzjoni tad-distrubuzzjoni ġeografika ekwitabbli tal-postijiet fil-Kunsill kollu kemm hu, basta li kull reġjun ġeografiku jkollu mill-anqas membru wieħed elett permezz ta' dan is-subparagrafu. Għal dan l-iskop, ir-reġjuni ġeografiċi għandhom ikunu l-Afrika, l-Asja, l-Ewropa tal-Vant (Soċjalista), l-Amerika Latina u l-Ewropa tal-Punent u Oħrajn.

2. Fl-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill b'konformità mal-paragrafu 1, l-Assemblea għandha tassigura li:

(a) Stati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar u l-Istati żvantaġġati huma rrappreżentati sa grad li huwa raġonevolment proporzjonali għar-rapreżentazzjoni tagħhom fl-Assemblea;

(b) l-Istati kostali, speċjalment l-Istati li għadhom jiżviluppaw, li ma jikkwalifikawx permezz tal-paragrafu 1 (a), (b), (ċ) jew (d) huma rrappreżentati sa grad li jkun raġonevolment proporzjonat mar-rapreżentazzjoni tagħhom fl-Assemblea;

(ċ) kull grupp ta' Stati Partijiet li għandu jkun rappreżentat fil-Kunsill ikun rappreżentat minn dawk il-membri, jekk ikun hemm, li huma nnominati minn dak il-grupp.

3. L-elezzjonijiet għandhom iseħħu fis-sezzjonijiet regolari ta' l-Assemblea. Kull membru tal-Kunsill għandu jkun elett għal erba' snin. Fl-ewwel elezzjoni, b'dana kollu, it-terminu ta' nofs il-membri ta' kull grupp msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' sentejn.

4. Il-membri tal-Kunsill għandhom ikunu eliġibbli għall-elezzjoni mill-ġdid, imma attenzjoni xierqa għandha tkun mogħtija dwar ix-xewqa tar-rotazzjoni tal-membri.

5. Il-Kunsill għandu jiffunzjona fis-sede ta' l-Awtorità, u għandu jiltaqa' ta' spiss hekk kif ix-xogħol ta' l-Awtorità jkun jeħtieġ, imma mhux anqas minn tlett darbiet fis-sena.

6. Maġġoranza tal-membri tal-Kunsill għandhom jikkostitwixxu *quorum*.

7. Kull membru tal-Kunsill għandu jkollu vot wieħed.

8. (a) Deċisjonijiet rigward kwistjonijiet ta' proċedura għandhom jittieħdu bil-maġġoranza tal-membri preżenti u li jivvotaw.

(b) Deċizjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza li jinħolqu permezz tad-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' żewġ-terzi tal-membri preżenti u li jivvotaw, basta li maġġoranza bħal din tinkludi maġġoranza tal-membri li jipparteċipaw fil-Kunsill. L-Artikolu 162(2) (f), (g), (h), (i), (n), (p) u (v); l-Artikolu 191.

(ċ) Deċizjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza li jinħolqu permezz tad-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' tlieta minn erba' tal-membri preżenti u li jivvotaw, basta li maġġoranza bħal din tinkludi maġġoranza tal-membri li jipparteċipaw fil-Kunsill: L-Artikolu 162(1); l-Artikolu 162(2) (a), (b), (ċ), (d), (e), (l), (q), (r), (s), (t) u (u) fil-każi ta' nuqqas ta' konformità minn kuntrattur jew sostenitur; l-Artikolu 162(2)(w) basta li ordnijiet mogħtija permezz tagħhom jistgħu jkunu jorbtu għal mhux aktar minn 30 jum jekk ma jkunux konfermati b'Deċisjoni meħudha bi qbil mas-subparagrafu (d); l-Artikolu 162(2)(x), (y) u (z); l-Artikolu 163(2); l-Artikolu 174(3); l-Anness IV, l-Artikolu 11.

(d) Deċisjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza li joriġinaw permezz tad-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom jittieħdu b'kunsens: l-Artikolu 162(2)(m) u (o); l-adozzjoni ta' l-emendi għall-Parti XI.

(e) Għall-iskopijiet tas-subparagrafi (d), (f) u (g), "kunsens" ifisser in-nuqqas ta' oġġezzjoni formali. Fi żmien 14 il-jum mill-preżentazzjoni ta' proposta lill-Kunsill, il-President tal-Kunsill għandu jiddetermina jekk ikunx hemm oġġezzjoni formali għall-adozzjoni tal-proposta. Jekk il-President jiddetermina li jkun hemm oġġezzjoni bħal din, il-President għandu jistabbilixxi u jsejjaħ, fi żmien tlett ijiem wara determinazzjoni bħal din, kumitat ta' konċilljazzjoni li jikkonsisti minn mhux aktar minn disa' membri tal-Kunsill, bil-President fis-sedja, għall-iskop tar-rikonċiljazzjoni tad-differenzi u li jipproduċi proposta li tista tkun adottata b'kunsens. Il-kumitat għandu jaħdem b'ċert ħeffa u jirraporta lejn il-Kunsill fi żmien 14 il-jum wara li jkun ġie stabbilit. Jekk il-Kumitat ma jkunx jista jirrakommanda proposta li tista tkun adottata b'kunsens, dan għandu jhejji rapport dwar il-bażi li minħabba fiha l-proposta kienet opposta.

(f) Deċisjonijiet dwar kwistjonijiet mhux elenkati hawn fuq li l-Kunsill huwa awtorizzat li jieħu permezz tar-regoli,

r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità jew mod ieħor għandhom jittieħdu permezz tas-subparagrafi ta' dan il-paragrafu speċifikati fir-regoli, r-regolament u l-proċeduri jew, jekk mhux speċifikati hemmhekk, allura permezz tas-subparagrafu ddeterminat mill-Kunsill jekk possibbli bil-quddiem, b'kunsens.

(g) Meta kwistjoni toriġina dwar jekk kwistjoni tkunx fi ħdan is-subparagrafu (a), (b), (ċ) jew (d), il-kwistjoni għandha tkun ittrattata bħala li hija fi ħdan is-subparagrafu li teħtieġ maġġoranza akbar jew l-għola maġġoranza jew kunsens skond ma jkun il-każ, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kunsill mill-imsemmija maġġoranza jew kunsens.

9. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi proċedura li biha membru ta' l-Awtorità li ma jkux rappreżentat fil-Kunsill jista jibgħat rappreżentant sabiex jattendi laqgħa tal-Kunsill meta talba ssir għal membru bħal dan, jew materja partikolari li taffettwah, jekk din tkun qiegħda tiġi kkunsidrata. Rapresentant bħal dan għandu jkun intitolat li jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet imma mhux li jivvota.

*Artikolu 162*

**Poteri u funzjonijiet**

1. Il-Kunsill huwa l-organu eżekuttiv ta' l-Awtorità. Il-Kunsill għandu jkollu l-poter li jistabbilixxi, b'konformità ma din il-Konvenzjoni u ma' l-istrateġiji ġenerali stabbiliti mill-Assemblea, strateġiji speċifiċi li għandhom ikunu segwiti mill-Awtorità dwar kwalunkwe kwistjoni jew materja fi ħdan il-kompetenza ta' l-Awtorità.

2. B'żieda ma dan, il-Kunsill għandu:

(a) iwettaq is-superviżjoni u jikkordina l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din il-parti dwar il-kwistjonijiet u l-materji kollha fi ħdan il-kompetenza ta' l-Awtorità u jistieden l-attenzjoni ta' l-Assemblea dwar każi ta' nuqqas ta' konformità;

(b) jipproponi lill-Assemblea lista ta' kandidati għall-elezzjoni tas-Segretarju-Ġenerali;

(ċ) jirrakkomanda lill-Assemblea, il-kandidati għall-elezzjoni tal-membri tal-Board Regolatorju ta' l-impriża u d-Direttur-Ġenerali ta' l-impriża;

(d) jistabbilixxi, kif xieraq, b'attenzjoni xierqa rigward l-ekonomija u l-effiċċjenza. organi sussidjarji bħal dawn skond ma jsib li jkun meħtieġ għal-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu bi qbil ma din il-parti. Fil-komposizzjoni ta' dawn l-organi sussidjarji, enfasi għandha tingħata dwar il-ħtieġa għal membri kwalifikati u kompetenti fil-kwistjonijiet tekniċi relevanti li għandhom ikunu ttrattati minn dawk l-organi, basta li qies xieraq għandu jittieħed dwar il-prinċipju tad-distribuzzjoni ġeografika ekwitabbli u ta' l-interessi speċjali;

(e) jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu inkluż il-metodu għall-għażla tal-president tiegħu;

(f) jidħol fi ftehim man-Nazzjonijiet Uniti u ma l-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħrajn f'isem l-Awtorità u fil-kompetenza tiegħu, suġġett għall-approvazzjoni mill-Assemblea;

(g) jikkonsidra r-rapporti mill-impriża u jittrasmettihom lejn l-Assemblea bir-rakkommandazzjonijiet tiegħu;

(h) jippreżenta lill-Assemblea rapporti annwali u dawk ir-rapporti hekk kif l-Assemblea tista titlob;

(i) joħroġ direttivi lill-impriża bi qbil ma' l-Artikolu 170;

(j) japprova pjanijiet tax-xogħol b'konformità ma' l-Anness III, l-Artikolu 6. Il-Kunsill għandu jaġixxi dwar kull pjan ta' xogħol fi żmien 60 jum mill-preżentazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni Legali u Teknika fis-sessjoni tal-Kunsill skond il-proċeduri li ġejjin:

(i) jekk il-Kummissjoni tirrakkomanda l-approvazzjoni ta' pjan ta' xogħol, din għandha tkun meqjusa bħala li tkun ġiet approvata mill-Kunsill jekk l-ebda membru tal-Kunsill ma jkun ippreżenta bil-miktub lill-President fi żmien 14 il-jum oġġezzjoni speċifika li tallega nuqqas ta' konformità mal-ħtiġiet ta' l-Anness III, l-Artikolu 6. Jekk ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni, il-proċedura ta' konċilljazzjoni stabbilita fl-Artikolu 161(8)(e), għandha tkun tapplika. Jekk, fit-tmiem tal-proċedura tal-konċiljazzjoni, jibqa jkun hemm insistenza tal-oġġezzjoni, il-pjan tax-xogħol għandu jkun meqjus li kien ġie approvat mill-Kunsill sakemm il-Kunsill juri d-disapprovazzjoni tiegħu b'kunsens fost il-membri tiegħu, esklużi xi Stat jew Stati li jkunu ressqu applikazzjoni jew li jkunu sostenituri ta' l-applikant;

(ii) jekk il-Kummissjoni tirrakkomanda d-disapprovazzjoni ta' pjan ta' xogħol jew jekk ma tagħmel l-ebda rakkommandazzjoni, il-Kunsill jista japprova l-pjan tax-xogħol b'maġġoranza ta' tlieta-minn-erba' tal-membri preżenti u li jivvotaw, basta li maġġoranza bħal dik tinkludi l-membri li jipparteċipaw fis-sessjoni;

(k) japprova l-pjanijiet tax-xogħol ippreżentati mill-impriża bi qbil ma l-Anness IV, l-Artikolu 12, japplikaw, *mutatis mutandis*, il-proċeduri stabbiliti fis-subparagrafu (j);

(l) jeżerċita kontroll fuq l-attivitajiet fiż-żona bi qbil ma l-Artikolu 153(4), u mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità;

(m) jieħu, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-Ippjanar Ekonomiku, il-miżuri meħtieġa u xierqa b'konformità ma l-Artikolu 150(h), li tipprovdi protezzjoni minn effetti ekonomiċi ħżiena speċifikati hemmhekk;

(n) li tgħamel rakkommandazzjonijiet lill-Assemblea, fuq il-bażi ta' parir mill-Kummissjoni għall-Ippjanar Ekonomiku, għal sistema ta' kumpens u miżuri oħrajn ta' għajnuna għal aġġustament ekonomiku kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 151(10);

(o) (i) li jirrakkomanda lill-Assemblea ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri dwar it-tqassim ekwitabbli tal-benefiċji finanzjarji u ekonomiċi oħrajn li jirriżultaw mill-attivitajiet fiż-żona u l-pagamenti u l-kontribuzzjonijiet mwettqa permezz ta' l-Artikolu 82, billi jieħu kunsiderazzjoni partikolari ta' l-interessi u l-ħtiġiet ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw u tal-popli li għadhom ma laħqux indipendenza sħiħa jew status ieħor ta' *self-government*;

(ii) jadotta u japplika proviżjonalment, sakemm ikun hemm l-approvazzjoni mill-Assemblea, ir-regoli, r-regolamenti u l-proċedura ta' l-Awtorità, u xi emendi għalihom, billi jkunu meqjusa r-rakkommandazzjonijiet tal-Kummissjoni Legal u Teknika jew tal-organu subordinat ikkonċernat. Dawn ir-regoli, regolamenti u proċeduri għandhom jirrigwardaw it-tfittix, l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni fiż-żona u l-amministrazzjoni finanzjarja u l-amministrazzjoni nterna ta' l-Awtorità. Priorità għandha tingħata għall-adozzjoni tar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri għall-esplorazzjoni għal, u għall-esplojtazzjoni ta' noduli polimetalliċi. Ir-regoli, ir-regolamenti jew il-proċeduri għall-esplorazzjoni għal u l-esplojtazzjoni ta' xi riżorsi apparti milli noduli polimetalliċi għandhom ikunu adottati fi żmien tlett snin mid-data ta' talba ta' l-Awtorità minn uħud mill-membri tagħha li jadottaw dawk ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri fir-rigward ta' riżorsa bħal din. Ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri kollha għandhom jibqgħu effettivi fuq bażi proviżjonali sakemm approvati mill-Assemblea jew sakemm emendati mill-Kunsill fid-dawl ta' xi opinjonijiet espressi mill-Assemblea;

(p) jirrevedi l-ġbir tal-pagamenti kollha li għandhom isiru minn jew lill-Awtorità b'konnessjoni ma l-operazzjonijiet permezz ta' din il-parti:

(q) li jagħmel għażla minn fost l-applikanti għall-awtorizzazzjonijiet tal-produzzjoni permezz ta' l-Anness III, l-Artikolu 7, meta għażla bħal din hija meħtieġa b'dik id-disposizzjoni;

(r) jippreżenta l-*budget* annwali propost ta' l-Awtorità quddiem l-Assemblea għall-approvazzjoni tagħha;

(s) jagħmel rakkommandazzjoni lill-Assemblea li tikkonċerna strateġiji dwar xi kwistjoni jew materja fi ħdan il-kompetenza ta' l-Awtorità;

(t) li jagħmel rakkommandazzjonijiet lill-Assemblea li tikkonċerna s-sospensjoni ta' l-eżerċitar tad-drittijiet u l-privileġġi tas-sħubija bis-saħħa ta' l-Artikoli 185;

(u) jistotwixxi proċċedimenti f'isem l-Awtorità quddiem il-Kamra tal-Kwistjonijiet tal-Qiegħ-il-Baħar f'każi ta' nuqqas ta' konformità;

(v) jinnotifika lill-Assemblea dwar Deċisjoni mill-Kamra tal-Kwistjonijiet tal-Qiegħ-il-baħar fil-proċedimenti mibdija permezz tas-subparagrafu (u), u li jagħmel dawk ir-rakkommandazzjonijiet li huwa jsib li jkunu xierqa fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu;

(w) li joħroġ ordnijiet ta' emerġenza, li jistgħu jinkludi ordnijiet għas-sospensjoni jew l-aġġustament ta' operazzjonijiet, li ma jħallix li jkun hemm ħsara serja għall-ambjent marittimu li jirriżulta mill-attivitajiet fiż-żona;

(x) li ma japprovax żoni għall-esplojtazzjoni minn kuntratturi jew impriżi f'każi meta evidenza sostanzjali tindika r-riskju ta' ħsara serja għall-ambjent marittimu;

(y) li jistabbilixxi organu sussidjarju għall-elaborazzjoni ta' l-abbozz tar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji li jirrigwardaw ma:

(i) l-amministrazzjoni finanzjarja b'konformità ma' l-Artikoli 171 sa 175; u

(ii) l-arranġamenti finanzjarji b'konformità ma' l-Anness III, l-Artikolu 13 u l-Artikolu 17(1)(ċ);

(z) jistabbilixxi mekkaniżmi xierqa għad-direzzjoni u s-superviżjoni ta' grupp ta' spetturi li għandhom jispezzjonaw l-attivitajiet f'żona sabiex jiddetterminaw jekk din il-parti, ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, u t-termini u l-kondizzjonijiet ta' xi kuntratt ma l-Awtorità li jkun hemm konformità magħhom.

*Artikolu 163*

**L-organi tal-Kunsill**

1. Huma b'dan stabbiliti dawn l-organi tal-Kunsill li ġejjin:

(a) Kummissjoni ta' l-Ippjanar Ekonomiku;

(b) Kummissjoni Legali u Teknika.

2. Kull Kummissjoni għandha tkun magħmulha minn 15 il-membru, eletti mill-Kunsill minn fost il-kandidati nnominati mill-Istati Partijiet. B'dana kollu, jekk meħtieġ, il-Kunsill jista jiddeċiedi li jżid id-daqs ta' waħda mill-Kummissjonijiet wara li jkun qies kif xieraq l-ekonomija u l-effiċjenza.

3. Il-membri ta' Kummissjoni għandhom ikollhom il-kwalifiki xierqa fil-qasam tal-kompetenza ta' dik il-Kummissjoni. L-Istati Partijiet għandhom jinnominaw kandidati ta' l-għola *standards* ta' kompetenza w integrità fi kwalifiki fl-oqsma relevanti hekk li jassiguraw l-eżerċitar effettiv tal-funzjonijiet tal-Kummissjonijiet.

4. Fl-elezzjonijiet tal-membri tal-Kummissjonijiet, qies xieraq għandu jingħata għall-ħtieġa għal distribuzzjoni ġerografika ekwitabbli u r-rappreżentazzjoni ta' interessi speċjali.

5. L-ebda Stat Parti ma jista jinnomina aktar minn kandidat wieħed għall-istess Kummissjoni. L-ebda persuna m'għandha tkun eletta sabiex isservi f'aktar minn Kummissjoni waħda.

6. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom iżommu l-uffiċċju tagħhom għal terminu ta' ħames snin. Għandhom ikunu eliġibbli għall elezzjoni mill-ġdid ta' terminu ieħor.

7. Fil-każ ta' mewt, inkapaċità jew riżenja ta' membru ta' Kummissjoni qabel ma jiskadi t-terminu ta' l-uffiċċju, il-Kunsill għandu jeleġġi għall-kumplament ta' dak it-terminu, membru mill-istess reġjun ġeografiku jew minn żona ta' nteress.

8. Il-Membri tal-Kummissjoni m'għandhom ikollhom l-ebda interess finanzjarju f'xi attività li tirrigwarda l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni fiż-żona. Suġġett għar-responsabiltajiet tagħhom lejn il-Kummissjoni li fiha huma jservu, huma m'għandhomx jiżvelaw, anki wara t-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom, xi sigriet industrijali, dettalji propjetarji, li huma trasferiti lill-Awtorità bi qbil ma' l-Anness III, l-Artikolu 14, jew xi informazzjoni konfidenzjali oħra li tasal għandhom bis-saħħa tad-doveri tagħhom għall-Awtorità.

9. Kull Kummissjoni għandha teżerċita il-funzjonijiet tagħha b'konformità ma' dawk il-linji ta' gwida u d-direttivi li l-Kunsill jista jadotta.

10. Kull Kummissjoni għandha tifformula u tippreżenta lill-Kunsill għal-approvazzjoni dawk ir-regoli u r-regolamenti skond ma jista jkun meħtieġ għat-twettieq effiċċjenti tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni.

11. Il-proċeduri tat-teħid tad-Deċisjonijiet mill-Kummissjonijiet għandhom ikunu stabbiliti bir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità. Ir-rakkommandazzjonijiet tal-Kunsill għandhom, meta meħtieġ, ikunu akkumpanjati b'sommarju dwar id-diverġenzi ta' l-opinjoni fil-Kummissjoni.

12. Kull Kummissjoni għandha normalment tiffunzjona mis-sede ta' l-Awtorità u għandha tiltaqa' kemm ikun meħtieġ għall-eżerċitar effiċċjenti tal-funzjonijiet tagħha.

13. Fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha, kull Kummissjoni tista, meta xieraq, tikkonsulta kummissjoni oħra, lil xi organu kompetenti tan-Nazzjonijiet Uniti jew lill-aġenziji speċjalizzati tagħha jew lil xi organizzazzjoni internazzjoanli b'kompetenza fis-suġġett ta' dik il-materja ta' konsultazzjoni bħal dik.

*Artikolu 164*

**Il-Kummissjoni ta' l-Ippjanar Ekonomiku**

1. Il-membri tal-Kummissjoni ta' l-Ippjanar Ekonomiku għandhom ikollhom il-kwalifiki xierqa bħal ma huma dawk li jirrigwardaw fit-tħaffir tal-minjieri, l-amministrazzjoni ta' l-attivitajiet tar-riżorsi minerali, il-kummerċ internazzjonali jew l-ekonomija internazzjonali. Il-Kunsill għandu jgħamel sforz ħalli jassigura li s-sħubija fil-Kummissjoni tkun tirrifletti il-kwalifiki kollha xierqa. Il-Kummissjoni għandha tinkludi mill-anqas żewġ membri mill-Istati li għadhom jiżviluppaw li l-esportazzjoni tagħhom tal-kategoriji ta' minerali li għandhom ikunu akkwistati miż-żona jkollhom effett sostanzjali fuq l-ekonomiji tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tipproponi, fuq it-talba tal-Kunsill, miżuri għall-implimentazzjoni ta' Deċisjonijiet li jirrigwardaw l-attivitajiet fiż-żona li jkunu seħħew b'konformità ma' din il-Konvenzjoni;

(b) tirrevedi t-tendenzi ta', u l-fatturi li jaffetwaw il-fornitura, it-talba u l-prezzijiet tal-materjali li jistgħu jkunu akkwistati miż-żona, billi jitqiesu l-interessi kemm tal-pajjiżi importaturi u wkoll ta' dawk esportaturi, u partikolarment ta' dawk fosthom ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw;

(ċ) teżamina xi sitwazzjoni li aktarx li twassal għall-effetti ħżiena msemmija fl-Artikolu 150(h) imressqa għall-attenzjoni tagħha mill-Istat Parti jew mill-Istati Partijiet ikkonċernati, u li tagħmel ir-rakkommandazzjonijiet xierqa lill-Kunsill;

(d) tipproponi lill-Kunsill għall-preżentazzjoni lejn l-Assemblea, kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 151(10), sistema ta' kumpens jew miżuri oħrajn ta' aġġustament ekonomiku bħala għajnuna lill-Istati li għadhom jiżviluppaw li jbagħtu minn effetti ħżiena maħluqa mill-attivitajiet fiż-żona. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk ir-rakkommandazzjonijiet lill-Kunsill li huma meħtieġa għall-applikazzjoni tas-sistema u l-miżuri l-oħrajn adottati mill-Assemblea f'każi speċjali.

*Artikolu 165*

**Il-Kummissjoni Legali u Teknika.**

1. Il-Membri tal-Kummissjoni Legali u Teknika għandhom ikollhom il-kwalifiki xierqa bħal dawk li huma relevanti

għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni u l-ipproċesar ta' riżorsi minerali, l-oċeanoloġija, il-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu, jew materji ekonomiċi jew legali li jirrigwardaw ix-xogħol tal-minjieri fl-oċeani u l-oqsma ta' l-esperjenza relatati. Il-Kunsill għandu jgħamel sforz ħalli jassigura li s-sħubija fil-Kummissjoni tkun tirrifletti il-kwalifiki kollha xierqa.

2. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tagħmel rakkommandazzjonijiet fir-rigward ta' l-eżerċitar tal-funzjonijiet ta' l-Awtorità, wara talba mill-Kunsill;

(b) tirrevedi pjanijiet tax-xogħol formali bil-miktub għall-attivitajiet fiż-Żona b'konformità ma l-Artikolu 153(3), u li tippreżenta rakkommandazzjoni xierqa lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkommandazzjonijiet tagħha solament fuq il-bażi mistqarra fl-Anness III u għandha tirraporta bis-sħiħ dwarhom lill-Kunsill;

(ċ) twettaq superviżjoni, wara talba mill-Kunsill, dwar l-attivitajiet fiż-żona, meta xieraq, b'konsultazzjoni u kollaborazzjoni ma l-entità li twettaq attivitajiet bħal dawk jew ma' l-Istati jew l-Istati kkonċernati u tirraporta lejn il-Kunsill;

(d) tipprepara studju dwar l-implikazzjonijiet ambjentali rigward l-attivitajiet fiż-żona;

(e) tagħmel rakkommandazzjonijiet lejn il-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu, billi tqis l-opinjonijiet ta' l-esperti rikonoxxuti f'dak il-qasam;

(f) tifformula u tippreżenta lejn il-Kunsill ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 162(2)(o), billi tqis il-fatturi relevanti kollha inklużi l-istudji dwar l-implikazzjonijiet ambjentali ta' l-attivitajiet fiż-żona;

(g) tikkunsidra dawk ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri għal reviżjoni u tirrakkommanda lill-Kunsill minn żmien għal żmien dawk l-emendi għalihom skond ma hija tħoss li jkunu xierqa jew mixtieqa;

(h) tressaq rakkommandazzjonijiet lill-Kunsill rigward l-istabbiliment ta' programm ta' monitoraġġ sabiex tosserva, tkejjel, tevalwa u tanalizza, b'metodi xjentifiċi rikonoxxuti, fuq bażi regolari, ir-riskji jew l-effetti tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu li jirriżulta mill-attivitajiet fiż-żona, tassigura li r-regolamenti eżistenti huma adekwati u li jkun hemm konformità magħhom, u li tikkordina l-implimentazzjoni tal-programm ta' monitoraġġ kif approvat mill-Kunsill;

(i) tirrakkommanda lill-Kunsill li proċċedimenti jkunu mibdija f'isem l-Awtorità quddiem il-Kamra tal-Kwistjonijiet ta' Qiegħ-il-Baħar, bi qbil ma' din il-parti u l-Annessi relevanti billi tqis partikolarment l-Artikolu 187;

(j) tressaq rakkommandazzjonijiet lill-Kunsill fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu, fuq Deċisjoni tal-Kamra tal-Kwistjonijiet ta' Qiegħ-il-Baħar fi proċedimenti mibdija b'konformità mas-subparagrafu (i);

(k) li tirrakkommanda l-ħruġ ta' ordnijiet ta' emerġenza, li jistgħu jinkludu ordnijiet għas-sospensjoni jew l-aġġustament ta' l-operazzjonijiet, li ma tħallix li jkun hemm ħsara serja għall-ambjent marittimu li jirriżulta mill-attivitajiet fiż-żona. Rakkommandazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu kkunsidrati mill-Kunsill fuq bażi ta' prijorità;

(l) li tressaq rakkommandazzjonijiet lill-Kunsill li ma japprovax żoni għall-esplojtazzjoni minn kuntratturi jew impriżi f'każi meta evidenza sostanzjali tindika r-riskju ta' ħsara serja għall-ambjent marittimu;

(m) li tressaq rakkommandazzjonijiet lill-Kunsill rigward id-direzzjoni u s-superviżjoni ta' grupp ta' spetturi li għandhom jispezzjonaw l-attivitajiet f'żona sabiex jiddetterminaw jekk id-disposizzjonijiet ta' din il-parti, ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, u t-termini u l-kondizzjonijiet ta' xi kuntratt ma l-Awtorità li jkun hemm konformità magħhom;

(n) li tikkalkola l-limitu massimu tal-produzzjoni u toħroġ awtorizzazzjonijiet tal-produzzjoni f'isem l-Awtorità permezz ta' l-Artikolu 151(2) sa (7), b'segwiment ta' xi għażla meħtieġa minn fost l-applikanti għall-awtorizzazzjonijiet għall-produzzjoni li jkunu nħarġu mill-Kunsill b'konformità ma' l-Anness III, l-Artikolu 7.

3. Il-Membri tal-Kummissjoni għandhom, wara talba minn xi Stat Parti jew minn parti oħra kkonċernata, li jkunu akkompanjati mir-rappreżentant ta' dak l-Istat jew tal-parti l-oħra kkonċernata, meta jwettqu l-funzjoni tagħhom ta' superviżjoni u spezzjoni.

Subsezzjoni D

***Is-Segretarjat***

*Artikolu 166*

**Is-Segretarjat**

1. Is-Segretarjat ta' l-Awtorità għandu jkun magħmul minn Segretarju-Ġenerali u dak il-persunal li l-Awtorità tista tkun teħtieġ.

2. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jkun elett għal erba' snin mill-Assemblea minn fost il-kandidati kif proponuti mill-Kunsill u jista' jerġa jkun elett mill-ġdid.

3. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jkun l-uffiċjal amministratur ewlieni ta' l-Awtorità, u għandu jaġixxi f'dik il-kariga fil-laqgħat kollha ta' l-Assemblea, tal-Kunsill u ta' xi organu sussidjarju, u

għandu jwettaq dawk id-doveri amministrattivi l-oħrajn hekk kif ikunu afdati lis-Segretarju-Ġenerali minn dawn l-organi.

4. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jressaq rapport annwali lill-Assemblea dwar ix-xogħol ta' l-Awtorità.

*Artikolu 167*

**Il-persunal ta' l-Awtorità**

1. Il-persunal ta' l-Awtorità għandu jkun magħmul minn dak il-persunal kwalifikat, xjentifiku u tekniku, u persunal ieħor hekk kif jista jkun meħtieġ għat-twettieq tal-funzjonijiet amministrattivi ta' l-Awtorità.

2. Il-kunsiderazzjoni ta' l-akbar importanza fir-reklutaġġ u l-impieg tal-persunal u fid-determinazzjoni tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom għandhom ikunu meħtieġa sabiex jassiguraw l-ogħla *standards* ta' effiċjenza, kompetenza u integrità. Suġġett għal din il-kunsiderazzjoni, qies xieraq għandu jingħata għall-importanza tar-reklutaġġ ta' persunal fuq bażi ġeografika wiesa kemm jista jkun possibbli.

3. Il-persunal għandu jkun maħtur mis-Segretarju-Ġenerali. It-termini u l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom għandhom ikunu maħtura, imħallsa u mkeċċija għandhom ikunu b'konformità mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità.

*Artikolu 168*

**Il-karattru internazzjonali tas-Segretarjat**

1. Fit-twettieq tad-doveri tagħhom, is-Segretarju-Ġenerali u l-persunal m'għandhomx ifittxu jew jirċievu struzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi sorsi esterni ta' l-Awtorità. Huma għandhom jastjenu minn xi azzjoni li tista tirrefletti fuq il-posizzjoni tagħhom bħala uffiċjali internazzjonali responsabbli biss lejn l-Awtorità. Kull Stat Parti jintrabat, fir-rigward tal-karattru internazzjonali esklussiv tar-responsabbilitajiet tas-Segretarju-Ġenerali u tal-Persunal li ma jfittxux li jinfluwenzawhom fit-twettieq tar-responsabiltajiet tagħhom. Kwalunkwe vjolazzjoni tar-responsabbiltajiet minn membru tal-persunal għandha tkun imressqa quddiem it-tribunal amministrattiv xieraq bħal ma hemm provvediment dwar dan fir-regoli, r-regolament u l-proċeduri ta' l-Awtorità.

2. Is-Segretarju-Ġenerali u l-persunal m'għandhomx ikollhom l-ebda interess finanzjarju f'xi attività li tirrigwarda l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni fiż-żona. Suġġett għar-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-Awtorità, huma m'għandhomx jiżvelaw, anki wara t-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom, xi sigriet industrijali, dettalji propjetarji, li huma trasferiti lill-Awtorità bi qbil ma l-Anness III, l-Artikolu 14, jew xi informazzjoni konfidenzjali oħra li tasal għandhom bis-saħħa tad-doveri tagħhom għall-Awtorità.

3. Il-vjolazzjonijiet ta' l-obbligi ta' membru tal-persunal ta' l-Awtorità kif elenkati fil-paragrafu 2 għandhom, wara talba minn Stat Parti affettwat bi vjolazzjoni bħal din, jew minn persuna naturali jew ġuridika, sponsorjata minn Stat Parti kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 153(2)(b), u li jkun affetwat bi vjolazzjoni bħal dik, li jkunu imressqa mill-Awtorità, kontra l-membru tal-persunal ikkonċernat, quddiem tribunal maħtur bir-regoli, r-regolamenti u l-proċedura ta' l-Awtorità. Il-Parti affettwata għandha jkollha d-dritt li tieħu sehem fil-proċedimenti. Jekk it-trubunal hekk jirrakkomanda, is-Segretarju-Ġenerali għandu jkeċċi lill-membru tal-persunal ikkonċernat.

4. Ir-regoli, r-regolament u l-proċeduri ta' l-Awtorità għandhom ikun fihom dawk id-disposizzjonijiet hekk kif inhuma meħtieġa sabiex ikun implimentat dan l-Artikolu.

*Artikolu 169*

**Konsultazzjoni u koperazzjoni ma l-organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux-governattivi**

1. Is-Segretarju-Ġenerali għandu, dwar materji fil-kompetenza ta' l-Awtorità, jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa, bl-approvazzjoni tal-Kunsill, għal konsultazzjoni u koperazzjoni ma l-organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux-governattivi rikonoxxuti mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. Dik l-organizzazzjoni li magħha s-Segretarju-Ġenerali jkun daħal f'arranġament permezz tal-paragrafu 1 tista tinnomina rappreżentanti sabiex jattendu l-laqgħat ta' l-organi ta' l-Awtorità bħala osservaturi b'konformità mar-regoli tal-proċedura ta' dawn l-organi. Il-proċeduri għandhom ikunu stabbiliti sabiex jakkwistaw l-opinjonijiet ta' l-organizzazzjonijiet bħal dawn fil-każi xierqa.

3. Is-Segretarju-Ġenerali jista jqassam fost l-Istati Partijiet rapporti bil-miktub ippreżentati minn l-organizzazzjonijiet mhux-governattivi msemmija fil-paragrafu 1 dwar suġġetti li fihom ikollhom kompetenza speċjali u li huma relatati max-xogħol ta' l-Awtorità.

Subsezzjoni E

***L-impriża***

*Artikolu 170*

**L-impriża**

1. L-impriża għandha tkun l-organu ta' l-Awtorità li għandha twettqa l-attivitajiet fiż-żona, direttament, bis-saħħa ta'

l-Artikolu 153(2)(a), kif ukoll it-trasportazzjoni, l-ipproċċesar u l-*marketing* tal-minerali rkuprati miż-żona.

2. L-impriża għandha, fi ħdan il-qafas tal-personalità legali internazzjonali ta' l-Awtorità, li jkollha dik il-kapaċità legali bħal ma hemm provvediment dwar dan fl-Istatut kif elenkat fl-Anness IV. L-impriża għandha taġixxi b'konformità ma din il-Konvenzjoni u mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, kif ukoll tal-istrateġiji ġenerali stabbiliti mill-Assemblea, u għandha tkun suġġetta għad-direttivi u l-kontroll tal-Kunsill.

3. L-impriża għandha jkollha l-post ewlieni tan-negozju tagħha fis-sede ta' l-Awtorità.

4. L-impriża għandha, bi qbil ma l-Artikolu 173(2) u l-Anness IV, l-Artikolu 11, tkun ipprovduta b'dawk il-fondi hekk kif jistgħu ikunu meħtieġa għat-twettieq tal-funzjonijiet tagħha, u għandha tirċievi t-teknoloġija kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 144 u d-disposizzjonijiet l-oħra relevanti ta' din il-Konvenzjoni.

Subsezzjoni F

***L-arranġamenti finanzjarji ta' l-Awtorità***

*Artikolu 171*

**Il-fondi ta' l-Awtorità**

Il-fondi ta' l-Awtorità għandhom jinkludu:

(a) kontribuzzjonijiet kif ikkalkolati mill-membri ta' l-Awtorità b'konformità ma' l-Artikolu 160(2)(e);

(b) fondi li jaslu għand l-Awtorità permezz ta' l-Anness III, l-Artikolu 13, b'konnessjoni ma' l-attivitajiet fiż-żona;

(ċ) il-fondi trasferiti mill-impriża b'konformità ma' l-Anness IV, l-Artikolu 10;

(d) il-fundi mislufa permezz ta' l-Artikolu 174;

(e) il-kontribuzzjonijiet voluntarji magħmula mill-membri jew minn entitajiet oħrajn, u

(f) il-pagamenti ta' fondi tal-kumpens, bi qbil ma' l-Artikolu 151(10), li s-sorsi tagħhom huma rrakkommandati mill-Kummissjoni għall-Ippjanar Ekonomiku.

*Artikolu 172*

**Il-*budget* annwali ta' l-Awtorità**

Is-Segretarju-Ġenerali għandu jħejji abbozz tal-*budget* annwali kif proponut ta' l-Awtorità u jippreżentah lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jikkonsidra il-*budget* annwali kif proponut u jippreżentah lill-Assemblea, flimkien ma xi rakkommandazzjonijiet dwaru. L-Assemblea għandha tikkunsidra u tapprova il-*budget* annwali kif proponut b'konformità ma' l-Artikolu 160(2)(h).

*Artikolu 173*

**L-Ispejjeż ta' l-Awtorità**

1. Il-kontribuzzjonijiet msemmija fl-Artikolu 171(a), għandhom ikunu mħallsa f'kont speċjali sabiex ilaħħqu ma' l-ispejjeż amministrattivi ta' l-Awtorità sakemm l-Awtorità jkollha fondi suffiċċjenti minn sorsi oħrajn sabiex tlaħħaq ma dawk l-ispejjeż.

2. L-ispejjeż amministrattivi ta' l-Awtorità għandhom ikunu l-ewwel sejħa fuq il-fondi ta' l-Awtorità. Apparti mill-kontribuzzjonijiet kif ikkalkolati, msemmija fl-Artikolu 171(a), il-fondi li jibqgħu wara l-pagament ta' l-ispejjeż amministrattivi jistgħu, *inter alia*:

(a) ikunu mqassma bi qbil ma' l-Artikolu 140 u l-Artikolu 160(2)(g);

(b) ikunu wżati sabiex jipprovdu lill-aġenzija b'fondi b'konformità ma' l-Artikolu 170(4);

(ċ) ikunu wżati għall-kumpens ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw b'konformità ma' l-Artikolu 151(10), u l-Artikolu 160(2)(l).

*Artikolu 174*

**Il-poter tas-self ta' l-Awtorità**

1. L-Awtorità għandha jkollha l-poter li tissellef fondi.

2. L-Assemblea għandha tistabbilixxi l-limiti tal-poteri tas-self ta' l-Awtorità fir-regolamenti finanzjarji adottati bis-saħħa ta' l-Artikolu 160(2)(f).

3. Il-Kunsill għandu jeżerċita l-poteri tas-self ta' l-Awtorità.

4. L-Istati Partijiet ma humiex responsabbli għad-dejn ta' l-Awtorità.

*Artikolu 175*

**Awditjar annwali**

Ir-reġistri, il-kotba u l-kontijiet ta' l-Awtorità, inklużi l-istqarrijiet finanzjarji annwali, għandhom ikunu awditjati ta' kull sena minn awditur independenti maħtur mill-Assemblea.

Subsezzjoni G

***L-istatus legali, il-privileġġi u l-immunitajiet***

*Artikolu 176*

**L-istatus legali**

L-Awtorità għandha jkollha personalità legali internazzjonali u dik il-kapaċità legali skond ma tista tkun meħtieġa għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha u tat-twettieq tal-iskopijiet tagħha.

*Artikolu 177*

**Privileġġi u immunitajiet**

Sabiex l-Awtorità tkun tista teżerċita l-funzjonijiet tagħha, hija għandha tgawdi fit-territorju ta' kull Stat Parti, il-privileġġi u l-immunitajiet kif elenkati f'din is-subsezzjoni. Il-privileġġi u l-immunitajiet li jirrigwardaw l-impriża għandhom ikunu dawk kif elenkati fl-Anness IV, l-Artikolu 13.

*Artikolu 178*

**Immunità minn proċess legali**

L-Awtorità, il-propjetà u l-assi tagħha, għandhom igawdu immunità minn proċess legali apparti milli sal-limitu li l-Awtorità espressament twarrab din l-immunità f'xi każ partikolari.

*Artikolu 179*

**Immunità minn tfittix jew minn xi għamla ta' sekwestru**

Il-propjetà u l-assi ta' l-Awtorità, kull fejn jistgħu jkunu jinsabu u independentament minn min ikun iżommhom, għandhom ikollhom immunità minn tfittix, rekwisizzjoni, konfiska, esproprazzjoni jew xi għamla oħra ta' sekwestru b'azzjoni eżekuttiva jew leġislattiva.

*Artikolu 180*

**Eżenzjoni mir-restizzjonijiet, regolamenti, kontrolli u *moratoria***

Il-propjetà u l-assi ta' l-Awtorità għandhom ikunu eżentati mir-restrizzjonijiet, mir-regolamenti, mill-kontrolli u minn *moratoria* ta' kwalunkwe tip.

*Artikolu 181*

**L-arkivji u l-komunikazzjonijiet uffiċjali ta' l-Awtorità**

1. L-arkivji ta' l-Awtorità, kull fejn ikunu lokalizzati, għandhom ikunu nvjolabbli.

2. L-informazzjoni propjetarja, is-sigrieti industrijali u nformazzjoni simili u r-rekords tal-persunal m'għandhomx jitqiegħdu f'arkivji li huma miftuħa għall-ispezzjoni pubblika.

3. Fir-rigward tal-komunikazzjonijiet uffiċjali tagħha, l-Awtorità għandha tkun mogħtija minn kull Stat Parti trattament li ma jkunx anqas favorevoli minn dak mogħti minn dak l-Istat lill-organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn.

*Artikolu 182*

**Privileġġi w immunitajiet ta' ċerti persuni konnessi ma' l-Awtorità**

Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Partijiet li jattendu laqgħat ta' l-Assemblea, tal-Kunsill jew ta' l-organi ta' l-Assemblea jew tal-Kunsill, u s-Segretarju-Ġenerali u l-persunal ta' l-Awtorità, għandhom igawdu fit-territorju ta' kull Stat Parti:

(a) immunità minn proċess legali fir-rigward ta' atti mwettqa minnhom fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħhom, apparti milli sal-limitu ta' l-Istat li huma jirrapreżentaw jew l-Awtorità, kif xieraq, espressament ineħħu din l-immunità f'xi każ partikolari;

(b) jekk ma jkunux ċittadini ta' dak L-Istat Parti, l-istess eżenzjonaijiet mir-restrizzjonijiet ta' l-immigrazzjoni, ħtiġiet tar-reġistrazzjoni barranija u l-obbligi tas-servizz nazzjonali, l-istess faċilitajiet f'dak li jirrigwarda r-restrizzjonijiet tal-kambju u l-istess trattament fir-rigward tal-faċilitajiet tal-ivvjaġġar kif inhuma mogħtija minn dak l-Istat lir-rappreżentanti, lill-uffiċjali u lill-impjegati ta' grad komparabbli ta' l-Istati Partijiet l-oħrajn.

*Artikolu 183*

**Eżenzjoni mit-taxxi u mid-dazji doganali**

1. Fl-iskop ta' l-attivitajiet uffiċjali tagħhom, l-Awtorità, l-assi u l-propjetà tagħha, l-introjtu tagħha, u l-operazzjonijiet u t-transazzjonijiet tagħha, awtorizzati b'din il-Konvenzjoni, għandhom ikunu eżentati mit-tassazzjoni diretta kollha u l-oġġetti importati jew esportati għall-użu uffiċjali tagħha għandhom ikunu eżentati minn kull dażji doganali. L-Awtorità m'għandhiex titlob eżenzjoni mit-taxxi li ma humiex aktar milli miżati mposti għal servizzi mogħtija.

2. Meta x-xiri ta' oġġetti jew servizzi ta' valur sostanzjali li huma meħtieġa għall-attivitajiet uffiċjali ta' l-Awtorità isir minn jew f'isem l-Awtorità, u meta l-prezz ta' oġġetti jew servizzi bħala dawk jinkludu taxxi jew dazju, miżuri xierqa għandhom, sal-limitu prattikabbli, jittieħdu mill-Istati Partijiet sabiex jagħtu eżenzjoni minn dawk it-taxxi jew dazji jew li jipprovdu għal rifużjoni tagħhom. Oġġetti importati jew mixtrija permezz ta' l-eżenzjoni li hemm provvediment dwarha f'dan l-Artikolu m'għandhomx jinbiegħu, jew b'mod ieħor ikunu disponuti fit-territorju ta' l-Istat Parti li jkun ta l-eżenzjoni, apparti milli permezz tal-kondizzjonijiet mifthiema ma dak l-Istat Parti.

3. L-ebda taxxa m'għandha tkun imponuta mill-Istati Partijiet fuq jew fir-rigward tas-salarji jew tal-benefiċċji mħallsa jew xi għamla oħra ta' pagament magħmula mill-Awtorità lis-Segretarju-Ġenerali u lill-persunal ta' l-Awtorità, kif ukoll lill-esperti li jwettqu missjonijiet għal-Awtorità, fuq dawk li ma humiex ċittadini tagħhom.

Subsezzjoni H

***Is-sospensjoni ta’ l-eżerċitar tad-drittijiet jew privileġġi tal-membri***

*Artikolu 184*

**Is-sospensjoni ta’ l-eżerċitar tad-drittijiet tal-votazzjoni**

Stat Parti li jkun b’arretrati fil-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu lejn l-Awtorità m’għandux ikollu vot jekk l-ammont ta’ l-arretrati tiegħu jkunu ugwali jew jeċċedu l-ammont tal-kontribuzzjonijiet dovuti minnu għas-sentejn sħaħ preċedenti. L-Assemblea tista, b’dana kollu, tippermetti membru bħal dan li jivvota jekk hija tkun sodisfatta li n-nuqqas tal-pagament ikun dovut għal kondizzjonijiet lil hinn mill-kontroll tal-membru.

*Artikolu 185*

**Is-sospensjoni ta’ l-eżerċitar tad-drittijiet jew tal-privileġġi tas-sħubija**

1. Stat Parti li jkun sfaċċatament u b’mod persistenti kiser id-disposizzjonijiet ta’ din il-Parti jista jkun sospiż mill-eżerċitar tad-drittijiet u l-privileġġi tas-sħubija, mill-Assemblea, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

2. L-ebda azzjoni m’għandha tittieħed permezz tal-paragrafu 1 sakemm il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar tkun sabet li dak l-Istat ikun sfaċċatament u b’mod persistenti kiser id-disposizzjonijiet ta’ din il-Parti.

SEZZJONI 5

**SOLUZZJONI TA’ TILWIM U OPINJONIJIET KONSULTATTIVI**

*Artikolu 186*

**Il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar tat-Tribunal Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar**

L-istabbiliment tal-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar u l-manjiera li biha din għandha teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha għandhom ikunu rregolati mid-disposizzjonijiet ta’ din is-Sezzjoni, tal-Parti XV u ta’ l-Anness VI.

*Artikolu 187*

**Il-Ġurisdizzjoni tal-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar**

Il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar għandha jkolla ġurisdizzjoni permezz ta’ din il-Parti u l-Anness relatat magħha fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-attivitajiet fiż-żona li jidħlu fi ħdan dawn il-kategoriji li ġejjin:

(a) kwistjonijiet bejn l-Istati Partijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta’ din il-parti u ta’ l-Annessi marbut magħha;

(b) kwistjonijiet bejn Stat Parti u l-Awtorità li jikkonċernaw:

(i) atti jew nuqqasijiet ta’ l-Awtorità jew ta’ Stat Parti li jkun allegatament bi vjolazzjoni ta’ din il-parti jew ta’ l-Annessi marbuta magħha jew tar-regoli, tar-regolamenti u tal-proċeduti ta’ l-Awtorità adotti b’konformit magħhom; jew

(ii) atti ta’ l-Awtorità allegatament li huma b’eċċess tal-ġurisdizzjoni tagħha jew b’użu ħażin tal-poteri tagħha;

(ċ) kwistjonijiet bejn partijiet ta’ kuntratt, bejn l-Istati Partijiet, l-Awtorità jew l-impriża, l-impriżi Statali u l-persuni naturali jew ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 153(2)(b), li jikkonċernaw:

(i) l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta’ kuntratt jew pjan tax-xogħol relevanti; jew

(ii) atti jew nuqqasijiet minn parti tal-kuntratt li jirrigwardaw l-attivitajiet fiż-żona u diretti lejn il-parti l-oħra jew li direttament jaffettwaw l-interessi leġittimi tagħha;

(d) kwistjonijiet bejn l-Awtorità u kuntrattur prospettiv li jkun ġie sponsorjat minn Stat kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 153(2)(b), u li jkun wettaq il-kondizzjonijiet msemmija fl-Anness III, l-Artikolu 4(6), u l-Artikolu 13(2), li jikkonċernaw iċ-ċaħda ta’ kuntratt jew ta’ kwistjoni legali li tirriżulta fin-negozjati tal-kuntratt;

(e) kwistjonijiet bejn l-Awtorità u Stat Parti, l-impriża Statali jew persuna naturali jew ġuridika sponsorjata minn Stat Parti kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 153(2)(b), meta jkun allegat li l-Awtorità tkun sofriet danni kif hemm provvediment dwar dan fl-Anness III, l-Artikolu 22;

(f) xi kwistjonijiet oħrajn dwar il-Ġurisdizzjoni tal-Kamra li hemm provvediment speċifiku dwarhom f’din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 188*

**Il-preżentazzjoni ta’ kwistjonijiet lejn kamra speċjali tat-Tribunal Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar jew ta’ kamra *ad hoc* tal-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar jew ta’ arbitrazzjoni kummerċjali li torbot**

1. Kwistjonijiet bejn l-Istati Partijiet msemmija fl-Artikolu 187(a) jistgħu jkunu ppreżentati:

(a) fuq talba tal-partijiet għall-kwistjoni, lejn kamra speċjali tat-Tribunal Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar li għandha tkun iffurmata b'konformità ma' l-Anness VI, l-Artikoli 15 u 17; jew

(b) fuq talba ta' xi parti tal-kwistjoni lejn kamra *ad-hoc* tal-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar li għandha tkun iffurmata b'konformità ma' l-Anness VI, l-Artikolu 36.

2. (a) Kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' kuntratt msemmi fl-Artikolu 187(c)(i), għandhom ikunu ppreżentati, fuq it-talba ta' xi parti fil-kwistjoni, lejn arbitrazzjoni li torbot, sakemm il-partijiet ma jifthiemux mod ieħor. Tribunal ta' l-arbitrazzjoni kummerċjali li lejħ il-kwistjoni tkun ippreżentatha ma jkollu l-ebda ġurisdizzjoni li jiddeċiedi xi kwistjoni ta' l-interpretazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. Meta l-kwistjoni tinvolvi wkoll il-kwistjoni ta' l-interpretazzjoni tal-Parti XI u ta' l-Annessi marbuta magħha, l-attivitajiet fir-rigward taż-żona, dik il-kwistjoni għandha tkun msemmija lejn il-Kamra tal-Kwistjonijiet ta' Qiegħ-il-Baħar, għal verdett.

(b) Jekk, fil-bidu jew matul il-korsa ta' l-arbitrazzjoni bħal din, it-tribunal ta' l-arbitrazzjoni jiddetermina, jew fuq talba ta' xi parti għal-kwistjoni jew *proprio motu*, li d-Deċisjoni tiegħu tiddependi fuq il-verdett tal-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar, it-tribunal ta' l-arbitraġġ għandu jirreferi kwistjoni bħal dik lejn il-Kamra tal-Kwistjoni dwar Qiegħ-il-Baħar għal verdett bħal dak. It-tribunal ta' l-arbitrazzjoni għandu mbagħad jipproċedi li jagħti d-Deċisjoni tiegħu b'konformità mal-verdett tal-Kamra tal-Kwistjonijiet tal-Qiegħ-il-Baħar.

(ċ) Fin-nuqqas ta' provvediment fil-kuntratt rigward il-proċedura ta' l-arbitrazzjoni li għandha tkun applikata f'dik il-kwistjoni, l-arbitraġġ għandu jitwettaq skond ir-Regoli ta' l-Arbitrazzjoni UNCITRAL jew ta' dawk ir-regoli l-oħrajn ta' l-arbitraġġ skond kif jistgħu jkunu preskritti fir-regoli, fir-regolamenti u fil-preċeduri ta' l-Awtorità, sakemm il-partijiet tal-kwistjoni ma jifthiemux mod ieħor.

*Artikolu 189*

**Limitazzjoni tal-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' Deċiżjonijiet ta' l-Awtorità**

Il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar m'għandha jkollha l-ebda ġurisdizzjoni fir-rigward ta' l-eżerċitar mill-Awtorità tal-poteri diskrezzjonarji tagħha skond din il-parti; fl-ebda każ ma għandha tissosstitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik ta' l-Awtorità. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 191, fl-eżerċitar tal-ġurisdizzjoni tagħha bis-saħħa ta' l-Artikolu 187, il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar m'għandhiex tippronunzja ruħha fuq il-kwistjoni ta' jekk xi regoli, regolamenti u proċeduri ta' l-Awtorità jkunux konformi ma din il-Konvenzjoni, l-anqas m'għandha tiddikjara invalidi xi regoli, regolamenti jew proċeduri. Il-ġurisdizzjoni tagħha f'dan ir-rigward għandha tkun illimitata għad-Deċisjoni ta' talbiet li l-applikazzjoni ta' xi regoli, regolamenti u proċeduri ta' l-Awtorità f'każi individwali jistgħu jkunu b'kunflitt ma l-obbligi kontrattwali tal-partijiet fil-kwistjoni jew ta' l-obbligi tagħhom permezz ta' din il-Konvenzjoni, talbiet li jikkonċernaw l-eċċess tal-ġurisdizzjoni jew l-użu ħażin tal-poter, u talbiet għal danni li għandhom jitħallsu jew rimedju ieħor li għandu jingħata lill-parti kkonċernata għan-nuqqas tal-parti l-oħra li tkun konformi ma l-obbligi kontrattwali tagħha jew ta' l-obbligi tagħha permezz ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 190*

**Il-parteċipazzjoni u d-dehra ta' l-Istati Partijiet bħala sostenituri fil-proċedimenti**

1. Jekk il-persuna naturali jew ġuridika hija parti ta' kwistjoni msemmija fl-Artikolu 187, l-Istat sostenitur għandu jagħti avviż dwar dan u għandu jkollu d-dritt li jipparteċipa fil-proċedimenti billi jippreżenta stqarrijiet bil-kitba jew orali.

2. Jekk azzjoni hija miġjuba kontra Stat Parti minn persuna naturali jew ġuridika li jkollha s-sostenn ta' Stat Parti ieħor fi kwistjoni msemmija fl-Artikolu 187(c), l-Istat respondent jista jitlob lill-Istat sosstenitur ta' dik il-persuna li jidher fil-proċedimenti f'isem dik il-persuna. Fin-nuqqas ta' dehra bħal din, l-Istat respondent jista jirranġa li jkun rappreżentat minn persuna ġuridika tan-nazzjonalità tiegħu.

*Artikolu 191*

**Opinjonijiet konsultattivi**

Il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ-il-Baħar għandha tagħti opinjonijiet konsultattivi fuq it-talba ta' l-Assemblea jew tal-Kunsill rigward kwistjonijiet legali li jinqalgħu fi ħdan l-iskop ta' l-attivitajiet tagħhom. Opinjonijiet bħal dawn għandhom jingħataw bħala materja ta' urġenza.

PARTI XII

# IL-PROTEZZJONI U L-PRESERVAZZJONI TA’ L-AMBJENT MARITTIMU

SEZZJONI 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 192*

### Obbligi ġenerali

L-Istati għandhom l-obbligu li jipproteġu u jippreservaw l-ambjent marittimu

*Artikolu 193*

### Dritt sovran ta’ l-Istati li jesplojtaw ir-riżorsi naturali tagħhom

L-Istati għandhom id-dritt sovran li jesplojtaw ir-riżorsi naturali taghom permezz ta’ l-istrateġiji ambjentali tagħhom u b’konformità mad-dover tagħhom li jipproteġu u jippreservaw l-ambjent marittimu.

*Artikolu 194*

### Miżuri sabiex ikun hemm il-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta’ l-ambjent marittimu

1. L-Istati għandhom jieħdu, individwalment jew flimkien, kif xieraq, il-miżuri kollha li huma konsistenti ma’ din il-Konvenzjoni li huma meħtieġa għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll ta’ l-ambjent marittimu minn kwalunkwe sorsi, jużaw għal dan l-aħjar mezz prattikabbli fid-disposizzjoni tagħhom u b’konformità mal-kapaċitajiet tagħhom, u huma għandhom jagħmlu sforz sabiex jarmonizzaw l-istrateġiji tagħhom f’dan ir-rigward.

2. L-Istati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li l-attivitajiet taħt il-ġurisdizzjoni jew il-kontroll tagħhom u li huma hekk imwettqa li ma jikkaġunawx danni bit-tniġġiż lill-Stati oħrajn u l-ambjent tagħhom, u li t-tniġġiż li jkun hemm minn inċidenti jew attivitajiet taħt il-ġurisdizzjoni jew il-kontroll tagħhom ma jixterridx lil hinn miż-żona ta’ fejn huma jeżerċitaw id-drittijiet sovrani tagħhom b’konformità ma din il-Konvenzjoni.

3. Il-miżuri meħudha bis-saħħa ta’ din il-parti għandhom jittrattaw mas-sorsi kollha tat-tniġġiż ta’ l-ambjent marittimu. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu, *inter alia*, dawk iddisinjati li jnaqqsu sal-limitu massimu l-aktar possibbli:

(a) ir-rilaxx ta’ sustanzi tossiċi, ta’ ħsara jew ta’ periklu, speċjalment dawk li huma persistenti, minn sorsi ibbażati fuq l-art, minn jew permezz ta’ l-atmosfera jew minn *dumping*;

(b) tniġġiż minn vapuri, partikolarment miżuri għall-prevenzjoni ta’ l-inċidenti u l-ittrattar ma l-emerġenzi, jassiguraw is-sigurtà ta’ l-operazzjonijiet fil-baħar, il-prevenzjoni ta’ rimi intenzjonat jew mhux intenzjonat, u r-regolar tad-disinn, tal-kostruzzjoni, tat-tgħamir, ta’ l-operat u ta’ l-ekwipaġġ ta’ vapuri;

(ċ) tniġġiż minn stallazzjonijiet u tagħmir użat fl-esplorazzjoni jew l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tal-qiegħ il-baħar jew is-saffa ta’ taħt dak, b’miżuri partikolari għall-prevenzjoni ta’ inċidenti u l-ittrattar ma emerġenzi, li jassiguraw is-sigurtà ta’ operazzjonijiet fil-baħar, u r-regolament tad-disinn, tal-kostruzzjoni, ta’ l-apparat, l-operazzjoni u l-ekwiġaġġ ta’ stallazzjonijiet u tagħmir bħal dak.

(d) tniġġiż minn stallazzjonijiet u tagħmir użat fl-operat ta’ l-ambjent marittimu, b’miżuri partikolari għall-prevenzjoni ta’ l-inċidenti u l-ittrattar ma emerġenzi, li jassiguraw is-sigurtà ta’ operazzjonijiet fil-baħar, u r-regolament tad-disinn, tal-kostruzzjoni, ta’ l-apparat, l-operazzjoni u l-ekwiġaġġ ta’ stallazzjonijiet u tagħmir bħal dak.

4. Fit-teħid tal-miżuru għall-prevenzjoni, t-tnaqqis jew il-kontroll tat-tniġġiż ta’ l-ambjent marittimu, l-Istati għandhom jibqgħu lura minn interferenza mhux ġustifikata fl-attivitajiet imwettqa minn Stati oħrajn fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom u fis-segwiment tad-doveri tagħhom b’konformità ma din il-Konvenzjoni.

5. Il-miżuri meħudha b’konformità ma din il-parti għandhom jinkludu dawk meħtieġa għall-protezzjoni u l-preservazzjoni ta’ ekosistemi rari u fraġili kif ukoll ta’ l-abitat ta’ speċje imnaqqsa, mhedda jew ipperikolati minn tipi ta’ ħajja marittima oħra.

*Artikolu 195*

### Dover li ma jkunux trasferiti ħsarat jew perikoli jew li jkunu trasformati tip wieħed ta’ tniġġis f’tip ieħor

Fit-teħid tal-miżuri sabiex ikun ipprevenut, imnaqqas u kkontrollat it-tniġġis ta’ l-ambjent marittimu, l-Istati għandhom jaġixxu hekk li ma jittrasferixxux, direttament jew inderettament, ħsarat jew perikoli minn żona waħda lejn oħra jew li jittrasformaw tip ta’ tniġġiż f’tip ieħor.

*Artikolu 196*

### L-użu ta' teknoloġiji jew l-introduzzjoni ta' speċje aljeni jew ġodda

1. L-Istati għandhom jieħdu l-miżura kollha meħtieġa sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu li jirriżulta mil-użu ta' teknoloġiji taħt il-ġurisdizzjoni u l-kontroll tagħhom, jew l-introduzzjoni intenzjonata jew aċċidentali ta' speċje, aljeni jew ġodda, f'parti partikolari ta' l-ambjent marittimu, li jistgħu joħolqu tibdiliet sinifikanti u ta' ħsara hemmhekk.

2. Dan l-Artikolu ma jaffetwax l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni rigward il-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu.

SEZZJONI 2

## KOPERAZZJONI GLOBALI U REĠJONALI

*Artikolu 197*

### Koperazzjoni fuq bażi globali jew reġjonali

L-Istati għandhom jikkoperaw fuq bażi globali u, kif xieraq, fuq bażi reġjonali, direttament jew permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, fil-formulazzjoni u l-elaborazzjoni tar-regoli internazzjonali, l-i*standards* u l-prattiċi rakkommandati u l-proċeduri konsistenti ma din il-Konvenzjoni, għall-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu, billi jitqiesu l-karatteristiċi tal-fatturi reġjonali.

*Artikolu 198*

### Notifika ta' ħsara iminenti jew attwali

Meta Stat isir konxju b'każi li fihom l-ambjent marittimu ikun f'periklu iminenti li jsofri ħsara jew li kien sofra ħsara minn tniġġiż, huwa għandu immedjatament jinnotifika lill-Istati l-oħrajn li hu jqis li aktarx li jkunu affettwati bi ħsara bħal din, kif ukoll l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti.

*Artikolu 199*

### Pjani ta' kontinġenza kontra t-tniġġiż

Fil-każi msemmija fl-Artikolu 198, l-Istati taż-żona affettwata, skond il-kapaċitajiet tagħhom, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, għandhom jikkoperaw, sal-limitu possibbli, fl-eliminazzjoni ta' l-effetti tat-tniġġiż u l-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-ħsara. Għal dan il-għan, l-Istati għandhom fuq bażi konġunta jiżviluppaw u jħeġġu pjani ta' kontinġenza sabiex jirrispondu għal inċidenti tat-tniġġiż fl-ambjent marittimu.

*Artikolu 200*

### Studji, programmi ta' riċerka u skambju ta' l-informazzjoni u d-*data*

L-Istati għandhom jikkoperaw, direttament jew permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, għall-iskop li jħeġġu studji, jidħlu għal programmi ta' riċerka xjentifika u jinkorraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni u d-*data* akkwistata rigward it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu. Huma għandhom jagħmlu sforz li jipparteċipaw attivament fi programmi reġjonali u globali sabiex jakkwistaw tgħarif għall-assessjar tan-natura u t-tixrid tat-tniġġiż, l-esposizzjoni għalih, il-mogħdijiet tagħha, ir-riskji u r-rimedji.

*Artikolu 201*

### Kriterja xjentifika għar-regolamenti

Fid-dawl ta' l-informazzjoni u d-*data* akkwistata permezz ta' l-Artikolu 200, l-Istati għandhom jikkoperaw, direttament jew permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, billi jistabbilixxu kriterja xjentifika xierqa għall-formulazzjoni u l-elaborazzjoni tar-regoli, *standards* u prattiċi rakkommandati u l-proċeduri għall-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu.

SEZZJONI 3

## GĦAJNUNA TEKNIKA

*Artikolu 202*

### Għajnuna xjentifika u teknika għall-Istati li għadhom jiżviluppaw

L-Istati għandhom, direttament jew permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti.

(a) iħeġġu programmi ta' għajnuna xjentifika, edukazzjonali, teknika u mod ieħor sabiex jgħinu lill-Istati li għadhom jiżviluppaw għall-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu u l-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż marittimu. Għajnuna bħal din għandha tinkludi, *inter alia*:

(i) it-taħriġ tal-persunal xjentifiku u tekniku tagħhom;

(ii) l-iffaċċilitar fil-preparazzjoni tal-programmi internazzjonali relevanti;

(iii) ifornuhom bit-tagħmir u l-faċilitajiet meħtieġa;

(iv) iqawwu l-kapaċità tagħhom fil-manifattura ta' tagħmir bħal dan;

(v) pariri rigward u dwar l-iżvilupp ta' programmi tal-faċilitajiet għar-riċerka, l-monitoraġġ, edukazzjonali u programmi oħrajn;

(b) jipprovdu għajnuna xierqa, speċjalment lill-Istati li għadhom jiżviluppaw, għat-tnaqqis ta' l-effett ta' inċidenti maġġuri li jistgħu joħolqu tniġġiż serju ta' l-ambjent marittimu;

(ċ) jipprovdu għajnuna xierqa, speċjalment lill-Istati li għadhom jiżviluppaw, rigward il-preparazzjoni għall-istudji ambjentali.

*Artikolu 203*

**Trattament preferenzjali lill-Istati li għadhom jiżviluppaw**

L-Istati li għadhom jiżviluppaw għandhom, għall-iskopijiet tal-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu jew tat-tnaqqis ta' l-effetti tiegħu, ikunu mogħtija preferenza mill-organizzazzjonijiet internazzjonali fi:

(a) l-allokazzjoni tal-fondi xierqa u l-għajnuna teknika; u

(b) l-utilizzazzjoni tas-servizzi speċjalizzati tagħhom.

SEZZJONI 4

**MONITORAĠĠ U ASSESSJAR AMBJENTALI**

*Artikolu 204*

**Il-monitoraġġ tar-riskji u l-effetti tat-tniġġiż**

1. L-Istati għandhom, konsistenti mad-drittijiet ta' l-Istati l-oħrajn, jagħmlu sforz, sakemm huwa prattikabbli, direttament jew permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, li josservaw, jevalwaw u janalizzaw, b'metodi xjentifiċi rikonoxxuti, ir-riskji jew l-effetti tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu.

2. Partikolarment, l-Istati għandhom iżommu taħt sorveljanza l-effetti ta' xi attivitajiet li huma jippermettu jew li fihom ikunu nvoluti sabiex jiddeterminaw jekk dawn l-attivitajiet li x'aktarx li jniġġżu l-ambjent marittimu.

*Artikolu 205*

**Il-pubblikazzjoni tar-rapporti**

L-Istati għandhom jippublikaw ir-rapport tar-riżultati akkwistati permezz ta' l-Artikolu 204 jew jipprovdu dawn ir-rapporti matul intervalli xierqa lill-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, li għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 206*

**Assessjar tal-potenzjal ta' l-effetti ta' l-attivitajiet**

Meta l-Istati għandhom bażi raġjonevoli li jemmnu li l-attivitajiet ippjanati taħt il-ġurisdizzjoni jew tal-kontroll tagħhom jistgħu li jikkaġunaw tniġġiż jew kambjamenti sinifikanti u ta' ħsara għall-ambjent marittimu, huma għandhom, sa kemm ikun prattikabbli, jassessjaw l-effetti potenzjali ta' attivitajiet bħal dawn fuq l-ambjent marittimu u għandhom jikkomunikaw ir-rapporti tar-riżultati ta' l-assessjar bħal dak fil-manjiera li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 205.

SEZZJONI 5

**REGOLI INTERNAZZJONALI U LEĠISLAZZJONI NAZZJONALI GĦALL-PREVENZJONI, IT-TNAQQIS U L-KONTROLL TAT-TNIĠĠIŻ TA' L-AMBJENT MARITTIMU**

*Artikolu 207*

**Tniġġiż minn sorsi bbażati fuq l-art**

1. L-Istati għandhom jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn sorsi bbażati fuq l-art, inklużi xmajjar, estwarji, pajpijiet u strutturi tar-rimi tal-iskart likwidu, billi jitqiesu r-regoli miftiehma internazzjonalment, in-normi u l-prattiċi u l-proċeduri rakkommandati.

2. L-Istati għandhom jieħdu miżuri oħrajn skond ma jista jkun meħtieġ sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw tniġġiż bħal dan.

3. L-Istati għandhom jgħamlu sforz sabiex jarmonizzaw l-istrateġiji tagħhom f'dan ir-rigward fil-livell reġjonali xieraq.

4. L-Istati, li jaġixxu speċjalment permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jew permezz ta' konferenza diplomatika, għandhom jagħmlu sforz sabiex jistabbilixxu fuq bażi globali u reġjonali, ir-regoli, in-normi u l-prattiċi u l-proċeduri rakkommandati, ħalli jnaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn sorsi bbażati fuq l-art, billi jqisu l-karatteristiċi ta' fatturi reġjonali, il-kapaċità ekonomika ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw u l-ħtieġa tagħhom għal żvilupp ekonomiku. Regoli, normi u prattiċi u proċeduri rakommandati bħal dawn għandhom ikunu eżaminati mill-ġdid minn żmien għal żmien skond ma jkun meħtieġ.

5. Il-liġijiet, ir-regolamenti, il-miżuri, ir-regoli, in-normi u l-prattiċi u l-proċeduri rakommandati msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 4 għandhom jinkludu dawk iddisinjati sabiex inaqqsu, sal-limitu massimu possibbli, ir-rilaxx ta' sustanzi tossiċi, ta' hsara jew perikolużi, speċjalment dawk li huma persistenti, fl-ambjent marittimu.

*Artikolu 208*

**Tniġġiż minn attivitajiet ta' qiegħ-il-baħar li huma suġġetti għal ġurisdizzjoni nazzjonali**

1. L-Istati kostali għandhom jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu li jirriżulta minn jew b'konnessjoni ma' l-attivitajiet ta' qiegħ il-baħar li huma suġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom u minn gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, bħala riżultat ta' l-Artikoli 60 u 80.

2. L-Istati għandhom jieħdu l-miżuri l-oħrajn skond ma jista jkun meħtieġ sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw tniġġiż bħal dan.

3. Il-liġijiet, ir-regolament u,-miżuri bħal dawn m'għandhomx ikunu anqas effettivi mir-regoli, n-normi u l-prattiċi u proċeduri internazzjonali rakkommandati.

4. L-Istati għandhom jgħamlu sforz sabiex jarmonizzaw l-istrateġiji tagħhom f'dan ir-rigward fil-livell reġjonali xieraq.

5. L-Istati, li jaġixxu speċjalment permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jew permezz ta' konferenza diplomatika, għandhom jistabbilixxu fuq bażi globali u reġjonali, r-regoli, n-normi u l-prattiċi u l-proċeduri rakkommandati sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu kif msemmi fil-paragrafu 1. Regoli, normi u prattiċi u proċeduri rakommandati bħal dawn għandhom ikunu eżaminati mill-ġdid minn żmien għal żmien skond ma jkun meħtieġ.

*Artikolu 209*

**Tniġġiż minn attivitajiet fiż-żona**

1. Regoli, regolamenti u proċeduri internazzjonali għandhom ikunu stabbiliti b'konformità mal-Parti XI sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn attivitajiet fiż-żona. Regoli, regolamenti u proċeduri bħal dawn għandhom ikunu eżaminati mill-ġdid minn żmien għal żmien skond ma jkun meħtieġ.

2. Suġġett għad-disposizzjonijiet relevanti ta' din is-sezzjoni, l-Istati għandhom jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn attivitajiet fiż-żona skond kif involuti minn vapuri, stallazzjonijiet, strutturi u tagħmir ieħor li jtajjar il-bandiera tagħhom jew tar-reġistru tagħhom jew li joperaw permezz ta' l-awtorità tagħhom, skond ma jkun il-każ. Il-ħtiġiet ta' liġijiet u regolamenti bħal dawn m'għandhomx ikunu anqas effettivi mir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri internazzjonali kif msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 210*

**Tniġġiż mir-rimi**

1. L-Istati għandhom jadottaw il-liġijiet sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn rimi.

2. L-Istati għandhom jieħdu l-miżuri l-oħrajn skond ma jista jkun meħtieġ sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw tniġġiż bħal dan.

3. Liġijiet, regolamenti u miżuri bħal dawn għandhom jassiguraw li rimi ma jkunx imwettaq mingħajr il-permess ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati.

4. L-Istati, li jaġixxu speċjalment permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jew permezz ta' konferenza diplomatika, għandhom jagħmlu sforz sabiex jistabbilixxu fuq bażi globali u reġjonali, r-regoli, n-normi u l-prattiċi u l-proċeduri rakkommandati sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw tniġġiż bħal dan. Regoli, normi u prattiċi u proċeduri rakommandati bħal dawn għandhom ikunu eżaminati mill-ġdid minn żmien għal żmien skond ma jkun meħtieġ.

5. Ir-rimi fi ħdan il-baħar territorjali u ż-żona ekonomika esklussiva jew fuq is-sikka kontinentali m'għandux jitwettaq mingħajr l-approvazzjoni espressa bil-quddiem ta' l-Istat kostali, li għandu d-dritt li ma jippermettix, jirregola u jikkontrolla rimi bħal dan wara kunsiderazzjoni xierqa ta' dik il-materja ma Stati oħrajn li minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom jistgħu jkunu affettwati ħażin b'dan ir-rimi.

6. Il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri nazzjonali m'għandhomx ikunu anqas effettivi fil-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-ikkontrollar ta' tniġġiż bħal dan milli bir-regoli u n-normi globali.

*Artikolu 211*

**Tniġġiż minn vapuri**

1. L-Istati, li jaġixxu permezz ta' l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti jew ta' konferenza diplomatika ġenerali, għandhom jistabbilixxu regoli u normi internazzjonali sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn vapuri u jħeġġu l-adozzjoni, bl-istess mod, kull meta xieraq, ta sistemi ta' rotot ġodda iddisinjati sabiex jimminimizzaw it-theddida ta' inċidenti li jistgħu joħolqu tniġġiż ta' l-ambjent marittimu, inkluża l-kosta, u l-ħsara bit-tniġġiż relatata ma

l-interessi ta' l-Istati kostali. Regoli u normi bħal dawn għandhom, bl-istess mod, ikunu eżaminati mill-ġdid minn żmien għal żmien skond ma jkun meħtieġ.

2. L-Istati għandhom jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn vapuri li jtajjru il-bandiera tagħhom jew tar-registru tagħhom. Liġijiet u regolamenti bħal dawn għandhom mill-anqas ikollhom l-istess effett bħal dawk ir-regoli u n-normi internazzjonali ġeneralment aċċettati kif stabbiliti permezz ta' l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti jew ta' konferenza diplomatika ġenerali.

3. L-Istati li jistabbilixxu l-ħtiġiet partikolari għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu bħala kondizzjoni għad-dħul ta' vapuri barranin fil-portijiet jew fl-ilmijiet interni tagħhom jew sabiex iżuru t-terminali il-barra mill-kosta tagħhom, għandhom jagħtu l-pubbliċità meħtieġa dwar dawn il-ħtiġiet u għandhom jikkomunikaw dawn lill-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti. Kull meta ħtiġiet bħal dawn huma stabbiliti f'għamla identika minn tnejn jew aktar Stati kostali fi sforz sabiex jarmonizzaw l-istrateġija tagħhom, il-komunikazzjoni għandha tindika liema Stati jkunu jipparteċipaw f'arranġamenti koperattivi bħal dawn. Kull Stat għandu jeħtieġ li l-kaptan ta' vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu jew fir-reġistru tiegħu, meta jinnaviga fi ħdan il-baħar territorjali ta' Stat parteċipanti f'arranġamenti koperattivi bħal dawn, li jforni, fuq talba ta' l-Istati, informazzjoni rigward jekk ikunx jipproċedi lejn Stat ta' l-istess reġjun li jipparteċipa f'arranġamenti koperattivi bħal dawn u, jekk hekk, li jindika jekk ikunx konformi mal-ħtiġijiet tal-port tad-dħul ta' dak l-Istat. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-eżerċitar kontinwu minn vapur tad-dritt tal-passaġġ innoċenti jew dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 25(2).

4. L-Istati kostali jistgħu, fl-eżerċitar tas-sovranità tagħhom fi ħdan il-baħar territorjali tagħhom, jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż marittimu minn vapuri barranin, inklużi vapuri li jeżerċitaw id-dritt tal-passaġġ innoċenti. Liġijiet u regolamenti bħal dawn għandhom, b'konformità mal-Parti II, is-Sezzjoni 3, ma jfixklux il-passaġġ innoċenti tal-vapuri barranin.

5. L-Istati kostali, għall-iskop ta' l-infurzar kif hemm provvediment dwar dan fis-Sezzjoni 6, jistgħu fir-rigward taż-żoni ekonomiċi esklussivi tagħhom, jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż minn vapuri li jkunu konformi ma, u li jagħtu effett għar-regoli u n-normi internazzjonali ġeneralment aċċettati kif stabbiliti permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jew minn konferenza diplomatika ġenerali.

6. (a) Meta r-regoli u n-normi internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux adekwati sabiex jilħqu maċ-ċirkostanzi speċjali u l-Istati kostali jkollhom bażi raġjonevoli sabiex jemmnu li żona partikolari, kjarament definiti fir-rigward taż-żoni ekonomiċi esklussivi tagħhom hija żona ta' fejn l-adozzjoni tal-miżuri mandatorji speċjali għall-revenzjoni tat-tniġġiż minn vapuri tkun meħtieġa għal-raġunijiet tekniċi rikonoxxuti b'relazzjoni mal-kondizzjonijiet oċeanografiġi u ekoloġiċi tiegħu, kif ukoll dwar l-utilizzazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżorsi tiegħu u l-karattru partikolari tat-traffiku tiegħu, l-Istati kostali, wara konsultazzjonijiet xierqa permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti ma xi Stati oħrajn ikkonċernati, jista, għal dik iż-żona, jibgħat komunikazzjoni lejn dik l-organizzazzjoni, jippreżenta evidenza xjentifika u teknika bħala sostenn u l-informazzjoni dwar il-faċilitajiet meħtieġa ta' l-ilqugħ. Fi żmien 12 il-xhar wara li tirċievi komunikazzjoni bħal din, l-organizzazzjoni għandha tid-determina jekk il-kondizzjonijiet f'dik iż-żona jkunux korrispondenti għall-ħtiġiet stabbiliti hawn fuq. Jekk l-organizzazzjoni hekk tiddetermina, l-Istati kostali jistgħu, għal dik iż-żona, jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti dwar il-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż minn vapuri li jimplimentaw regoli u normi internazzjonali bħal dawn jew prattiċi tan-navigazzjoni hekk kif ikunu applikabbli, permezz ta' l-organizzazzjoni, dwar żoni speċjali. Dawn il-liġijiet u regolamenti m'għandhomx ikunu applikabbli għal vapuri barranin sa 15 il-xahar minn wara l-preżentazzjoni tal-komunikazzjoni lejn l-organizzazzjoni.

(b) L-Istati kostali għandhom jippublikaw il-limiti ta xi żona partikolari bħal din, kjarament definita.

(ċ) Jekk l-Istati kostali għandhom l-intenzjoni li jadottaw liġijiet u regolamenti addizzjonali għall-istess żona dwar il-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż minn vapuri, huma għandhom, meta jippreżentaw il-komunikazzjoni msemmija qabel, fl-istess żmien jinnotifika lill-organizzazzjoni dwar dan. Liġijiet u regolamenti addizzjonali bħal dawn jistgħu jkunu jirrigwardaw ir-rimi jew il-prattiċi tan-navigazzjoni imma ma jistgħux jeħtieġu li l-vapuri barranin li josservaw id-disinn, il-kostruzzjoni, l-ekwipaġġ jew in-normi ta' l-apparat, apparti milli minn dawk ġeneralment aċċettati b'regoli u normi internazzjonali; dawn għandhom isiru applikabli għal vapuri barranin 15 il-xahar wara l-preżentazzjoni tal-komunikazzjoni lill-organizzazzjoni, basta li l-organizzazzjoni taqbel fi żmien 12 il-xahar wara l-preżentazzjoni tal-komunikazzjoni.

7. Ir-regoli u n-normi internazzjonali msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu, *inter alia*, dawk li jirrigwardaw in-notifika f'waqta lill-Istati Kostali, li l-linja tal-kosta tagħhom jew l-interessi relatati jistgħu ikunu affettwati b'inċidenti, inklużi mwiet marittimi, li jinvolvu r-rimi jew il-probabbilità ta' rimi.

*Artikolu 212*

**Tniġġiż minn u permezz ta' l-atmosfera**

1. L-Istati għandhom jadottaw il-liġijiet u regolamenti sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn u permess ta' l-atmosfera, applikabbli għall-ispazju ta' l-ajru

taħt is-sovranità tagħhom u għall-vapuri li jtajjru l-bandiera tagħhom jew vapuri u ajruplani fir-reġistru tagħhom, billi jqisu r-regoli, n-normi u l-prattiċi u l-proċeduri mifthiema internazzjonalment u wkoll is-sigurtà ta' navigazzjoni fl-ajru.

2. L-Istati għandhom jieħdu l-miżuri l-oħrajn skond ma jista jkun meħtieġ sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw tniġġiż bħal dan.

3. L-Istati, li jaġixxu speċjalment permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jew permezz ta' konferenza diplomatika, għandhom jagħmlu sforz sabiex jistabbilixxu fuq bażi globali u reġjonali, r-regoli, n-normi u l-prattiċi u l-proċeduri rakkommandati sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw tniġġiż bħal dan.

SEZZJONI 6

**INFURZAR**

*Artikolu 213*

**Infurzar fir-rigward tat-tniġġiż minn sorsi bbażżati fl-art**

L-Istati għandhom jinfurzaw il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom adottati b'konformità ma l-Artikolu 207 u għandhom jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti u jieħdu l-miżuri l-oħrajn meħtieġa sabiex jimplimentaw ir-regoli u normi internazzjonali applikabbli kif stabbiliti permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jew b'konferenza internazzjonali sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn sorsi bbażati fuq l-art.

*Artikolu 214*

**Infurzar fir-rigward tat-tniġġiż minn attivitajiet f'qiegħ il-baħar**

L-Istati għandhom jinfurzaw il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom adottati b'konformità ma l-Artikolu 208 u għandhom jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti u jieħdu l-miżuri l-oħrajn meħtieġa sabiex jimplimentaw ir-regoli u normi internazzjonali applikabbli kif stabbiliti permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jew b'konferenza internazzjonali sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu li joriġina minn, jew b'konnessjoni ma l-attivitajiet f'qiegħ il-baħar li huma suġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom jew minn gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, bissaħħa ta' l-Artikoli 60 u 80.

*Artikolu 215*

**Infurzar fir-rigward tat-tniġġiż minn attivitajiet fiż-żona**

L-infurzar tar-regoli, regolamenti u proċeduri internazzjonali stabbiliti b'konformit'mal-parti XI sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn attivitajiet fiż-żona għandu jkun irregolat b'din il-parti..

*Artikolu 216*

**Infurzar fir-rigward tat-tniġġiż bid-*dumping***

1. Il-liġijiet u r-regolamenti adottati b'konformità ma' din il-Konvenzjoni u r-regoli u n-normi internazzjonalment applikabbli permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonalment kompetenti jew konferenza diplomatika għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu bid-*dumping* għandhom ikunu inforzati:

(a) mill-Istat kostali fir-rigward tad-*dumping* gewwa l-baħar territorjali tiegħu jew fiż-żona ekonomika esklussiva tiegħu jew fuq is-sikka kontinentali tiegħu;

(b) mill-Istat tal-bandiera fir-rigward ta' vapuri li jtajjru l-bandiera tiegħu jew il-vapuri u l-arjuplani fuq ir-reġistru tiegħu;

(ċ) minn xi Stat fir-rigward ta' l-atti tat-tgħabija tal-iskart jew materji oħrajn li jseħħu fit-territorju tiegħu jew fit-terminali ta' lil hinn mill-art.

2. L-ebda Stat m'għandu jkun obbligat permezz ta' dan l-Artikolu li jibda proċċedimenti meta Stat ieħor ikun diġa istitwixxa poċċedimenti b'konformità ma dan l-Artikolu.

*Artikolu 217*

**Infurzar mill-Istati tal-bandiera**

1. L-Istati għandhom jassiguraw il-konformità mill-vapuri li jtajjru il-bandiera tagħhom jew tar-reġistru tagħhom, mar-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli, stabbiliti permezz ta' l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti jew b'konferenza internazzjonali, u mal-liġijiet u r-regolamenti tagħhom adottati b'konformità ma din il-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn vapuri u għandhom għalhekk jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti u jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati tal-bandiera għandhom jipprovdu għall-infurzar effettiv ta' dawk ir-regoli, n-normi, il-liġijiet u r-regolamenti, irrispettivament minn fejn il-vjolazzjoni seħħ.

2. L-Istati għandhom, partikolarment, jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jassiguraw li l-vapuri li jtajjru l-bandiera tagħhom jew fir-reġistru tagħhom huma pprojbiti milli jbaħħru, sakemm ikunu jistgħu jipproċedu lejn il-baħar b'konformità mal-ħtiġiet tar-regoli u n-normi internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, inklużi l-ħtiġiet fir-rigward tad-disinn, il-kostruzzjoni, l-apparat u l-ekwipaġġ tal-vapuri.

3. L-Istati għandhom jassiguraw li l-vapuri li jtajjru l-bandiera tagħhom jew fir-reġistru tagħhom ikollhom abbord iċ-ċertifikati meħtieġa minn u maħruġa skond ir-regoli u n-normi internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati għandhom jassiguraw li l-vapuri li jtajjru il-bandiera tagħhom ikunu perjodikament ispezzjonati sabiex jivverifikaw li ċ-ċertifikati bħal dawn ikunu konformi mal-kondizzjoni attwali tal-vapuri. Dawn iċ-ċertifikati għandhom ikunu aċċettati mill-Istati l-oħrajn bħala evidenza tal-kondizzjoni tal-vapuri u għandhom ikunu meqjusa bħala li jkollhom l-istess forza bħaċ-ċertifikati maħruġa minnhom, sakemm ma jkunx hemm bażi ċari sabiex jitwemmen li l-kondizzjoni tal-vapur ma tkun taqbel sostanzjalment mal-partikolaritajiet taċ-ċertifikati.

4. Jekk vapur jikkommetti vjolazzjoni tar-regoli u n-normi stabbiliti permezz ta' l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti jew ta' konferenza diplomatika ġenerali, l-Istat tal-bandiera, mingħajr preġidizzju għall-Artikoli 218, 220 u 228, u għandu jipprovdi għall-investigazzjoni immedjata u meta xieraq jistitwixxi proċedimenti xierqa fir-rigward ta' l-allegata vjolazzjoni, irrispettivament minn fejn tkun seħħet il-vjolazzjoni jew ta' fejn it-tniġġiż ikkawżat minn dik il-vjolazzjoni kien seħħ jew kien deher.

5. L-Istati tal-bandiera li jwettqu l-investigazzjoni tal-vjolazzjoni jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' xi Stat ieħor li l-koperazzjoni tiegħu tista tkun utili fil-kjarifika taċ-ċirkostanzi tal-każ. L-Istati għandhom jagħmlu sforż sabiex jilħqu t-talbiet xierqa ta' l-Istati tal-bandiera.

6. L-Istati għandhom, fuq talba bil-miktub ta' xi Stat, jinvestigaw kwalunkwe vjolazzjoni allegata li tkun twettqet minn vapur li jtajjar il-bandiera tagħhom. Jekk sodisfatti li evidenza suffiċċjenti tkun disponibbli sabiex ikunu jistgħu iseħħu l-proċedimenti fir-rigward ta' l-allegata vjolazzjoni, l-Istati tal-bandiera għandhom mingħajr dewmien jistitwixxu dawk il-proċedimenti b'konformità mal-liġijiet tagħhom.

7. L-Istati tal-bandiera għandhom mill-ewwel jinformaw lill-Istat li jagħmel it-talba u lill-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti bl-azzjoni meħudha u bl-eżitu tagħha. Informazzjoni bħal din għandha tkun disponibbli għall-Istati kollha.

8. Il-penali li hemm provvediment dwarhom bil-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati għal vapuri li jtajjru l-bandiera tagħhom għandhom ikunu adekwati fis-severità hekk li jiskorraġġixxu vjolazzjonijiet kull fejn iseħħu.

*Artikolu 218*

**Infurzar mill-Istati tal-port**

1. Meta vapur ikun voluntarjament ġewa port jew f'terminu *off-shore* ta' Stat, dak l-Istat jista jwettaq investigazzjonijiet u, meta l-evidenza hekk tkun teħtieġ, jistitwixxi proċedimenti fir-rigward ta' xi rilaxx minn dak il-vapur il-barra mill-ibħra interni, l-baħar territorjali jew iż-żona ekonomika esklussiva ta' dak l-Istati b'vjolazzjoni tar-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli stabbiliti permezz ta' l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti jew f'konferenza diplomatika ġenerali.

2. L-ebda proċedimenti permezz tal-paragrafu 1 m'għandhom ikunu istitwiti fir-rigward ta' vjolazzjoni ta' rilaxx f'ibħra nterni, baħar territorjali jew żona ekonomika esklussiva ta' Stat ieħor sakemm ma jkunx mitlub minn dak l-Istat, l-Istat tal-bandiera jew l-Istat li jkun sofra danni jew li huwa mhedded bi vjolazzjoni ta' rilaxx, jew sakemm il-vjolazzjoni tkun ikkawżat jew inkella aktarx li jikkawża tniġġiż f'ilmijiet interni, baħar territorjali jew żona ekonomika esklussiva ta' l-Istat li jistitwixxi l-proċedimenti.

3. Meta vapur ikun voluntarjament ġewwa port jew ma terminu *off-shore* ta' Stat, dak l-Istat għandu, sa kemm ikun prattikabbli, ikun konformi mat-talbiet minn xi Stat għall-investigazzjoni tal-vjolazzjoni tar-rilaxx msemmi fil-paragrafu 1, li wieħed jista jemmen li jkun seħħ, ikkawżat, jew danni mhedda għall-ilmijiet interni, mil-baħar territorjali jew miż-żona ekonomika esklussiva ta' l-Istat li jagħmel it-talba. Huwa l-istess, sakemm ikun prattikabbli, għandhom ikun konformi mat-talbiet mill-Istat tal-bandiera għal investigazzjoni ta' vjolazzjoni bħal dik, irrispettivament minn fejn tkun seħħet il-vjolazzjoni.

4. Ir-rekords tal-investigazzjoni mwettqa minn l-Istat tal-port permezz ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu trasmessi mat-talba ta' l-Istat tal-Bandiera jew ta' l-Istat kostali. Xi proċedimenti istitwiti mill-Istat tal-port fuq il-bażi ta' l-investigazzjoni bħal dik jista, bla ħsara għas-Sezzjoni 7, ikunu sospiżi fuq it-talba ta' l-Istat kostali meta l-vjolazzjoni tkun seħet ġewwa l-ilmijiet interni, fil-baħar territorjali jew fiż-żona ekonomika esklussiva. L-evidenza u r-rekords tal-każ, flimkien ma xi garanzija jew sigurtà finanzjarja oħra ippreżentata ma l-awtoritajiet ta' l-Istat tal-port, għandhom f'dak il-każ ikunu trasmessi lejn l-Istati kostali. Trasmissjoni bħal din għandha żżomm il-kontinwazzjoni tal-proċedimenti fl-Istat tal-port.

*Artikolu 219*

**Miżuri li jirrigwardaw kemm il-vapuri huma tajbin għat-tbaħħir sabiex jevitaw it-tniġġiż**

Bla ħsara għas-Sezzjoni 7, l-Istati li, fuq talba jew bl-inizjattiva tagħhom stess, ikunu aċċertaw li vapur f'wieħed mill-portijiet

tagħhom jew ma wieħed mit-termini *off-shore* tagħhom ikun bi vjolazzjoni ta' regoli u normi internazzjonali applikabbli li jirrigwardaw kemm il-vapuri jkunu tajbin għat-tbaħħir u b'hekk jhedded danni għall-ambjent marittimu, għandu, sa kemm ikun prattikabbli, jieħdu miżuri amministrattivi sabiex ma jħallux li l-vapur ibaħħar. Stati bħal dawn jistgħu jippermettu lill-vapur li jbaħħar biss lejn l-eqreb baċir xieraq tat-tiswijja, u, mat-tneħħija tal-kawżi tal-vjolazzjoni, għandhom jippermettu lill-vapur li jkompli jbaħħar immedjatament.

*Artikolu 220*

**Infurzar mill-Istati kostali**

1. Meta vapur ikun voluntarjament ġewwa port jew ma terminu *off-shore* ta' Stat, dak l-Istat jista, bla ħsara għas-Sezzjoni 7, jistitwixxi proċedimenti fir-rigward ta' xi vjolazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu adottati b'konformità ma din il-Konvenzjoni jew mar-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż minn vapuri meta l-vjolazzjoni tkun seħħett ġewwa l-baħar territorjali jew fiż-żona ekonomika esklussiva ta' dak l-Istat.

2. Meta jkun hemm bażi ċara sabiex jitwemmen li vapur li jkun ibaħħar fil-baħar territorjali ta' Stat, ikun, matul il-passaġġ tiegħu hemmhekk, jikser il-liġijiet jew ir-regolamenti ta' dak l-Istat adottati b'konformità ma din il-Konvenzjoni jew mar-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż minn vapuri, dak l-Istat, mingħajr preġudiżżju dwar l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet relevanti tal-Parti II, is-Sezzjoni 3, jista jwettaq ispezzjoni fiżika tal-vapur rigward il-vjolazzjoni, u jista, meta l-evidenza hekk tkun titlob, jistitwixxi proċedimenti, inkluża d-detenzjoni tal-vapur, b'konformità mal-liġijiet, bla ħsara għas-Sezzjoni 7.

3. Meta jkun hemm bażi ċara sabiex jitwemmen li vapur li jkun ibaħħar fiż-żona ekonomika esklussiva jew tal-baħar territorjali ta' Stat ikun, fiż-żona ekonomika esklussiva, iwettaq vjolazzjoni tar-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġiż minn vapuri jew il-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istat li huma konformi u li jagħtu effett għal dawk ir-regoli u n-normi, dak l-Istat jista jeħtieġ li l-vapur jagħti l-informazzjoni rigward l-identità u l-port tar-reġistrazzjoni tiegħu, l-aħħar port u dak il-port li jmiss u l-informazzjoni relevanti meħtieġa sabiex jistabbilixxi jekk vjolazzjoni tkunx seħħet.

4. L-Istati għandhom jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti u jieħu l-miżuri l-oħrajn hekk li l-vapuri li jtajjru il-bandiera tagħhom ikunu konformi mal-ħtiġiet għall-informazzjoni permezz tal-paragrafu 3.

5. Meta jkun hemm bażi ċara sabiex jitwemmen li vapur li jbaħħar f'żona ekonomika esklusiva jew fil-baħar territorjali ta' Stat ikun, fiż-żona ekonomika esklusiva, wettaq vjolazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 li tirriżulta f'rilaxx sostanzjali li tikkawża jew thedded tniġġiż sinifikanti ta' l-ambjent marittimu, dak l-Istat jista jwettaq spezzjoni fiżika tal-vapur dwar il-materji li jirrigwardaw il-vjolazzjoni jekk il-vapur ikun ċaħad li jagħti informazzjoni jew jekk l-informazzjoni fornuta mill-vapur tkun kjarament b'varjanza mas-sitwazzjoni evidentament fattwali u jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jiġġustifikaw spezzjoni bħal dik.

6. Meta jkun hemm evidenza oġġettiva ċara li vapur ikun ibaħħar fiż-żona ekonomika esklussiva jew fil-baħar territorjali ta' Stat ikun, fiż-żona ekonomika esklussiva, jwettaq vjolazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tirriżulta f'rilaxx li jikkawża ħsara maġġuri jew theddid ta' danni maġġuri għall-kosta jew l-interessi relatati ta' l-Istat kostali, jew għal xi riżorsi tal-baħar territorjali jew taż-żona ekonomika esklussiva tiegħu, dak l-Istat jista, bla ħsara għas-Sezzjoni 7, basta li l-evidenza hekk tkun teħtieġ, jistitwixxi proċedimenti, inkluża d-detenzjoni tal-vapur, b'konformità mal-liġijiet tiegħu.

7. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 6, kull meta l-proċeduri xierqa jkun stabbiliti, jew permezz ta' l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti jew kif mod ieħor mifthiem, li permezz tagħhom konformità mal-ħtiġiet ta' garanzija jew ma sigurtà finanzjarja xierqa oħra tkun ġiet assigurata, l-Istat kostali jekk marbut b'dawn il-proċeduri għandu jippermetti lill-vapur li jkompli jbaħħar.

8. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 3, 4, 5. 6 u 7 japplikaw ukoll fir-rigward tal-liġijiet u r-regolament nazzjonali adottati bis-saħħa ta' l-Artikolu 211(6).

*Artikolu 221*

**Miżuri sabiex ikun evitat it-tniġġiż li joriġina minn diżastri marittimi**

1. Xejn f'din il-parti m'għandu jippreġudika d-dritt ta' l-Istati, b'segwiment tal-liġi internazzjonali, kemm ta' użanza u wkoll konvenzjonali, li jieħdu u jinforzaw miżuri, lil hinn mill-baħar territorjali, li huma proporzjonati għad-danni attwali jew mhedda, li jipprotteġu il-kosta jew l-interessi relatati tagħhom, inkluż is-sajd, mit-tniġġis jew minn thedid ta' tat-tniġġiż bħala riżultat ta' disastru marittimu jew atti relatati ma disastru bħal dak, li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija bħala riżultat ta' konsegwenzi ta' danni maġġuri.

2. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, "disastru marittimu" jfisser ħabta ta' vapuri, inkaljar jew inċident ieħor tan-navigazzjoni, jew

okkorrenza oħra abbord vapur jew fl-estern tiegħu li tirriżulta fi ħsara materjali jew theddida imminenti ta' ħsara materjali għall-vapur jew għat-tagħbija.

*Artikolu 222*

**Infurzar fir-rigward tat-tniġġiż minn jew permezz ta' l-atmosfera**

L-Istati għandhom jinforzaw, fl-ispazju ta' l-ajru li jkun taħt is-sovranità tagħhom jew fir-rigward ta' vapuri li jtajjru l-bandiera tagħhom jew arjuplani tar-reġistru tagħhom, il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom adottati b'konformità ma' l-Artikolu 212(1), u mad-disposizzjonijiet l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni u għandhom jadottaw il-liġijiet u r-regolamenti u jieħdu l-miżuri l-oħrajn meħtieġa sabiex jimplimentaw ir-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli stabbiliti permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jew f'konferenza diplomatika sabiex ma jħallux, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn jew permezz ta' l-atmosfera, b'konformità mar-regoli u n-normi internazzjonali relevanti kollha li jikkonċernaw is-sigurtà tan-navigazzjoni bl-ajru.

SEZZJONI 7

**SALVAGWARDJI**

*Artikolu 223*

**Miżuri sabiex ikunu ffaċilitati l-proċedimenti**

Fil-proċedimenti mibdija bis-saħħa ta' din il-parti, l-Istati għandhom jieħdu l-miżuri sabiex jiffaċilitaw is-smiegħ ta' xhieda l-ammissjoni ta' l-evidenza ppreżentata mill-awtoritajiet ta' Stat ieħor, jew minn organizzazzjoni internazzjonali kompetenti, u għandhom jiffaċilitaw l-attendenza ta' proċedimenti bħal dawk tar-rappreżentanti uffiċjali ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, l-Istat tal-bandiera u xi Stat affetwat bit-tniġġiż li joriġina minn xi vjolazzjoni. Ir-rappreżentanti uffiċjali li jattendu għal dawn il-procedimenti għandhom id-dritt ta' drittijiet u doveri bħal dawn skond ma jista jkun ipprovdut permezz tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali jew tal-liġi internazzjonali.

*Artikolu 224*

**L-eżerċitar tal-poteri ta' l-inforzar**

Il-poteri ta' l-inforzar kontra vapuri barranin permezz ta' din il-parti jistgħu ikunu eżerċitati biss minn uffiċjali jew minn vapuri tal-gwerra, arjuplani militari, jew vapuri jew ajruplani oħrajn immarkati kjarament u identifikabbli bħala li huma fis-servizz ta' gvern u awtorizzati għal dak l-iskop.

*Artikolu 225*

**Dover sabiex ikunu evitati konsegwenzi kuntrarji fl-eżerċitar tal-poteri ta l-infurzar**

Fl-eżerċitar permezz ta' din il-Konvenzjoni tal-poteri tagħhom ta' l-enforzar kontra vapuri baranin, l-Istati m'għandhomx jipperikolaw is-sigurtà tan-navigazzjoni jew b'mod ieħor li joħolqu xi periklu għal vapur, jew li jwasslu li port jew ankraġġ ma jkunx siguri, jew li jesponu l-ambjent marittimu għal xi riskju mhux raġjonevoli.

*Artikolu 226*

**Investigazzjoni ta' vapuri barranin**

1. (a) l-Istati m'għandhomx idewwmu vapur barrani aktar milli jkun essenzjali għall-iskopijiet ta' l-investigazzjonijiet kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikoli 216, 218 u 220. Xi spezzjoni fiżika fuq vapur barrani għandha tkun limitata għall-eżami ta' dawk iċ-ċertifikati, ir-rekords jew id-dokumenti l-oħrajn skond ma' l-vapur ikun meħtieġ li jġorr skond ir-regoli u n-normi internazzjonali aċċettabbli jew ta' xi dokumenti simili li jkun iġorr; l-ispezzjoni fiżika ulterjuri tal-vapur tista sseħħ biss wara eżaminazzjoni bħal dik u biss meta:

   (i) jkun hemm bażi ċari għat-twemmin li l-kondizzjoni tal-vapur jew ta' l-apparat tiegħu ma jkunux jikkorrispondu sostanzjalment mal-partikolaritajiet ta' dawk id-dokumenti;

   (ii) li l-kontenut ta' dokumenti bħal dawk ma jkunux suffiċċjenti sabiex jikkonfermaw jew jivverifikaw vjolazzjoni kif susspettata; jew

   (iii) il-vapur ma jkunx iġorr ċertifikati jew records validi.

   (b) Jekk l-investigazzjoni tindika vjolazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli jew tar-regoli u n-normi internazzjonali għall-protezzjoni u l-reservazzjoni ta' l-ambjent marittimu, ir-rilaxx għandu jseħħ mill-ewwel bla ħsara għal proċeduri raġjonevoli bħal ma huma l-garanziji u s-sigurtà finanzjarja xierqa oħra.

   (ċ) Mingħajr preġudizzju għar-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli rigward l-istat tal-vapuri għat-tbaħħir, ir-rilaxx tal-vapur jista, kull meta tkun jippreżenta theddida mhux raġjonevoli ta' danni għall-ambjent marittimu, tkun miċħudha jew magħmulha kondizzjonali li jipproċedi lejn l-eqreb baċir xieraq għat-tiswijiet. Meta r-rilaxx ikun ġie miċħud jew magħmul kondizzjonali, l-Istat tal-bandiera tal-vapur għandu jkun innotifikat fil-pront, u jista jitlob ir-rilaxx b'konformità mal-Parti XV.

2. L-Istati għandhom jikkoperaw sabiex jiżviluppaw proċeduri għall-evitar ta' spezzjoni fiżika mhux meħtieġa ta' vapuri waqt it-tbaħħir.

*Artikolu 227*

**L-ebda diskriminazzjoni fir-rigward ta' vapuri baranin**

Fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom u fit-twettieq tad-doveri tagħhom permez ta' din il-parti, l-Istati m'għandhomx jiddiskriminaw fil-għamla jew fil-fatt kontra vapuri ta' xi Stat ieħor.

*Artikolu 228*

**Is-sospensjoni u r-restrizzjonijiet fuq l-istituzzjoni ta' proċedimenti**

1. Proċedimenti li jimponu penali fir-rigward ta' xi vjolazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli jew tar-regoli u n-normi li jirrigwardaw il-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż minn vapuri, imwettqa minn vapur barrani lil hinn mill-baħar territorjali ta' l-Istat li jistitwixxi l-proċedimenti, għandhom ikunu sospiżi mat-teħid tal-proċedimenti sabiex jimponi penali firrigward tal-imposti korrispondenti mill-Istat tal-bandiera, fi żmien sitt xhur mid-data li fiha l-proċedimenti kienu nbdew għall-ewwel darba, sakemm dawk il-procedimenti jirrigwardaw każ ta' danni maġġuri għall-Istat kostali jew li l-Istat tal-bandiera f'dak il-każ ikun repetutament injora l-obbligazzjonijiet tiegħu li jinforza affettivament ir-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli firrigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-vapuri tiegħu. L-Istat talbandiera għandu meta jkun il-waqt jagħmel disponibbli lill-Istat li preċedentament ikun istitwixxa l-proċedimenti *dossier* sħiħ tal-każ u r-rekords tal-proċedimenti, kull meta l-Istat tal-bandiera jkun talab għas-sospensjoni tal-proċedimenti bi qbil ma' dan l-Artikolu. Meta l-proċedimenti istitwiti mill-Istat tal-bandiera jkunu twasslu għal konklużjoni, il-proċedimenti sospiżi għandhom ikunu tterminati. Mal-pagament ta' l-ispejjeż involuti fir-rigward ta' proċedimenti bħal dawn, xi garanzija ddepositata jew xi sigurtà finanzjarja oħra b'konnessjoni tal-proċedimenti sospiżi għandha tkun rilaxxata mill-Istat kostali.

2. Il-proċedimenti għall-imposizzjoni ta' penali fuq vapuri barranin m'għandhomx ikunu mibdija wara l-iskadenza ta' tlett snin mid-data li fiha l-vjolazzjoni kienet imwettqa, u m'għandhomx jittieħdu minn xi Stat fil-każ ta' proċedimenti li jkunu nbdew minn Stat ieħor bla ħsara għad-disposizzjonijiet stabbiliti filparagrafu 1.

3. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istat tal-bandiera li jieħu kwalunkwe miżuri, inklużi l-proċedimenti sabiex jimponi penali, b'konformità marregoli tiegħu, irrispettivament mill-proċedimenti preċedenti minn Stat ieħor.

*Artikolu 229*

**L-istituzzjoni ta' proċedimenti ċivili**

Xejn f'din il-Konvenzjoni ma jaffetwa l-istituzzjoni ta' proċedimenti ċivili fir-rigward ta' xi talba għal telf jew danni li jirriżultaw mit-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu.

*Artikolu 230*

**Penali monetarji u l-osservanza tad-drittijiet rikonoxxuti ta' l-akkużat**

1. Penali monetarji jistgħu jkunu mposti biss fir-rigward ta' vjolazzjonijiet tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali jew tar-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu, imwettaq minn vapuri baranin lil hinn mill-baħar territorjali.

2. Penali monetarji jistgħu ikunu mposti biss fir-rigward ta' vjolazzjonijiet tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali jew tar-regoli u n-normi internazzjonali applikabbli għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu, imwettaq minn vapuri barranin fil-baħar territorjali, apparti milli fil-każ ta' att voluntarju u serju ta' tniġġiż fil-baħar territorjali.

3. Fit-twettieq tal-proċedimenti fir-rigward ta' vjolazzjonijiet bħal dawn imwettqa minn vapur barrani li jistgħu jirriżultaw fl-imposizzjoni ta' penali, id-drittijiet rikonoxxuti ta' l-akkużat għandhom ikunu osservati.

*Artikolu 231*

**Notifika lill-Istat tal-bandiera u lill-Istati l-oħrajn ikkonċernati**

L-Istati għandhom minufih jinnotifikaw lill-Istat tal-bandiera u lil xi Stat ieħor ikkonċernat bill-miżuri meħudha bis-saħħa tas-Sezzjoni 6 kontra vapuri barranin, u għandu jippreżenta lill-Istat talbandiera r-rapporti uffiċjali kollha li jikkonċernaw miżuri bħal dawk. B'dana kollu, fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa filbaħar territorjali, l-obbligi msemmija qabel ta' l-Istat kostali japplikaw biss għal dawk il-miżuri li huma meħudha filproċedimenti. L-aġenti diplomatiċi jew l-uffiċjali konsolari u meta possibbli l-awtorità marittima ta' l-Istat tal-bandiera, għandhom immedjatament ikunu nformati b'xi miżuri meħuda bis-saħħa tas-Sezzjoni 6 kontra vapuri baranin.

*Artikolu 232*

**Responsabbiltà ta' l-Istati li toriġina mil-inforzar tal-miżuri**

L-Istati għandhomn ikunu responsabbli għal danni jew telf attribwit lilhom li joriġinaw minn miżuri meħudha permezz

tas-Sezzjoni 6 meta miżuri bħal dawn ikunu illegali jew b'eċċess ta' dawk raġonevolment meħtieġa fid-dawl ta' l-informazzjoni disponibbli. L-Istati għandhom jipprovdu għal rikors lejn il-qrati tagħhom dwar azzjonijiet fir-rigward ta' danni jew telf bħal dan.

*Artikolu 233*

**Salvagwardji fir-rigward ta' mogħdijiet użati għan-navigazzjoni internazzjonali**

Xejn fis-Sezzjonijiet 5, 6 u 7 m'għandu jaffettwa ir-reġim legali ta' mogħdijiet użati għan-navigazzjoni internazzjonali. B'dana kollu, jekk vapur barrani apparti minn dawk msemmija fis-Sezzjoni 10 jkun wettaq vjolazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti msemmija fl-Artikolu 42(1)(a) u (b), l-ikkawżar jew it-theddid ta' danni maġġuri għal-ambjent marittimu tal-mogħdijiet, l-Istati bil-fruntieri fuq il-mogħdijiet jistgħu jieħdu l-miżuri xierqa ta' l-inforzar u jekk hekk, għandhom jirrispettaw *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' din is-sezzjoni.

SEZZJONI 8

**ŻONI KOPERTI BIS-SILĠ**

*Artikolu 234*

**Żoni koperti bis-silġ**

L-Istati kostali għandhom id-dritt li jadottaw u jinforzaw il-liġijiet u r-regolamenti mhux diskriminatorji għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġiż marittimu minn vapuri f'żoni koperti bis-silġ fil-limiti taż-żona ekonomika esklusiva, meta kondizzjonijiet klimatiċi partikolarment severi u l-preżenza ta' żoni bħal dawn koperti bis-silġ għall-parti l-kbira tas-sena tkun toħloq ostakoli jew perikolu eċċezzjonali għan-navigazzjoni, u tniġġiż ta' l-ambjent marittimu jkun joħloq danni maġġuri fuq, jew disturbi irriversibbli, għall-bilanċ ekoloġiku. Liġijiet u regolamenti bħal dawn għandhom iqisu kif xieraq in-navigazzjoni u l-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu ibbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli.

SEZZJONI 9

**RESPONSABBILTÀ U OBBLIGAZZJONIJIET**

*Artikolu 235*

**Responsabbiltà u obbligazzjonijiet**

1. L-Istati huma responsabbli għat-twettieq ta' l-obbligi internazzjonali tagħhom li jikkonċernaw il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu. Huma għandhom ikunu responsabbli b'konformità mal-liġi internazzjonali.

2. L-Istati għandhom jassiguraw li metodu jkun disponibbli b'konformità mas-sistemi legali tagħhom għal kumpens mill-ewwel u adekwat jew ta' sostenn ieħor fir-rigward tad-danni maħluqa mit-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu minn persuni naturali jew ġuridiċi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

3. Bl-obbjettiv li jkun assigurat kumpens imħaffef u adekwat fir-rigward tad-danni kollha kkaġunati mit-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu, l-Istati għandhom jikkoperaw fl-implimentazzjoni tal-liġi internazzjonali eżistenti u l-iżvilupp ulterjuri tal-liġi internazzjonali li tirrigwarda r-responsabiltà u l-obbligazzjoni għall-assessjar ta' u l-kumpens tal-ħsara u t-twettieq ta' kwistjonijiet relatati, kif ukoll, meta xieraq, l-iżvilupp ta' kriterja u proċeduri għall-pagament ta' kumpens adekwat, bħal ma hija l-assigurazzjoni obbligatorja jew tal-fondi għall-kumpens.

SEZZJONI 10

**IMMUNITÀ SOVRANA**

*Artikolu 236*

**Immunità Sovrana**

Id-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni rigward il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu ma japplikawx għal xi vapur tal-gwerra, awżiljarju navali, vapuri jew ajruplani oħrajn li huma l-propjetà jew li huma operati minn Stat u wżati, għal dak iż-żmien, biss fis-servizz governattiv mhux kummerċjali. B'dana kollu, kull Stat għandu jassigura, bl-adozzjoni ta' miżuri xierqa li ma jfixklux l-operazzjonijiet jew il-kapaċitajiet operazzjonali ta' vapuri jew ajruplani bħal dawk li huma l-propjetà tiegħu inkella li huma operati minnu, li vapuri jew ajruplani tali jaġixxu b'manjiera konsistenti, sakemm dan jista jkun raġonevoli u prattiku, ma din il-Konvenzjoni.

SEZZJONI 11

**OBBLIGI PERMEZZ TA' KONVENZJONIJIET OĦRAJN DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRESERVAZZJONI TA' L-AMBJENT MARITTIMU**

*Artikolu 237*

**Obbligi permezz ta' konvenzjonijiet oħrajn dwar il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu.**

1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-parti huma mingħajr preġudizzju dwar l-obbligi speċifiċi kif merfugħa mill-Istati permezz tal-konvenzjonijiet speċjali u tal-ftehim konklużi preċedentament li

jirrigwardaw il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu u għal-ftehim li jista jkun konkluż fit-tkomplija ulterjuri tal-prinċipji ġenerali kif stabbiliti f'din il-Konvenzjoni.

2. L-obbliġi speċifiċi kif merfigħa mill-Istati permezz ta' konvenzjonijiet speċjali, fir-rigwrd tal-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu għandhom ikunu mwettqa b'manjiera konsistenti mall-prinċipji ġenerali u l-obbjettivi ta' din il-konvenzjoni.

PARTI XIII

# RIĊERKA XJENTIFIKA MARITTIMA

SEZZJONI 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 238*

### Id-dritt tat-twettieq ta' riċerka xjentifika marittima

L-Istati kollha, irrispettivament mil-lokalità ġeografika tagħhom, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, għandhom id-dritt li jwettqu riċerka xjentifika marittima bla ħsara għad-drittijiet u d-dover ta' l-Istati l-oħrajn kif hemm provvediment dwar dan f'din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 239*

### Il-promozzjoni tar-riċerka xjentifika marittima

L-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti għandhom jippromwovu u jiffaċilitaw l-iżvilupp u t-twettieq ta' riċerka xjentifika marittima b'konformità ma din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 240*

### Prinċipji ġenerali għat-twettieq tar-riċerka xjentifika marittima

Fit-twettieq tar-riċerka xjentifika marittima, il-prinċipji li ġejjin għandhom ikunu applikabbli:

(a) riċerka xjentifika marittima għandha tkun imwettqa esklussivament għal skopijiet paċifiċi;

(b) ir-riċerka xjentifika marittima għandha tkun imwettqa bil-metodi xjentifiċi xierqa u l-mezzi kompatibbli ma' din il-Konvenzjoni;

(ċ) ir-riċerka xjentifika marittima m'għandhiex mingħajr ġustifikazzjoni tinterferixxi ma' l-użu leġġittimu l-ieħor tal-baħar li huma kompatibbli ma din il-Konvenzjoni u għandha tkun irrispettata kif xieraq matul l-użu bħal dan;

(d) ir-riċerka xjentifika marittima għandha tkun imwettqa b'konformità mar-regolamenti relevanti kollha adottati b'konformità ma' din il-Konvenzjoni inklużi dawk għall-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu.

*Artikolu 241*

### In-nuqqas ta' rikonoxximent ta' l-attivitajiet tar-riċerka xjentifika marittima bħala bażi legali għal talbiet

L-attivitajiet tar-riċerka xjentifika marittima m'għandhomx jikkostitwixxu l-bażi legali għal xi talba dwar kwalunkwe ambjent marittimu jew ir-riżorsi tiegħu.

SEZZJONI 2

## KOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

*Artikolu 242*

### Il-promozzjoni tal-koperazzjoni internazzjonali

1. L-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti għandhom, b'konformità mal-prinċipju ta' rispett għas-sovranità u l-ġurisdizzjoni u fuq il-bażi ta' benefiċċju reċiproku, iheġġu l-koperazzjoni internazzjonali fir-riċerka xjentifika marittima għal skopijiet paċifiċi.

2. F'dan il-kuntest, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u d-doveri ta' l-Istati permezz ta' din il-Konvenzjoni, Stat, fl-applikazzjoni ta' din il-Parti, għandu jipprovdi, kif xieraq, lill-Istati l-oħrajn b'opportunità raġjonevoli sabiex jakkwista minnu, jew bil-koperazzjoni tiegħu, l-informazzjoni meħtieġa għall-prevenzjoni l-kontroll ta' danni għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni u għall-ambjent marittimu.

*Artikolu 243*

### Ħolqien ta' kondizzjonijiet favorevoli

L-Istati u l-organizzazzjonijiet kompetenti għandhom jikkoperaw, permezz tal-konklużjoni ta' ftehim bilaterali u multilaterali, sabiex

joħolqu kondizzjonijiet favorevoli għat-twettiq ta' riċerka xjentifika marittima fl-ambjent marittimu u sabiex jintegraw l-isforzi tax-xjenzati fl-istudju ta' l-essenza tal-fenomina u l-proċessi li jseħħu fl-ambjent marittimu u fl-inter-relazzjonijiet bejniethom.

*Artikolu 244*

**Il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni ta' l-informazzjoni u t-tgħarif**

1. L-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti għandhom, b'konformità ma din il-Konvenzjoni, jagħmlu disponibbli bil-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni permezz tal-kanali xierqa, l-informazzjoni rigward il-programmi maġġuri kif proponuti u l-obbjettivi tagħhom kif ukoll it-tagħrif li jirriżulta minn riċerka xjentifika marittima.

2. Għal dan l-iskop, l-Istati, kemm individwalment u b'koperazzjoni ma' l-Istati l-oħrajn, u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, għandhom iħeġġu n-nixxija tad-dettalji u l-informazzjoni xjentifika u t-trasferiment tat-tagħrif li jirriżulta minn riċerka xjentifika marittima, speċjalment lejn l-Istati li għadhom jiżviluppaw, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet awtonomi tar-riċerka xjentifika marittima ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw permezz, *inter alia*, ta' programmi li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ adekwati tal-persunal tekniku u xjentifiku tagħhom.

SEZZJONI 3

**IT-TWETTIEQ U L-INKURAĠĠIMENT TAR-RIĊERKA XJENTIFIKA MARITTIMA**

*Artikolu 245*

**Riċerka xjentifika marittima fil-baħar territorjali**

L-Istati kostali, fl-eżerċitar tas-sovranità tagħhom, għandhom id-dritt esklussiv li jirregolaw, jawtorizzaw u jwettqu riċerka xjentifika marittima fil-baħar territorjali tagħhom. Ir-riċerka xjentifika marittima hemmhekk għandha tkun imwettqa biss bil-kunsens espress ta' u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Istat ikkonċernat.

*Artikolu 246*

**Riċerka xjentifika marittima fiż-żona ekonomika esklussiva u fuq is-sikka kontinentali**

1. L-Istati kostali, fl-eżerċitar tal-ġurisdizzjoni tagħhom, għandhom id-dritt li jirregolaw, jawtorizzaw u jwettqu riċerka xjentifika marittima fiż-żona ekonomika esklussiva tagħhom u fuq is-sikka kontinentali tagħhom b'konformità mad-disposizzjonijiet relevanti ta' din il-Konvenzjoni.

2. Ir-riċerka xjentifika marittima fiż-żona ekonomika esklussiva u fuq is-sikka kontinentali għandha tkun imwettqa bil-kunsens ta' l-Istat kostali.

3. L-Istati kostali għandhom, f'ċirkostanzi normali, jagħtu l-kunsens tagħhom għal proġetti ta' riċerka xjentifika marittima mill-Istati l-oħrajn jew mill-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fiż-żona ekonomika esklussiva tagħhom u fuq is-sikka kontinentali tagħhom, sabiex titwettaq b'konformità ma din il-Konvenzjoni, esklussivament għal skopijiet paċifiċi u sabiex jiżdied it-tagħrif xjentifiku dwar l-ambjent marittimu għall-benefiċċju ta' l-umanità kollha. Għal dan il-għan, l-Istati kostali għandhom jistabbilixxu r-regoli u l-proċeduri li jassiguraw li kunsens bħal dak ma jkunx imdewwem jew miċħud mingħajr raġuni valida.

4. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 3, ċirkostanzi normali jistgħu jeżistu minkejja n-nuqqas ta' relazzjonijiet diplomatiċi bejn l-Istati kostali u l-Istat li jwettaq ir-riċerka.

5. L-Istati kostali jistgħu, b'dana kollu, fid-diskrezzjoni tagħhom, li jiċħdu l-kunsens tat-twettieq ta' proġett tar-riċerka xjentifika marittima, lil Stat ieħor jew lil organizzazzjoni internazzjonali kompetenti, fiż-żona ekonomika esklussiva jew fuq is-sikka kontinentali ta' l-Istat kostali jekk il-proġett:

(a) ikun ta' sinifikanza diretta għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali, kemm ħajjin jew dawk mhux ħajjin;

(b) jinvolvi t-tħaffir fuq is-sikka kontinentali, l-użu ta' l-esplossivi jew l-introduzzjoni ta' sustanzi ta' ħsara fl-ambjent marittimu;

(ċ) jinvolvi l-kostruzzjoni, l-operat jew l-użu ta' gżejjer artifiċjali, l-istallazzjonijiet u l-istrutturi msemmija fl-Artikoli 60 u 80;

(d) ikun fih informazzjoni kkomunikata bis-saħħa ta' l-Artikolu 248 rigward in-natura u l-obbjettivi tal-proġett li ma jkunux eżatti jew jekk l-Istat tar-riċerka, jew l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti, jkollhom obbligazzjonijiet pendenti mal-Istat kostali minn proġett ta' riċerka preċedenti.

6. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 5, l-Istati kostali ma jistgħux jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom li jiċħdu l-kunsens permezz tas-subparagrafu (a) ta' dak il-paragrafu, fir-rigward tal-proġetti ta' riċerka xjentifika marittima li għandhom jittieħdu b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' din il-Parti fuq is-sikka

kontinentali, lil hinn minn 20 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom huwa mkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali, il-barra minn dawk iż-żoni speċifiċi li l-Istat kostali jista fi kwalunkwe żmien pubblikament jinnomina bħala żoni li fihom l-operazzjonijiet ta' l-esplojtazzjoni jew ta' l-esplorazzjoni dettaljata huma ffukati fuq dawk iż-żoni li jseħħu jew inkella li jkunu jseħħu matul perjodu ta' żmien raġonevoli. L-Istati kostali għandhom jagħtu avviż raġonevoli rigward in-nomina ta' dawk iż-żoni, kif ukoll xi modifiki dwarhom, imma m'għandux ikun obbligat li jagħti dettalji dwar l-operazzjonijiet hemmhekk.

7. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 6 huma mingħajr preġudizzju tad-drittijiet ta' l-Istati kostali fuq is-sikka kontinentali kif stabbiliti fl-Artikolu 77.

8. L-attivitajiet tar-riċerka xjentifika marittima msemmija f'dan l-Artikolu m'għandhomx mingħajr ġustifikazzjoni jinterferixxu ma l-attivitajiet meħuda mill-Istati kostali fl-eżerċitar tad-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni tagħhom li hemm provvediment dwarhom f'din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 247*

**Proġetti ta' riċerka xjentifika marittima kif impenjati minn jew permezz ta' l-awspiċji ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali**

Stat kostali li huwa membru ta', jew li għandu ftehim bilaterali ma' l-organizzazzjoni internazzjonali, u li fiż-żona ekonomika esklussiva tiegħu jew li fuq is-sikka kontinentali tiegħu, dik l-organizzazzjoni tkun trid li twettaq proġett ta' riċerka xjentifika, direttament jew taħt l-awspiċji tiegħu, għandu jkun meqjus li kien awtorizza l-proġett li għandu jitwettaq b'konformità ma l-ispeċifikazzjonijiet mifthiema, jekk dak l-Istat japprova l-proġett dettaljat meta d-Deċisjoni tkun meħudha mill-organizzazzjoni li tidħol għal dak il-proġett, jew inkella ma jkunx jixtieq li jipparteċipa fih, u ma jkun espressa l-ebda oġġezzjoni fi żmien erba' xhur min-notifika tal-proġett mill-organizzazzjoni lill-Istat kostali.

*Artikolu 248*

**Dover li tkun ipprovduta informazzjoni lill-Istat kostali**

L-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti li jkollhom l-intenzjoni li jidħlu għal riċerka xjentifika marittima fiż-żona ekonomika esklussiva jew fuq is-sikka kontinentali ta' Stat kostali għandhom, mhux anqas minn sitt xhur bil-quddiem tad-data mistennija tal-bidu tal-proġett tar-riċerka xjentifika marittima, li jipprovdu lil dak l-Istat bid-deskrizzjoni sħiħa ta':

(a) in-natura u l-objbjettivi tal-proġett;

(b) il-metodu u l-mezzi li għandhom ikunu wżati, inkluż l-isem, it-tunnellaġġ, it-tip u l-klassi tal-vapuri u deskrizzjoni ta' l-apparat xjentifiku;

(ċ) iż-żoni ġeografiċi preċiżi li fihom il-proġett għandu jkun imwettaq;

(d) id-data mistennija ta' l-ewwel dehra u tal-partenza finali tal-vapuri tar-riċerka, jew tal-provvediment tat-tagħmir u t-tneħħija tiegħu, kif xieraq;

(e) l-isem tal-istituzzjoni bħala sostenitur, id-direttur tagħha, u l-persuna nkarigata mill-proġett; u

(f) il-medda li fiha huwa meqjus li dak l-Istat kostali għandu jkun jista jipparteċipa jew li jkun rappreżentat fil-proġett.

*Artikolu 249*

**Id-dover li jkun hemm konformità ma' ċerti kondizzjonijiet**

1. L-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti meta jidħlu għal riċerka xjentifika marittima fiż-żona ekonomika esklussiva jew fuq is-sikka kontinentali ta' Stat kostali għandhom ikunu konformi ma dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jassiguraw id-dritt ta' l-Istat kostali, jekk hekk dan ikun jixtieq, li jipparteċipa jew li jkun rappreżentat fil-proġett tar-riċerka xjentifika marittima, speċjalment abbord il-vapuri tar-riċerka u d-dgħajjes l-oħrajn jew l-istallazzjonijiet tar-riċerka xjentifika, meta prattikabbli, mingħajr il-ħlas ta' xi remunerazzjoni lix-xjenzati ta' l-Istat kostali u mingħajr obbligazzjoni li jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-proġett;

(b) li jipprovdu lill-Istat kostali, fuq it-talba tiegħu, b'rapporti preliminari, malajr kemm jista jkun possibli, u bir-riżultati finali u l-konklużjonijiet wara t-tkomplija tar-riċerka;

(ċ) jintrabat li jipprovdi aċċess lill-Istat kostali, fuq it-talba tiegħu, għad-dettalji kollha u l-kampjuni derivati mill-proġett tar-riċerka xjentifika marittima u li l-istess u jfornih bid-dettali li jistgħu ikunu kkupjati u bil-kampjuni li jistgħu ikunu diviżi mingħajr detriment tal-valur xjentifiku tagħhom;

(d) jekk mitlub, li jipprovdi lill-istat kostali bi studju ta' dawk id-dettalji, tal-kampjuni u tar-riżultati tar-riċerka jew li jipprovdi għajnuna fl-istudju u l-interpretazzjoni tagħhom;

(e) jassigura, bla ħsara għall-paragrafu 2, li r-riżultati tar-riċerka isiru internazzjonalment disponibbli permezz tal-kanali nazzjonali jew internazzjonali xierqa, malajr kemm jista jkun prattikabbli;

(f) li jinforma lill-Istat kostali immedjatament b'xi kambjament maġġuri fil-programm tar-riċerka;

(g) sakemm ma jkunx mifthem mod ieħor, ineħħi l-istallazzjonijiet u t-tagħmir tar-riċerka xjentifika la darba r-riċerka tkun tlestiet.

2. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet stabbiliti bil-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati kostali għall-eżerċitar tad-diskrezzjoni tiegħu li jagħti jew li jiċħad

il-kunsens bis-saħħa ta' l-Artikolu 246(5), inkluż li jeħtieġ ftehim bil-quddiem, ħalli jagħmel internazzjonalment disponibbli r-riżultati tar-riċerka ta' proġett ta' sinifikanza diretta għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali.

*Artikolu 250*

**Komunikazzjonijiet li jikkonċernaw il-proġetti tar-riċerka xjentifika marittima**

Il-komunikazzjonijiet li jikkonċernaw il-proġetti tar-riċerka xjentifika marittima għandhom isiru permezz tal-kanali uffiċjali xierqa, sakemm ma jkunx mifthiem mod ieħor.

*Artikolu 251*

**Kriterja ġenerali u linji ta' gwida**

L-Istati għandhom ifittxu li jheġġu permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti l-istabbiliment ta' kriterja ġenerali u linji ta' gwida sabiex jgħinu lill-Istati ħalli jaċċertaw in-natura u l-implikazzjonijiet tar-riċerka xjentifika marittima.

*Artikolu 252*

**Il-Kunsens impliċitu**

L-Istati jew l-ogranizzazzjonijiet kompetenti jistgħu jipproċedu bi proġett ta' riċerka xjentifika sitt xhur wara d-data li fiha l-informazzjoni meħtieġa bis-saħħa ta' l-Artikolu 248 tkun ġiet ipprovduta lill-Istat kostali sakemm fi żmien erba' xhur mill-wasla tal-komunikazzjoni li jkun fiha dik l-informazzjoni, l-Istat kostali ma jkunx informa lill-Istat jew lill-organizzazzjoni li twettaq ir-riċerka li:

(a) hu jkun irtira l-kunsens tiegħu skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 246; jew

(b) l-informazzjoni mogħtija minn dak l-Istat jew mill-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti rigward in-natura u l-objbjettivi tal-proġett ma tkunx konformi mal-fatti manifestament evidenti; jew

(ċ) huwa jeħtieġ informazzjoni supplementari relevanti għall-kondizzjonijiet u l-informazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikoli 248 u 249; jew

(d) l-obligazzjonijiet pendenti jeżistu fir-rigward ta' proġett preċedenti ta' riċerka xjentifika marittima li kien twettaq minn dak l-Istat u mill-organizzazzjoni, fir-rigward tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 249.

*Artikolu 253*

**Is-sospensjoni u t-twaqqif ta' l-attivitajiet tar-riċerka xjentifika marittima**

1. Stat kostali għandu jkollu d-dritt li jkun jeħtieġ is-sospensjoni ta' xi attivitajiet ta' riċerka xjentifika marittima kurrenti fi ħdan iż-żona ekonomika esklussiva jew fuq is-sikka kontinentali tiegħu jekk:

(a) l-attivitajiet ta' riċerka ma jkunux imwettqa b'konformità ma l-informazzjoni kkomunikata kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 248 li dwarhom il-kunsens ta' l-Istat kostali huwa bbażat; jew

(b) l-Istat jew l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti li twettaq l-attivitajiet tar-riċerka tonqos milli tkun konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 249 li jikkonċernaw id-drittijiet ta' l-Istat kostali fir-rigward tal-proġett tar-riċerka xjentifika marittima.

2. L-Istat kostali għandu jkollu d-dritt li jkun jeħtieġ il-waqfien ta' xi attivitajiet tar-riċerka xjentifika marittima fil-każ ta' xi nuqqas ta' konformità mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 li jammontaw għal kambjament maġġuri fil-proġett ta' riċerka jew fl-attivitajiet tar-riċerka.

3. Stat kostali jista wkoll li jkun jeħtieġ it-twaqqif ta' l-attivitajiet tar-riċerka xjentifika marittima jekk ikun hemm, tas-sitwazzjonijiet ikkontemplati fil-paragrafu 1 ma jkunux rettifikati f'perjodu raġonevoli ta' żmien.

4. Wara n-notifika mill-Istat kostali tad-Deċisjoni tiegħu li jordna s-sospensjoni jew il-waqfien, l-Istati jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti awtorizzati li jwettqu l-attivitajiet tar-riċerka xjentifika marittima għandhom iwaqqfu l-attivitajiet tar-riċerka li huma s-suġġett tat-tali notifika.

5. Ordni għal sospensjoni permezz tal-paragrafu 1 għandha tkun irtirata mill-Istat kostali u l-attivitajiet tar-riċerka xjentifika marittima jitħallew li jkomplu la darba l-Istat tar-riċerka jew l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti jkunu saru konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa permezz ta' l-Artikoli 248 u 249.

*Artikolu 254*

**Id-drittijiet ta' l-Istati fil-qrib li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar u l-Istati ġeografikament żvantaġġati**

1. L-Istati u l-organizzazzjonijiet kompetenti li jkunu ppreżentaw lejn l-Istat kostali proġett li jwettqu r-riċerka xjentifika marittima msemmija fl-Artikolu 249(3) għandhom jagħtu avviż lill-Istati tal-qrib li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar jew lill-Istati ġeografikament żvantaġġati jew il-proġett tal-riċerka kif proponut, u għandu jinnotifika lill-Istat kostali dwar dan.

2. Wara li l-kunsens ikun ingħata għall-proġett tar-riċerka xjentifika marittima kif proponut mill-Istat kostali kkonċernat, b'konformità ma' l-Artikolu 246 u tad-disposizzjonijiet relevanti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, l-Istati u l-ornaginazzazzjonijiet internazzjonali kompetenti li jidħlu għal proġett bħal dan għandhom jipprovdu lill-Istati tal-qrib li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar u lill-Istati ġeografikament żvantaġġati, fuq it-talba tagħhom u meta xieraq, l-informazzjoni relevanti kif speċifikat fl-Artikolu 248 u l-Artikolu 249(1)(f).

3. L-Istati tal-qrib li m'għandhomx aċċess dirett lejn il-baħar u l-Istati ġeografikament żvantaġġati għandhom, fuq it-talba tagħhom, jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw, kull meta jkun prattikabbli, fil-proġett tar-riċerka xjentifika marittima permezz ta' l-esperti kwalifikati appontati minnhom u li ma jkunx hemm oġġezzjoni dwarhom mill-Istati kostali, skond il-kondizzjonijiet mifthiema għal-proġett, b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, bejn l-Istati kostali kkonċernati u l-Istat jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti li jwettqu r-riċerka xjentifika marittima.

4. L-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu lill-Istati msemmija hawn fuq li m'għandhomx aċċess dirett għal-baħar u l-Istati ġeografikament żvantaġġati, fuq it-talba tagħhom, l-informazzjoni u l-għajnuna speċifikata fl-Artikolu 249(1)(d), bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 249(2).

*Artikolu 255*

**Miżuri li jiffaċilitaw ir-riċerka xjentifika marittima u l-għajnuna lill-vapuri tar-riċerka**

L-Istati għandhom jagħmlu sforz sabiex jadottaw regoli, regolamenti u proċeduri raġjonevoli sabiex iheġġu u jiffaċilitaw ir-riċerka xjentifika marittima mwettqa skond din il-Konvenzjoni lil hinn mill-baħar territorjali tagħhom u kif xieraq, li jiffaċċilitaw, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-liġijiet u r-regolamenti, l-aċċess għall-portijiet tagħhom u li jheġġu l-għajnuna lill-vapuri tar-riċerka xjentifika marittima li huma konformi mad-disposizzjonijiet relevanti ta' din il-parti.

*Artikolu 256*

**Riċerka xjentifika marittima fiż-żona**

L-Istati kollha, irrispettivament mil-lokalità ġeografika tagħhom, u l-awtoritajiet internazzjonali kompetenti, għandhom id-dritt, b'konformità mad-disposizzjonijiet tal-Parti XI, li jwettqu r-riċerka xjentifika marittima fiż-żona.

*Artikolu 257*

**Riċerka xjentifika marittima f'kolonna tal-baħar lil hinn miż-żona ekonomika esklusiva**

L-Istati kollha, irrispettivament mil-lokalità ġeografika tagħhom, u l-awtoritajiet internazzjonali kompetenti, għandhom id-dritt, b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, li jwettqu r-riċerka xjentifika marittima fil-kolonna tal-baħar lil hinn mil-limiti taż-żona ekonomika esklussiva.

SEZZJONI 4

**INSTALLAZZJONI TAR-RIĊERKA XJENTIFIKA JEW IT-TAGĦMIR TA' L-AMBJENT MARITTIMU**

*Artikolu 258*

**It-tifrix u l-użu**

It-tifrix u l-użu ta' xi tip ta' stallazzjonijiet jew tagħmir tar-riċerka xjentifika fi kwalunkwe żona ta' l-ambjent marittimu għandu jkun suġġett għall-istess kondizzjonijiet kif inhuma preskritti f'din il-Konvenzjoni għat-twettieq tar-riċerka xjentifika marittima li kwalunkwe żona bħal din.

*Artikolu 259*

**L-istatus legali**

L-installazzjonijiet u t-tagħmir msemmi f'din is-sezzjoni ma jgawdix l-istatus ta' gżejjer. Dawn m'għandhom l-ebda baħar territorjali tagħhom, u l-preżenza tagħhom ma taffetwax id-delimitazzjoni tal-baħar territorjali, taż-żona ekonomika esklussiva jew tas-sikka kontinentali.

*Artikolu 260*

**Żoni ta' sigurtà**

Żoni ta' sigurtà ta' wisa' raġjonevoli li ma teċċedix distanza ta' 500 metru jistgħu jkunu maħluqa madwar stallazzjonijiet ta' riċerka xjentifika b'konformità mad-disposizzjonijiet relevanti ta' din il-Konvenzjoni. L-Istati kollha għandhom jassiguraw li żoni tas-sigurtà bħal dawk għandhom ikunu rrispettati mill-vapuri tagħhom.

*Artikolu 261*

**Nuqqas ta' interferenza mar-rotot tat-tbaħħir**

It-tixrid u l-użu ta' xi tip ta' installazzjonijiet jew tagħmir tar-riċerka xjentifika m'għandux jikkostetwixxi ostakolu għal rotot internazzjonali stabbiliti tat-tbaħħir.

*Artikolu 262*

**Marki ta' l-identifikazzjoni u sinjali tat-twissija**

L-installazzjonijiet u t-tagħmir msemmija f'din is-sezzjoni għandhom ikollhom il-marki ta' l-dentifikazzjoni li jindikaw l-Istat jew ir-reġistru ta' l-organizzazzjoni internazzjonali li għalih

jappartienu u għandhom ikollhom sinjali tat-twissija adekwati internazzjonalment mifthiema sabiex jassiguraw is-sigurtà fil-baħar u s-sigurtà tan-navigazzjoni ta' l-ajru, billi jitqiesu r-regoli u n-normi stabbiliti mill-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti.

SEZZJONI 5

**RESPONSABBILTÀ U OBBLIGAZZJONIJIET**

*Artikolu 263*

**Responsabbiltà u obbligazzjonijiet**

1. L-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti għandhom ikunu responsabbli sabiex jassiguraw li r-riċerka xjentifika marittima mibdija minnhom jew f'isimhom, tkun imwettqa b'konformità ma din il-Konvenzjoni.

2. L-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti għandhom ikunu responsabbli u obbligati għall-miżuri li huma jieħdu b'kontravenzjoni ta' din il-Konvenzjoni fir-rigward tar-riċerka xjentifika marittima mwettqa minn Stati oħrajn, jew minn persuni naturali jew ġuridiċi inkella minn organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, u għandhom jipprovdu kumpens għad-danni li jirriżultaw minn tali miżuri.

3. L-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti għandhom ikunu responsabbli u obbligati permezz ta' l-Artikolu 235 għad-danni kkaġunati mit-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu li jirriżulta mir-riċerka xjentifika marittima mibdija minnhom jew f'isimhom.

SEZZJONI 6

**SOLUZZJONI GĦAL TILWIM U MIŻURI TRANSITORJI**

*Artikolu 264*

**Soluzzjoni għal Tilwim**

Kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni f'dak li jirrigwarda r-riċerka xjentifika marittima għandhom ikunu mwettqa b'konformità mal-Part XV, is-Sezzjonijiet 2 u 3.

*Artikolu 265*

**Miżuri transitorji**

Sakemm iseħħ it-twettieq ta' kwistjoni b'konformità mal-Parti XV, is-Sezzjonijiet 2 u 3, l-Istat jew l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti awtorizzata li twettaq il-proġett tar-riċerka xjentifika marittima m'għandhiex tippermetti attivitajiet ta' riċerka li jibdew jew li jkomplu mingħajr il-kunsens espress ta' l-Istat kostali kkonċernat.

PARTI XIV

**L-IŻVILUPP U T-TRASFERIMENT TAT-TEKNOLOĠIJA MARITTIMA**

SEZZJONI 1

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 266*

**It-tħeġġiġ ta' l-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija marittima**

1. L-Istati, direttament jew permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, għandhom jikkoperaw skond il-kapaċitajiet tagħhom sabiex iħeġġu attivitament l-iżvilupp u t-trasferiment tax-xjenza marittima u t-teknoloġija marittima b'termini u kondizzjonijiet ġusti u raġġjonevoli.

2. L-Istati għandhom iħeġġu l-iżvilupp tal-kapaċità xjetifika u teknoloġika marittima ta' l-Istati li jistgħu jkunu jeħtieġu u jitolbu għajnuna teknika f'dan il-qasam, partikolarment l-Istati li għadhom jiżviluppaw, inklużi dawk li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar jew l-Istati ġeografikament żvantaġġati, fir-rigward ta' l-esplorazzjoni, l-esplojtazzjoni, il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi marittimi, il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu, ir-riċerka xjentifika marittima u l-attivitajiet l-oħrajn fl-ambjent marittimu kompatib bli ma' din il-Konvenzjoni, bil-għan li jaċċelleraw l-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw.

3. L-Istati għandhom jagħmlu sforz sabiex iħeġġu kondizzjonijiet ekonomiċi u legali favorevoli għat-trasferiment tat-teknloġija marittima għall-benefiċċji tal-partijiet ikkonċernati kollha fuq bażi ekwitabbli.

*Artikolu 267*

**Il-protezzjoni ta' l-interessi leġittimi**

L-Istati, fit-tħeġġiġ tal-koperazzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 266, għandhom iqisu l-interessi leġittimi kollha, inklużi, *inter alia*,

id-drittijiet u d-doveri tad-detenturi, il-fornituri u r-riċevituri tat-teknoloġija marittima.

*Artikolu 268*

**Obbjettivi bażiċi**

L-Istati għandhom, direttament jew permezz ta’ l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, iħeġġu:

(a) l-akkwist, l-evalwazzjoni u d-disseminazzjoni tat-tagħrif tat-teknoloġija marittima u jiffaċilitaw l-aċċess għal informazzjoni u dettalji bħal dawn;

(b) l-iżvilupp tat-teknoloġija marittima xierqa;

(ċ) l-iżvilupp ta’ l-infrastruttura teknoloġika meħtieġa sabiex jiffaċilita t-trasferiment tat-teknoloġija marittima;

(d) l-iżvilupp tar-riżorsi umani permezz tat-taħriġ u l-edukazzjoni ta’ ċittadini ta’ l-Istati u l-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw u speċjalment iċ-ċittadini ta’ dawk l-anqas żviluppati fosthom;

(e) koperazzjoni internazzjonali fil-livelli kollha, partikolarment fuq livelli reġjonali, subreġjonali u bilaterali.

*Artikolu 269*

**Miżuri sabiex jintlaħqu l-obbjettivi bażiċi**

Sabiex jintlaħqu l-obbjettivi msemmija fl-Artikolu 268, l-Istati, direttament jew permezz ta’ l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, għandhom jagħmlu sforz, *inter alia*, sabiex:

(a) jistabbilixxu programmi ta’ koperazzjoni teknika għat-trasferiment effettiv tat-tipi kollha tat-teknoloġija marittima lejn l-Istati li jistgħu jkollhom il-ħtieġa u jitolbu l-għajnuna teknika f’dan il-qasam, partikolarment l-iżvilupp ta’ l-Istati li m’għandhomx aċċess dirett għall-baħar u l-Istati ġeografikament żvantaġġati, kif ukoll l-Istati l-oħrajn li għadhom jiżviluppaw li ma kienux setgħu jew li jistabbilixxu jew li jiżviluppaw il-kapaċità teknoloġika tagħhom fix-xjenza marittima u fl-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi marittimi jew li jiżviluppaw l-infrastruttura teknoloġika bħal din;

(b) iħeġġu l-kondizzjonijiet favorevoli għall-konklużjoni ta’ ftehim, kuntratti u arranġamenti simili permezz tal-kondizzjonijiet ekwitabbli u raġjonevoli;

(ċ) jorganizzaw konferenzi, *seminars* u *symposia* dwar suġġetti xjentifiċi u teknoloġiċi, partikolarment dwar strateġiji u metodi għat-trasferiment tat-teknoloġija marittima;

(d) iħeġġu l-iskambju ta’ xjenzati u ta’ esperti teknoloġiċi u esperti oħrajn;

(e) jidħlu għal proġetti u jħeġġu impriżi konġunti u għamliet oħrajn ta’ koperazzjoni bilaterali u multilaterali.

SEZZJONI 2

**KOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI**

Artikolu 270

**Ċirkostanzi u mezzi tal-koperazzjoni internazzjonali**

Il-koperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija marittima għandha titwettaq, meta prattika u xierqa, permezz ta’ programmi bilaterali, reġjonali jew multilaterali eżistenti, u wkoll permezz ta’ programmi estiżi u ġodda sabiex jiffaċilitaw ir-riċerka xjentifika marittima, it-trasferiment tat-teknoloġija marittima, partikolarment f’oqsma ġodda, il-fondi internazzjonali xierqa għal riċerka u l-iżvilupp oċeaniku.

*Artikolu 271*

**Linji ta’ gwida, kriterja u normi**

L-Istati, direttament jew permezz ta’ l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, għandhom iħeġġu l-istabbiliment tal-linji ta’ gwida, l-kriterja u n-normi ġeneralment aċċettati għat-trasferiment tat-teknoloġija marittima fuq bażi bilaterali jew fi ħdan il-qafas ta’ l-organizzazzjonijiet internazzjonali u *fora* oħrajn, billi jkunu meqjusa, partikolarment, l-interessi u l-ħtiġiet ta’ l-Istati li għadhom jiżviluppaw.

*Artikolu 272*

**Il-kordinament ta’ programmi internazzjonali**

Fil-qasam tat-trasferiment tat-teknoloġija marittima, l-Istati għandhom jagħmlu sforz sabiex jassiguraw li l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom, inklużi xi programmi reġjonali jew globali, billi jkunu meqjusa l-interessi u l-ħtiġiet ta’ l-Istati li għadhom jiżviluppaw, partikolarment l-Istati li m’għandhomx aċċess dirett għall-baħar u l-Istati ġeografikament żvantaġġati.

*Artikolu 273*

**Il-koperazzjoni ma’ l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-Awtorità**

L-Istati għandhom jikkoperaw attivitament ma’ l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti u ma l-Awtorità sabiex jinkorraġġixxu u jiffaċilitaw it-trasferiment lejn l-Istati li għandhom jiżviluppaw, lejn iċ-ċittadini tagħhom u s-sengħa ta’ l-impriża u t-teknoloġija marittima fir-rigward ta’ l-attivitajiet fiż-żona.

*Artikolu 274*

**L-obbjettivi ta' l-Awtorità**

Bla ħsara għall-interessi leġittimi kollha, inklużi, *inter alia*, id-drittijiet u d-doveri tad-detenturi, tal-forrnituri u tar-riċevituri ta' teknoloġija, l-Awtorità, fir-rigward ta' l-attivitajiet fiż-żona, għandhom jassiguraw li:

(a) fuq il-bażi tal-prinċipju tad-distribuzzjoni ġeografika ekwitabbli, iċ-ċittadini ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw, seww jekk kostali, dawk li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar, jew ġeografikament żvantaġġati, għandhom iseħħu għall-iskopijiet tat-taħriġ bħala membri ta' l-amministrazzjoni, tar-riċerka, u tal-persunal tekniku kif kostitwit għall-impriżi tagħhom;

(b) id-dokumentazzjoni teknika rigward it-tagħmir, il-makkinarju, l-apparati u l-proċessi relevanti ikunu disponibbli għall-Istati kollha, partikolarment l-Istati li għadhom jiżviluppaw li jkunu jistgħu jeħtieġu u jitolbu għajnuna teknika f'dan il-qasam;

(ċ) li disposizzjoni adekwata issir mill-Awtorità u li tiffaċilita l-akkwist ta' l-għajnuna teknika fil-qasam tat-teknoloġija marittima mill-Istati li jistgħu jeħtieġu u jitolbu għaliha, partikolarment l-Istati li għadhom jiżviluppaw, u l-akkwist miċ-ċittadini tagħhom tas-sengħa u l-esperjenza, inkluż it-taħriġ professjonali;

(d) L-Istati li jkunu jeħtieġu jew jitolbu għajnuna teknika f'dan il-qasam, partikolarment l-Istati li għadhom jiżviluppaw, huma mgħejjuna fl-akkwist tat-tagħmir, il-proċessi u l-impjant meħtieġa u l-esperjenza teknika oħra permezz ta' xi arranġamenti finanzjarji li hemm provvediment dwarhom f'din il-Konvenzjoni.

SEZZJONI 3

**ĊENTRI XJENTIFIĊI U TEKNOLOĠIĊI MARITTIMI NAZZJONALI U REĠJONALI**

*Artikolu 275*

**Twaqqif taċ-ċentri nazzjonali**

1. L-Istati, direttament jew permez ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti u l-Awtorità, għandhom iħeġġu t-twaqqif, partikolarment fl-iżvilupp ta' l-Istati kostali, ta' ċentri nazzjonali tar-riċerka xjentifika u teknoloġika marittima u tattisħiħ taċ-ċentri nazzjonali eżistenti, sabiex jistimulaw l-avvanz ta' l-imġieba tar-riċerka xjentifika marittima mill-Istati kostali li għadhom jiżviluppaw u sabiex ikabbru l-kapaċitajiet nazzjonali tagħhom li jutilizzaw u jippreservaw ir-riżorsi marittimi għall-benefiċċju ekonomiku.

2. L-Istati, permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti u l-Awtorità, għandhom jagħtu appoġġ adekwat sabiex jiffaċilitaw it-twaqqif u t-tisħieħ ta' tali ċentri nazzjonali hekk li jipprovdu għal faċilitajiet u t-tagħmir għat-taħriġ avvanzat, is-sena u l-esperjenza kif ukoll l-esperti tekniċi lill-dawk l-Istati li jkunu jeħtieġu u jitolbu għajnuna bħal dik.

*Artikolu 276*

**Twaqqif ta' ċentri reġjonali**

1. L-Istati, b'kordinazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, l-Awtorità u l-istituzzjonijietmarittimi nazzjonali xjentifiċi u teknoloġiċi, għandhom iħeġġu t-twaqqif ta' ċentri marittimi reġjonali xjentifiċi u teknoloġiċi, partikolarment fi Stati li għadhom jiżviluppaw, sabiex jistimulaw u javvanzaw it-twettieq tar-riċerka xjentifika marittima minn l-Istati li għadhom jiżviluppaw u jħeġġu t-trasferiment tat-teknoloġija marittima.

2. L-Istati kollha ta' reġjun għandhom jikkoperaw maċ-ċentri reġjonali t'hemmhekk sabiex jassiguraw l-akkwist aktar effettiv ta' l-objettivi tagħhom.

*Artikolu 277*

**Il-funzjonijiet taċ-ċentri reġjonali**

Il-funzjonijiet ta' dawn iċ-ċentri reġjonali għandhom jinkludu, *inter alia*:

(a) il-programmi ta' taħriġ u edukazzjonali fil-livelli kollha dwar id-diversi aspetti tar-riċerka xjentifika u teknoloġika marittima, partikolarment il-bioloġija marittima, inkluża l-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' riżorsi ħajjin, l-idrografija, l-inġinerija, l-esplorazzjoni ġeoloġika ta' qiegħ il-baħar, u t-teknloġiji tal-minjieri u d-desalinazzjoni;

(b) studji ta' l-amministrazzjoni;

(ċ) programmi ta' studji relatati mal-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu u l-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontrol tat-tniġġiż;

(d) l-organizzazzjoni ta' konferenzi, *seminars* u *symposia* reġjonali;

(e) l-akkwist u l-ipproċessar ta' dettalji u informazzjoni xjentifika u teknoloġika marittima;

(f) id-diseminazzjoni f'waqta tar-riżultati tar-riċerka xjentifika u teknoloġika marittima f'pubblikazzjonijiet disponibli mingħajr tbagħtija;

(g) il-pubblikazzjoni ta' strateġiji nazzjonali fir-rigward tat-trasferiment tat-teknoloġija marittima u l-istudju sistematiku komparattiv ta' dawk l-istrateġiji;

(h) l-ikkompilar u s-sistemasizzizzjoni ta' l-informazzjoni dwar il-*marketing* ta' teknoloġija u dwar il-kuntratti u arranġamenti oħrajn li jikkonċernaw il-privattivi;

(i) koperazzjoni teknika ma l-Istati l-oħrajn tar-reġjun.

SEZZJONI 4

**KOPERAZZJONI FOST L-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI**

*Artikolu 278*

**Koperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet internazzjonali**

L-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti msemmija f'din il-Parti u fil-Parti XIII għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jassiguraw, jew direttament inkella b'koperazzjoni mill-qrib bejnjiethom, it-twettieq effettiv tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet permezz ta' din il-Parti.

PARTI XV

# SOLUZZJONI GĦAL TILWIM

SEZZJONI 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 279*

**Obbligazzjoni li jsibu soluzzjoni għal tilwim b'mezzi paċifiċi**

L-Istati Partijiet għandhom isolvu xi tilwima bejniethom li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni b'mezzi paċifiċi b'konformità ma' l-Artikolu 2, il-paragrafu 3, tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u għal dan il-għan, għandhom ifittxu soluzzjoni bil-mezzi indikati fl-Artikolu 33(1) tal-Karta.

*Artikolu 280*

**Soluzzjoni għal tilwim bi kwalunkwe mezzi paċifiċi magħżula mill-partijiet**

Xejn f'din il-Parti ma jnaqqas mid-dritt ta' xi Stati Partijiet li jaqblu fi kwalunkwe żmien li jsolvu tilwim bejnjiethom li jikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni bi kwalunkwe mezzi paċifiċi ta' l-għażla tagħhom.

*Artikolu 281*

**Proċedura meta l-ebda soluzzjoni ma tkun seħħet bejn il-partijiet**

1. Jekk l-Istati Partijiet li huma parti ta' xi kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni jkunu qablu li jfittxu soluzzjoni għal tilwim b'mezzi paċifiki ta' l-għażla tagħhom, il-proċeduri li hemm provvediment dwarhom f'din il-Parti japplikaw biss meta l-ebda soluzzjoni ma tkun intlaħqet b'rikors għall-użu ta' mezzi bħal dawk u l-ftehim bejn il-partijiet ma jkunx jeskludi proċedura ulterjuri.

2. Jekk il-partijiet ikunu wkoll qabblu dwar limitu ta' żmien, il-paragrafu 1 ikun japplika biss ma' l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien.

*Artikolu 282*

**Obbligi permezz ta' ftehim ġenerali, reġjonali jew bilaterali**

Jekk l-Istati Partijiet li huma partijiet għal tilwimli jikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni jkunu qabblu, permezz ta' ftehim ġenerali, reġjonali jew bilaterali, jew mod ieħor, li tali tilwim għandu, mat-talba ta' waħda mill-partijiet fit-tilwima, tkun ippreżentata għal proċedura li tinvolvi Deċisjoni li torbot, dik il-proċedura għandha tkun tapplika minflok il-proċeduri li hemm provvediment dwarhom f'din il-Parti, sakemm il-partijiet fit-tilwima ma jkunux qablu mod ieħor.

*Artikolu 283*

**Obbligi ta' skambju ta' ideat**

1. Meta tinħoloq tilwima bejn l-Istati Partijiet li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, il-partijiet fit-tilwima għandhom jipproċedu mingħajr dewmien għal skambju ta' ideat rigward is-soluzzjoni bin-negozjati jew b'mezzi paċifiċi oħrajn.

2. Il-partijiet għandhom ukoll jipproċedu mingħajr dewmien għal skambju ta' ideat meta proċedura għas-soluzzjoni għal tali tilwim

tkun intemmet mingħajr twettieq jew meta soluzzjoni tkun intlaħqet u ċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu konsultazzjoni rigward il-manjiera ta' l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni.

*Artikolu 284*

**Konċiljazzjoni**

1. Stat Parti li huma parti ta' kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni jista jistieden lill-parti jew lill-partijiet l-oħrajn li jippreżentaw il-kwistjoni għal konċiljazzjoni b'konformità mal-proċedura permezz ta' l-Anness V, is-Sezzjoni 1, jew għal xi proċedura oħra ta' konċiljazzjoni.

2. Jekk l-istedina tkun aċċettata u jekk il-partijiet jaqblu dwar il-proċedura ta' konċiljazzjoni li għandha tkun applikata, kwalunkwe parti tista tippreżenta dik il-kwistjoni għall-dik il-proċedura.

3. Jekk l-istedina ma tkunx aċċetata jew jekk il-partijiet ma jkunux jaqblu dwar il-proċedura, il-proċedimenti tal-konċiljazzjoni għandhom ikunu meqjusa bħala mitmuma.

4. Sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor, meta kwistjoni tkun ġiet ippreżentata għall-konċilljazzjoni, il-proċedimenti jistgħu jkunu tterminati biss b'konformità mal-proċedura mifthiema tal-konċiljazzjoni.

*Artikolu 285*

**L-applikazzjoni ta' din is-sezzjoni dwar kwistjonijiet ippreżentati permezz tal-Parti XI**

Din is-sezzjoni tapplika għal kwalunkwe kwistjoni li bis-saħħa tal-Parti XI, is-Sezzjoni 5, għandha tkun imwettqa b'konformità mal-proċeduri li hemm provvediment dwarhom f'din il-Parti. Jekk entità oħra apparti milli Stat Parti tkun parti ta' kwistjoni tali, din is-sezzjoni tkun tapplika *mutatis mutandis*.

SEZZJONI 2

**PROĊEDURI OBBLIGATORJI LI JINVOLVU DEĊIŻJONIJIET LI JORBTU**

*Artikolu 286*

**L-applikazzjoni tal-proċeduri permezz ta' din is-sezzjoni**

Bla ħsara għas-Sezzjoni 3, kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għandha, meta l-ebda soluzzjoni ma tkun instabet b'rikors lejn is-Sezzjoni 1, tkun ippreżentata fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet tal-kwistjoni lejn il-qorti jew tribunal li jkollu l-ġurisdizzjoni permezz ta' din is-sezzjoni.

*Artikolu 287*

**L-għażla tal-proċedura**

1. Meta jiffirma, jirratifika jew jissieħeb ma din il-Konvenzjoni, jew fi kwalunkwe żmien aktar il-quddiem, Stat għandu jkun ħieles li jagħżel, permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub, wieħed jew aktar mezzi għat-twettieq ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni:

(a) it-Tribunal Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar stabbilit b'konformità ma' l-Anness VI;

(b) il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja;

(ċ) tribunat ta' l-arbitrazzjoni kostitwit b'konformità ma' l-Anness VII;

(d) tribunal speċjali ta' l-arbitrazzjoni kostitwit b'konformità ma' l-Anness VIII għal waħda jew aktar mill-kategoriji ta' kwistjonijiet speċifikati hemmhekk.

2. Dikjarazzjoni magħmulha permezz tal-paragrafu 1 m'għandhiex taffettwa jew li tkun affettwata bl-obbligi ta' Stat Parti li jaċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ il-Baħar tat-Tribunal Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar sal-limitu li u bil-manjiera li hemm provvediment dwarha fil-Parti XI, is-Sezzjoni 5.

3. Stat Parti, li huwa parti ta' kwistjoni mhux koperta b'dikjarazzjoni fis-seħħ, għandu jkun meqjus bħala li jkun aċċetta l-arbitrazzjoni b'konformità ma' l-Anness VII.

4. Jekk il-Partijiet ta' kwistjoni jkunu aċċettaw l-istess proċedura għat-twettieq ta' kwistjoni, din tista' tkun ippreżentata biss skond dik il-proċedura, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor.

5. Jekk il-Partijiet ta' kwistjoni ma jkunux aċċettaw l-istess proċedura għat-twettieq ta' kwistjoni, din tista tkun ippreżentata biss għall-arbitraġġ b'konformità ma' l-Anness VII, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor.

6. Dikjarazzjoni magħmulha permezz tal-paragrafu 1 għandha tibqa fis-seħħ sa tlett xhur minn meta l-avviż tar-revoka jkun ġie ddepożitat mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

7. Dikjarazzjoni ġdida, notifika ta' revoka jew l-iskadenza ta' dikjarazzjoni m'għandhomx bl-ebda mod jaffettwaw il-proċedimenti li jkunu pendenti quddiem qorti jew tribunal li jkollu l-ġurisdizzjoni permezz ta' dan l-Artikolu, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor.

8. Id-dikjarazzjonijiet u n-notifiki msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu ddepositati mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, li għandu jittrasmetti kopji tagħhom lill-Istati Partijiet.

*Artikolu 288*

**Ġurisdizzjoni**

1. Qorti jew tribunal kif msemmija fl-Artikolu 287 għandhom ikollhom il-ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni meta tkun ippreżentata b'konformità ma' din il-Parti.

2. Qorti jew tribunal kif msemmija fl-Artikolu 287 għandhom ikollhom il-ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' ftehim internazzjonali relatat mal-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, meta tkun ippreżentata b'konformità ma' dak il-ftehim.

3. Il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ il-Baħar tat-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar stabbilita b'konformità ma' l-Anness VI, u xi kamra jew tribunal ta' l-arbitraġġ oħrajn msemmija fil-Parti XI, is-Sezzjoni 5, għandhom ikollhom ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe materja li tkun ippreżentata lilhom b'konformità ma' dan.

4. Fil-każ ta' kwistjoni dwar jekk qorti jew tribunal ikollhomx ġurisdizzjoni, il-materja għandha tkun imwettqa b'Deċisjoni ta' dak il-qorti jew tribunal.

*Artikolu 289*

**Esperti**

Fi kwalunkwe kwistjoni li tinvolvi materji xjentfiċi jew tekniċi, qorti jew tribunal li jeżerċita l-ġurisdizzjoni permezz ta' din is-Sezzjoni jista', fuq it-talba ta' parti jew *proprio motu*, tagħżel b'konsultazzjoni mal-partijiet mhux anqas minn żewġ esperti xjentifiċi jew tekniċi, magħżula preferibbilment minn fost lista relevanti ppreparata bi qbil ma l-Anness VIII, l-Artikolu 2, sabiex jgħinu lill-qorti jew lit-tribunal imma mingħajr id-dritt tal-vot.

*Artikolu 290*

**Miżuri proviżorji**

1. Jekk kwistjoni tkun ġiet ippreżentata kif suppost quddiem qorti jew tribunal li jikkonsidra *prima facie* li huwa jkollu l-ġurisdizzjoni permezz ta' din il-Parti jew tal-Parti XI, is-Sezzjoni 5, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jippreskrivu dawk il-miżuri proviżorji li huma jikkunsidraw bħala xierqa permezz taċ-ċirkostanti sabiex jippreservaw id-drittijiet rispettivi tal-partijiet ta' dik il-kwistjoni jew sabiex ma jħallux li sseħħ ħsara serja għall-ambjent marittimu, sakemm ikun hemm Deċisjoni finali.

2. Il-miżuri proviżorji jistgħu jkunu mmodifikati jew revokati malli ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikawhom ikunu nbidlu jew ma jibqgħux aktar jeżistu.

3. Il-miżuri proviżorji jistgħu ikunu preskritti, modifikati jew revokati permezz ta' dan l-Artikolu biss fuq it-talba ta' parti mall-kwistjoni u wara li l-partijiet ikollhom l-opportunità li jkunu mismuħa.

4. Il-qorti jew it-tribunal għandhom mill-ewwel jagħtu avviż lill-partijiet għal dik il-kwistjoni, u lil xi Stati Partijiet oħrajn skond ma huma jikkunsidraw bħala xierqa, tal-preskrizjoni, l-modifika jew ir-revoka tal-miżuri proviżorji.

5. Sa kemm ikun kostitwit tribunal ta' l-arbitrazzjoni li lilhu kwistjoni tkun ippreżentata permezz ta' din is-sezzjoni, kwalunkwe qorti jew tribunal li jkun hemm ftehim dwaru mill-partijiet jew, jekk ma jkunx hemm ftehim bħal dan fi żmien ġimgħatejn mid-data tat-talba għal miżuri proviżorji, it-Tribunal Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar jew, fir-rigward ta' attivitajiet fiż-żona, il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ il-Baħar, jista jippreskrivi, jimmodifika jew jirrevoka miżuri proviżorji b'konformità ma' dan l-Artikolu jekk huwa jikkonsidra li *prima facie* it-tribunal li għandu jkun maħtur sejjer ikollu l-ġurisdizzjoni u li dik l-urġenza tas-sitwazzjoni hekk tkun teħtieġ. La darba kostitwit, it-tribunal li lilu l-kwistjoni tkun ġiet ippreżentata, jista jimmodifika, jirrevoka jew jafferma dawk il-miżuri proviżorji, billi jaġixxi b'konformità mal-paragrafi 1 sa 4.

6. Il-partijiet għall-kwistjoni għandhom ikunu konformi fil-pront ma' xi miżuri proviżorji preskritti permezz ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 291*

**Aċċess**

1. Il-proċeduri kollha dwar it-twettieq ta' kwistjoni kif speċifikat f'din il-Parti għandhom ikunu miftuħa għall-Istati Partijiet.

2. Il-proċeduri għat-twettieq ta' kwistjoni kif stabbiliti f'din il-parti għandhom ikunu miftuħa għall-entitajiet apparti milli l-Istati Partijiet, biss kif speċifikament hemm provvediment dwar dan f'din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 292*

**Rilaxx fil-pront ta' vapuri u l-ekwipaġġ**

1. Meta l-awtoritajiet ta' Stat Parti jkunu żammew vapur li jtajjar il-bandiera ta' Stat Parti ieħor u jkun allegat li dak l-Istat tad-detenzjoni ma kienx konformi mad-disposizzjonjiet ta' din il-Konvenzjoni għar-rilaxx fil-pront tal-vapur jew ta' l-ekwipaġġ tiegħu mall-preżentazzjoni ta' garanzija reġjonevoli jew ta' sigurtà oħra finanzjarja, il-kwistjoni tar-rilaxx mid-detenzjoni tista tkun ippreżentata lejn xi qorti jew tribunal kif mifthiem mill-Partijiet jew, f'nuqqas ta' ftehim bħal dan fi żmien 10 t'ijiem mid-data tad-detenzjoni, lejn qorti jew tribunal aċċettat mill-Istat tad-detenzjoni

permezz ta' l-Artikolu 287 jew lejn it-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar, sakemm il-partijiet ma jkunux fthiemu mod ieħor.

2. L-applikazzjoni għar-rilaxx tista' ssir biss minn jew f'isem l-Istat tal-bandiera tal-vapur.

3. Il-qorti jew it-tribunal għandhom jittrattaw mingħajr dewmien ma' din l-applikazzjoni għar-rilaxx u għandhom jittrattaw biss mal-kwistjoni tar-rilaxx, mingħajr preġudizzju għall-meriti ta' xi każ quddiem il-*forum* domestiku xieraq kontra dak il-vapur, il-propjetarju jew l-ekwipaġġ tiegħu. L-awtoritajiet ta' l-Istat tad-detenzjoni jibqgħu kompetenti għar-rilaxx tal-vapur jew ta' l-ekwipaġġ tiegħu fi kwalunkwe żmien.

4. Mall-preżentazzjoni tal-garanzija jew ta' sigurtà finanzjarja oħra kif determinata mill-qorti jew mit-tribunal, l-awtoritajiet ta' l-Istat tad-detenzjoni għandhom fil-pront ikunu konformi mad-Deċisjoni tal-qorti jew tat-tribunal li tkun tikkonċerna r-rilaxx tal-vapur jew ta' l-ekwipaġġ.

*Artikolu 293*

**Il-liġi applikabbli**

1. Qorti jew tribunal li jkollu l-ġurisdizzjoni permezz ta' din is-Sezzjoni għandu japplika din il-Konvenzjoni u r-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali li ma jkunux mhux-kompatibbli ma din il-Konvenzjoni.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux ikun ta' preġudizzju għall-poteri tal-qorti jew tat-tribunal li jkollu l-ġurisdizzjoni permezz ta' din is-sezzjoni li jiddeċiedi każ *ex aequo et bono*, jekk il-partijiet hekk jaqblu.

*Artikolu 294*

**Proċedimenti preliminarji**

1. Il-qorti jew it-tribunali li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 387 li lilhom applikazzjoni tkun saret fir-rigward ta' kwistjoni kif msemmija fl-Artikolu 297 għandu jiddetermina, fuq talba ta' xi parti, jew jista jiddetermina *proprio motu*, jekk it-talba tikkostitwix abbuż ta' proċess legali jew jekk *prima facie* tkun ibbażata sewwa. Jekk il-qorti jew it-tribunal jiddetermina li talba tikkostitwixxi abbuż ta' proċess legali jew li *prima facie* ma tkunx ibbażata sewwa, hu m'għandhux jieħu aktar azzjoni f'dak il-każ.

2. Mal-wasla ta' l-applikazzjoni, il-qorti jew it-tribunal għandu immedjatament jinnotifika lill-parti jew lill-partijiet l-oħrajn b'dik l-applikazzjoni, u għandu jistabbilixxi limitu raġjonevoli ta' żmien li fih huma jkunu jistgħu jitolbu li dan jiddetermina b'konformità mal-paragrafu 1.

3. Xejn f'dan l-Artikolu ma jaffettwa d-dritt ta' xi parti għal kwistjoni milli tagħmel oġġezzjonijiet preliminarji b'konformità mar-regoli tal-proċedura kif applikabbli.

*Artikolu 295*

**L-eżawriment tar-rimedji lokali**

Kwalunkwe kwistjoni bejn l-Istati Partijiet li tikkonċerna l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni tista tkun ippreżentata għall-proċeduri, li hemm provvediment dwarhom f'din is-sezzjoni, biss wara li r-rimedji lokali jkunu ġew eżawriti meta hekk meħtieġ bil-liġi internazzjonali.

*Artikolu 296*

**Il-finalità u l-qawwa tar-rabta ta' Deċisjonijiet**

1. Kwalunkwe Deċisjoni mogħtija minn qorti jew tribunal li jkollhom ġurisdizzjoni permezz ta' din is-Sezzjoni għandha tkun finali u jrid ikun hemm konformità magħha mill-partijiet kollha tal-kwistjoni.

2. Xi Deċisjoni tali m'għandha jkollha l-ebda qawwa ta' rabta apparti milli bejn il-partijiet u fir-rigward ta' dik il-kwistjoni partikolari.

SEZZJONI 3

**LIMITAZZJONIJIET U EĊĊEZZJONIJIET DWAR L-APPLIKABBILITÀ TAS-SEZZJONI 2**

*Artikolu 297*

**Limitazzjonijiet dwar l-applikabblità tas-Sezzjoni 2**

1. Kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni fir-rigward ta' l-eżerċitar minn Stat kostali tad-drittijiet sovrani jew tal-ġurisdizzjoni tiegħu li hemm provvediment dwarhom f'din il-Konvenzjoni għandhom ikunu suġġetti għall-proċeduri li hemm provvediment dwarhom fis-Sezzjoni 2, f'dawn il-każi li ġejjin:

(a) meta jkun allegat li Stat kostali jkun aġixxa b'kontravenzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni fir-rigward tal-libertajiet u d-drittijiet tan-navigazzjoni, titjiriet u t-tqegħid ta' fili u pajpijiet ta' taħt il-baħar, jew fir-rigward ta' xi użu internazzjonali legali tal-baħar kif speċifikat fl-Artikolu 58;

(b) meta jkun allegat li Stat fl-eżerċitar tal-libertajiet, id-drittijiet jew l-użu msemmi qabel ikun aġixxa b'kontravenzjoni ta' din il-Konvenzjoni jew tal-liġijiet jew tar-regolamenti adottati mill-Istat kostali b'konformità ma din il-Konvenzjoni u mar-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali li ma jkunux mhux-kompatibbli ma' din il-Konvenzjoni; jew

(ċ) meta ikun allegat li Stat kostali jkun aġixxa b'kontravenzjoni tar-regoli u n-normi internazzjonali speċifiċi għall-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu li huma applikabbli għall-Istat kostali u li kienu ġew stabbiliti b'din il-Konvenzjoni jew permezz ta' l-organizzazzjoni internazzjonali kompetenti jew b'konferenza diplomatika, b'konformità ma din il-Konvenzjoni.

2. (a) Il-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni f'dak li jirrigwarda ir-riċerka xjentifika marittima għandhom ikunu mwettqa b'konformità mas-Sezzjoni 2, apparti li dak l-Istat kostali ma jistax ikun obligat li jaċċetta l-preżentazzjoni ta' twettieq tali dwar xi kwistjoni li toriġina minn:

(i) l-eżerċitar mill-Istat kostali ta' dritt jew diskrezzjoni b'konformità ma' l-Artikolu 246; jew

(ii) Deċisjoni mill-Istat kostali li jordna s-sospensjoni jew il-waqfien ta' proġett ta' riċerka b'konformità ma' l-Artikolu 253.

(b) Kwistjoni li toriġina minn allegazzjoni mill-Istat li jwettaq ir-riċerka, li, fir-rigward ta' proġett speċifiku, l-Istat kostali ma jkunx eżerċita d-drittijiet tiegħu permezz ta' l-Artikoli 246 u 253 b'manjiera kompatibbli ma' din il-Konvenzjoni, għandha tkun ippreżentata, bit-talba ta' kwalunkwe parti, għall-konċiljazzjoni permezz ta' l-Anness V, is-Sezzjoni 2, basta li l-Kummissjoni tal-Konċilljazzjoni ma tqajjimx is-suġġett dwar dak eżerċitat mill-Istat kostali dwar id-deskrizzjoni tiegħu li jinnomina żoni speċifiċi kif msemmija fl-Artikolu 246(6), jew tad-diskrezzjoni tiegħu li jiċħad il-kunsens b'komformità ma' l-Artikolu 246(5).

3. (a) Kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni fir-rigward tas-sajd għandhom ikunu mwettqa b'konformità mas-Sezzjoni 2, apparti milli l-Istat kostali m'għandux ikunu obbligat li jaċċetta li jkun suġġett għal twettieq bħal dak ta' xi kwistjoni li tirrigwarja id-drittijiet tas-sovranità tiegħu fir-rigward tar-riżorsi ħajjin fiż-żona ekonomika esklussiva jew fl-eżerċitar tagħhom, inklużi l-poteri diskrezjonarji għad-determinazzjoni tal-qabda permissibbli, il-kapaċità tiegħu tal-ġbir, l-allokazzjoni taż-żejjed lejn l-Istati l-oħrajn u t-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġijiet u r-regolament tagħhom dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni.

(b) Meta l-ebda twettieq ma jkun intlaħaq bl-użu tas-Sezzjoni 1 ta' din il-Parti, kwistjoni għandha tkun ipprezentata għall-konċilljazzjoni permezz ta' l-Anness V, is-Sezzjoni 2, fuq it-talba ta' xi parti għal-kwistjoni, meta jkun allegat li:

(i) l-Istat kostali jkun manifestament naqas milli jkun konformi ma l-obbligi tiegħu sabiex jassigura permezz tal-miżuri xierqa tal-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi ħajjin fiż-żona ekonomika esklussiva ma jkunux serjament ipperikolati;

(ii) Stat kostali li jkun arbitrarjament ċaħad li jiddetermina, fuq talba ta' Stat ieħor, il-qabda permissibbli u l-kapaċità tiegħu li jiġbor ir-riżorsi ħajjin fir-rigward tal-ħażniet li dak l-Istat l-ieħor ikun interessat li jistad; jew

(iii) Stat kostali jkun arbitrarjament ċaħad li jalloka lil xi Stat, permezz ta' l-Artikoli 62, 69 u 70 u permezz tat-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Istat kostali konsistenti ma' din il-Konvenzjoni, it-total jew parti taż-żejjed li huwa jkun iddikjara li jeżisti.

(ċ) Fl-ebda każ m'għandha l-Kummissjoni tal-Konċiljazzjoni tibdel id-diskrezzjoni tagħha għal dak l-Istat kostali.

(d) Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-Konċilljazzjoni għandu jkun ikkomunikat lejn l-organizzazzjoni-jiet internazzjonali xierqa.

(e) Fin-negozjati tal-ftehim permezz ta' l-Artikoli 69 u 70, l-Istati Partijiet, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, għandhom jinkludu klawsola dwar il-miżuri li huma għandhom jieħdu sabiex jimminimizzaw il-possibilità ta' nuqqas ta' ftehim li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-ftehim, u dwar kif għandhom jipproċedu jekk nuqqas ta' ftehim xorta waħda jirriżulta.

*Artikolu 298*

**Eċċezzjonijiet voluntarji dwar l-applikabbilità tas-Sezzjoni 2**

1. Meta jiffirma, jirratifika jew jissieħeb ma' din il-Konvenzjoni, jew fi kwalunkwe żmien wara dan, Stat jista, mingħajr preġudizzju għall-obbligi li joriġinaw permezz tas-Sezzjoni 1, jiddikjara bil-miktub li hu ma jkunx jixtieq li jaċċetta xi waħda mill-proċeduri li hemm provvediment dwarhom fis-Sezzjoni 2 fir-rigward ta' waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin dwar kwistjonijiet:

(a) (i) kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew

l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 15, 74 u 83 li jirrigwardaw mad-delimitazzjonijiet tal-fruntieri mal-baħar, jew dawk li jinvolvu il-bajjiet jew it-titoli storiċi, basta li l-Istat li jkun għamel tali dikjarazzjoni għandu, meta kwistjoni toriġina sussegwentament għad-dħul b'effett ta' din il-Konvenjoni u meta l-ebda ftehim fi żmien perjodu raġjonevoli ta' żmien ma jkun intlaħaq fin-negozjati bejn il-partijiet, mat-talba ta' waħda mill-partijiet tal-kwistjoni, jaċċetta l-preżentazzjoni ta' din il-materja għall-konċiljazzjoni permezz ta' l-Anness V, is-Sezzjoni 2; u basta aktar minn hekk li xi kwistjoni li neċessarejament tinvolvi l-kunsiderazzjoni konkorrenti ta' xi kwistjoni mhux imwettqa li tikkonċerna s-sovranità jew id-drittijiet l-oħrajn dwar l-art territorjali kontinentali jew insulari għandhom ikunu esklużi minn preżentazzjonijiet bħal dawk;

(ii) wara li l-Kummissjoni tal-Konċilljazzjoni tkun ippreżentat ir-rapport tagħha, li għandu jistqarr ir-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat, il-partijiet għandhom jinnegozjaw

ftehim fuq il-bażi ta' dak ir-rapport; jekk dawn in-negozjati ma jirriżultawx fi ftehim, il-partijiet għandhom, b'kunsens reċiproku, jippreżentaw is-suġġett għal waħda mill-roċeduri li hemm provvediment dwarhom fis-Sezzjoni 2, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod ieħor;

(iii) dan is-subparagrafu ma japplikax għal xi kwistjoni tal-fruntieri tal-baħar finalment solvuta b'arranġament bejn il-partijiet, jew dwar xi kwistjoni li għandha tkun solvuta bi qbil mal-ftehim bilaterali jew multilaterali li jkun jorbot fuq dawk il-partijiet;

(b) Il-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-attivitajiet militari, inklużi l-attivitajiet militari minn vapuri u ajruplani governattivi ingaġġati f'servizz mhux-kummerċjali, u l-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-attivitajiet ta' l-infurzar tal-liġi fir-rigward ta' l-eżerċitar tad-drittijiet sovrani jew tal-ġurisdizzjoni, esklużi mill-ġurisdizzjoni ta' qorti jew tribunal permezz ta' l-Artikolu 287(2) jew (3);

(ċ) kwistjonijiet li fir-rigward tagħhom il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jkun jeżerċita il-funzjonijiet assenjati lilu bil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, sakemm il-Kunsill tas-Sigurtà ma jiddeċidix li jwarrab il-materja mill-aġenda tiegħu jew li jsejjaħ lill-partijiet li jsolvuha bil-mezzi li hemm provvediment dwarhom f'din il-Konvenzjoni.

2. Stat Parti li jkun għamel dikjarazzjoni permezz tal-paragrafu 1 jista fi kwalunkwe żmien jirtirha, jew jaqbel li jippreżenta l-kwistjoni eskluża minn dikjarazzjoni bħal dik għal xi proċedura speċifikata f'din il-Konvenzjoni.

3. Stat Parti li jkun għamel dikjarazzjoni permezz tal-paragrafu 1 m'għandux ikun intitolat li jippreżenta xi kwistjoni li tidħol fi ħdan l-eċċezzjoni ta' dik il-kategorija ta' kwistjonijiet għal xi proċedura ta' din il-Konvenzjoni kontra Stat Parti ieħor, mingħajr il-kunsens ta' dik il-Parti.

4. Jekk wieħed mill-Istati Partijiet ikun għamel dikjarazzjoni permezz tal-paragrafu 1(a), kwalunkwe Stat Parti ieħor jista jippreżenta tali kwistjoni li tidħol fi ħdan l-eċċezzjoni ta' dik il-kategorija kontra l-parti dikjaranti tal-proċedura speċifikata f'dikjarazzjoni bħal dik.

5. Dikjarazzjoni ġdida, jew l-irtirar ta' dikjarazzjoni, bl-ebda mod ma jaffettwaw il-proċedimenti li jkunu pendenti quddiem qorti jew tribunal skond dan l-Artikolu, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor.

6. Id-dikjarazzjonijiet u n-notifiki ta' l-irtirar ta' dikjarazzjonijiet permezz ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu ddepositati mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, li għandu jittrasmetti kopji tagħhom lill-Istati Partijiet.

*Artikolu 299*

**Id-dritt tal-partijiet li jaqblu dwar proċedura**

1. Kwistjoni eskluża permezz ta' l-Artikolu 297 jew li jkun hemm eċċezzjoni b'dikjarazzjoni magħmulha permezz ta' l-Artikolu 298mill-proċeduri għat-twettieq tal-kwistjoni li hemm provvediment dwarhom fis-Sezzjoni 2 tista tkun ippreżentata biss għal tali proċeduri bi ftehim tal-partijiet tal-kwistjoni.

2. Xejn f'din is-sezzjoni ma jnaqqas id-dritt tal-partijiet għal kwistjoni li jifthiemu għal xi proċedura oħra dwar it-twettieq ta' tali kwistjoni jew li jilħqu soluzzjoni amikevoli.

PARTI XVI

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 300*

**Ir-rieda tajba u l-abbuż tad-drittijiet**

L-Istati Partijiet għandhom iwettqu b'rieda tajba l-obbligi kif aċċettati permezz ta' din il-Konvenzjoni u għandhom jeżerċitaw id-drittijiet, il-ġurisdizzjoni u l-libertajiet rikonoxxuti f'din il-Konvenzjoni b'manjiera li ma tkunx tikkostitwixxi xi abbuż ta' dritt.

*Artikolu 301*

**L-użu paċifiku ta' l-ibħra**

Fl-eżerċitar tad-drittijiet u fit-twettieq tad-doveri tagħhom permezz ta' din il-Konvenzjoni, l-Istati Partijiet għandhom jibqgħu lura minn xi theddid jew l-użu ta' forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' xi Stat, jew minn xi manjiera oħra li tkun inkonsistenti mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali kif inkorporata fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 302*

**Żvelar ta' l-informazzjoni**

Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Stat Parti li jirrikorri għall-proċeduri għat-twettieq ta' kwistjonijiet li hemm provvediment dwarhom f'din il-Konvenzjoni, xejn f'din il-Konvenzjoni ma

għandu jkun meqjus bħala li jkun jeħtieġ li Stat Parti, fit-twettieq ta' l-obbligi tiegħu permezz ta' din il-Konvenzjoni, li jforni informazzjoni li l-iżvlar tagħha jkun kuntrarju ta' l-interessi essenzjali għas-sigurtà tiegħu.

*Artikolu 303*

**Oġġetti arkeoloġiċi u storiċi misjuba fil-baħar**

1. L-Istati għandhom id-dritt li jipproteġu oġġetti ta' natura arkeoloġika u storika misjuba fil-baħar u għandhom jikkoperaw għan dan l-iskop.

2. Sabiex ikun ikkontrollat it-traffiku ta' l-oġġetti bħal dawn, l-Istat kostali jista, fl-applikar ta' l-Artikolu 33, jassumi li t-tneħija tagħhom minn qiegħ il-baħar fiż-żona msemmi f'dak l-Artikolu mingħajr l-approvazzjoni tiegħu tkun tirriżulta fi ksur fit-territorju tiegħu jew fil-baħar territorjali tiegħu tal-liġijiet u r-regolamenti msemmija f'dak l-Artikolu.

3. Xejn f'dan l-Artikolu ma jaffettwa d-drittijiet ta' sidien identifikati, il-liġi tas-salvataġġ jew ir-regoli l-oħrajn ta' l-ammiraljat, jew tal-liġijiet u l-prattiċi fir-rigward ta' l-iskambji kulturali.

4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzjoni għall-ftehim internazzjonali l-oħrajn u għar-regoli tal-liġi internazzjonali li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' l-oġġetti ta' natura arkeoloġika u storika.

*Artikolu 304*

**Responsabbiltà u l-obbligi għad-danni**

Id-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jirrigwardaw ir-responsabbiltà u l-obbligi għal danni huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli eżistenti u l-iżvilupp ta' aktar regoli rigward ir-responsabbiltà u l-obbligi permezz tal-liġi internazzjonali.

PARTI XVII

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 305*

**Firma**

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħha għall-iffirmar minn:

(a) l-Istati kollha;

(b) In-Namibja, rappreżentata mill-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti għan-Namibja;

(ċ) l-Istati kollha assoċċjati li għandhom is-*self-government* li jkunu għażlu l-istatus f'att ta' deteriminazzjoni għalihom infushom li jkunu taħt is-superviżjoni u approvati min-Nazzjonijiet Uniti b'konformità mar-Reżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali 1514 (XV) u li jkollhom il-kompetenza fuq il-materji rregolati b'din il-Konvenzjoni, inkluża l-kompetenza li jidħlu fi trattati fir-rigward ta' dawk il-materji;

(d) l-Istati kollha assoċċjati li għandhom is-*self-government* li, b'assoċċjazzjoni ma' l-istrumenti rispettivi tagħhom ta' assoċċjazzjoni, jkollhom il-kompetenza fuq il-materji rregolati b'din il-Konvenzjoni, inkluża l-kompetenza li jidħlu fi trattati fir-rigward ta' dawk il-materji;

(e) l-Istati kollha assoċċjati li jgawdu is-*self-government* intern sħiħ li huma rikonoxxuti bħala tali min-Nazzjonijiet Uniti, imma li ma jkunux laħqu l-indipendenza sħiħa b'konformità mar-Reżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali 1514 (XV) u li jkollhom il-kompetenza fuq il-materji rregolati b'din il-Konvenzjoni, inkluża l-kompetenza li jidħlu fi trattati fir-rigward ta' dawk il-materji;

(f) organizzazzjonijiet internazzjonali, b'konformità ma l-Anness IX.

2. Din il-Konvenzjoni għandha tibqa miftuħha għall-firma sa-9 ta' Diċembru 1984 fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Ġamajka u wkoll, mill-1 ta' Lulju 1983 sad-9 ta' Diċembru 1984, fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York.

*Artikolu 306*

**Ir-ratifika u l-konferma uffiċjali**

Din il-Konvenzjoni hija suġġetta għal ratifika mill-Istati u mill-entitajiet l-oħrajn msemmija fl-Artikolu 305(1)(b), (ċ), (d) u (e), u għal konferma formali, b'konformità ma' l-Anness IX, mill-entitajiet msemmija fl-Artikolu 305(1)(F). L-istrumenti tar-ratifika u l-konferma formali għandhom ikunu ddepositati mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 307*

**Adeżjoni**

Din il-Konvenzjoni għandha tibqa miftuħha għall-Adeżjoni mill-Istati u mill-entitajiet l-oħrajn msemmija fl-Artikolu 305. L-adeżjoni mill-entitajiet msemmija fl-Artikolu 305(1)(f) għandha tkun b'konformità ma l-Anness IX. L-istrumenti ta' adeżjoni għandhom ikunu ddepositati mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 308*

### Dħul fis-seħħ

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ 12-il xahar wara d-data tad-depożitu tas-60 l-istrument tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni.

2. Għal kull Stat li jirratifika jew li jwettaq l-adeżjoni ma' din il-Konvenzjoni wara d-depożitu tas-60 l-istrument tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 jum li jsegwu d-depożitu ta' l-istrument tiegħu tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni, bla ħsara għall-paragrafu 1.

3. L-Assemblea ta' l-Awtorità għandha tiltaqgħa fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni u għandha teleġġi il-Kunsill ta' l-Awtorità. L-ewwel kunsill għandu jkun iffurmat b'manjiera konsistenti ma' l-iskop ta' l-Artikolu 161 jekk id-disposizzjonijiet ta' dak l-Artikolu ma jkunux jistgħu jiġu strettament applikati.

4. Ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri abbozzati mill-Kummissjoni Preparatorja għandhom ikunu japplikaw proviżjonalment sakemm isseħħ l-adozzjoni formali tagħhom mill-Awtorità b'konformità mal-Parti XI.

5. L-Awtorità u l-organi tagħha għandhom jaġixxu b'konformità mar-Riżoluzzjoni II tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar li tirrigwarda l-investiment preparatorju u mad-Deċisjonijiet tal-Kummissjoni Preparatorja meħuda bis-saħħa ta' dik ir-Riżoluzzjoni.

*Artikolu 309*

### Riservi w eċċezzjonijiet

L-ebda riservi jew eċċezzjonijiet ma jistgħu isiru għal din il-Konvenzjoni sakemm ma jkunux espressament permissibbli mill-Artikoli l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 310*

### Dikjarazzjoni u stqarrijiet

L-Artikolu 309 ma jfixkilx lil xi Stat, meta jiffirma, jirratifika jew jissieħeb ma' din il-Konvenzjoni, milli jagħmel dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet, independentament minn kif ifformulati jew imsejjħa, bil-għan li, *inter alia*, ta' l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u regolamenti tiegħu mad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, basta li dawk id-dikjarazzjonijiet jew l-istqarrijiet ma jkunux tali li jeskludu jew li jimmodifikaw l-effett legali tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni fl-applikazzjoni tagħhom għal dak l-Istat.

*Artikolu 311*

### Relazzjoni ma' konvenzjonijiet u ftehim internazzjonali oħrajn

1. Din il-Konvenzjoni għandha jkollha prevalenza, bħal bejn l-Istati Partijiet, fuq il-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra dwar il-Liġi tal-Baħar tad-29 ta' April 1958.

2. Din il-Konvenzjoni m'għandhiex tibdel id-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Partijiet li joriġinaw minn ftehim ieħor li huma kompatibbli ma din il-Konvenzjoni u li ma jaffetwawx it-tgawdija mill-Istati Partijiet l-oħrajn tad-drittijiet tagħhom jew tat-twettieq ta' l-obbligi tagħhom permezz ta' din il-Konvenzjoni.

3. Tnejn jew aktar Stati Partijiet jistgħu jikkonkludu ftehim li jimmodifikaw jew li jissospendu l-operat tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, applikabbli solament għar-relazzjonijiet bejnjiethom, basta li ftehim tali ma jkunx jirrigwarda għal xi disposizzjoni, li deroga minnha tkun inkompatibbli ma l-eżekuzzjoni effettiva ta' obbjettiv u l-iskop ta' din il-Konvenzjoni, u basta wkoll li ftehim tali ma jkollux l-effett ta' l-applikazzjoni fuq il-prinċipji bażiċi kif inkorporati hemmhekk, u li d-disposizzjonijiet ta' ftehim bħal dawk ma jkollux effett fuq it-tgawdija minn Stati Partijiet oħrajn tad-drittijiet jew tat-twettieq ta' l-obbligi tagħhom permezz ta' din il-Konvenzjoni.

4. L-Istati Partijiet li għandhom l-intenzjoni li jikkonkludu ftehim kif msemmi fil-paragrafu 3 għandhom jinnotifikaw lill-Istati Partijiet l-oħrajn permezz tad-depożitarji ta' din il-Konvenzjoni bl-intenzjoni tagħhom li jikkonkludu l-ftehim jew tal-modifika jew tas-sospensjoni li hija tipprovdi.

5. Dan l-Artikolu ma jaffetwax ftehim internazzjonali espressament ippermettut jew imħares minn Artikoli oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.

6. L-Istati Partijiet jaqblu li m'għandu jkun hemm l-ebda emendi għall-prinċipju bażiku li jirrigwarda l-wirt komuni ta' l-umanità kif stabbilit fl-Artikolu 136 u li huma m'għandhomx ikunu parti għal xi ftehim b'deroga minn dan.

*Artikolu 312*

### Emenda

1. Wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, Stat Parti jista, b'komunikazzjoni bil-miktub indirizzata lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, jipproponi emendi speċifiċi għal din il-Konvenzjoni, apparti minn dawk li jirrigwardaw l-attivitajiet fiż-żona, u talba ħalli tkun imsejħa konferenza sabiex tikkunsidra dawk l-emendi kif proponuti. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jiċċirkola tali komunikazzjoni lill-Istati Partijiet kollha. Jekk, fi żmien 12 il-xahar mid-data taċ-ċirkolazzjoni tal-komunikazzjoni, mhux anqas minn nofs ta' l-Istati Partijiet iwieġbu fl-affermattiv għat-talba, is-Segretarju-Ġenerali għandu jsejjaħ il-laqgħa.

2. Il-proċedura tat-teħid-tad-Deċisjonijiet applikabbli għall-Konferenza ta' l-emendi għandha tkun l-istess bħal dik applikabbli

fit-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Konferenza. Il-Konferenza għandha tagħmel kull sforz sabiex tilħaq ftehim dwar l-emendi permezz ta' kunsens u m'għandu jkun hemm l-ebda votazzjoni dwarhom sakemm l-isforzi kollha sabiex jintlaħaq kunsens ikunu ġew eżawriti.

*Artikolu 313*

**Emendi bi proċedura simplifikata**

1. Stat Parti jista, b'komunikazzjoni bil-miktub indirizzata lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, jipproponi emenda għal din il-Konvenzjoni, apparti milli emenda li tirrigwarda l-attivitajiet fiż-żona, li għandha tkun adottata bi proċedura simplifikata kif stabbilita f'dan l-Artikolu mingħajr ma tissejjaħ konferenza. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jiċċirkola l-komunikazzjoni lill-Istati Partijiet kollha.

2. Jekk, fi żmien 12 il-xahar mid-data taċ-ċirkolazzjoni tal-komunikazzjoni, Stat Parti joġġezzjona għall-emenda kif proponuta jew għall-proposta ta' l-adozzjoni tagħha bi proċedura simplifikata, l-emenda għandha tkun meqjusa bħala li hija miċħudha. Is-Segretarju-Ġenerali għandu immedjatament jinnotifika lil-Istati Partijiet kif xieraq.

3. Jekk, fi żmien 12 il-xahar mid-data taċ-ċirkolazzjoni tal-komunikazzjoni, l-ebda Stat Parti ma jkun oġġezzjona għall-emenda kif proponuta jew għall-proposta ta' l-adozzjoni tagħha bi proċedura simplifikata, l-emenda proponuta għandha tkun meqjusa bħala li hija adottata. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jinnotifika lil-Istati Partijiet kollha li l-emenda proponuta tkun ġiet adottata.

*Artikolu 314*

**Emendi għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni li jirrigwardaw esklussivament l-attivitajiet fiż-żona**

1. Stat Parti jista, b'komunikazzjoni bil-miktub indirizzata lis-Segretarju-Ġenerali ta' l-Awtorità, jipproponi emenda għad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni li jirrigwardaw esklussivament għall-attivitajiet fiż-żona, inkluż l-Anness VI, is-Sezzjoni 4. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jiċċirkola tali komunikazzjoni lill-Istati Partijiet kollha. L-emenda proponuta għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni mill-Assemblea wara li tkun ġiet approvata mill-Kunsill. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Partijiet f'dawk l-organi għandhom ikollhom il-poteri kollha sabiex jikkunsidraw u japprovaw l-emenda proponuta. L-emenda proponuta kif approvata mill-Kunsill u mill-Assemblea għandha tkun ikkunsidrata bħala adottata

2. Qabel l-approvazzjoni ta' xi emenda permezz tal-paragrafu 1, il-Kunsill u l-Assemblea għandhom jassiguraw li din ma tippreġudikax is-sistema ta' l-esplorazzjoni għal, u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi taż-żona, sakemm ikun hemm il-Konferenza tar-Reviżjoni b'konformità ma' l-Artikolu 155.

*Artikolu 315*

**Il-firma, ir-ratifika ta', l-adeżjoni ma' u l-awtentiċità tat-testi ta' l-emendi**

1. La darba adotatti, l-emendi għal din il-Konvenzjoni għandhom ikunu miftuħa għall-iffirmar mill-Istati Partijiet għal 12 il-xahar mid-data ta' l-adozzjoni, fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York, sakemm ma jkunx ġie pprovdut mod ieħor fl-emenda nnifisha.

2. L-Artikoli 306, 307 u 320 japplikkaw għall-emendi kollha ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 316*

**Dħul fis-seħħ ta' l-emendi**

1. L-emendi għal din il-konvenzjoni, apparti minn dawk msemmija fil-paragrafu 5, għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Istati Partijiet li jirratifikaw jew li jissieħbu magħhom fit-30 jum li jsegwu d-depożitu ta' l-istrumenti tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni b'żewġ terzi ta' l-Istati Partijiet jew minn 60 Stati Partijiet, liema minnhom ikun l-akbar. Emendi bħal dawn m'għandhomx jaffettwaw it-tgawdija mill-Istati Partijiet l-oħrajn tad-drittijiet tagħhom jew tat-twettieq ta' l-obbligi tagħhom permezz ta' din il-Konvenzjoni.

2. Emenda tista tipprovdi li numru akbar ta' ratifiki jew adeżjonijiet ikunu meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħha milli minn dak meħtieġ b'dan l-Artikolu.

3. Għal kull Stat li jirratifika jew li jwettaq l-adeżjoni ma' din l-emenda msemmija fil-paragrafu 1 wara d-depożitu tan-numru meħtieġ ta' l-istrument tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni, l-emenda għandha tidħol fis-seħħ fit-30 jum li jsegwu d-depożitu ta' l-istrument tiegħu tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni tagħha.

4. Stat li jkun sar parti ta' din il-Konvenzjoni wara d-dħul b'effett ta' emenda b'konformità mal-paragrafu 1 għandu, sakemm ma jkunx hemm espressjoni ta' intenzjoni differenti minn dak l-Istat:

(a) ikun meqjus bħala parti ta' din il-Konvenzjoni hekk kif emendata; u

(b) ikun meqjus bħala parti tal-Konvenzjoni mhux emendata b'relazzjoni ma' xi Stat Parti li ma jkunx marbut bl-emenda.

5. Xi emenda li tirrigwarda esklussivament l-attivitajiet fiż-żona u xi emenda għall-Anness VI għandha tidħol fis-seħħ għall-Istati Partijiet kollha fi żmien sena waħda wara d-depożitu ta'

l-istrumenti tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni minn tlieta minn erba ta' l-Istati Partijiet.

6. Stat li jkun sar parti ta' din il-Konvenzjoni wara d-dħul b'effett ta' emendi b'konformità mal-paragrafu 5 għandu jkun meqjus bħala parti ta' din il-Konvenzjoni hekk kif emendata.

*Artikolu 317*

**Denunzja**

1. Kwalunkwe Stat Parti jista, b'notifika bil-miktub indirizzata lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, jiddenunzja minn din il-Konvenzjoni u jista jindika r-raġunijiet għal dan. Nuqqas li jindika r-raġunijiet m'għandux jaffettwa l-validità tad-denunzja. Id-denunzja għandha jkollha effett sena waħda minn wara d-data tan-notifika, sakemm in-notifika ma tindikax data aktar tard.

2. L-Istat m'għandux ikunu rilaxxat minħabba d-denunzja mill-obbligazzjonijiet finanzjarji u kontrattwali li jkunu akkumulaw waqt li huwa jkun parti ta' din il-Konvenzjoni, l-anqas m'għandha d-denunzja taffettwa xi dritt, obbligu jew sitwazzjoni legali ta' dak l-Istat li tkun inħolqot permezz ta' l-eżekuzzjoni ta' din il-Konvenzjoni qabel it-terminazzjoni tagħha għal dak l-Istat.

3. Id-denunzja m'għandha bl-ebda mod taffettwa d-dover ta' xi Stat Parti milli jwettaq xi obbligi tiegħu kif inkorporati f'din il-Konvenzjoni li magħha huwa jkun suġġett permezz tal-liġi internazzjonali independentament minn din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 318*

**L-Istatus ta' l-Annessi**

L-Annessi jifformaw parti ntegrali ma din il-Konvenzjoni u, sakemm ma jkunx ipprovdut espressament mod ieħor, referenza għal din il-Konvenzjoni jew għal waħda mill-partijiet tagħha, tinkludi referenza għall-Annesss li huma marbuta magħha.

*Artikolu 319*

**Depositarju**

1. Is-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jkun id-depositarju ta' din il-Konvenzjoni u ta' l-emendi tagħha.

2. B'żieda mal-funzjonijiet tiegħu bħala depositarju, is-Segretarju-Ġenerali għandu:

(a) jirraporta lejn l-Istati Partijiet kollha, lejn l-Awtorità u lejn l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti dwar kwistjonijiet ta' natura ġenerali li jinqalgħu fir-rigward ta' din il-Konvenzjoni;

(b) jinnotifika lill-Awtorità rigward ir-ratifiki u l-konfermi formali ta' u l-adeżjonijiet ma din il-Konvenzjoni u l-emendi għaliha, kif ukoll bid-denunzji għal din il-Konvenzjoni;

(ċ) jinnotifika lill-Istati Partijiet dwar il-ftehim b'konformità ma' l-Artikolu 311(4);

(d) jiċċirkola l-emendi adottati b'konformità ma' din il-Konvenzjoni lill-Istati Partijiet għar-ratifika jew l-adeżjoni;

(e) isejjaħ il-laqgħat meħtieġa mill-Istati Partijiet b'konformità ma' din il-Konvenzjoni.

3. (a) Is-Segretarju-Ġenerali għandu wkoll jitrasmetti lejn l-osservaturi msemmija fl-Artikolu 156:

(i) ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 2(a);

(ii) in-notifiki msemmija fil-paragrafu 2(b) u (ċ); u

(iii) it-testi ta' l-emendi msemmija fil-paragrafu 2(d), għall-informazzjoni tagħhom.

(b) Is-Segretarju-Ġenerali għandu wkoll jistieden lill-dawk l-osservaturi sabiex jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat ta' l-Istati Partijiet msemmija fil-paragrafu 2(e).

*Artikolu 320*

**Testijiet awtentiċi**

L-oriġinal ta' din il-Konvenzjoni, li tiegħu it-testi bl-Arbi, ċ-Ċiniż, l-Ingliż, il-Franċiż, ir-Russu u l-Ispanjol huma ugwalment awtentiċi, għandu, bla ħsara għall-Artikolu 305(2), ikun iddepositat mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

B'xhieda ta' dan, aħna l-plenipotenzarji hawn taħt iffirmati, awtorizzati kif meħtieġ dwar dan, iffirmajna din il-Konvenzjoni.

Magħmula fil-Bajja ta' Montego, dan l-għaxar jum ta' Diċembru, elf disa' mija u tnejn u tmenin.

*ANNESS I*

*ANNESS I*

**SPEĊJE LI JPASSU SFIQ**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | It-tonn albacore: | *Thunnus alalunga* |
| 2. | It-tonn tal-pinna kaħlanija: | *Thunnus thynnus* |
| 3. | It-tonn ta' l-għajn kbira: | *Thunnus obesus* |
| 4. | It-tonn palamit: | *Katsuwonus pelamis* |
| 5. | It-tonn tal-pinna safranija: | *Thunnus albacares* |
| 6. | It-tonn tal-pinna sewda: | *Thunnus atlanticus* |
| 7. | It-tonn iż-żgħir: | *Euthynnus alletteratus; Euthynnus affinis* |
| 8. | It-tonn ta' nofs-in-nhar tal-pinna kaħlanija: | *Thunnus maccoyii* |
| 9. | It-tumbrell (kavalli): | *Auxis thazard; Auxis rochei* |
| 10. | L-ispeċje tal-bramidae (pomfret): | il-familja *Bramidae* |
| 11. | Il-marlini (makku): | *Tetrapturus angustirostris; Tetrapturus belone; Tetrapturus pfluegeri; Tetrapturus albidus; Tetrapturus audax; Tetrapturus georgei; Makaira mazara; Makaira indica; Makaira nigricans* |
| 12. | Il-ħut tal-qlugħ: | *Istiophorus platypterus; Istiophorus albicans* |
| 13. | Il-pixxispad: | *Xiphias gladius* |
| 14. | Is-sawrell: | *Scomberesox saurus; Cololabis saira; Cololabis adocetus; Scomberesox saurus scombroides* |
| 15. | Id-delfini: | *Coryphaena hippurus; Coryphaena equiselis* |
| 16. | Il-klieb il-baħar oċeaniċi: | *Hexanchus griseus; Cetorhinus maximus;* il-familja *Alopiidae*; *Rhincodon typus*; il-familja *Carcharhinidae*; il-familja *Sphyrnidae*; il-familja *Isurida* |
| 17. | Iċ-ċetaċej: | il-familja *Physeteridae*; il-familja *Balaenopteridae*; il-familja *Balaenidae*; il-familja *Eschrichtiidae*; il-familja *Monodontiade*; il-familja *Ziphiidae*; il-fanilja *Delphinidae*. |

*ANNESS II*

**IL-KUMMISSJONI DWAR IL-LIMITI TAS-SIKKA KONTINENTALI**

*Artikolu 1*

Bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 76, Kummissjoni dwar il-Limiti tas-Sikka Kontinentali lil hinn minn 200 mil nawtiku, għandha tkun stabbilita b'konformità ma' l-Artikoli li ġejjin.

*Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun magħmulha minn 21 membru li għandhom ikunu esperti fl-oqsma tal-ġeoloġija, l-ġeofiżika jew l-idrografija, eletti mill-Istati Partijiet għal din il-Konvenzjoni minn fost iċ-ċittadini tagħhom, billi jingħata qies xieraq għal-ħtieġa li tkun assigurata rappreżentazzjoni ġeografika ekwitabbli, li għandhom iservu fil-kapaċitajiet personali tagħhom.

2. L-elezzjoni inizjali għandha tinżam malajr kemm jista jkun possibbli imma fi kwalunkwe każ fi żmien 18 il-xahar mid-data tad-dħul b'effett ta' din il-Konvenzjoni. Mill anqas tlett xhur qabel id-data ta' kull elezzjoni, is-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jindirizza ittra lill-Istati Partijiet, jistedinhom biex fi żmien tlett xhur, jippreżentaw in-nomini, wara konsultazzjonijiet reġjonali xierqa. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jħejji lista, f'ordni alfabetika, tal-persuni kollha hekk innominati u għandu jippreżentha lill-Istati Partijiet kollha.

3. L-elezzjonijiet tal-membri tal-Kummissjoni għandhom jinżammu waqt laqgħa ta' l-Istati Partijiet li tkun imsejjħa mis-Segretarju-Ġenerali fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dik il-laqgħa, li għaliha żewġ-terzi ta' l-Istati Partijiet jikkostitwixxu *quorum*, il-persuni eletti għall-Kummissjoni għandhom ikunu dawk in-nominati li jakkwistaw maġġoranza ta' żewġ-terzi tal-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Partijiet preżenti u li jivvutaw. Mhux anqas minn tlett membri għandhom ikunu eletti minn kull reġjun ġeografiku.

4. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom ikunu eletti għal terminu ta' ħames snin. Għandhom ikunu eliġibbli għall-elezzjoni mill-ġdid.

5. L-Istat Parti li jippreżenta nomina ta' membru għall-Kummissjoni għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż ta' dak il-membru waqt li jkun iwettaq id-doveri tiegħu fil-Kummissjoni. L-Istat kostali kkonċernat għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż fir-rigward tal-parir msemmi fl-Artikolu 3(1)(b) ta' dan l-Anness. Is-segretarjat tal-Kummissjoni għandu jkun ipprovdut mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 3*

1. Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom ikunu:

(a) li tikkunsidra d-*data* u l-materjal l-ieħor ippreżentat mill-Istati kostali li jikkonċerna l-limiti esterni tas-sikka kontinentali fiż-żoni ta' fejn dawk il-limiti jeċċedu lil hinn minn 200 mil nawtiku, u sabiex tagħmel rakommandazzjonijiet b'konformità ma' l-Artikolu 76 tal-Prospett ta' Ftehim adottat fid-29 ta' Awissu 1980 mit-Tielet Konferneza tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Liġi tal-Baħar;

(b) li tipprovdi konsulenza xjentifika u teknika, jekk meħtieġa mill-Istati kostali kkonċernati, matul il-preparazzjoni tad-*data* msemmija fis-subparagrafu (a).

2. Il-Kummissjoni tista tikkopera, sal-limitu meqjus meħtieġ u utili, mal-Kummissjoni Oċeanografika Intergovernamentali tal-Unesco, ma' l-Organizzazzjoni Idrografika Internazzjonali u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti l-oħrajn bil-għan ta' skambju ta' l-informazzjoni xjentifika u teknika li tista tkun ta' għajnuna fir-rilaxx tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

Meta Stat kostali jkollu l-intenzjoni li jistabbilixxi, bi qbil ma' l-Artikolu 76, il-limiti esterni tas-sikka kontinentali tiegħu lil hinn minn 200 mil nawtiku, dan għandu jippreżenta l-partikolaritajiet ta' dawk il-limiti lill-Kummissjoni flimkien ma' *data* xjentifika u teknika bħala sostenn malajr kemm jista jkun possibbli imma fi kwalunkwe każ fi żmien 10 snin mid-dħul b'effett ta' din il-Konvenzjoni għal dak l-Istat. L-Istat kostali għandu fl-istess waqt jagħti l-ismijiet ta' xi membri tal-Kummissjoni li jkunu pprovdewh b'konsulenza xjentifika u teknika.

*Artikolu 5*

Sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix mod ieħor, il-Kummissjoni għandha tiffunzjona permezz tal-sub-kummissjonijiet iffurmati minn seba membri, maħtura b'mod ibbilanċjat billi jitqiesu l-elementi speċifiċi ta' kull preżentazzjoni minn Stat kostali. Iċ-ċittadini ta' l-Istat kostali li jagħmlu l-preżentazzjoni u li huma membri tal-Kummissjoni u xi membru tal-Kummissjoni li jkun għin lill-Istat kostali billi jkun ipprovda konsulenza xjentifika u teknika fir-rigward tad-delineazzjoni, m'għandhomx ikunu membri ta' xi sub-kummissjoni li titratta ma' dik il-preżentazzjoni imma jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala membri fil-proċedimenti tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-imsemmija preżentazzjoni. L-Istat kostali li jkun għamel il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni jista jibgħat lir-rappreżentanti tiegħu sabiex jipparteċipaw fil-proċedimenti relevanti, imma mingħajr id-dritt tal-vot.

*Artikolu 6*

1. Is-sub-kummissjoni għandha tippreżenta r-rakkommandazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni.

2. Approvazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakommandazzjonijiet tas-sub-kummissjoni għandha tkun b'maġġoranza ta' żewġ-terzi tal-membri tal-Kummissjoni li jkunu preżenti u li jivvotaw.

3. Ir-rakommandazzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom ikunu ppreżentati bil-miktub lill-Istat kostali li jkun għamel il-preżentazzjoni u lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 7*

L-Istati kostali għandhom jistabbilixxu il-limiti esterni tas-sikka kontinentali b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 76(8), skond il-proċeduri nazzjonali xierqa.

*Artikolu 8*

Fil-każ ta' disgwid mill-Istat kostali mar-rakommandazzjoni tal-Kummissjoni, l-Istat kostali għandu, f'perjodu raġjonevoli ta' żmien, iressaq preżentazzjoni riveduta jew ġdida lill-Kummissjoni.

*Artikolu 9*

L-azzjonijiet tal-Kummissjoni m'għandhomx jippreġudikaw il-materji li jirrigwardaw id-delimitazzjoni tal-fruntieri bejn Stati b'kosti faċċata ta' xulxin jew biswit xulxin.

*ANNEX III*

## KONDIZZJONIJIET BAŻIĊI TAL-PROSPETTAR, L-ESPLORAZZJONI U L-ESPLOJTAZZJONI

*Artikolu 1*

### It-Titolu għal minerali

It-titolu għall-minerali għandu jgħaddi ma' l-irkuprar b'konformità ma' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 2*

### Prospettar (tfittix)

1. (a) L-Awtorità għandha tinkoraġġixxi l-prospettar fiż-żona.

(b) Il-prospettar għandu jkun imwettaq biss wara li l-Awtorità tkun irċeviet impenn bil-miktub li l-prospettatur ipproponut sejjer ikun konformi ma' din il-Konvenzjoni u mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri relevanti ta' l-Awtorità li jikkonċernaw il-koperazzjoni fil-programmi tat-taħriġ msemmija fl-Artikoli 143 u 144 u l-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu, u li jkun jaċċetta l-verifika mil-Awtorità dwar il-konformità ma' dawn. Il-prospettur ipproponut għandu, fl-istess waqt, jinnotifika lil-Awtorità biż-żona jew żoni approssimattivi li fihom il-prospettar għandu jkun imwettaq.

(ċ) Il-prospettar jista jkun imwettaq simultanjament minn aktar minn prospettur wieħed fl-istess żona jew żoni.

2. Il-prospettar ma jagħtix lill-prospettur xi drittijiet fir-rigward tar-riżorsi. Il-prospettur jista, b'dana kollu, jirkupra kwantità raġjonevoli ta' minerali sabiex tintuża għat-testijiet.

*Artikolu 3*

### Esplorazzjoni u esplojtazzjoni

1. L-impriża, l-Istati partijiet, u l-entitajiet l-oħrajn msemmija fl-Artikolu 153(2)(b) jistgħu japplikaw lejn l-Awtorità għall-approvazzjoni tal-pjanijiet tax-xogħol għall-attivitajiet fiż-żona.

2. L-impriża tista tapplika fir-rigward ta' xi parti taż-żona, imma l-applikazzjonijiet minn oħrajn fir-rigward taż-żoni riservati huma suġġetti għall-ħtiġiet addizzjonali ta' l-Artikolu 9 ta' dan l-Anness.

3. L-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni għandhom jitwettqu biss fiż-żoni speċifikati fil-pjanti tax-xogħol msemmija fl-Artikolu 153(3) u approvati mill-Awtorità b'konformità ma' din il-Konvenzjoni u r-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri relevanti ta' l-Awtorità.

4. Kull pjan ta' xogħol approvat għandu:

(a) ikunu konformi ma' din il-Konvenzjoni u mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità;

(b) jipprovdi għal kontroll mill-Awtorità ta' l-attivitajiet fiż-żona b'konformità ma' l-Artikolu 153(4);

(ċ) jagħti lill-operatur, b'konformità mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, id-dritt esklussiv dwar l-esplorazzjoni għal, u l-esplojtazzjoni tal-kategoriji speċifikati tar-riżorsi fiż-żona koperti bil-pjan tax-xogħol. Jekk, b'dana kollu, l-applikant jippreżenta għall-approvazzjoni pjan ta' xogħol li jkopri biss l-istadju ta' l-esplorazzjoni jew l-istadju ta' l-esplojtazzjoni, il-pjan ta' xogħol approvat għandu jagħti tali dritt esklussiv fir-rigward ta' dak l-istadju l-ġdid.

5. Ma l-approvazzjoni tiegħu mill-Awtorità, kull pjan ta' xogħol, apparti minn dawk ippreżentati mill-impriża, għandu jkun f'għamla ta' kuntratt konkluż bejn l-Awtorità u l-applikant jew l-applikanti.

*Artikolu 4*

### Il-kwalifiki ta' l-applikanti

1. L-applikanti, apparti milli l-impriża, għandhom ikunu kwalifikati jekk ikollhom in-nazzjonalità jew il-kontroll u l-appoġġ meħtieġ bl-Artikolu 153(2)(b), u jekk isegwu l-proċeduri u jilħqu n-normi tal-kwalifika kif stabbiliti fir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità.

2. Apparti milli kif hemm ipprovdut fil-paragrafu 6, tal-normi ta' kwalifiki għandhom jirrigwardaw il-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi ta' l-applikant u l-imġieba tiegħu waqt kuntratti preċedenti ma l-Awtorità.

3. Kull applikant għandu jkollu l-appoġġ minn Stat Parti li tiegħu huwa jkun ċittadin sakemm l-applikant ma jkollux aktar minn nazzjonalità waħda, bħal ma jkun il-każ ta' sħubija jew konsorzju ta' entitajiet minn diversi Stati, f'liema każ l-Istati Partijiet kollha involuti għandhom jagħtu s-sostenn lill-applikazzjoni, jew sakemm l-applikant ikun effettivament ikkontrollat minn Stat Parti ieħor jew miċ-ċittadini tiegħu, f'liema każ iż-żewġ Stati Partijiet għandhom ikunu s-sostenituri ta' l-applikazzjoni. Il-kriterja u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-ħtiġiet tas-sostenn għandhom ikunu kif stabbiliti fir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità.

4. L-Istat jew l-Istati tas-sostenn għandhom, permezz ta' l-Artikolu 139, ikollhom ir-responsabbiltà li jassiguraw, fi ħdan is-sistema legali tagħhom, li kuntrattur hekk sostnut għandu jwettaq l-attivitajiet fiż-żona b'konformità mat-termini tal-kuntratt tiegħu u ma' l-obligi tiegħu skond din il-Konvenzjoni. L-Istat tas-sostenn m'għandux, b'dana kollu, jkun responsabbli għad-danni maħluqa minn xi nuqqas mil-kuntrattur sostnut minnu li jkun konformi ma' l-obbligi tiegħu jekk dak l-Istat Parti jkun adotta l-liġijiet u r-regolamenti u jkun ħa l-miżuri amministrattivi li huma, fil-qafas tas-sistema legali tiegħu, raġjonevolemt xierqa sabiex jassiguraw konformità mill-persuni taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

5. Il-proċeduri għall-assessjar tal-kwalifiki ta' l-Istati Partijiet li huma applikanti għandhom jagħtu qies tal-karattru tagħhom bħala Stati.

6. In-normi tal-kwalifika għandhom jeħtieġu li kull applikant, mingħajr eċċezzjoni, għandu bħala parti mill-applikazzjoni tiegħu, jintrabat:

(a) li jaċċetta bħala enforzabbli u li jkun konformi ma' l-obbligi applikabbli maħluqa bid-disposizzjonijiet tal-Parti XI, ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, id-Deċisjonijiet ta' l-organi ta' l-Awtorità u t-termini tal-kuntratti tiegħu ma' l-Awtorità;

(b) li jaċċetta l-kontroll mill-Awtorità ta' l-attivitajiet fiż-żona, kif awtorizzata b'din il-Konvenzjoni;

(ċ) li jipprovdi lill-Awtorità b'assigurazzjoni bil-miktub li l-obbligi tiegħu skond il-kuntratt ikunu mwettqa b'rieda tajba;

(d) li jkun konformi mad-disposizzjonijiet dwar it-trasferiment tat-teknoloġija kif stabbilita fl-Artikolu 5 ta' dan l-Anness.

*Artikolu 5*

**It-trasferiment tat-teknoloġija**

1. Meta jippreżenta pjan tax-xogħol, kull applikant għandu jagħmel disponibbli lejn l-Awtorità deskrizzjoni ġenerali tat-tagħmir u l-metodi li għandhom ikunu wżati fit-twettieq ta' l-attivitajiet fiż-żona, u ta' l-informazzjoni relevanti mhux-propjetarja dwar il-karatteristċi ta' dik it-teknoloġija u l-informazzjoni li fir-rigward tagħha l-imsemmija teknoloġija hija disponibbli.

2. Kull operatur għandu jinforma lill-Awtorità bir-reviżjonijiet fid-deskrizzjoni u l-informazzjoni kif disponibbli permezz tal-paragrafu 1 kull meta kambjament jew innovazzjoni teknoloġika sostanzjali jkun introdott.

3. Kull kuntratt għat-twettieq ta' l-attivitajiet fiż-żona għandu jinkludi dawn l-impenji mill-kuntrattur kif ġejjin:

(a) li jagħmel disponibli għall-Impriża b'termini u kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġjonevoli, kull meta l-Awtorità hekk titlob, it-teknoloġija li huwa juża fit-twettieq ta' l-attivitajiet fiż-żona permezz tal-kuntratt, li l-kuntrattur huwa legalment intitolat li jittrasferixxi. Dan għandu jseħħ permezz ta' liċenzi jew arranġamenti xierqa oħra, li l-kuntrattur għandu jinnegozja ma' l-Impriża u li għandha tkun elenkata f'arranġament speċifiku supplementari għall-kuntratt, dan l-impenn jista jkun invokat biss jekk l-Impriża ssib li hija ma tkunx tista takkwista l-istess, jew ugwalment effiċjenti u utili, t-teknoloġija fis-suq miftuħ b'termini u kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġjonevoli;

(b) li jakkwista assigurazzjoni bil-miktub mil-propjetarju ta' xi teknoloġija wżata fit-twettieq ta' l-attivitajiet fiż-żona permezz tal-kuntratt, li ma tkunx ġeneralment disponibbli fis-suq miftuħ u li ma tkunx koperta bis-subparagrafu (a), li l-propjetarju għandu, kull meta l-Awtorità hekk titlob, jagħmel dik it-teknoloġija disponibbli għal-Impriża permezz ta' liċenzja jew arranġamenti oħrajn xierqa, u b'termini u kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġjonevoli, sa l-istess limitu kif tkun disponibbli għall-kuntrattur. Jekk din l-assigurazzjoni ma tkunx akkwistata, it-teknoloġija f'dan il-każ m'għandiex tkun użata mill-kuntrattur li jwettaq l-attivitajiet fiż-żona.

(ċ) li jakkwista minn għand il-propjetarju permezz ta' kuntratt enforzabbli, fuq it-talba ta' l-Impriża u jekk ikun possibbli li jagħmel hekk mingħajr xi spejjeż sostanzjali għall-kuntrattur, id-dritt legali li jitrasferixxi lejn l-Impriża kwalunkwe teknoloġija użata mill-kuntrattur, fit-twettieq ta' l-attivitajiet fiż-żona permezz tal-kuntratt, li l-kuntrattur ma jkunx b'mod ieħor legalment intitolat li jittrasferixxi u li ma tkunx ġeneralment disponibbli fis-suq miftuħ. Fil-każi meta jkun hemm relazzjoni ta' għaqda sostanzjali bejn il-kuntrattur u l-propjetarju tat-teknoloġija, il-qrubija f'din ir-relazzjoni u l-grad ta' kontroll jew infuwenza għandu jkun relevanti għad-determinazzjoni ta' jekk il-miżuri prattiċi kollha jkunux ittieħdu sabiex ikun akkwistat dak id-dritt. Fil-każi meta l-kuntrattur jeżerċita kontroll effettiv fuq il-propjetarju, nuqqas li jkun akkwistat minn għand il-propjetarju d-dritt legali għandu jkun meqjus bħala relevanti għall-kwalifiki tal-kuntrattur għal xi applikazzjoni sussegwenti għall-approvazzjoni ta' pjan ta' xogħol;

(d) li jiffaċilita, b'talba mill-Impriża, l-akkwist mil-Impriża ta' xi teknoloġija koperta bis-subparagrafu (b), permezz ta' liċenzja jew arranġamenti oħrajn xierqa u b'termini u kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġjonevoli, jekk l-Impriża tiddeċiedi li tinnegozja direttament mal-propjetarju tat-teknoloġija;

(e) li jieħu l-istess miżuri bħal ma huma preskritti fis-subparagrafi (a), (b), (ċ) u (d) għall-benefiċċju ta' Stat li għadu jiżviluppa, jew ta' grupp ta' Stati li għadhom jiżviluppaw, li jkunu applikaw għal kuntratt permezz ta' l-Artikolu 9 ta' dan l-Anness, basta li dawn il-miżuri għandhom ikunu limitati għall-esplojtazzjoni tal-parti taż-żona ipproponuta mill-kuntrattur li tkun ġiet irriservata bis-saħħa ta' l-Artikolu 8 ta' dan l-Anness u basta li l-attivitajiet permezz tal-kuntratt mitlub mill-Istat li għadu jiżviluppa, jew minn grupp ta' Stati li għadhom jiżviluppaw, ma jkunx jinvolvi t-trasferiment ta' teknoloġija lejn xi Stat terz jew lejn iċ-ċittadini ta' Stat terz. L-obbligu permezz ta' din id-disposizzjoni għandu jkun japplika biss fir-rigward ta' xi kuntrattur partikolari meta t-teknoloġija ma tkunx ġiet mitluba mill-Impriża jew trasferita minn dak il-kuntrattur lejn l-Impriża.

4. Kwistjonijiet li jikkonċernaw lill-impenji kif meħtieġa permezz tal-paragrafu 3, bħad-disposizzjonijiet l-oħrajn tal-kuntratti, għandhom ikunu suġġetti għal twettiq obligatorju b'konformità mal-Parti XI u, fil-każi ta' vjolazzjoni ta' dawn l-impenji, sospensjoni jew terminazzjoni tal-kuntratt u ta' penali monetarji li jistgħu jkunu ordnati b'konformità ma l-Artikolu 18 ta' dan l-Anness. Kwistjonijiet dwar jekk l-offerti magħmula mill-kuntrattur ikunux fil-medda tat-termini u l-kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġjonevoli jistgħu ikunu mressqa minn kwalunkwe parti lejn arbitraġġ kummerċjali li jorbot b'konformità mar-Regoli ta' l-Arbitraġġ UNCITRAL jew ta' xi regoli oħrajn ta' l-arbitraġġ skond ma jista jkun preskritt fir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità. Jekk id-Deċisjoni tkun li l-offerta magħmulha mill-kuntrattur ma tkunx fil-medda ta' termini u kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġjonevoli, il-kuntrattur għandu jkun mogħti 45 jum sabiex jirrevedi l-offerta tiegħu u jwassalha f'dik il-medda qabel ma' l-Awtorità tieħu xi azzjoni b'konformità ma' l-Artikolu 18 ta' dan l-Anness.

5. Jekk l-Impriża ma tkunx tista takkwista b'termini u kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġjonevoli it-teknoloġija xierqa sabiex tkun tista tibda f'ħin f'waqtu l-irkupru u l-proċessar tal-minerali miż-żona, jew il-Kunsill jew l-Assemblea jistgħu isejħu laqgħa ta' grupp ta' Stati Partijiet magħmul minn dawk li huma nvoluti fl-attivitajiet fiż-żona, li jkunu taw

sosstenn lill-entitajiet li huma nvoluti fl-attivitajiet fiż-żona u lil Stati Partijiet oħrajn li jkollhom aċċess għal teknoloġija bħal dik. Dan il-grupp għandu jikkonsulta flimkien u jieħu miżuri effettivi sabiex jassigura li tali teknoloġija issir disponibbli għall-impriża b'termini u kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġjonevoli. Kull Stat Parti tali għandu jieħu dawk il-miżuri fejjieda kollha għal dan il-għan fi ħdan is-sistema legali tiegħu.

6. Fil-każ ta' impriżi konġunti ma' l-impriża, it-trasferiment tat-teknoloġija għandu jseħħ b'konformità mat-termini tal-ftehim ta' l-impriża konġunta.

7. L-impenji meħtieġa bil-paragrafu 3 għandhom ikunu nklużi f'kull kuntratt għat-twettieq ta' l-attivitajiet fiż-żona sa 10 snin wara l-bidu tal-produzzjoni kummerċjali mill-impriża, u jistgħu ikunu nvokati matul dak il-perjodu.

8. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, "teknoloġija" tfisser l-apparat speċjalizzat u l-esperjenza teknika, inklużi manwali, disinji, l-istruzzjonijiet ta' l-operat, it-taħriġ u l-pariri u l-għajnuna teknika, meħtieġa għall-assemblar, iż-żamma u l-operat ta' sistema vijabbli u d-dritt legali ta' l-użu ta' dawn għal dak l-iskop fuq bażi mhux esklussiva.

*Artikolu 6*

**L-approvazzjoni tal-pjanijiet tax-xogħol**

1. Sitt xhur wara d-dħul b'effett ta' din il-Konvenzjoni, u minn hemm il-quddiem darba f'kull raba' xahar, l-Awtorità għandha tressaq għall-kunsiderazzjoni l-pjanijiet tax-xogħol.

2. Meta tikkunsidra applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' pjan tax-xogħol fil-għamla ta' kuntratt, l-Awtorità għandha l-ewwel nett taċċerta jekk:

(a) l-applikant kienx konformi mal-proċeduri stabbiliti għall-applikazzjonijiet b'konformità ma' l-Artikolu 4 ta' dan l-Anness u jkunx ta lill-Awtorità l-impenji u l-assigurazzjonijiet meħtieġa minn dak l-Artikolu. Fil-każi ta' nuqqas ta' konformità ma dawn il-proċeduri jew fin-nuqqas ta' uħud minn dawn l-impenji u assigurazzjonijiet, l-applikant għandu jingħata 45 jum sabiex jirrimedja għal dawn in-nuqqasijiet;

(b) l-applikant ikollux il-kwalifiki meħtieġa bħala pre-rekwiżit li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 4 ta' dan l-Anness.

3. Il-pjanijiet tax-xogħol kollha kif proponuti għandhom ikunu meqjusa fl-ordni li fiha jkunu waslu. Il-pjanijiet tax-xogħol kif proponuti għandhom ikunu konformi ma', u jkunu rregolati bi, id-disposizzjonijiet relevanti ta' din il-Konvenzjoni u r-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, inklużi dawk tal-ħtiġiet operattivi, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-impenji li jikkonċernaw it-trasferiment tat-teknoloġija. Jekk il-pjanijiet tax-xogħol proponuti jkunu konformi ma' dawn il-ħtiġiet, l-Awtorita għandha tapprovhom basta li jkunu skond il-ħtiġiet uniformi u mhux diskriminatorji kif stabbiliti fir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, sakemm:

(a) il-parti ta', jew iż-żona kollha koperta bil-pjan tax-xogħol kif proponut tkun inkluża fi pjan tax-xogħol approvat jew fi pjan tax-xogħol preċedenti proponut kif ippreżentat li ma jkunx ġie finalment ittrattat mill-Awtorità;

(b) il-parti ta', jew iż-żona kollha koperta bil-pjan tax-xogħol proponut tkun ġiet miċħuda mill-Awtorità bis-saħħa ta' l-Artikolu 162(2)(x); jew

(ċ) il-pjan tax-xogħol proponut ikun ġie ppreżentat jew sponsorjat minn Stat Parti li diġa jkollu:

(i) il-pjanijiet tax-xogħol għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tan-noduli polimetalliċi f'żoni mhux reservati li, flimkien ma kwalunkwe parti taż-żona koperta bl-applikazzjoni għal pjan ta' xogħol, teċċedi d-daqs ta' 30 % ta' żona ċirkolari ta' 400 000 kilometri kwadri li ddawwar iċ-ċentru ta' kwalunkwe parti taż-żona koperta mill-pjan tax-xogħol proponut.

(ii) il-pjanijiet tax-xogħol għall-esplorazzjoni jew l-esplojtazzjoni ta' noduli polimetalliċi fiż-żoni mhux reservati li, meħuda flimkien, jikkostitwixxu 2 % tat-total tal-qasam ta' qiegħ il-baħar li ma jkunx riservat jew mhux approvat għall-esplojtazzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 162(2)(x).

4. Għall-iskopijiet ta' l-i*standard* kif stabbilit fil-paragrafu 3(c), pjan ta' xogħol ippreżentat minn shubija jew konsorzju għandhu jkun meqjus fuq il-bażi ta' *pro rata* fost l-Istati Partijiet sostenituri involuti bi qbil ma l-Artikolu 4(3) ta' dan l-Anness. L-Awtorità tista tapprova pjanijiet tax-xogħol koperti bil-paragrafu 3(ċ) jekk hija tiddetermina li approvazzjoni bħal dik ma tkunx tippermetti lil xi Stat Parti jew l-entitajiet sponsorjati minnu li jimmonopolizza it-twettieq ta' l-attivitajiet fiż-żona jew li ma jħallix lill-Istati Partijiet l-oħrajn milli jkollhom attivitajiet f'dik iż-żona.

5. Minkejja l-paragrafu 3(a), wara t-tmiem tal-perjodu transitorju speċifikat fl-Artikolu 151(3), l-Awtorità tista tadotta permezz ta' regoli, regolamenti u proċeduri, proċeduri u kriterji oħrajn li huma konsistenti ma din il-Konvenzjoni dwar id-Deċisjoni liema mill-applikanti għandhom ikollhom il-pjanijiet tax-xogħol approvati fil-każi ta' l-għażla minn fost l-applikanti għaż-żona proponuta. Dawn il-proċeduri u kriterja għandhom jassiguraw l-approvazzjoni tal-pjanijiet tax-xogħol fuq bażi ekwitabbli u mhux diskriminatorja.

*Artikolu 7*

**L-għażla fost l-applikanti għall-awtorizzazzjonijiet tal-produzzjoni**

1. Sitt xhur wara d-dħul b'effett ta' din il-Konvenzjoni, u minn hemm il-quddiem darba f'kull raba' xahar, l-Awtorità għandha tressaq għall-kunsiderazzjoni l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni ippreżentati matul il-perjodu immedjatament preċedenti. L-Awtorità għandha toħroġ l-awtorizzazzjonijiet li jkun hemm applikazzjoni dwarhom jekk dawn l-applikazzjonijiet kollha jistgħu jkunu approvati mingħajr ma jkunu misbuqa l-limiti tal-produzzjoni jew li jkun hemm ksur ta' l-obbligazzjonijiet ta' l-Awtorità permezz ta' ftehim ta' prodott jew arranġamenti li dwarhom hija tkun saret parti, kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 151.

2. Meta għażla tkun meħtieġa li ssir minn fost l-applikanti għall-awtorizzazzjonijiet tal-produzzjoni minħabba l-limitazzjoni tal-produzzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 151(2) sa (7), jew minħabba l-obbligi ta' l-awtorità permezz ta' ftehim ta' prodott jew arranġamenti li dwarhom hija tkun saret parti, kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 151(1), l-Awtorità għandha tagħmel l-għażla fuq il-bażi ta' normi oġġettivi u

mhux diskriminatorji kif stabbiliti fir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri tagħha.

3. Fl-applikazzjoni tal-paragrafu 2, l-Awtorità għandha tagħti prijorità lill dawk l-applikanti li:

(a) ikunu taw assigurazzjoni aħjar ta' l-imġieba, billi jkunu meqjusa il-kwalifiki finanzjarji u tekniċi tagħhom, u l-imġieba tagħhom, jekk ikun hemm, permezz tal-pjani tax-xogħol preċedentament approvati;

(b) jipprovdu għal benefiċji prospettivi finanzjarji aktar kmieni għall-Awtorità, billi tkun meqjusa meta l-produzzjoni kummerċjali tkun skedata li tibda;

(ċ) ikunu diġa investew f'ħafna mir-riżorsi u l-isforzi fil-prospettar jew l-esplorazzjoni.

4. L-applikanti li ma jkunux magħżula fi kwalunkwe perjodu għandhom ikollhom prijorità fil-perijodi susegwenti sakemm huma jirċievu awtorizzazzjoni tal-produzzjoni.

5. Il-għażla għandha ssir billi tkun meqjusa l-ħtieġa tat-tkabbir ta' l-opportunitajiet għall-Istati Partijiet kollha, irrispettivament mis-sistemi soċjali jew ekonomiċi tagħhom jew mill-lokalità ġeografika tagħhom hekk li tkun evitat xi diskriminazzjoni kontra Stat jew sistema, li jipparteċipaw fl-attivitajiet fiż-żona u li ma jħallux il-monopolizzazzjoni ta' dawk l-attivitajiet.

6. Kull meta anqas żoni riservati milli żoni mhux riservati ikunu taħt l-esplojtazzjoni, l-applikazzjonijiet ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-produzzjoni fir-rigward taż-żoni riservati għandhom ikollhom prijorità.

7. Id-Deċisjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jittieħdu malajr kemm jista jkun possibbli wara l-għeluq ta' kull perjodu.

*Artikolu 8*

**Ir-riserva taż-żoni**

Kull applikazzjoni, apparti minn dawk ippreżentati mill-impriża jew minn xi entitajiet oħrajn għal żoni riservati, għandha tkopri żona totali, li ma jkunx meħtieġ li tkopri żona kontinwa waħda, kbira biż-żejjed u ta' valur kummerċjali suffiċjenti hekk li tkun tippermetti żewġ operazzjonijiet tal-minjieri. L-applikant għandu jindika il-kordinati li jaqsmu ż-żona f'żewġ partijiet ta' valur kummerċjali ugwali ikkalkolat u għandu jippreżenta d-*data* kollha akkwistata minnu fir-rigward taż-żewġ partijiet. Mingħajr preġudizzju għall-poteri ta' l-Awtorità bis-saħħa ta' l-Artikolu 17 ta' dan l-Anness, id-*data* li għandha ukun ippreżentata li tikkonċerna n-noduli polimetalliċi għandha tkun tirrigwarda l-immappjar, il-kampjunar u l-abbundanza tan-noduli, u l-kontenut metalikku tagħhom. Fi żmien 45 jum minn meta tasal dik id-*data*, l-Awtorità għandha telenka liema parti għandha tkun irriservata solament għat-twettieq ta' l-attivitajiet mill-Awtorità permezz ta' l-impriża jew b'assoċċjazzjoni ma' l-Istati li għadhom jiżviluppaw. Din l-elenka tista tkun diferita għal perjodu ieħor ta' 45 jum jekk l-Awtorità titlob espert independenti sabiex jassessja jekk id-*data* kollha meħtieġa mill-Awtorità tkunx ġiet ippreżentata. Iż-żona elenkata għandha ssir iż-żona riservata malli l-pjan tax-xogħol għaż-żona mhux riservata jkun approvat u l-kuntratt ikun iffirmat.

*Artikolu 9*

**Attivitajiet fiż-żoni riservati**

1. L-impriża għandha tingħata l-opportunità li tiddeċiedi jekk hija jkollhiex l-intenzjoni li twettaq l-attivitajiet f'kull waħda miż-żoni riservati. Din id-Deċisjoni għandha tittieħed fi kwalunkwe waqt, sakemm notifika bis-saħħa tal-paragrafu 4 tkun waslet għand l-Awtorità, f'liema każ l-impriża għandha tieħu d-Deċisjoni tagħha matul żmien raġjonevoli. L-impriża tista tiddeċiedi li tesplojta dawk iż-żoni permezz ta' impriżi konġunti fl-interess ta' l-Istat jew ta' l-entità.

2. L-impriża tista tikkonkludi kuntratti għall-eżekuzzjoni ta' parti mill-attivitajiet tagħha bi qbil ma l-Anness IV, l-Artikolu 12. Hija tista wkoll tidħol ma' impriżi konġunti għat-twettieq ta' dawn l-attivitajiet ma' entitajiet li huma eliġibbli li jwettqu l-attivitajiet fiż-żona bis-saħħa ta' l-Artikolu 153(2)(b). Meta tikkunsidra tali impriżi konġunti, l-impriża għandha toffri lill-Istati Partijiet li huma Stati li għadhom jiżviluppaw u liċ-ċittadini tagħhom, l-opportunità ta' parteċipazzjoni effettiva.

3. L-Awtorità tista tippreskrivi, fir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri tagħha, ħtiġiet sostantitivi u proċedurali u l-kondizzjonijiet fir-rigward ta' dawk il-kuntratti u l-impriżi konġunti.

4. Kwalunkwe Stat Parti li huma Stat li għadu jiżviluppa jew xi persuna naturali jew ġuridika li hija sponsorjata minnu u li effettivament hija kkontrollata minnu jew minn xi Stat ieħor li għadu jiżviluppa li huwa applikant kwalifikat, jew xi grupp ta' dawn diġa msemmija, jista jinnotifika lill-Awtorità li huwa jixtieq li jippreżenta pjan ta' xogħol bis-saħħa ta' l-Artikolu 6 ta' dan l-Anness fir-rigward ta' żona riservata. Il-pjan ta' xogħol għandu jkun meqjus jekk l-impriża tiddeċiedi, bis-saħħa tal-paragrafu 1, li hija m'għandhiex il-ħsieb li twettaq l-attivitajiet f'dik iż-żona.

*Artikolu 10*

**Preferenzi u prijorità fost l-applikanti**

Operatur li jkollu pjan ta' xogħol approvat għall-esplorazzjoni biss, kif hemm provvediment dan fl-Artikolu 3(4)(c) ta' dan l-Anness għandu jkollu preferenza u prijorità fost l-applikanti għal pjan ta' xogħol li jkopri l-esplorazzjoni fl-istess żona u riżorsi. B'dana kollu, preferenza u prijorità tali jistgħu jkunu mneħħija jekk l-imġieba ta' l-operatur ma kienetx sodisfaċenti.

*Artikolu 11*

**Arranġamenti konġunti**

1. Il-kuntratti jistgħu jipprovdu għal arranġamenti konġunti bejn il-kuntrattur u l-Awtorità permezz ta' l-impriża, fil-għamla ta' impriża konġunta jew produzzjoni b'ishma, kif ukoll xi forma oħra ta' arranġament konġunt li għandu jkollu l-istess protezzjoni kontra r-reviżjoni, s-sospensjoni jew it-terminazzjoni bħal dawk tal-kuntratti ma' l-Awtorità.

2. Il-kuntratturi li jidħlu f'tali arranġamenti konġunti ma' l-impriża jistgħu jirċievu inċentivi finanzjarji li hemm provediment dwar dan fl-Artikolu 13 ta' dan l-Anness.

3. Is-sieħba f'impriżi konġunti ma l-impriża għandhom ikunu responsabbli għall-pagamenti meħtieġa bl-Artikolu 13 ta' dan l-Anness sal-limitu tas-sehem tagħhom fl-impriżi konġunti, bla ħsara għall-inċentivi finanzjarji li hemm provvediment dwarhom f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 12*

**Attivitajiet imwettqa mill-impriża**

1. L-attivitajiet fiż-żona li huma mwettqa mill-impriża bis-saħħa ta' l-Artikolu 153(2)(a) għandhom ikunu rregolati bil-Parti XI, ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità u bid-Deċisjonijiet relevanti tagħha.

2. Kwalunkwe pjan ta' xogħol ippreżentat mill-impriża għandu jkun akkumpanjat b'evidenza bħala sostenn tal-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi tagħha.

*Artikolu 13*

**Termini finanzjarji tal-kuntratti**

1. Fl-adozzjoni tar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri li jikkonċernaw it-termini finanzjarji ta' kuntratt bejn l-Awtorità u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 153(2)(b), u fin-negozjati ta' dawk it-termini finanzjarji b'konformità mal-Parti XI u dawk ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri, l-Awtorità għandha tkun iggwidata b'dawn l-objjettivi li ġejjin:

(a) li jassiguraw l-aħjar introjtu għall-Awtorità mill-proċedimenti tal-produzzjoni kummerċjali;

(b) li jattiraw investimenti u teknoloġija għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni taż-żona;

(ċ) li jassiguraw ugwaljanza fit-trattament finanzjarju u obbligazzjonijiet finanzjarji komparabbli għall-kuntratturi;

(d) li jipprovdu inċentivi fuq bażi uniformi u mhux diskriminatorja għall-kuntratturi sabiex jidħlu f'arranġamenti konġunti ma l-impriża u l-Istati li għadhom jiżviluppaw jew iċ-ċittadini tagħhom, sabiex jistimulaw it-trasferiment ta' teknloloġija lilhom, u sabiex iħarrġu l-personal ta' l-Awtorità u ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw.

(e) sabiex jgħinu ħalli l-impriża tidħol effettivament fil-minjiera tal-qiegħ il-baħar fl-istess żmien bħall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 153(2)(b); u

(f) sabiex jassiguraw li, bħala riżultat ta' l-inċentivi finanzjarji li huma pprovduti lill-kuntratturi permezz tal-paragrafu 14, permezz tat-termini tal-kuntratti reveduti b'konformità ma' l-Artikolu 19 ta' dan l-Anness u permezz tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 ta' dan l-Anness fir-rigward ta' l-impriżi konġunti, il-kuntratturi ma jkunux issussidjati hekk li jkunu mogħtija vantaġġ kompetittiv artifiċjali fir-rigward tal-minjieri ibbażati fuq l-art.

2. Miżata għandha tkun imposta għall-ispejjeż amministrattivi ta' l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' pjan ta' xogħol fil-għamla ta' kuntratt u għandha tkun stabbilita f'ammont ta' USD 500 000 kull applikazzjoni. L-ammont tal-miżata għandu jkun revedut minn żmien għal żmien mill-Kunsill sabiex jassigura li dan ikopri l-ispiża amministrattiva nvoluta. Jekk l-ispiża amministrattiva tali involuta mill-Awtorità fl-ipproċessar ta' l-applikazzjoni tkun anqas mill-ammont stabbilit, l-Awtorità għandha tirrifondi d-differenza lill-applikant.

3. Kuntrattur għandu jħallas somma annwali fissa ta' USD 1 miljun mid-data tad-dħul b'effett tal-kuntratt. Jekk id-data approvata għall-bidu tal-produzzjoni kummerċjali tkun ippostponuta minħabba dewmien fil-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni, b'konformità ma' l-Artikolu 151, il-miżata annwali fissa għandha tkun imwarrba għal dak il-perjodu tal-posponiment. Mid-data tal-bidu tal-produzzjoni kummerċjali, il-kuntrattur għandu jħallas jew l-impost tal-produzzjoni jew is-somma annwali fissa, liema minnhom hija l-akbar.

4. Fi żmien sena mid-data tal-bidu tal-produzzjoni kummerċjali, b'konformità mal-paragrafu 3, kuntrattur għandu jagħżel li jagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu lejn l-Awtorità jew billi:

(a) iħallas il-miżata tal-produzzjoni biss; inkella

(b) li jħallas ġemgħa ta' miżata tal-produzzjoni u sehem mill-proċediment netti.

5. (a) Jekk il-kuntrattur jagħżel li jagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu lejn l-Awtorità billi jħallas biss il-miżata tal-produzzjoni, din għandha tkun iffisata bħala persentaġġ tal-valur tas-suq tal-metalli proċessati prodotti min-noduli polimetalliċi rkuprati miż-żona koperta bil-kuntratt. Dan il-persentaġġ għandu jkun stabbilit kif ġej:

(i) snin 1 sa 10 tal-produzzjoni kummerċjali: 5 %;

(ii) snin 11 sat-tmiem tal-produzzjoni kummerċjali: 12 %.

(b) L-imsemmi valur tas-suq għandu jkun il-prodott tal-kwantità tal-metalli proċessati prodotti min-noduli polimetalliċi estratti miż-żona koperta bil-kuntratt u l-prezz medju għal dawk il-metalli matul is-sena relevanti tal-kontijiet, kif definita fil-paragrafi 7 u 8.

6. Jekk kuntrattur jagħżel li jagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu lejn l-Awtorità billi jħallas ġemgħa ta' l-impost tal-produzzjoni u sehem mill-proċedimenti netti, pagamenti bħal dawn għandhom ikunu ddeterminati kif ġej:

(a) L-impost tal-produzzjoni għandu jkun stabbilit bħala persentaġġ tal-valur tas-suq, iddeterminat bi qbil mas-subparagrafu (b), tal-metalli proċessati prodotti min-noduli polimetalliċi rkuprati miż-żona koperta bil-kuntratt. Dan il-persentaġġ għandu jkun stabbilit kif ġej:

(i) għall-ewwel perjodu ta' produzzjoni kummerċjali: 2 %;

(ii) għat-tieni perjodu ta' produzzjoni kummerċjali: 4 %.

Jekk, fit-tieni perjodu tal-produzzjoni kummerċjali, kif definit fis-subparagrafu (d), l-akkwist mill-investiment fi kwalunkwe sena tal-kontijiet kif definita fis-subġaragrafu (m) jinżel taħt il-15 % bħala riżultat tal-pagament tal-impost tal-produzzjoni ta' 4 %, l-impost tal-produzzjoni għandu jkun ta' 2 % minflok il-4 % f'dik is-sena tal-kontijiet.

(b) L-imsemmi valur tas-suq għandu jkun il-prodott tal-kwantità tal-metalli proċessati prodotti min-noduli polimetalliċi rkuprati miż-żona koperta bil-kuntratt u l-prezz medju għal dawk il-metalli matul is-sena relevanti tal-kontijiet, kif definita fil-paragrafi 7 u 8.

(ċ) (i) Is-seħem ta' l-Awtorità għandu jittieħed minn dak il-porzjoni tal-proċedimenti netti tal-kuntrattur li huma attribwibbli għall-minjieri tar-riżorsi taż-żona koperta bil-kuntratt, imsemmija minn hawn il-quddiem bħala l-proċedimenti netti attribwibbli.

(ii) Is-sehem ta' l-Awtorità tal-proċedimenti netti attribwibbli għandu jkun iddeterminat bi qbil ma l-iskeda inkrimentali kif ġejja:

| Porzjoni tal-proċedimenti netti attribwibbli | Is-sehem ta' l-Awtorità | |
|---|---|---|
| | L-ewwel perjodu tal-produzzjoni kummerċjali | It-tieni perjodu tal-produzzjoni kummerċjali |
| Dak il-porzjoni li jirrapreżenta akkwist mill-investiment li huwa akbar minn 0 %, imma anqas minn 10 % | 35 % | 40 % |
| Dak il-porzjoni li jirrapreżenta akkwist mill-investiment li huwa akbar minn 10 %, imma anqas minn 20 % | 42,5 % | 50 % |
| Dak il-porzjoni li jirrapreżenta akkwist fuq l-investiment li huwa 20 % jew aktar | 50 % | 70 % |

(d) (i) L-ewwel perjodu tal-produzzjoni kummerċjali msemmi fis-subparagrafi (a) u (c) għandu jibda fl-ewwel sena tal-kontijiet tal-produzzjoni kummerċjali u jispiċċa fis-sena tal-kontijiet li fiha l-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur, bl-imgħax fuq il-porzjon mhux irkuprat minnhom ikunu kumpletament irkuprati biż-żejjed tal-flus tiegħu, kif ġej:

Fl-ewwel sena tal-kontijiet li matulha l-ispejjeż ta' l-iżvilupp huma minfuqa, l-ispejjeż mhux irkuprati ta' l-iżvilupp għandhom ikunu ugwali għall-ispejjeż ta' l-iżvilupp imnaqqas minnhom il-fluż żejda f'dik is-sena. F'kull sena sussegwenti tal-kontijiet, l-ispejjeż mhux irkuprati ta' l-iżvilupp għandhom ikunu ugwali għall-ispejjeż ta' l-iżvilupp mhux irkuprati fit-tmiem tas-sena tal-kontijiet preċedenti, flimkien ma' l-imgħaxijiet fuqhom bir-rata ta' 10 % fis-sena, flimkien ma' l-ispejjeż ta' l-iżvilupp fis-sena tal-kontijiet kurrenti u mnaqqas minnhom il-flus żejda tal-kuntrattur fis-sena tal-kontijiet kurrenti. Is-sena tal-kontijiet li fiha l-ispejjeż ta' l-iżvilupp mhux irkuprati isiru żero għall-ewwel darba għandha tkun is-sena tal-kontijiet li fiha l-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur flimkien ma' l-imgħax fuq il-porzjon mhux irkuprat minnhom huma rkuprati kollha mill-flus żejda tiegħu. Il-flus żejda tal-kuntrattur f'xi sena tal-kontijiet għandhom ikunu il-proċedimenti grossi tiegħu imnaqqas minnhom l-ispejjeż tiegħu ta' l-operat u mnaqqsa l-pagamenti tiegħu lejn l-Awtorità permezz tas-subparagrafu (c).

(ii) It-tieni perjodu tal-produzzjoni kummerċjali għandu jibda fis-sena tal-kontijiet li ssegwi it-tmiem ta' l-ewwel perjodu tal-produzzjoni kummerċjali u għandu jibqa sejjer sat-tmiem tal-kuntratt.

(e) "proċedimenti netti attribwibbli" ifissru l-prodott tal-proċedimenti netti tal-kuntrattur u tar-relattività ta' bejn l-ispejjeż ta' l-iżvilupp fis-settur tal-minjieri u l-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur. Jekk il-kuntrattur jinvolvi ruħu fil-minjieri, fit-trasportazzjoni tan-noduli polimetalliċi u fil-produzzjoni primarjament tat-tlieta mill-metalli pproċessati, iġiefiri, il-kobalt, ir-ramm u n-nikil, l-ammont tal-proċedimenti netti attribwibli m'għandux ikun anqas minn 25 % tal-proċedimenti netti tal-kuntrattur. Bla ħsara għas-subparagrafu (n), fil-każi l-oħrajn kollha, inklużi dawk meta l-kuntrattur jinvolvi ruħu fil-minjieri, fit-trasportazzjoni tan-noduli polimetalliċi, u fil-produzzjoni primarja ta' erba metalli pproċesati, iġiefiri, kobalt, ramm, manganiż u nikil, l-Awtorità tista, fir-regoli, r-regolament u l-proċeduri tagħha, tippreskrivi l-bażi xierqa li għandhom ikollhom l-istess relazzjoni ma kull każ bħall-25 % tal-bażi dwar il-każ ta' tlett metalli.

(f) "il-proċedimenti netti tal-kuntrattur" tfisser il-proċedimenti grossi tal-kuntrattur imnaqqas minnhom l-ispejjeż ta' l-operazzjoni u mnaqqas l-irkupru ta' l-ispejjeż tiegħu ta' l-iżvilupp kif stabbiliti fis-subġaragrafu (j).

(g) (i) Jekk il-kuntrattur jinvolvi ruħu fil-minjieri, fit-trasportazzjoni tan-noduli polimetalliċi u l-produzzjoni ta' metalli proċesati "il-proċedimenti grossi tal-kuntrattur" tfisser l-introjtu gross mill-bejgħ tal-metalli proċessati u ta' xi flejjes oħrajn meqjusa raġonevolment attribwibbli għall-operazzjonijiet permezz tal-kuntratt skond ir-regoli, r-regolament u l-proċeduri finanzjarji ta' l-Awtorità.

(ii) Fil-każi l-oħrajn kollha speċifikati fis-subparagrafi (g)(i) u (n)(iii), "il-proċedimenti grossi tal-kuntrattur" tfisser l-introjtu gross mill-bejgħ tal-metalli semi-proċesati min-noduli polimetalliċi irkuprati miż-żona koperta bil-kuntratt u ta' xi flejjes oħrajn meqjusa raġonevolment attribwibbli għall-operazzjonijiet permezz tal-kuntratt skond ir-regoli, r-regolament u l-proċeduri finanzjarji ta' l-Awtorità.

(h) "spejjeż tal-kuntrattur għall-iżvilupp" tfisser:

(i) l-ispiża kollha nvoluta qabel il-bidu tal-produzzjoni kummerċjali li hija direttament relatata ma l-iżvilupp tal-kapaċità produttiva taż-żona koperta bil-kuntratt u ta' l-attivitajiet relatati magħha għall-operazzjonijiet permezz tal-kuntratt fil-każi kollha apparti minn dawk speċifikati fis-subparagrafu (n), b'konformità mal-prinċipji tal-kontijiet ġeneralment rikonoxxuti, inklużi, *inter alia*, l-ispejjeż tal-makkinarju, t-tagħmir, il-vapuri, l-impjant tal-ipproċessar, il-kostruzzjoni, il-bini, l-art, it-toroq, l-ipprospettar u l-esplorazzjoni taż-żona koperta bil-kuntratt, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-imgħax, il-kirjiet meħtieġa, il-liċenzi u l-miżati; u

(ii) l-ispejjeż simili għal dawk stabbiliti fi *(i)* involuti sussegwentament tal-bidu tal-produzzjoni kummerċjali u l-ħtieġa li jkun imwettaq il-pjan tax-xogħol, apparti minn dawk li huma pagabbli mill-ispejjeż operattivi.

(i) Il-proċedimenti mid-disponiment ta' l-assi kapitali u tal-valur tas-suq ta' dawk l-assi kapitali li ma humiex aktar meħtieġa

għall-operazzjonijiet permezz tal-kuntratt u li ma humiex mibjugħa għandhom ikunu mnaqqsa mill-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur matul is-sena tal-kontijiet relevanti. Meta dan it-tnaqqis jeċċedi l-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur, l-eċċess għandu jkun miżjud mall-proċedimenti grossi tal-kuntrattur.

(j) L-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur involuti qabel il-bidu tal-produzzjoni kummerċjali msemmija fis-subparagrafi (h)(i) u (n)(iv) għandhom ikunu rkuprati f'10 ammonti annwali ugwali mid-data tal-bidu tal-produzzjoni kummerċjali. L-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur involuti sussegwentament tal-bidu tal-produzzjoni kummerċjali msemmija fis-subparagrafi (h)(ii) u (n)(iv) għandhom ikunu rkuprati f'10 jew anqas ammonti annwali ugwali hekk li jassiguraw l-irkupru kollu tagħhom sat-tmiem tal-kuntratt.

(k) "L-ispejjeż operattivi tal-kuntrattur" ifissru l-ispejjeż kollha involuti wara l-bidu tal-produzzjoni kummerċjali fl-operazzjoni tal-kapaċità produttiva taż-żona koperta bil-kuntratt u l-attivitajiet relatati magħhom għall-operazzjonijiet permezz tal-kuntratt, b'konformità mal-prinċipji tal-kontijiet ġeneralment rikonoxxuti, inklużi, *inter alia*, l-ammont ta' miżata fissa jew l-impost tal-produzzjoni, liema minnhom hija l-akbar, in-nefqa tal-pagi, s-salarji, il-benefiċċji ta' l-impjegati, il-materjali, s-servizzi, t-trasportazzjoni, l-ipproċessar u l-ispejjeż tal-*marketing*, l-imgħaxijiet, l-utilitajiet, il-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu, l-ispejjeż globali kumplessivi u amministrattivi speċifikament relatati ma l-operazzjonijiet permezz tal-kuntratt, u xi telf operattiv nett miġjub il-quddiem jew lura kif speċifikat hemmhekk. Telf operattiv nett jista jittieħed il-quddiem għal sentejn konsekuttivi apparti milli fl-aħħar sentejn tal-kuntratt, f'liema każ dawn jistgħu ikunu meħuda lura lejn is-sentejn preċedenti.

(l) Jekk il-kuntrattur jinvolvi ruħu fil-minjieri, fit-trasportazzjoni tan-noduli polimetalliċi, u fil-produzzjoni tal-metalli proċessati jew semi-proċessati, "l-ispejjeż ta' l-iżvilupp fis-settur tal-minjieri" tfisser il-porzjoni ta' l-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur li huma direttament relatati mal-minjieri tar-riżorsi taż-żona koperta bil-kuntratt, b'konformità mal-prinċipji tal-kontijiet ġeneralment aċċettati, u mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji ta' l-Awtorità, inklużi, *inter alia*, il-miżata ta' l-applikazzjoni, il-miżata annwali fissa u, meta applikabbli, l-ispejjeż ta' l-ipproċessar u l-esplorazzjoni taż-żona koperta bill-kuntratt, u porzjon ta' l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp.

(m) "akkwist mill-investiment" fi kwalunkwe sena tal-kontijiet tfisser ir-relattività tal-proċedimenti netti attribwibbli f'dik is-sena għall-ispejjeż ta' l-iżvilupp tas-settur tal-minjieri. Għall-iskop tal-kompjutazzjoni ta' din ir-relattività ma' l-ispejjeż ta' l-iżvilupp tas-settur tal-minjieri għandu jinkludi n-nefqiet fuq tagħmir ġdid jew mibdul fis-settur tal-minjieri imnaqqas minnu l-ispiża oriġinali tat-tagħmir mibdul.

(n) Jekk il-kuntrattur jinvolvi ruħu biss fil-minjieri ta':

(i) "proċedimenti netti attribwibbli" tfisser il-proċedimenti netti kollha tal-kuntrattur;

(ii) "il-proċedimenti netti tal-kuntrattur" għandha tkun kif definita fis-subparagrafu (f);

(iii) "il-proċedimenti grossi tal-kuntrattur" tfisser l-introjtu gross mill-bejgħ tan-noduli polimetalliċi, u ta' xi flejjes oħrajn meqjusa raġonevolment attribwibbli għall-operazzjonijiet permezz tal-kuntratt skond ir-regoli, r-regolament u l-proċeduri finanzjarji ta' l-Awtorità;

(iv) "l-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur" ifissru l-ispejjeż kollha involuti qabel il-bidu tal-produzzjoni kummerċjali kif stabbilita fis-subparagrau (h)(i), u fl-ispejjeż kollha involuti sussegwentament għall-bidu tal-produzzjoni kummerċjali kif stabbilit fis-subparagrfau (h)(ii), li huma direttament relatati mal-minjieri tar-riżorsi taż-żona koperta bil-kuntratt, b'konformità mal-prinċipji tal-kontijiet ġeneralment rikonoxxuti;

(v) "l-ispejjeż operattivi tal-kuntrattur" tfisser l-ispejjeż operattivi tal-kuntrattur bħal dawk tas-subparagrafu (k) li huma direttament relatati mal-minjieri tar-riżorsi taż-żona koperta bil-kuntratt b'konformità mal-prinċipji tal-kontijiet ġeneralment aċċettati;

(vi) "akkwist mill-investiment" fi kwalunkwe sena tal-kontijiet tfisser ir-relattività tal-proċedimenti netti f'dik is-sena ta' l-ispejjeż tal-kuntrattur għall-iżvilupp. Għall-iskop tal-kompjutazzjoni ta' din ir-relattività, l-ispejjeż ta' l-iżvilupp tal-kuntrattur għandhom jinkludu n-nefqiet fuq tagħmir ġdid jew mibdul imnaqqas minnu l-ispiża oriġinali tat-tagħmir mibdul.

(o) L-ispejjeż imsemmija fis-subparagrafi (h), (k) (l) u (n) fir-rigward ta' l-imgħax imħallas mill-kuntrattur għandhom ikunu mħollija sal-limitu li, fiċ-ċirkostanzi kollha, l-Awtorità tapprova, bis-saħħa ta' l-Artikolu 4(1) ta' dan l-Anness, ir-relattività ta' dejn-ekwità u r-rati ta' l-imgħax kif raġjonevoli, billi tkun meqjusa l-prattika kummerċjali eżistenti.

(p) L-ispejjeż imsemmija f'dan il-paragrafu m'għandhomx ikunu nterpretati bħala li jinkludu l-pagamenti tat-taxxi fuq il-dħul *corporate* jew imposti simili kif intaxxati mill-Istati fir-rigward ta' l-operazzjonijiet tal-kuntrattur.

7. (a) "metalli pproċessati", msemmija fil-paragrafi 5 u 6, tfisser il-metalli fil-għamla l-aktar bażika tagħhom li fiha huma tradizjonalment innegozjati fis-swieq terminali internazzjonali. Għal dan l-iskop, l-Awtorità għandha tispeċifika, fir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji tagħha, is-swieq internazzjonali terminali relevanti. Dwar il-metalli li ma humiex innegozjati fuq swieq bħal dawn, "metalli proċessati" tfisser il-metalli fil-għamla l-aktar bażika tagħhom li fiha tradizjonalment huma nnegozjati fi transazzjonijiet il-bogħod mir-rappreżentant.

(b) Jekk l-Awtorità ma tkunx tista b'mod ieħor tiddetermina l-kwantità tal-metalli proċessati prodotti min-noduli polimetalliċi irkuprati miż-żona koperta bil-kuntratt imsemmi fil-paragrafi 5(b) u 6(b), il-kwantità għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi tal-kontenut tal-metall tan-noduli, l-effiċjenza ta' l-irkupru tal-iproċessar u l-fatturi relevanti l-oħrajn, b'konformità mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità u b'konformità mal-prinċipji tal-kontijiet ġeneralment rikonoxxuti.

8. Jekk is-suq terminali internazzjonali jipprovdi mekkaniżmu rappreżentattiv dwar il-prezzijiet għal metalli proċessati; in-noduli polimetalliċi u l-metalli semi-proċesati minn noduli, il-prezz medju f'dak is-suq għandu jkun użat. Fil-każi l-oħrajn kollha, l-Awtorità għandha, wara li tikkonsulta lill-kuntrattur, tiddetermina prezz ġust għall-imsemmija prodotti b'konformità mal-paragrafu 9.

9. (a) L-ispejjeż, in-nefqiet u l-proċedimenti u d-dħul kollha u, għad-determinazzjonijiet tal-prezzijiet u l-valur imsemmi f'dan l-Artikolu għandhom ikunu r-riżultat tas-suq ħieles u fi transazzjonijiet fuq bażi newtrali. Fin-nuqqas ta' dan, dawn

għandhom ikunu ddeterminati mill-Awtorità, wara konsultazzjoni mal-kuntrattur, bħalli kieku dawn kienu r-riżultat ta' suq ħieles jew transazzjonijiet fuq bażi newtrali, billi jkunu meqjusa t-transazzjonijiet relevanti fis-swieq l-oħrajn.

(b) Sabiex tkun assigurata l-konformità ma, u l-infurzar tad-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, l-Awtorità għandha tkun iggwidata bil-prinċipji adottati għal, u l-interpretazzjoni mogħtija għal, transazzjonijiet fuq bażi newtrali mill-Kummissjoni tal-Korporazzjonijiet Transnazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Grupp ta' l-Esperti dwar it-Trattati tat-Taxxa bejn il-Pajjiżi li għadhom jiżviluppaw u dawk żviluppati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħrajn, u għandha, fir-regoli, r-regolament u l-proċeduri tagħha, tispeċifika regoli u proċedura uniformi u internazzjonalment aċċettabbli tal-kontijiet, u l-mezzi ta' l-għażla mill-kuntrattur ta' *accountants* independenti ċċertifikati aċċettabbli għall-Awtorità għall-iskop tat-twettieq ta' l-awditjar b'konformità ma' dawk ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri.

10. Il-kuntrattur għandu jagħmel disponibbli lejn l-*accountants*, b'konformità mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji ta' l-Awtorità, dawk id-dettalji finanzjarji kif huma meħtieġa għad-determinazzjoni tal-konformità ma' dan l-Artikolu.

11. L-ispejjeż, in-nefqiet, il-proċedimenti u l-introjti kollha, u l-prezzijiet u l-valuri kollha kif imsemmija f'dan l-Artikolu, għandhom ikunu ddeterminati b'konformità mal-prinċipji tal-kontijiet ġeneralment rikonoxxuti u mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji ta' l-Awtorità.

12. Il-pagamenti lejn l-Awtotità permezz tal-paragrafi 5 u 6 għandhom isiru f'muniti liberalment użabbli jew f'muniti li huma liberalment disponibbli u effettivament użabbli fis-swieq ewlenija tal-kambju esteru jew, fil-għażla tal-kuntrattur, f'ekwivalenti tal-metalli proċesati fil-valur tas-suq. Il-valur tas-suq għandu jkun iddeterminat b'konformità mal-paragrafu 5(b). Il-muniti liberalment użabbli u l-muniti li huma liberalment disponibbli u effettivament użabbli fis-swieq ewlenija tal-kambju esteru għandhom ikunu definiti fir-regoli, r-regolament u l-proċeduri ta' l-Awtorità b'konformità mal-prattika monetarja internazzjonali prevalenti.

13. L-obligazzjonijiet finanzjarji kollha tal-kuntrattur lejn l-Awtorità, kif ukoll il-miżati, l-ispejjeż, in-nefqiet, il-proċedimenti u l-introjtu kollha msemmija f'dan l-Artikolu, għandhom ikunu aġġustati billi jkunu espressi f'termini kostanti relattivi għas-sena bażi.

14. L-Awtorità tista, waqt li tqis xi rakkommandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' l-Ippjanar Ekonomiku u tal-Kummissjoni Legali u Teknika, tadotta regoli, regolamenti u proċeduri li jipprovdu għal inċentivi, fuq bażi uniformi u mhux diskiminatorja, lill-kuntratturi sabiex aktar tqawwi l-obbjettivi stabbiliti fil-paragrafu 1.

15. Fil-każ ta' disgwid bejn l-Awtorità u l-kuntrattur rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tat-termini finanzjarji tal-kuntratt, kwalunkwe parti tista tippreżenta l-kwistjoni lejn arbitraġġ kummerċjali li jorbot, sakemm iż-żewġ partijiet ma jifthiemux li jwettqu l-kwistjoni b'mezzi oħrajn, b'konformità ma l-Artikolu 188(2).

*Artikolu 14*

**It-trasferiment tad-*data***

1. L-operatur għandu jittrasferixxi lejn l-Awtorità, b'konformità mar-regoli, r-regolament u l-proċeduri tagħha u mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-pjan tax-xogħol, matul intervalli ta' żmien determinati mill-Awtorità, id-*data* kollha li hija kemm meħtieġa għal, u relevanti għall-eżerċitar effettiv tal-poteri u l-funzjonijiet ta' l-organi prinċipali ta' l-Awtorità fir-rigward taż-żona koperta bil-pjan tax-xogħol.

2. It-trasferiment tad-*data* fir-rigward taż-żona koperta bil-pjan tax-xogħol, meqjusa bħala propjetarja, tista tkun utilizzata biss għall-iskopijiet kif stabbiliti f'dan l-Artikolu. Id-*data* meħtieġa għall-formulazzjoni mill-Awtorità tar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri li jikkonċernaw il-protezzjoni ta' l-ambjent u s-sigurtà marittima, apparti milli d-dettalji dwar tagħmir propjetarju, m'għandhiex tkun meqjusa bħala propjetarja.

3. Id-*data* trasferita lejn l-Awtorità mill-prospetturi, l-applikanti għal kuntratti jew mill-kuntratturi, meqjusa bħala propjetarja, m'għandhiex tkun żvelata mill-Awtorità lejn l-impriża jew lejn xi ħadd estern għall-Awtorità, imma dettalji rigward żoni riservati jistgħu jkunu żvelati lill-impriża. It-trasferiment ta' *data* bħal din minn tali persuni lejn l-impriża m'għandhiex tkun żvelata mill-impriża lejn l-Awtorità jew lejn xi ħadd estern ta' l-Awtorità.

*Artikolu 15*

**Programmi ta' taħriġ**

Il-kuntrattur għandu jħejji programmi prattiċi għat-taħriġ tal-persunal ta' l-Awtorità u ta' l-Istati li għadhom jiżviluppaw, inkluża l-parteċipazzjoni ta' dak il-persunal fl-attivitajiet kollha fiż-żona li hija koperta bil-kuntratt b'konformità ma' l-Artikolu 144(2).

*Artikolu 16*

**Dritt esklussiv għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni**

L-Awtorità għandha, bis-saħħa tal-Parti XI u tar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri tagħha, tagħti lill-operatur id-dritt esklussiv li jesplora u jesplojta ż-żona koperta bil-pjan tax-xogħol fir-rigward ta' kategorija speċifika tar-riżorsi u għandha tassigura li l-ebda entità oħra ma topera fl-istess żona għal kategorija differenti ta' riżorsi b'manjiera li tista tfixkel l-operazzjonijiet ta' l-operatur. L-operatur għandu jkollu s-sigurtà tal-permanenza b'konformità ma' l-Artikoli 153(6).

*Artikolu 17*

**Ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità**

1. L-Awtorità għandha tadotta u tapplika uniformament ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri b'konformità ma' l-Artikolu 160(2)(f) (ii), u l-Artikolu 162(2)(o) (ii), dwar l-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha kif stabbiliti fil-Parti XI dwar, *inter alia*, dawn il-materji li ġejjin:

(a) proċeduri amministrattivi li jirrigwardaw il-prospettar, l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni fiż-żona;

(b) l-operazzjonijiet:

 (i) id-daqs taż-żona;

 (ii) it-tul ta' żmien ta' l-operazzjonijiet;

(iii) il-ħtiġiet tat-twettiq, inklużi l-assigurazzjonijiet permezz ta' l-Artikolu 4(6)(ċ) ta' dan l-Anness;

(iv) il-kategoriji tar-riżorsi;

(v) ir-renunzja taż-żoni;

(vi) ir-rapporti tal-progress;

(vii) il-preżentazzjoni tad-*data*;

(viii) l-ispezzjoni u s-superviżjoni ta' l-operazzjonijiet;

(ix) il-prevenzjoni ta' l-interferenza ma attivitajiet oħrajn bl-ambjent marittimu;

(x) it-trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi minn kuntrattur;

(xi) il-proċeduri għat-trasferiment tat-teknoloġija lejn l-Istati li għadhom jiżviluppaw b'konformità ma l-Artikolu 144 u l-parteċipazzjoni diretta tagħhom;

(xii) in-normi u l-prattiċi tal-minjieri, inklużi dawk relatati mas-sigurtà operazzjonali, il-konservazzjoni tar-riżorsi u l-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu;

(xiii) id-definizzjoni tal-produzzjoni kummerċjali;

(xiv) in-normi għall-kwalifikazzjoni ta' l-applikanti;

(ċ) materjal finanzjarji:

(i) l-istabbiliment ta' regoli uniformi u mhux diskriminatorji tal-kalkolazzjoni tal-ispiża u tal-kontijiet u l-metodi għall-għażla ta' l-awdituri;

(ii) it-tqassim tal-proċedimenti ta' l-operazzjonijiet;

(iii) l-inċentivi msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan l-Anness;

(d) l-implimentazzjoni ta' Deċisjonijiet meħuda bis-saħħa ta' l-Artikolu 151(10) u l-Artikolu 164(2)(d).

2. Ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri dwar dawn il-punti li ġejjin għandhom jirreflettu bis-sħiħ il-kriterja obbjettiva kif stabbilita hawn taħt:

(a) Id-daqs taż-żoni

L-Awtorità għandha tiddetermina id-daqs xieraq taż-żoni għall-esplorazzjoni li jista jkun sad-doppju tad-daqs bħal dawk ta' l-eplojtazzjoni sabiex jippermetti operazzjonijiet intensivi ta' l-esplorazzjoni. Id-daqs taż-żona għandu jkun ikkalkolat sabiex jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 8 ta' dan l-Anness dwar ir-riserva ta' żoni kif ukoll il-ħtiġiet mistqarra tal-produzzjoni li huma konsistenti ma' l-Artikolu 151 bi qbil mat-termini tal-kuntratt li jqis l-istat ta' l-arti tat-teknoloġija li tkun disponibbli għal minjieri ta' qiegħ il-baħar u l-karatteristiċi fiżiċi relevanti taż-żoni. Iż-żoni la għandhom ikunu iżgħar u l-anqas akbar milli meħtieġ sabiex jissodisfaw l-objjettiv.

(b) it-tul ta' żmien ta' l-operazzjonijiet

(i) l-ipprospettar għandu jkun mingħajr limitu ta' żmien;

(ii) l-esplorazzjoni għandha tkun ta' tul ta' żmien suffiċjenti sabiex tippermetti stħarriġ bl-akbar dettall ta' żona speċifika, id-disinn u l-kostruzzjoni tat-tagħmir tal-minjieri għal dik iż-żona u d-disinn u l-kostruzzjoni ta' impjanti żgħar u ta' daqs medju għall-ipproċessar għall-iskop tat-testijiet tal-minjieri u s-sistemi ta' l-ipproċessar;

(iii) it-tul taż-żmien ta' l-esplojtazzjoni għandu jkun relatat mal-ħajja ekonomika tal-proġett tal-minjieri, billi jkunu meqjusa dawk il-fatturi bħal ma' huma l-ħela kollu tal-minerali, il-ħajja utili tat-tagħmir tal-minjieri u l-faċilitajiet ta' l-ipproċessar u l-vijabilità kummerċjali. L-esplojtazzjoni għandha tkun ta' tul ta' żmien suffiċjenti li tippermetti l-estrazzjoni kummerċjali tal-minerali miż-żona u għandu jinkludi żmien raġjonevoli għall-kostruzzjoni ta' sistemi fuq skala kummerċjali tal-minjieri u l-ipproċessar, li matul dak il-perjodu l-produzzjoni kummerċjali m'għandhiex tkun meħtieġa. It-total taż-żmien għall-esplojtazzjoni, b'dana kollu, għandu wkoll ikun qasir biż-żejjed sabiex jagħti lill-Awtorità l-opportunità li tremenda t-termini u l-kondizzjonijiet tal-pjan tax-xogħol f'dak il-waqt meta tikkunsidra t-tiġdid b'konformità mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri li hija tkun adottat sussegwentament ta' l-approvazzjoni tal-pjan tax-xogħol.

(ċ) Ħtiġiet ta' l-imġieba

L-Awtorità għandha teħtieġ li matul l-istadju ta' l-esplorazzjoni, nefqiet perjodiċi għandhom isiru mill-operatur li huma raġonevolment relatati mad-daqs taż-żona koperta bil-pjan tax-xogħol u l-infieq li jistgħu jkunu mistennija minn operatur b'rieda tajba li jkollu l-intenzjoni li jwassal iż-żona għal produzzjoni kummerċjali fil-limiti ta' żmien stabbiliti mill-Awtorità. L-infieq meħtieġ m'għandux ikunu stabbilit f'livell li aktarx li jiskoraġixxi lill-operaturi prospettivi b'teknoloġija aktar irħisa milli tkun prevalenti fl-użu. L-Awtorità għandha tistabbilixxi l-intervall ta' żmien massimu, wara l-istadju ta' l-esplorazzjoni jkun mitmum u l-istadju ta' l-esplojtazzjoni jkun beda, li jakkwista l-produzzjoni kummerċjali. Sabiex ikun iddeterminat dan l-intervall, l-Awtorità għandha tikkunsidra li l-kostruzzjoni ta' sistemi tal-minjieri ta' skala kbira ma jistax li jkun mibdi sa wara t-tmiem tal-istadju ta' l-esplorazzjoni u l-bidu tal-istadju ta' l-esplojtazzjoni. Għalhekk, l-intervall sabiex iwassal iż-żona fi produzzjoni kummerċjali għandu jqis iż-żmien meħtieġ għal din il-kostruzzjoni wara t-tkomplija tal-istadju ta' l-esplorazzjoni u allokazzjoni raġonevoli għandha ssir dwar dewmien li ma jistax ikun evitat fl-iskeda tal-kostruzzjoni. La darba l-produzzjoni kummerċjali jkun milħuqha, l-Awtorità għandha fi żmien ta' limitu raġjonevoli u billi tikkunsidra l-fatturi relevanti kollha, li teħtieġ li l-operatur ikompli bil-produzzjoni kummerċjali matul il-perjodu tal-pjan tax-xogħol.

(d) Il-kategoriji tar-riżorsi

Fid-determinazzjoni tal-kategorija tar-riżorsi li fir-rigward tagħhom il-pjan ghax-xogħol jista jkun approvat, l-Awtorità għandha tagħti enfasi, *inter alia*, għal dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

(i) li ċerti kategoriji jeħtieġu l-użu ta' metodi simili ta' minjieri; u

(ii) li uħud mir-riżorsi jistgħu jkunu żviluppati simultanjament mingħajr indħil żejjed bejn l-opraturi li jiżviluppaw riżorsi differenti fl-istess żona.

Xejn f'dan is-subparagrafu m'għandu jżomm lill-Awtorità milli tapprova pjan tax-xogħol fir-rigward ta' aktar minn kategorija waħda ta' riżorsi fl-istess żona lill-istess applikant.

(e) Ir-renunzja taż-żoni

L-operatur għandu jkollu d-dritt li fi kwalunkwe żmien jirrinunzja mingħajr penali it-total jew parti mid-drittijiet tiegħu fiż-żona kif koperti bil-pjan tax-xogħol.

(f) Il-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu

Ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri għandhom ikunu mhejjija sabiex jassiguraw protezzjoni effettiva ta' l-ambjent marittimu minn effetti ta' ħsara li direttament jirriżultaw minn attivitajiet fiż-żona jew minn l-ipproċessar abbord vapur li jkun eżatt fuq is-sit tal-minjiera tal-minerali akkwistati minn dak is-sit tal-minjiera, billi tkun meqjusa l-medda li dwarha l-effetti ta'ħsara jistgħu ikunu r-riżultat dirett minn thaffir, tindif bil-gangmu, ġbir ta' kampjuni tat-thaffir u l-eskavazzjoni u mir-rimi, d-*dumping* u l-iskart bl-ambjent marittimu ta' sedimenti, ħela jew effluwenti oħrajn.

(g) Il-produzzjoni kummerċjali

Il-produzzjoni kummerċjali għandha tkun meqjusa li tkun bdiet jekk operatur jibda b'irkupru sostnut fuq skala kbira ta' operazzjonijiet li jkunu jirriżultaw fi kwanitità ta' minerali suffiċjenti sabiex jindikaw kjarament li l-iskop prinċipali hija l-produzzjoni fuq skala kbira pjuttost milli l-produzzjoni ntiża għall-ġbir ta' l-informazzjoni, l-analiżi jew it-testijiet tat-tagħmir jew ta' l-impjant.

*Artikolu 18*

**Penali**

1. Id-drittijiet ta' kuntrattur permezz tal-kuntratt jistgħu jkunu sospiżi jew itterminati biss f'dawn il-każi li ġejjin:

(a) jekk, minkejja twissijiet mill-Awtorità, il-kuntrattur ikun ikkonkluda l-attivitajiet tiegħu b'tali mod hekk li jirriżultaw fi vjolazzjonijiet serji, persistenti u intenzjonati tat-termini fundamentali tal-kuntratt, il-Parti XI u tar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità; jew

(b) il-kuntrattur ikun naqas milli jkun konformi ma Deċisjoni finali li torbot tal-korp tat-twettieq ta' kwistjoni li tkun applikabbi għalih.

2. Fil-każ ta' xi vjolazzjoni tal-kuntratt li ma hix koperta bil-paragrafu 1(a), jew inkella minflok is-sospensjoni jew it-terminazzjoni permezz tal-paragrafu 1(a), l-Awtorità tista timponi fuq il-kuntrattur penali monetarji proporzjonati għas-serjetà tal-vjolazzjoni.

3. Apparti milli għall-ordnijiet ta' emerġenza permezz ta' l-Artikolu 162(2)(w), l-Awtorità ma tistgħax teżekwixxi Deċisjoni li tinvolvi penali monetarji, is-sospensjoni jew it-terminazzjoni sakemm il-kuntrattur ikun ġie mogħti opportunità raġjonevoli sabiex jeżawrixxi r-rimedji ġudiazzjarji disponibbli għalih bis-saħħa tal-Parti XI, is-Sezzjoni 5.

*Artikolu 19*

**Reviżjoni tal-kuntratt**

1. Meta ċirkostanzi jkunu nqalgħu jew aktarx li jinqalgħu li, fl-opinjoni ta' waħda mill-partijiet, ikunu tali li jwasslu li l-kuntratt ma jibqgħax ekwitabbli jew li jġiegħlu li ma jkunx prattikabbli jew impossibli li jintlaħqu l-objbjettivi kif elenkati fil-kuntratt jew fil-Parti XI, il-partijiet għandhom jidħlu f'negozjati sabiex jirreveduħ kif xieraq.

2. Kwalunkwe kuntratt li jkun sar b'konformità ma' l-Artikolu 153(3) jista jkun rivedut biss bil-kunsens tal-partijiet.

*Artikolu 20*

**It-trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi**

Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt jistgħu jkunu ttrasferiti biss bil-kunsens ta' l-Awtorità, u b'konformità mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri tagħha. L-Awtorità m'għandhiex mingħajr raġuni żżomm il-kunsens għat-trasferiment jekk dak li jkunu proponut li jakkwista t-trasferiment ikun fl-aspetti kollha applikant kwalifikat u jassumi l-obbligazzjonijiet kollha ta' dak li jkun jitrasferixxi u jekk it-trasferiment ma jkunx jagħti lil min jirċievi pjan tax-xogħol, li l-approvazzjoni tiegħu kienet tkun ipprojbita bl-Artikolu 6(3)(c) ta' dan l-Anness.

*Artikolu 21*

**Il-liġi applikabbli**

1. Il-kuntratt għandu jkun irregolat bit-termini tal-kuntratt, bir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, bil-Parti XI u bir-regoli l-oħrajn tal-liġi internazzjonali li ma tkunx inkompatibbli ma' din il-Konvenzjoni.

2. Kwalunkwe Deċisjoni finali mogħtija minn qorti jew tribunal li jkollu ġurisdizzjoni permezz ta' din il-Konvenzjoni li tirrigwarda d-drittijiet u l-obbligi ta' l-Awtorità u tal-kuntrattur għandha tkun enforzabbli fit-territorju ta' kull wieħed mill-Istati Partijiet.

3. L-ebda Stat Parti ma jista jimponi kondizzjonijiet fuq kuntrattur li ma humiex konsistenti mal-Parti XI. B'dana kollu, l-applikazzjoni minn Stat Parti fuq kuntratturi sostnuti minnu, jew fuq vapuri li jtajjru l-bandiera tiegħu, ta' regoli jew regolamenti dwar l-ambjent li huma aktar stretti minn dawk fir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità adottati bis-saħħa ta' l-Artikolu 17(2)(f) ta' dan l-Anness m'għandhomx ikunu meqjusa bħala li ma humiex konsistenti mal-Parti XI.

*Artikolu 22*

**Responsabbiltà**

Il-kuntrattur għandu jkollu r-responsabbilità jew l-obbligazzjoni dwar xi danni li jirriżultaw minn atti ħżiena fit-twettieq ta' l-operazzjonijiet tiegħu, qies ikun ittieħed ta' l-atti kontributorji jew in-nuqqasijiet mill-Awtorità. L-istess, l-Awtorità għandha jkollha r-responsabbilità jew l-obbligazzjoni dwar xi danni li jirriżultaw minn atti ħżiena fit-twettieq tal-poteri jew il-funzjonijiet tagħha, inklużi vjolazzjonijiet permezz ta' l-Artikolu 168(2), qies ikun ittieħed ta' l-atti kontributorji jew in-nuqqasijiet mill-kuntrattur. Ir-responsabbiltà f'kull każ għandha tkun għall-ammont attwali tad-danni.

*ANNESS IV*

## L-ISTATUT TA' L-IMPRIŻA

*Artikolu 1*

### Skopijiet

1. L-impriża hija l-organu ta' l-Awtorità li għandha twettqa l-attivitajiet fiż-żona, direttament, bis-saħħa ta' l-Artikolu 153(2)(a), kif ukoll it-trasportazzjoni, l-ipproċċesar u l-*marketing* tal-minerali rkuprati miż-żona.

2. Fit-twettieq ta' l-iskopijiet tagħha u fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha, l-impriża għandha taġixxi b'konformità ma' din il-Konvenzjoni u mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità.

3. Fl-iżvilupp tar-riżorsi taż-żona bis-saħħa tal-paragrafu 1, l-impriża għandha, bla ħsara għal din il-Konvenzjoni, topera b'konformità mall-prinċipji kummerċjali sodi.

*Artikolu 2*

### Ir-relazzjoni ma' l-Awtorità

1. Bis-saħħa ta' l-Artikolu 170, l-impriża għandha taġixxi b'konformità ma' l-istrateġiji ġenerali ta' l-Assemblea u mad-direttivi tal-Kunsill.

2. Suġġett għall-paragrafu 1, l-impriża għandha tgawdi l-awtonomija fit-twettieq ta' l-operazzjonijiet tagħha.

3. Xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandu jwassal li l-impriża tkun responsabbli għall-atti u l-obbligi ta' l-Awtorità, jew li tagħmel lill-Awtorità responsabbli għall-atti jew l-obbligi ta' l-impriża.

*Artikolu 3*

### Limitazzjoni ta' l-obbligi

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(3) ta' dan l-Anness, l-ebda membru ta' l-Awtorità m'għandu jkun responsabbli sempliċement biss minħabba is-sehem tiegħu għall-atti jew l-obbligi ta' l-impriża.

*Artikolu 4*

### Struttura

L-impriża għandha jkollha *Board* Regolatorju, Direttur-Ġenerali u l-persunal meħtieġ sabiex teżerċita il-funzjonijiet tagħha.

*Artikolu 5*

### Il-*Board* Regolatorju

1. Il-*Board* Regolatorju għandu jkun magħmul minn 15 il-membru eletti mill-Assemblea b'konformità ma' l-Artikolu 160(2)(ċ). Fl-elezzjoni tal-membri tal-*Board*, qies xieraq għandu jingħata dwar il-prinċipju tad-distribuzzjoni ġeografika ekwitabbli. Fil-preżentazzjoni tan-nomini tal-kandidati għall-elezzjoni għal fuq il-*Board*, il-membri ta' l-Awtorità għandhom jiftakru dwar il-ħtieġa li jinnominaw kandidati ta' l-għola grad ta' kompetenza, bi kwalifiki fl-oqsma relevanti, sabiex jassiguraw il-vijabbilità u s-suċċess ta' l-impriza.

2. Il-membri tal-*Board* għandhom ikunu eletti għal erba' snin, u jistgħu jkunu eletti mill-ġdid, imma attenzjoni xierqa għandha tkun mogħtija dwar il-prinċipju tar-rotazzjoni tal-membri.

3. Il-Membri tal-*Board* għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm ikunu eletti is-suċċessuri tagħhom. Jekk kariga ta' membru tal-*Board* issir vakanti, l-Assemblea għandha, b'konformità ma' l-Artikolu 160(2)(ċ), teleġġi membru ġdid għall-kumplament tat-terminu tal-predeċessur tiegħu.

4. Il-Membri tal-*Board* għandhom jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom. Fil-qadi tad-doveri tagħhom, huma la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu istruzzjonijiet minn għand xi gvern jew minn għand xi sorsi oħrajn. Kull membru ta' l-Awtorità għandu jirrispetta l-karattru independenti tal-membri tal-*Board* u għandu jibqa lura minn xi attentat li jinfluwenza xi wieħed minnhom fit-twettieq tad-doveri tagħhom.

5. Kull membru tal-*Board* għandu jirċievi remunerazzjoni li għandha tit-ħallas mill-fondi ta' l-impriża. L-ammont tar-remunerazzjoni għandu jkun stabbilit mill-Assemblea, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill.

6. Il-*Board* għandu normalment jiffunzjona fl-uffiċju ewlieni ta' l-impriża u għandu jiltaqa ta' spiss skond ma' x-xogħol ta' l-impriża jkun jeħtieġ.

7. Żewġ terzi tal-membri tal-*Board* għandhom jikkostitwixxu *quorum*.

8. Kull membru tal-*Board* għandu jkollu vot wieħed. Il-materji kollha quddiem il-*Board* għandhom ikunu deċiżi b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Jekk membru jkollu kunflitt ta' l-interess dwar materja quddiem il-*Board*, dan għandu jibqa lura milli jivvota dwar dik il-materja.

9. Kwalunkwe membru ta' l-Awtorità jista jitlob lill-*Board* għal informazzjoni fir-rigward ta' l-operazzjonijiet tiegħu li partikolarment jaffettwaw lill-dak il-membru. Il-*Board* għandu jagħmel sforz sabiex jipprovdi dik l-informazzjoni.

*Artikolu 6*

### Il-poteri u l-funzjonijiet tal-*Board* Regolatorju

Il-*Board* Regolatorju għandu jidderieġi l-operazzjonijiet ta' l-impriża. Bla ħsara għal din il-Konvenzjoni, il-*Board* Regolatorju għandu jeżerċita

il-poteri meħtieġa sabiex iwettaq l-iskopijiet ta' l-impriża, inklużi l-poteri:

(a) li jeleġġi president minn fost il-membri tiegħu;

(b) li jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura;

(ċ) li jħejji u jippreżenta bil-miktub pjanijiet tax-xogħol formali lejn il-Kunsill b'konformità ma' l-Artikolu 153(3) u l-Artikolu 162(2)(j);

(d) li jiżviluppa pjanijiet tax-xogħol u programmi għat-twettieq ta' l-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 170;

(e) li jipprepara u jippreżenta lejn il-Kunsill applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tal-produzzjoni b'konformità ma' l-Artikolu 151(2) sa (7);

(f) li jawtorizza negozjati li jikkonċernaw l-akkwist ta' teknoloġija, inklużi dawk li hemm provvediment dwarhom fl-Anness III, l-Artikolu 5(3)(a), (c) u (d), u japprova r-riżultati ta' dawk in-negozjati;

(g) li jistabbilixxi t-termini u kondizzjonijiet, u li jawtorizza n-negozjati, li jikkonċernaw impriżi konġunti u għamliet oħrajn ta' l-arranġamenti konġunti msemmija fl-Anness III, l-Artikoli 9 sa 11, u li japprova r-riżultati ta' dawn in-negozjati;

(h) li jirrakkomanda lill-Assemblea liema porzjon ta' l-introjtu totali ta' l-impriża għandu jkun miżmum bħala r-riservi tagħha b'konformità ma' l-Artikolu 160(2)(f), u l-Artikolu 10 ta' dan l-Anness;

(i) li japprova il-*budget* annwali ta' l-impriża;

(j) li jawtorizza l-akkwist ta' oġġetti u servizzi b'konformità ma' l-Artikolu 12(3) ta' dan l-Anness;

(k) li jippreżenta rapport annwali lejn il-Kunsill b'konformità ma' l-Artikolu 9 ta' dan l-Anness;

(j) li jippreżenta lejn il-Kunsill għall-approvazzjoni mill-Assemblea, abbozz ta' regoli fir-rigward ta' l-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni, il-ħatra u t-tkeċċija tal-persunal ta' l-impriża u li jadotta r-regolamenti li jagħtu effett għal tali regoli;

(m) li jissellef fondi u li jforni il-kollateral jew sigurtà oħra tali skond ma' jkun iddeterminat b'konformità ma' l-Artikolu 11(2) ta' dan l-Anness;

(n) li jidħol fi kwalunkwe proċedimenti legali, ftehim u transazzjonijiet u li jieħu xi azzjonijiet oħrajn b'konformità ma' l-Artikolu 13 ta' dan l-Anness;

(o) li jiddeleġa, suġġett għal-approvazzjoni mill-Kunsill, dawk il-poteri mhux diskrezzjonarji lid-Direttur-Ġenerali u lill-kumitati tiegħu.

*Artikolu 7*

**Id-Direttur-Ġenerali u l-persunal ta' l-impriża**

1. L-Assemblea għandha, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill u n-nomina tal-*Board* Regolatorju, teleġġi d-Direttur-Ġenerali ta' l-impriża li m'għandux ikun membru tal-*Board*. Id-Direttur-Ġenerali għandu jżomm il-kariga għal terminu fiss, li ma jeċċedix ħames snin, u jista jkun maħtur mill-ġdid għal termini oħrajn.

2. Id-Direttur-Ġenerali għandu jkun ir-rappreżentant legali u l-uffiċjal eżekuttiv ta' l-impriża u għandu jkun direttament responsabbli lejn il-*Board* għat-twettieq ta' l-operazzjonijiet ta' l-impriża. Huwa għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni, il-ħatra u t-tkeċċija tal-persunal ta' l-impriża b'konformità mar-regoli u r-regolamenti msemmija fl-Artikolu 6(1), ta' dan l-Anness. Huwa għandu jipparteċipa, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-laqgħat tal-*Board* u jista jipparteċipa, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-laqgħat ta' l-Assemblea u tal-Kunsill meta dawn l-organi jkunu jittrattaw ma' materji li jikkonċernaw lill-impriża.

3. Il-kunsiderazzjoni ta' l-akbar importanza fir-reklutaġġ u l-impieg tal-persunal u fid-determinazzjoni tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom għandha tkun il-ħtieġa sabiex jassiguraw l-ogħla *standards* ta' effiċjenza, kompetenza teknika. Suġġett għal din il-kunsiderazzjoni, qies xieraq għandu jingħata għall-importanza tar-reklutaġġ ta' persunal fuq bażi ġeografika ekwitabbli.

4. Fit-twettieq tad-doveri tagħhom, id-Direttur-Ġenerali u l-persunal m'għandhomx ifittxu jew jirċievu struzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi sorsi esterni ta' l-impriża. Huma għandhom jevitaw minn xi azzjoni li tista tirrefletti fuq il-posizzjoni tagħhom bħala uffiċjali internazzjonali ta' l-impriza responsabbli biss lejn l-impriża. Kull Stat Parti jintrabat, fir-rigward tal-karattru internazzjonali esklussiv tar-responsabbilitajiet tad-Direttur-Ġenerali u tal-Persunal li ma jfittxux li jinfluwenzawhom fit-twettieq tar-responsabbiltajiet tagħhom.

5. Ir-responsabbiltajiet kif elenkati fl-Artikolu 168(2) huma ugwalment applikabbli għal-persunal ta' l-impriża.

*Artikolu 8*

**Lokazzjoni**

L-impriża għandha jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha fis-sede ta' l-Awtorità. L-impriża tista tistabbilixxi uffiċċini u faċilitajiet oħrajn fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Parti bil-kunsens ta' dak l-Istat Parti.

*Artikolu 9*

**Rapporti u stqarrijiet finanzjarji**

1. L-impriża għandha, mhux aktar tard minn tlett xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja, tippreżenta lejn il-Kunsill għall-kunsiderazzjoni tiegħu, rapport annwali li jkun fih stqarrija awditjata tal-kontijiet tagħha u għandha titrasmetti lejn il-Kunsill matul intervalli xierqa stqarrija sommarja dwar il-posizzjoni finanzjarja tagħha u stqarrija ta' qliegħ u telf li turi r-riżultati ta' l-operazzjonijiet tagħha.

2. L-impriża għandha tippubblika ir-rapport annwali tagħha u dawk ir-rapporti l-oħrajn li hija ssib li jkunu xierqa.

3. Ir-rapporti u l-istqarrijiet finanzjarji kollha msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mqassma lill-membri ta' l-Awtorità.

*Artikolu 10*

**L-allokazzjoni ta' l-introjtu nett**

1. Bla ħsara għall-paragrafu 3, l-impriża għandha tagħmel il-pagamenti lejn l-Awtorità permezz ta' l-Anness III, l-Artikolu 13, jew l-ekwivalenti tagħhom.

2. L-Assemblea għandha, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-*Board* Regolatorju, tiddetermina liema porzjoni mill-introjtu nett ta' l-impriża għandu jkun miżmum bħala riservi ta' l-impriża. Il-kumplament għandu jkun trasferit lejn l-Awtorità.

3. Matul il-perjodu inizjali meħtieġ mill-impriza sabiex tkun tista tieqaf fuq saqajha, li m'għandux jeċċedi 10 snin mill-bidu minnha tal-produzzjoni kummerċjali, l-Assemblea għandha tagħti eżenzjoni lill-impriża mill-pagamenti msemmija fil-paragrafu 1, u għandha tħalli l-introjtu nett kollu fir-riservi ta' l-impriża.

*Artikolu 11*

**Finanzi**

1. Il-fondi ta' l-impriża għandhom jinkludu:

(a) l-ammonti akkwistati minn għand l-Awtorità b'konformità ma' l-Artikolu 173(2)(b);

(b) kontribuzzjonijiet voluntarji magħmula mill-Istati Partijiet għall-iskop ta' l-iffinanzjar ta' l-impriża;

(ċ) ammonti mislufa mill-impriża b'konformità mal-paragrafi 2 u 3;

(d) dħul ieħor ta' l-impriża mill-operazzjonijiet tagħha;

(e) xi fondi oħrajn li jkunu disponibbli għall-impriża sabiex jgħinuha ħalli tibda l-operazzjonijiet malajr kemm jista jkun possibbli u sabiex tkun tista twettaq il-funzjonijiet tagħha.

2. (a) L-impriża għandha jkollha l-poter li tissellef fondi u li tforni dak il-kollateral jew sigurtà oħra skond ma hija tiddetermina. Qabel ma tagħmel xi bejgħ pubbliku ta' l-obbligazzjonijiet tagħha fis-swieq finanzjarji jew fil-munita ta' Stat Parti, l-impriża għandha takkwista l-approvazzjoni ta' dak l-Istat Parti. L-ammont totali tas-self għandu jkun stabbilit bl-approvazzjoni tal-Kunsill, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-*Board* Regolatorju.

(b) L-Istati Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz raġjonevoli sabiex jagħtu appoġġ għall-applikazzjonijiet mill-impriża dwar self fis-swieq kapitali u minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

3. (a) L-impriża għandha tkun ipprovduta bil-fondi meħtieġa sabiex tesplora u tesplojta sit ta' minjiera waħda, u sabiex titrasporta, tipproċessa u tinnegozja l-minerali rkuprati minn hemm u n-nikil, ir-ramm, il-kobalt u l-manganiż akkwistati, u sabiex tilħaq ma' l-ispejjeż amministrattivi inizjali. L-ammont ta' tali fondi, il-kriterja u fatturi għall-aġġustament tagħhom, għandhom ikunu nklużi mill-Kummissjoni Preparatorja fl-abbozz tar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità.

(b) L-Istati Partijiet kollha għandhom jagħmlu disponibbli lejn l-impriża ammont ekwivalenti għal nofs il-fondi msemmija fis-subparagrafu (a) bħala self f'terminu fit-tul mingħajr imgħax b'konformità ma' l-iskala ta' l-assessjar min-Nazzjonijiet Uniti fil-budget regolari eżistenti fil-waqt meta jseħħ l-assessjar, aġġustat sabiex ikunu meqjusa l-Istati li ma humiex membri tan-Nazzjonijiet Uniti. Dejn involut mill-impriża fl-akkwist tan-nofs l-ieħor tal-fondi għandu jkun iggarantit mill-Istati Partijiet kollha b'konformità ma' l-istess skala.

(ċ) Jekk is-somma tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' l-Istati Partijiet tkun anqas milli mill-fondi li għandhom ikunu pprovduti lill-impriża permezz tas-subparagrafu (a), l-Assemblea għandha, fl-ewwel sezzjoni tagħha, tikkunsidra il-medda tan-nuqqas u tadotta b'miżura fuq bażi ta' kunsens, dwar kif titratta ma' dan in-nuqqas, billi tqis l-obbligi ta' l-Istati Partijiet permezz tas-subparagrafi (a) u (b) u li rakkommandazzjonijiet mill-Kummissjoni Preparatorija.

(d) (i) Kull Stat Parti għandu, fi żmien 60 jum minn wara d-dħul b'effett ta' din il-Konvenzjoni, jew fi żmien 30 jum wara d-depożitu ta' l-istrumenti tiegħu għar-ratifika jew l-adeżjoni, liema minnhom ikun l-aktar tard, jiddepożita ma' l-impriża noti promisorji irrevokabbli, mhux-negozjabbli, u mingħajr imgħax, fl-ammont tas-sehem ta' dak l-Istat Parti tas-self mingħajr imgħax b'segwiment tas-subparagrafu (b).

(ii) Il-*Board* għandu jipprepara, fid-data l-aktar kmieni prattikabbli wara li din il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ, u wara dan darba fis-sena u matul intervalli oħrajn xierqa, skeda tal-magnitudni u taż-żminijiet tal-ħtiġiet tagħha dwar il-fondi għall-ispejjez amministrattivi tagħha u għall-attivitajiet imwettqa mill-impriża b'konformità ma' l-Artikolu 170 u l-Artikolu 12 ta' dan l-Anness.

(iii) L-Istati Partijiet għandhom, wara dan, ikunu nnotifikati mill-impriża, permezz ta' l-Awtorità, fl-ishma rispettivi tagħhom tal-fondi b'konformità mas-subparagrafu (b), li huma meħtieġi għal tali spejjeż. L-impriża għandha ssarraf dawk l-ammonti tan-noti promisorji skond ma jista jkun meħtieġ sabiex tlaħħaq ma' l-ispiża msemmija fl-iskeda u fir-rigward tas-self mingħajr imgħax.

(iv) L-Istati Partijiet għandhom, mal-wasla tan-notifika, jagħmlu disponibbli l-ishma rispettivi tagħhom tal-garanziji tad-dejn għall-impriża b'konformità mas-subparagrafu (b).

(e) (i) Jekk l-impriża hekk titlob, l-Istati Partijiet jistgħu jipprovdu garanziji tad-dejn b'żieda ma dawk ipprovduti b'konformità ma' l-iskala msemmija fis-subparagrafu (b).

(ii) Minflok il-garanziji tad-dejn, Stat Parti jista jagħmel kontribuzzjoni voluntarja lill-impriża f'ammont ekwivalenti ta' dak il-porzjon tad-dejn li kieku huwa kien ikun responsabbli li jiggarantixxi.

(f) Ir-rifużjoni tas-self li jkun marbut ma' l-imgħax għandha jkollha prijorità fuq il-pagament lura tas-self li jkun mingħajr imgħax. Ir-rifużjoni tas-self mingħajr imgħax għandu jkun skond l-iskeda adottata mill-Assemblea, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill u l-parir tal-*Board*. Fl-eżerċitar ta' din il-funzjoni, il-*Board* għandu jkun iggwidat mid-disposizzjonijiet relevanti tar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità, li għandhom iqisu l-importanza l-aktar għolja sabiex jassiguraw il-funzjonar effettiv ta' l-impriża u, partikolarment sabiex jassiguraw l-indipendenza finanzjarja tagħha.

(g) Il-fondi li jkunu disponibbli għall-impriża għandhom ikunu fil-muniti utili mingħajr xkiel jew f'muniti li huma liberalment

disponibbli u effettivament użabbli fis-swieq maġġuri tal-kambju esteru. Dawn il-muniti għandhom ikunu definiti fir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità b'konformità mal-prattika monetarja internazzjonali prevalenti. Apparti milli kif hemm ipprovdut fil-paragrafu 2, l-ebda Stat Parti m'għandu jżomm jew jimponi fuq il-propjetà, l-użu jew il-kambju ta' l-impriża ta' dawn il-fondi.

(h) "Garanzija tad-dejn" tfisser il-wiegħda ta' Stat Parti lejn il-kredituri ta' l-impriża li jħallas, *pro rata* skond l-iskala xierqa, l-obbligazzjonijiet finanzjarji ta' l-impriża koperti bil-garanzija b'segwiment ta' avviż mill-kredituri ta' l-Istat Parti fin-nuqqas mill-impriża. Il-proċeduri għall-pagament ta' dawk l-obbligazzjonijiet għandhom ikunu b'konformità mar-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità.

4. Il-fondi, l-assi u l-ispejjeż ta' l-impriża għandhom jinżammu separati minn dawk ta' l-Awtorità. Dan l-Artikolu m'għandux ifixkel lill-impriża milli tagħmel arranġamenti ma' l-Awtorità rigward il-faċilitajiet, il-persunal u s-servizzi u l-arranġamenti għar-rifużjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi imħallsa minn jew f'isem wieħed ta' l-ieħor.

5. Ir-reġistri, il-kotba u l-kontijiet ta' l-impriża, inklużi l-istqarrijiet finanzjarji annwali, għandhom ikunu awditjati ta' kull sena minn awditur independenti maħtur mill-Kunsill.

*Artikolu 12*

**Operazzjonijiet**

1. L-impriża għandha tippoponi lill-Kunsill il-proġetti għat-twettieq ta' l-attivitajiet skond l-Artikolu 170. Proposti bħal dawn għandhom jinkludu pjan bil-miktub, formali, tax-xogħol dwar l-attivitajiet b'konformità ma' l-Artikolu 153(3), u dik l-informazzjoni u d-*data* l-oħra kollha skond ma' tista tkun mitluba minn żmien għal żmien għall-evalwazzjoni tagħha mill-Kummissjoni Legali u Teknika u għall-approvazzjoni mill-Kunsill.

2. Ma' l-approvazzjoni mill-Kunsill, l-impriża għandha tesegwixxi l-proġett fuq il-bażi tal-pjan formali bil-miktub tax-xogħol kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. (a) Jekk l-impriża ma tkunx tippossjedi l-oġġetti u s-servizzi meħtieġa għall-operazzjonijiet tagħha hija tista takkwisthom. Għal dak l-iskop, hija għandha toħroġ stediniet għall-offerti u l-għoti tal-kuntratti lill-appaltaturi li jippreżentaw l-aħjar ġemgħa ta' kwalità, prezz u żmien ta' forniment.

(b) Jekk ikun hemm aktar minn offerta waħda li tippreżenta ġemgħa bħal din, il-kuntratt għandu jkun mogħti skond il-:

(i) il-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet politiċi jew oħrajn li ma jkunux relevanti għat-twettieq ta' l-operazzjonijiet b'attenzjoni dwar id-diliġenza u l-effiċċjenza; u

(ii) il-linji ta' gwida approvati mill-Kunsill fir-rigward tal-preferenzi li għandhom jingħataw lill-oġġetti u s-servizzi li joriġinaw minn Stati li għadhom jiżviluppaw, inklużi fosthom l-Istati li m'għandhomx aċċess dirett għall-baħar u dawk ġeografikament żvantaġġati.

(ċ) Il-*Board* Regolatorju jista jadotta regoli li jiddeterminaw iċ-ċirkostanzi speċjali li fihom il-ħtiġiet tal-istediniet għall-offerti jistgħu, fl-aħjar interessi għall-impriża, ikunu mwarrba.

4. L-impriża għandha jkollha t-titolu għall-minerali u s-sustanzi proċessati kollha prodotti minnha.

5. L-impriża għandha tbiegħ il-prodotti tagħha fuq bażi mhux diskriminatorja. Hija m'għandhiex tagħti skonti mhux kummerċjali.

6. Mingħajr preġudizzju għal xi poteri ġenerali jew speċjali mogħtija lill-impriża permezz ta' xi disposizzjoni oħra ta' din il-Konvenzjoni, l-impriża għandha teżerċita dawk il-poteri inċidentali dwar in-negozju tagħha skond ma jista jkun meħtieġ.

7. L-impriża m'għandhiex tindaħal fl-aspetti politċi ta' xi Stat Parti; l-anqas m'għandha tkun influwenzata fid-Deċisjonijiet tagħha mill-karattru politiku ta' l-Istat Parti kkonċernat. Kunsiderazzjonijiet kummerċjali biss għandhom ikunu relevanti għad-Deċisjonijiet tagħha, u dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom ikunu peżati imparzjalment sabiex twettaq l-iskopijiet speċifikati fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness.

*Artikolu 13*

**L-istatus legali, il-privileġġi u l-immunitajiet**

1. Sabiex l-impriża tkun tista twettaq il-funzjonijiet tagħha, l-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet elenkati f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mogħtija lill-impriża fit-territorji ta' l-Istati Partijiet. Sabiex jingħata effett għal dan il-prinċipju, l-impriża u l-Istati Partijiet jistgħu, meta meħtieġ, jidħlu f'arranġamenti speċjali.

2. L-impriża għandha jkollha l-kapaċità legali skond ma jkun meħtieġ għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha u tat-twettieq tal-iskopijiet tagħha, u, partikolarment il-kapaċità:

(a) li tidħol f'kuntratti, amministrazzjoni konġunta jew arranġamenti oħrajn, inklużi ftehim ma' l-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

(b) li takkwista, tikri, iżżomm jew tiddisponi minn propjetà immobbli jew mobbli;

(ċ) li tkun parti minn proċedimenti legali.

3. (a) Azzjonijiet jistgħu jinġiebu kontra l-impriża biss f'qorti kompetenti bil-ġurisdizzjoni fit-territorju ta' Stat Parti li fih l-impriża:

(i) ikolla uffiċċju jew faċilità;

(ii) ikollha aġent maħtur għall-iskop li taċċetta l-preżentazzjoni jew l-avviż ta' proċess;

(iii) tkun daħlet f'kuntratt għall-oġġetti jew għas-servizzi;

(iv) tkun tat garanziji; jew

(v) li b'mod ieħor tkun involuta f'attività kummerċjali.

(b) Il-propjetà jew l-assi ta' l-impriża, independentament fejn lokalizzati u independentament minn min miżmuma, għandhom igawdu minn immunità minn kull tip ta' sekwestru, irbit jew eżekuzzjoni qabel il-forniment tal-ġudizzju finali kontra l-impriża.

4. (a) Il-propjetà u l-assi ta' l-impriża, kull fejn jistgħu jkunu jinsabu u independentament minn min ikun iżommhom, għandhom ikollhom immunità minn rekwisizzjoni, konfiska, esproprazzjoni jew xi għamla oħra ta' sekwestru b'azzjoni eżekuttiva jew leġislattiva.

(b) Il-propjetà u l-assi ta' l-impriża, independentament fejn lokalizzati u minn min huma miżmuma, għandhom ikunu ħielsa minn restrizzjonijiet amministrattivi, regolamenti, kontrolli u *moratoria* ta' kull tip.

(ċ) L-impriża u l-impjegati tagħha għandhom jirrispettaw il-liġijiet u r-regolamenti lokali fi kwalunkwe Stat jew territorju li fih l-impriża jew l-impjegati tagħha jistgħu jagħmlu n-negozju jew b'mod ieħor jaġixxu.

(d) L-Istati Partijiet għandhom jassiguraw li l-impriża tgawdi d-drittijiet, il-privileġġi u l-immunitajiet kollha mogħtija minnhom lejn l-entitajiet li jwettqu attivitajiet kummerċjali fit-territorji tagħhom. Dawn id-drittijiet, privileġġi u immunitajiet għandhom ikunu mogħtija lill-impriża fuq bażi mhux anqas favorevoli minn dawk li huma mogħtija lill-entitajiet involuti f'attivitajiet simili kummerċjali. Jekk privileġġi speċjali huma pprovduti mill-Istati Partijiet għall-Istati li għadhom jiżviluppaw jew l-entitajiet kummerċjali tagħhom, l-impriża għandha tgawdi dawk il-privileġġi fuq bażi similarment preferenzali.

(e) l-Istati Partijiet jistgħu jipprovdu inċentivi speċjali, drittijiet, privileġġi u immunitajiet lill-impriża mingħajr l-obligu li jipprovdu tali inċentivi, drittijiet, privileġġi u immunitajiet lill-entitajiet kummerċjali l-oħrajn.

5. L-impriża għandha tinnegozja mal-pajjiżi ospitanti li fihom l-uffiċċini u l-faċilitajiet tagħhom huma lokalizzati dwar eżenzjoni minn tassazzjoni diretta jew indiretta.

6. Kull Stat Parti għandu jieħu dik l-azzjoni hekk kif meħtieġa sabiex jagħti effett għat-termini tal-liġi tiegħu ta' dawk il-prinċipji kif elenkati f'dan l-Anness u għandu jinforma lill-impriża bl-azzjoni speċifika li jkun ħa.

7. L-impriża tista twarrab kwalunkwe mill-privileġġi u l-immunitajiet konferiti permezz ta' dan l-Artikolu jew tal-ftehim speċjali msemmija fil-paragrafu 1 sa dak il-limitu u b'dawk il-kondizzjonijiet skond ma huma jiddetermina.

*ANNESS V*

# KONĊILJAZZJONI

Sezzjoni 1

## PROĊEDURA TA' KONĊILJAZZJONI PERMEZZ TAS-SEZZJONI 1 TAL-PARTI XV

*Artikolu 1*

### L-istituzzjoni tal-proċedimenti

Jekk il-partijiet għal kwistjoni jkunu qablu, b'konformità ma' l-Artikolu 284, li jippreżentaw il-kwistjoni għall-konċiljazzjoni permezz ta' din is-sezzjoni, kwalunkwe tali parti tista tistitwixxi il-proċedimenti b'notifika bil-miktub indirizzata lill-parti jew lill-partijiet l-oħrajn tal-kwistjoni.

*Artikolu 2*

### Lista ta' konċiljaturi

Lista ta' konċiljaturi għandha tkun imħejjija u miżmumha mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Kull Stat Parti għandu jkun intitolat li jinnomina erba konċiljaturi, li kull wieħed minnhom għandu jkun persuna li tgawdi l-għola reputazzjoni rigward il-ġustizzja, l-kompetenza u l-integrità. L-ismijiet tal-persuni hekk innominati għandhom jikkostitwixxu il-lista. Jekk fi kwalunkwe waqt il-konċiljaturi innominati minn Stat Parti fil-lista hekk kostitwita ikunu anqas minn erba', dak l-Istat Parti għandu jkun intitolat li jagħmel aktar nominazzjonijiet kif ikun meħtieġ. L-isem tal-konċiljatur għandu jibqa fuq il-lista sakemm ikun imneħħi mill-Istat Patri li jkun għamel in-nomina, basta li tali konċiljatur għandu jibqa jkompli jservi fuq xi Kummissjoni tal-konċiljazzjoni li fuqha dak il-konċiljatur ikun ġie maħtur sakemm ikunu mitmuma l-proċedimenti quddiem dik il-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

### Il-kostituzzjoni tal-Kummissjoni tal-Konċiljazzjoni

Il-Kummissjoni tal-Konċiljazzjoni għandha, sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor, li tkun kostitwita kif ġej:

(a) bla ħsara għas-subparagrafu (g), il-Kummissjomi tal-Konċiljazzjoni għandha tikkonsisti minn ħames membri;

(b) il-parti li tistitwixxi l-proċedimenti għandha taħtar żewġ konċiljaturi li għandhom jintagħżlu preferibbilment mil-lista msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness, li wieħed minnhom jista jkun ċittadin tagħha, sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor. Ħatriet tali għandhom ikunu nklużi fin-notifika msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness;

(ċ) il-parti l-oħra tal-kwistjoni għandha taħtar żewġ konċiljaturi bil-maniera kif elenkata fis-subparagrafu (b) fi żmien 21 jum mill-wasla tan-notifika kif imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness. Jekk il-ħatriet ma jkunux magħmula matul dak il-perjodu, il-parti li tistitwixxi l-proċedimenti tista, fi żmien ġimgħa minn meta jeskadi dak il-perjodu, jew li tittermina l-proċedimenti b'notifika indirizzata lill-parti l-oħra inkella li titlob lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li jagħmel il-ħatriet skond is-subparagrafu (e);

(d) fi żmien 30 jum wara li l-erba konċiljaturi kollha jkunu ġew appuntati, dawn għandhom jaħtru l-ħames konċiljatur magħżul mil-lista msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness, li għandu jkun il-President. Jekk il-ħatra ma tkunux magħmula matul dak il-perjodu, kwalunkwe parti tista, fi żmien ġimgħa minn meta jiskadi dak il-perjodu, li titlob lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li jagħmel il-ħatra skond is-subparagrafu (e);

(e) fi żmien 30 jum mill-wasla tat-talba permezz tas-subparagrafu (c) jew (d), is-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jagħmel il-ħatriet meħtieġa mill-lista msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness b'konsultazzjoni mal-partijiet fil-kwistjoni;

(f) kwalunkwe post vakanti għandu jkun mimli bl-istess mod kif preskritt għall-ħatra oriġinali;

(g) tnejn jew aktar partijiet li jiddeterminaw bi ftehim li huma għandhom l-istess interess għandhom jaħtru żewġ konċiljaturi fuq bażi konġunta. Meta tnejn jew aktar partijiet ikollhom interessi separati jew jekk ikun hemm disgwid dwar jekk ikunx hemm l-istess interessi, huma għandhom jaħtru il-konċiljaturi separatament;

(h) fi kwistjonijiet li jinvolvu aktar minn żewġ partijiet li jkollhom interessi separati, jew meta jkun hemm disgwid dwar jekk dawn għandhomx l-istess interess, il-partijiet għandhom japplikaw is-subparagrafi (a) sa (f) sa kemm dan ikunu possibbli.

*Artikolu 4*

### Proċedura

Il-Kummissjoni tal-Konċiljazzjoni għandha, sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor, tiddetermina l-proċedura tagħha. Il-Kummissjoni tista, bil-kunsens tal-partijiet għall-kwistjoni, tistieden lill-kwalunkwe Stat Parti li tippreżenta l-opinjonijiet tagħha verbalment jew bil-kitba. Id-Deċisjonijiet tal-Kummissjoni rigward materji proċedurali, ir-rapport u r-rakkommandazzjonijiet għandhom isiru bil-vot tal-maġġoranza tal-membri tagħha.

*Artikolu 5*

### Twettieq amikevoli

Il-Kummissjoni tista tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet dwar xi miżuri li jistgħu jiffaċilitaw twettieq amikevoli tal-kwistjoni.

*Artikolu 6*

### Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tisma' lill-partijiet, teżamina t-talbiet u l-oġġezzjonijiet tagħhom, u tagħmel proposti lill-partijiet bil-għan li tilħaq twettieq amikevoli.

*Artikolu 7*

**Rapport**

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport fi żmien 12 il-xahar mill-kostituzzjoni tagħha. Ir-rapport tagħha għandu jirreġistra xi ftehim milħuq u, f'nuqqas ta' ftehim, il-konklużjonijiet tagħha dwar l-aspetti tal-fatt u tal-liġi relevanti għall-materja fil-kwistjoni u dawk ir-rakkommandazzjonijiet hekk kif il-Kummissjoni tista tqis li jkun xierqa għal twettieq amikevoli. Ir-rapport għandu jkun iddepożitat mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u għandu immedjatament ikun trasmess minnu lejn il-partijiet fil-kwistjoni.

2. Ir-rapport tal-Kummissjoni, inklużi l-konklużjonijiet jew ir-rakkommandazzjonijiet tagħha, m'għandhomx ikunu jorbtu fuq il-partijiet.

*Artikolu 8*

**Terminazzjoni**

Il-proċedimenti tal-konċiljazzjoni huma tterminati meta ikun intlaħaq twettieq, meta l-partijiet ikunu aċċettaw, jew waħda mill-partijiet tkun ċaħdet ir-rakkommandazzjonijiet tar-rapport b'notifika bil-miktub indirizzata lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, jew meta l-perjodu ta' tlett xhur ikun skada mid-data tat-trasmissjoni tar-rapport lejn il-partijiet.

*Artikolu 9*

**Renumerazzjoni u spejjeż.**

Ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-Kummissjoni għandhom jinġarru mill-partijiet tal-kwistjoni.

*Artikolu 10*

**Id-dritt tal-partijiet li jimmodifikaw il-proċedura**

Il-partijiet tal-kwistjoni jistgħu bi ftehim applikabbli solament għal dik il-kwistjoni jimmodifikaw kwalunkwe disposizzjoni ta' dan l-Anness.

Sezzjoni 2

PREŻENTAZZJONI OBLIGATORJA GĦALL-PROĊEDURA TA' KONĊILJAZZJONI PERMEZZ TAS-SEZZJONI 3 TAL-PARTI XV

*Artikolu 11*

**L-istituzzjoni tal-proċedimenti**

1. Kwalunkwe parti għal kwistjoni li, b'konformità mal-Parti XV, is-Sezzjoni 3, tista tkun ippreżentata għall-konċiljazzjoni permezz ta' din is-sezzjoni, tista tistitwixxi il-proċedimenti b'notifika bil-miktub indirizzata lill-parti jew lill-partijiet l-oħrajn tal-kwistjoni.

2. Kwalunkwe parti tal-kwistjoni, notifikata permezz tal-paragrafu 1, hija obbligata li toqgħod għal dawn il-proċedimenti.

*Artikolu 12*

**Nuqqas tat-tweġiba li tersaq għal rikonċiljazzjoni**

In-nuqqas ta' parti jew tal-partijiet għal kwistjoni li jwieġbu għal notifika ta' l-istituzzjoni ta' proċedimenti jew li jersqu għal tali proċedimenti m'għandhiex tikkostitwixxi l-impediment tal-proċedimenti.

*Artikolu 13*

**Kompetenza**

Nuqqas ta' ftehim dwar jekk il-Kummissjoni tal-Konċiljazzjoni li taġixxi permezz ta' din is-sezzjoni ikollhiex il-kompetenza għandu jkun deċiż mill-Kummissjoni.

*Artikolu 14*

**L-applikazzjoni tas-Sezzjoni 1**

L-Artikoli 2 sa 10 tas-Sezzjoni 1 ta' dan l-Anness huma applikabbli bla ħsara għal din is-Sezzjoni.

*ANNESS VI*

## L-ISTATUT TAT-TRIBUNAL INTERNAZZJONALI GĦAL-LIĠI TAL-BAĦAR

*Artikolu 1*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. It-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar huwa kostitwit u għandu jiffunzjona skond id-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u dan l-Istatut.

2. Is-sede tat-Tribunal għandu jkun fil-Belt Ħielsa u Ħanseatika ta' Hamburg fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

3. It-Tribunal jista jiltaqgħa u jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fi kwalunkwe post iehor skond ma jqis li jkun mixtieq.

4. Referenza ta' kwistjoni lejn it-Tribunal għandha tkun irregolata bid-disposizzjonijiet tal-Partijiet XI u XV.

Sezzjoni 1

L-ORGANIZZAZZJONI TAT-TRIBUNAL

*Artikolu 2*

**Komposizzjoni**

1. It-Tribunal għandu jkun kompost minn korp ta' 21 membru indipendenti, eletti minn fost persuni li jgawdu l-għola reputazzjoni dwar l-onestà u l-integrità u ta' kompetenza rikonoxxuta fil-qasam tal-liġi tal-baħar.

2. Fit-Tribunal bħala tali, ir-rappreżentazzjoni tas-sistemi legali ewlenija tad-dinja u d-distribuzzjoni ġeografika ekwitabbli għandhom ikunu assigurati.

*Artikolu 3*

**Shubija**

1. L-ebda żewġ membri tat-Tribunal ma jistgħu ikunu ċittadini ta' l-istess Stat. Persuna li għall-iskopijiet tas-shubija fit-Tribunal tista tkun meqjusa bħala li hija ċittadin ta' aktar minn Stat wieħed għandha tkun meqjusa li hija ċ-ċittadin ta' dak li fih normalment hija teżerċita d-drittijiet ċivili u politiċi tagħha.

2. M'għandux ikun hemm anqas minn tlett membri minn kull grupp ġeografiku kif stabbilit mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 4*

**In-nomini u l-elezzjonijiet**

1. Kull Stat Parti jista jinnomina mhux aktar minn żewġ persuni li jkollhom il-kwalifiki kif preskritti fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness. Il-membri tat-Tribunal għandhom ikunu eletti mil-lista tal-persuni hekk innominati.

2. Mill-anqas tlett xhur qabel id-data ta' l-elezzjoni, is-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-każ ta' l-ewwel elezzjoni, u r-Reġistratur tat-Tribunal fil-każ ta' elezzjonijiet sussegwenti, għandu jindirizza stedina bil-miktub lejn l-Istati Partijiet sabiex jippreżentaw in-nomini tagħhom għall-membri tat-Tribunal, fi żmien xharejn. Huwa għandu jipprepara lista f'ordni alfabetika tal-persuni kollha hekk innominati, b'indikazzjoni ta' l-Istati Partijiet li jkunu nnominawhom, u għandu jippreżentha lil-Istati Partijiet qabel is-seba' jum ta' l-aħħar xahar ta' qabel id-data ta' kull elezzjoni.

3. L-ewwel elezzjoni għandha tinżamm fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul b'effett ta' din il-Konvenzjoni.

4. Il-membri tat-Tribunal għandhom ikunu eletti b'vot sigriet. L-elezzjonijiet għandhom jinżammu f'laqgħa ta' l-Istati Partijiet imsejħa mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-każ ta' l-ewwel elezzjoni u bi proċedura mifthiema mill-Istati Partijiet fil-każ ta' l-elezzjonijiet sussegwneti. Żewġ terzi ta' l-Istati Partijiet għandhom jikkostitwixxu quorum għal dik il-laqgħa. Il-persuni eletti għat-Tribunal għandhom ikunu dawk in-nominati li jakkwistaw l-akbar numru ta' voti u żewġ terzi tal-maġġoranza ta' l-Istati Partijiet preżenti u li jivvutaw, basta li tali maġġoranza tinkludi maġġoranza ta' l-Istati Partijiet.

*Artikolu 5*

**It-terminu tal-kariga**

1. Il-membri tat-Tribunal għandhom ikunu eletti għal disa' snin u jistgħu jkunu eletti mill-ġdid; basta, iżda, għall-membri eletti fl-ewwel elezzjoni, it-terminu ta' seba' membri għandu jeskadi fit-tmiem ta' tlett snin u t-termini ta' sena' membri ohra għandu jeskadi fit-tmiem ta' sitt snin.

2. Il-membri tat-Tribunal li t-terminu tagħhom għandu jeskadi fit-tmiem il-perjodi inizjali ta' tlieta u sitt snin għandhom ikunu magħżula bix-xorti imtella mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti immedjatament wara l-ewwel elezzjoni.

3. Il-membri tat-Tribunal għandhom jibqgħu iwettqu d-doveri tagħhom sakemm il-postijiet tagħhom ikunu mimlija. Għalkemm mibdula, huma għandhom jisipiċċaw dawk il-proċedimenti li setgħu kienu nbdew qabel id-data tal-kambju tagħhom.

4. Fil-każ tar-riżenja ta' membru tat-Tribunal, l-ittra tar-riżenja għandha tkun indirizzata lill-President tat-Tribunal. Il-post isir vakanti mal-wasla ta' l-ittra.

*Artikolu 6*

**Karigi battala**

1. Il-postijiet battala għandhom ikunu mimlija bl-istess metodu kif stabbilit għall-ewwel elezzjoni, bla ħsara għad-disposizzjoni li ġejja: ir-Reġistratur għandu, fi żmien xahar minn meta sseħħ il-posizzjoni battala, jipproċedi li joħroġ l-istediniet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 4 ta' dan l-Anness, u d-data ta' l-elezzjoni għandha tkun iffissata mill-President tat-Tribunal wara konsultazzjoni ma' l-Istati Partijiet.

2. Membru tat-Tribunal elett sabiex jieħu post membru li t-terminu tal-uffiċċju tiegħu ma jkunx skada għandu jkun maħtur għall-kumplament tar-terminu tal-predeċessur tiegħu.

*Artikolu 7*

**Attivitajiet inkompatibbli**

1. L-ebda membri tat-Tribunal ma jista jeżerċita xi funzjoni politika jew amministrattiva, jew li jkun assoċċjat mill-qrib ma, jew li jkun finanzjarjament interessat f'uħud mill-operazzjonijiet ta' xi impriża kkonċernata ma' l-esplorazzjoni jew għall-esplojtazzjoni tar-riżorsi tal-baħar jew ta' qiegħ il-baħar jew ta' l-użu kummerċjali tal-baħar jew ta' qiegħ il-baħar.

2. L-ebda membru tat-Tribunal ma jista jaġixxi bħala aġent, kunsillier jew avukat fi kwalunkwe każ.

3. Kwalunkwe dubbju dwar dawn il-punti għandu jkun riżolt b'Deċisjoni tal-maġġoranza tal-membri l-oħrajn tat-Tribunal.

*Artikolu 8*

**Kondizzjonijiet li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni ta' membri f'każ partikolari**

1. L-ebda membru tat-Tribunal ma jista jipparteċipa fid-Deċisjoni ta' xi każ li fih hu jkun preċedentament ħa sehem bħala aġent, kunsullier jew avukat għal waħda mill-partijiet, jew bħala membru ta' qorti jew tribunal nazzjonali jew internazzjonali jew f'xi kapaċità oħra.

2. Jekk, għal xi raġuni speċjali, membru tat-Tribunal jikkunsidra li huwa m'għandux jieħu parti fid-Deċisjoni ta' każ partikolari, huwa għandu hekk jinforma lill-President tat-Tribunal.

3. Jekk il-President jikkonsidra li għal xi raġuni speċjali wieħed mill-membri tat-Tribunal m'għandux jipparteċipa f'każ partikolari, huwa għandu jagħtih avviż kif xieraq.

4. Kwalunkwe dubbju dwar dawn il-punti għandu jkun riżolt b'Deċisjoni tal-maġġoranza tal-membri l-oħrajn tat-Tribunal.

*Artikolu 9*

**Il-konsegwenza tal-waqfien milli jkunu mwettqa il-kondizzjonijiet**

Jekk, fl-opinjoni unanima tal-membri l-oħrajn tat-Tribunal, membru ma jkunx baqa' aktar iwettaq il-kondizzjonijiet meħtieġa, il-President tat-Tribunal għandu jiddikjara dik il-posizzjoni bħala battala.

*Artikolu 10*

**Privileġġi u immunitajiet**

Il-membri tat-Tribunal, meta nvoluti fix-xogħol tat-Tribunal, dawn għandhom igawdu l-privileġġi u l-immunitajiet diplomatiċi.

*Artikolu 11*

**Dikjarazzjoni solenni mill-membri**

Kull membru tat-Tribunal għandu, qabel ma' jibda bid-doveri tiegħu, jagħmel dikjarazzjoni solenni fis-sezzjoni tal-ftuħ li huwa jkun sejjer jeżerċita l-poteri tiegħu b'mod imparzjali u b'kuxjenza.

*Artikolu 12*

**Il-President, il-Viċi-President u r-Reġistratur**

1. It-Tribunal għandu jeleġġi il-President u l-Viċi-President tiegħu għal tlett snin; dawn jistgħu ikunu eletti mill-ġdid.

2. It-Tribunal għandu jaħtar ir-Reġistratur tiegħu u jista jipprovdi għall-ħatra ta' dawk l-uffiċjali l-oħrajn skond ma' jista jkun meħtieġ.

3. Il-President u r-Reġistratur għandhom ikunu jabitaw fis-sede tat-Tribunal.

*Artikolu 13*

***Quorum***

1. Il-membri kollha disponibbli tat-Tribunal għandhom jipparteċipaw; *quorum* ta' 11 il-membru elett għandu jkun meħtieġ sabiex jikkostitwixxi t-Tribunal.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 17 ta' dan l-Anness, it-Tibunal għandu jiddetermina liema membri jkunu disponibbli sabiex jikkostitwixxu t-Tribunal dwar il-kunsiderazzjoni ta' kwistjoni partikolari, wara li jkun meqjus il-funzjonament effettiv tal-kmamar kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikoli 14 u 15 ta' dan l-Anness.

3. Il-kwistjonijiet u l-applikazzjonijiet kollha ippreżentati lit-Tribunal għandhom ikunu mismuħa u ddeterminati mit-Tribunal, sakemm l-Artikolu 14 ta' dan l-Anness ikun applikabbli, jew il-partijiet jitolbu li din għandha tkun ittrattata b'konformità ma' l-Artikolu 15 ta' dan l-Anness.

*Artikolu 14*

**Il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ il-Baħar**

Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ il-Baħar għandha tkun stabbilita b'konformità mad-disposizzjonijiet tas-Sezzjoni 4 ta' dan l-Anness. Il-ġurisdizzjoni, il-poteri u l-funzjonijiet tagħha għandhom ikunu kif hemm provvedient dwar dan fil-Parti XI, is-Sezzjoni 5.

*Artikolu 15*

**Kmamar speċjali**

1. It-Tribunal jista jifforma dawk il-Kmamar, magħmula minn tlieta jew aktar mill-membri eletti tiegħu, skond ma' huwa jikkonsidra meħtieġ sabiex ikun jista jitratta ma kategoriji speċjali ta' kwistjonijiet.

2. It-Tribunal għandu jifforma Kamra sabiex jittratta kwistjoni partikolari ippreżentatha lilu jekk il-partijiet hekk jitolbu. Il-komposizzjoni ta' Kamra bħal din għandha tkun iddeterminata mit-Tribunal bl-approvazzjoni tal-partijiet.

3. In vista tat-tħaffif tal-ittrattar tal-każ, it-Tribunal għandu jifforma ta' kull sena kamra komposta minn ħamsa mill-membri eletti tiegħu li jistgħu jisimgħu u jiddeterminaw kwistjonijiet bi proċedura sommarja. Żewġ membri alternattivi għandhom ikunu magħżula għall-iskop li jieħdu l-post tal-membri li ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fi proċediment partikolari.

4. Il-kwistjonijiet għandhom ikunu mismuħa u ddeterminati mill-Kmamar li hemm provvediment dwarhom f'dan l-Artikolu jekk il-partijiet hekk jitolbu.

5. Ġudizzju mogħti minn kwalunkwe mill-Kmamar li hemm provvediment dwarhom f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 14 ta' dan l-Anness għandu jkun meqjus bħala li kien mogħti mit-Tribunal.

*Artikolu 16*

**Ir-regoli tat-Tribunal**

It-Tribunal għandu jifformula r-regoli għat-twettieq tal-funzjonijiet tiegħu. Partikolarment għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura.

*Artikolu 17*

**In-nazzjonalità tal-membri**

1. Il-membri tat-Tribunal tan-nazzjonalità ta' kwalunkwe mill-partijiet ta' kwistjoni għandhom iżommi d-dritt li jipparteċipaw bħala membri tat-Tribunal.

2. Jekk it-Tribunal, meta jkun jisma kwistjoni, ikunu jinkludi fih membru ta' nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet, kwalunkwe parti oħra tista tagħżel persuna sabiex tipparteċipa bħala membru tat-Tribunal.

3. Jekk it-Tribunal, meta jkun jisma kwistjoni, ma jkunx jinkludi fih membru ta' nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet, kull waħda minn dawk il-partijiet jistgħu jagħżlu persuna sabiex tipparteċipa bħala membru tat-Tribunal.

4. Dan l-Artikolu japplika għall-Kmamar msemmija fl-Artikoli 14 u 15 ta' dan l-Anness. F'każi bħal dawn, il-President, b'konsultazzjoni mall-partijiet, għandu jitlob lill-membri speċifiċi tat-Tribunal li jifformaw il-Kamra, daqs kemm ikun meħtieġ, li jċedu posthom lill-membri tat-Tribunal li huma tan-nazzjonalità tal-partijiet ikkonċernati, u, b'nuqqas ta' dan, jew jekk huma ma jistgħux ikunu preżenti, lill-membri speċjalment magħżula mill-partijiet.

5. Jekk ikun hemm diversi partijiet fl-istess interess, dawn għandhom, għall-iskop tad-disposizzjonijiet preċedenti, ikunu meqjusa bħala parti waħda biss. Xi dubbju dwar dan il-punt għandu jkunu deċiżi b'Deċisjoni tat-Tribunal.

6. Il-membri magħżula b'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom iwettqu l-kondizzjonijiet meħtieġa bl-Artikoli 2, 8 u 11 ta' dan l-Anness. Huma għandhom jipparteċipaw fid-Deċisjoni skond termini ta' ugwaljanza sħiħa mall-kollegi tagħhom.

*Artikolu 18*

**Ir-renumerazzjoni tal-membri**

1. Kull membru elett tat-Tribunal għandu jirċievi allokazzjoni annwali u, għal kull jum li fih huwa jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu, allokazzjoni speċjali, basta li fi kwalunkwe sena waħda is-somma totali pagabbli lil xi membru bħala allokazzjoni speċjali m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' l-allokazzjoni annwali.

2. Il-President għandu jirċievi allokazzjoni annwali speċjali.

3. Il-Viċi-President għandu jirċievi allokazzjoni speċjali għal kull jum li fih huwa jaġixxi bħala President.

4. Il-membri magħżula permezz ta' l-Artikolu 17 ta' dan l-Anness, apparti milli l-membri eletti tat-Tribunal, għandhom jirċievu kumpens għal kull jum li fih huma jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom.

5. Is-salarji, l-allokazzjonijiet u l-kumpens għandhom ikunu ddeterminati minn żmien għal żmien fil-laqgħat ta' l-Istati Partijiet, billi jkun meqjus l-ammont ta' xogħol tat-Tribunal. Dawn ma jistgħux ikunu mnaqqsa matul it-terminu ta' l-uffiċċju.

6. Is-salarju tar-Reġistratur għandu jkun iddeterminat fil-laqgħat ta' l-Istati Patijiet, fuq proposta tat-Tribunal.

7. Ir-Regolamenti adottati fil-laqgħat ta' l-Istati Partijiet għandhom jiddeterminaw il-kondizzjonijiet li permezz tagħhom il-penzjonijiet ta' l-irtirar jistgħu jinagħtaw lill-membri tat-Tribunal u lir-Reġistratur, u l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom il-membri tat-Tribunal u tar-Reġistratur għandhom ikollhom l-ispejjeż tal-ivjaġġar tagħhom rifużi.

8. Is-salarji, l-allokazzjonijiet, u l-kumpens għandhom ikunu ħielsa minn kull tassazzjoni.

*Artikolu 19*

**L-Ispejjeż tat-Tribunal**

1. L-ispejjeż tat-Tribunal għandhom ikunu merfugħa mill-Istati Partijiet u mill-Awtorità b'dawk it-termini u b'tali manjiera hekk kif ikun deċiż fil-laqgħat ta' l-Istati Partijiet.

2. Meta entità oħra apparti milli Stat Parti jew l-Awtorità tkun parti ta' każ ippreżentat minnha, it-Tribunal għandu jistabbilixxi l-ammont li dik il-parti għandha tikkontribwixxi lejn l-ispejjeż tat-Tribunal.

Sezzjoni 2

KOMPETENZA

*Artikolu 20*

**Aċċess għat-Tribunal**

1. It-Tribunal għandu jkun miftuħ għall-Istati Partijiet.

2. It-Tribunal għandu jkun miftuħ għall-entitajiet apparti milli l-Istati Partijiet fi kwalunkwe każ li hemm provvediment espress dwaru fil-Parti XI jew fi kalunkwe każ ippreżentat permezz ta' xi ftehim ieħor li jikkonferixxi ġurisdizzjoni fuq it-Tribunal li huwa aċċettat mill-partijiet kollha ta' dak il-każ.

*Artikolu 21*

**Ġurisdizzjoni**

Il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għandha tinkludi l-kwistjonijiet kollha u l-applikazzjonijiet kollha ppreżentati lilu b'konformità ma din il-Konvenzjoni u mal-materji kollha li hemm provvediment speċifiku dwarhom f'xi ftehim ieħor li jikkonferixxi l-ġurisdizzjoni fuq it-Tribunal.

*Artikolu 22*

**Referenza għal kwistjonijiet li huma soġġetti għal ftehim ieħor**

Jekk il-partijiet kollha għal trattat jew konvenzjoni diġa eżistenti u li jikkonċerna s-suġġett kopert b'din il-Konvenzjoni hekk jaqblu, kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' tali trattat jew konvenzjoni jistgħu, b'konformità ma' tali ftehim, ikunu ppreżentati lit-Tribunal.

*Artikolu 23*

**Il-liġi applikabbli**

It-Tribunal għandu jiddeċiedi il-kwistjonijiet u l-applikazzjonijiet kollha b'konformità ma l-Artikolu 293.

Sezzjoni 3

PROĊEDURA

*Artikolu 24*

**L-istituzzjoni tal-proċedimenti**

1. Il-kwistjonijiet huma ppreżentati lit-Tribunal, skond ma' jkun il-każ, jew b'notifika bi ftehim speċjali jew b'applikazzjoni bil-miktub, indirizzata lir-Reġistratur. Fi kwalunkwe każ, is-suġġett tal-kwistjoni u l-partijiet għandhom ikunu indikati.

2. Ir-Reġistratur għandu mill-ewwel jinnotifika il-ftehim speċjali jew l-applikazzjoni lil dawk kollha kkonċernati.

3. Ir-Reġistratur għandu wkoll jinnotifika lill-Istati Partijiet kollha.

*Artikolu 25*

**Miżuri proviżjonali**

1. B'konformità ma' l-Artikolu 290, it-Tribunal u l-Kmamar tal-Kwistjonijiet ta' Qiegħ il-Baħar għandhom ikollhom is-setgħa li jippreskrivu l-miżuri proviżorji.

2. Jekk it-Tribunal ma jkunx jinsab f'sezzjoni jew jekk numru suffiċċjenti ta' membri ma jkunx disponibbli sabiex jikkostitwixxi *quorum*, il-miżuri proviżjonali għandhom ikunu preskritti mill-Kamra bi proċedura sommarja iffurmata permezz ta' l-Artikolu 15(3) ta' dan l-Anness. Minkejja l-Artikolu 15(4) ta' dan l-Anness, tali miżuri proviżjonali jistgħu jkunu adottati bit-talba ta' waħda mill-partijiet tal-kwistjoni. Dawn għandhom ikunu suġġetti għal studju u reviżjoni mit-Tribunal.

*Artikolu 26*

**Is-smiegħ**

1. Is-smiegħ għandu jkun taħt il-kontroll tal-President jew, jekk hu ma jkunx jista' jippresedi, tal-Viċi-President. Jekk l-ebda wieħed ma jkun jista jippresedi, l-imħallef anzjan preżenti tat-Tribunal għandu jippresedi.

2. Is-smiegħ għandu jkun pubbliku, sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix mod ieħor jew sakemm il-partijiet jinsistu li l-pubbliku m'għandux ikun imħolli li jattendi.

*Artikolu 27*

**It-twettieq tal-każ**

It-Tribunal għandu jagħmel l-ordnijiet għat-twettieq tal-każ, jiddeċiedi l-għamla u ż-żmien li fih kull parti għandha tikkonkludi l-argumenti tagħha, u jagħmel l-arranġamenti kollha konnesi mal-ġbir ta' l-evidenza.

*Artikolu 28*

**Nuqqas**

Meta waħda mill-partijiet ma tidhirx quddiem it-Tribunal jew tonqos milli tiddefendi l-każ, il-parti l-oħra tista titlob lit-Tribunal li jibqa miexi bil-proċedimenti u jasal għad-Deċisjoni tiegħu. L-assenza ta' parti jew in-nuqqas ta' parti milli tiddefendi il-każ tagħha m'għandux joħloq intopp għall-proċedimenti. Qabel ma jasal għad-Deċisjoni tiegħi, it-Tribunal għandu jkun sodisfatt mhux biss li jkollu l-ġurisdizzjoni f'dik il-kwistjoni, imma wkoll li t-talba tkun seww fondata fil-fatt u fil-liġi.

*Artikolu 29*

**Il-maġġoranza għal Deċisjoni**

1. Il-kwistjonijiet kollha għandhom ikunu deċiżi b'maġġoranza tal-membri tat-Tribunal li jkunu preżenti.

2. Fil-każ ta' numru ugwali ta' voti, il-President jew il-membru tat-Tribunal li jaġixxi minflok għandu jkollu l-vot deċissiv.

*Artikolu 30*

**Il-ġudizzju**

1. Il-ġudizzju għandu jiddikjara r-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat.

2. Dan għandu jkun fih l-ismijiet tal-membri tat-Tribunal li jkunu ħadu sehem fid-Deċisjoni.

3. Jekk il-ġudizzju ma jkunx jirrappreżenta bis-sħiħ jew parzjalment l-opinjoni unanima tal-membri tat-Tribunal, kwalunkwe membru għandu jkun intitolat li jippreżenta opinjoni separata.

4. Il-ġudizzju għandu jkun iffirmat mill-President u mir-Reġistratur. Dan għandu jinqara f'qorti fil-miftuħ, avviż xieraq ikun ġie mogħti lill-partijiet tal-kwistjoni.

*Artikolu 31*

**Talba għall-intervent**

1. Jekk Stat Parti jikkonsidra li jkollu interess ta' natura legali li tista' tkun affettwata bid-Deċisjoni dwar dak il-każ, huwa jista' jitlob lit-Tribunal sabiex ikun imħolli li jintervjeni.

2. Ghandu jkun għat-Tribunal li jiddeċiedi dwar din il-talba.

3. Jekk it-talba sabiex jintervjeni tkun milquha, id-Deċisjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-kwistjoni għandha tkun torbot fuq l-Istat Parti li jintervjeni sal-limitu li din tirreferi għall-materji fir-rigward li tiegħu dak l-Istat Parti ikunu intervjena.

*Artikolu 32*

**Id-dritt ta' l-intervent fil-każi ta' l-interpretazzjoni jew ta' l-applikazzjoni**

1. Kull meta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni ikunu diskutibbli, ir-Reġistratur għandu jinnotifika lill-Istati Partijiet kollha dwar dan.

2. Kull meta bis-saħħa ta' l-Artikolu 21 jew 22 ta' dan l-Anness, l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' ftehim internazzjonali ikun diskutibbli, ir-Reġistratur għandu jinnotifika lill-partijiet kollha ta' dan il-ftehim.

3. Kull parti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha d-dritt li tintervjeni fil-proċedimenti; jekk hija tuża dan id-dritt, l-interpretazzjoni mogħtija bil-ġudizzju għandha ugwalment tkun torbot fuqha.

*Artikolu 33*

**Il-finalità u l-qawwa tar-rabta ta' Deċisjonijiet**

1. Id-Deċisjoni tat-Tribunal hija finali u għandu jkun hemm konformità magħha mill-partijiet kollha tal-kwistjoni.

2. Id-Deċisjoni m'għandha jkollha l-ebda qawwa ta' rabta apparti milli bejn il-partijiet u fir-rigward ta' dik il-kwistjoni partikolari.

3. Fil-każ ta' kwistjoni rigward it-tifsira jew l-iskop tad-Deċisjoni, it-Tribunal għandu jikkjarifika dwar din mat-talba ta' kwalunkwe parti.

*Artikolu 34*

**Spejjeż**

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mit-Tribunal, kull parti għandha terfa l-ispejjeż tagħha.

Sezzjoni 4

IL-KAMRA TAL-KWISTJONIJIET DWAR QIEGĦ IL-BAĦAR

*Artikolu 35*

**Komposizzjoni**

1. Il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ il-Baħar msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan l-Anness għandha tkun iffurmata minn 11 il-membru, magħżula b'maġġoranza tal-membri eletti tat-Tribunal u minn fosthom.

2. Fl-għażla tal-membri tal-Kamra, ir-rappreżentazzjoni tas-sistemi legali ewlenija tad-dinja u d-distribuzzjoni ġeografika ekwitabbli għandhom ikunu assigurati. L-Assemblea ta' l-Awtorità tista tadotta rakommandazzjonijiet ta' natura ġenerali li jirrigwardaw tali rappreżentazzjoni jew distribuzzjoni.

3. Il-membri tal-Kamra għandhom ikunu magħżula kull tlett snin u jistgħu ikunu magħżula għat-tieni darba.

4. Il-Kamra għandha taħtar il-President tagħha minn fost il-membri tagħha, li għandu jservi għat-terminu li għalih il-Kamra tkun ġiet magħżula.

5. Jekk xi proċedimenti jkunu għadhom pendenti fit-tmiem tal-perjodu ta' tlett snin li dwaru il-Kamra tkun ġiet magħżula, il-Kamra għandha tispiċċa il-proċedimenti bil-komposizzjoni oriġinali tagħha.

6. Jekk jinħoloq xi post battal fil-Kamra, it-Tribunal għandu jagħżel suċċessur minn fost il-membri eletti tiegħu, li għandu jżomm il-kariga għall-kumplament tat-terminu tal-predeċessur tiegħu.

7. *Quorum* ta' seba' mill-membri magħżula mit-Tribunal għandu jkun meħtieġ sabiex jikkostitwixxi l-Kamra.

*Artikolu 36*

**Kmamar *ad hoc***

1. Il-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ il-Baħar għandha tifforma Kamra *ad hoc*, magħmulha minn tlieta mill-membri tagħha, sabiex titratta ma' kwistjoni partikolari ippreżentata b'konformità ma' l-Artikolu 188(1)(b). Il-komposizzjoni ta' Kamra bħal din għandha tkun iddeterminata mil-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ il-Baħar bl-approvazzjoni tal-partijiet.

2. Jekk il-partijiet ma jaqblux dwar il-komposizzjoni ta' kamra *ad hoc*, kull parti għall-kwistjoni għandha taħtar membru wieħed, u t-tielet membru għandu jkun maħtur minnhom bi ftehim. Jekk ma jaqblux, jew jekk xi parti tonqos milli tagħmel il-ħatra, il-President tal-Kamra tal-Kwistjonijiet dwar Qiegħ il-Baħar għandu mill-ewwel jagħmel il-ħatra jew il-ħatriet minn fost il-membri, wara konsultazzjoni mal-partijiet.

3. Il-membru tal-Kamra *ad hoc* m'għandhomx ikunu fl-impieg ta', jew ċittadini ta', kwalunkwe mill-partijiet fil-kwistjoni.

*Artikolu 37*

**Aċċess**

Il-Kamra għandha tkun miftuħha għall-Istati Partijiet, l-Awtorità u l-entitajiet l-oħrajn msemmija fil-Parti XI, is-Sezzjoni 5.

*Artikolu 38*

**Il-liġi applikabbli**

B'żieda mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 293, il-Kamra għandha tapplika:

(a) ir-regoli, r-regolamenti u l-proċeduri ta' l-Awtorità adottati b'konformità ma' din il-Konvenzjoni; u

(b) it-termini tal-kuntratti li jikkonċernaw l-attivitajiet fiż-żona fil-materji li jirrigwardaw dawk il-kuntratti.

*Artikolu 39*

**L-infurzar tad-Deċisjonijiet tal-Kamra**

Id-Deċisjonijiet tal-Kamra għandhom ikunu enforzabbli fit-territorji ta' l-Istati Partijiet bl-istess manjiera bħal ta' ġudizji jew ordnijiet ta' l-għola qorti ta' l-Istat Parti li fit-territorju tiegħu l-infurzar ikun mitlub.

*Artikolu 40*

**L-applikabbilità tas-sezzjonijiet l-oħrajn ta' dan l-Anness**

1. Is-sezzjonijiet l-oħrajn ta' dan l-Anness li ma humiex inkompatibbli ma' din is-sezzjoni japplikaw għall-Kamra.

2. Fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha li jirrigwardaw l-opinjonijiet konsultattivi, il-Kamra għandha tkun iggwidata bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness li jirrigwardaw il-proċedura quddiem it-Tribunal sa dak il-limitu li hija tirrikonoxxi li dawn huma applikabbli.

Sezzjoni 5

EMENDI

*Artikolu 41*

**Emendi**

1. L-emendi għal dan l-Anness, apparti milli l-emendi għas-Sezzjoni 4, jistgħu ikunu adottati biss b'konformità ma' l-Artikolu 313 jew b'kunsens f'konferenza imsejjħa b'konformità ma' din il-Konvenzjoni.

2. L-emendi għas-Sezzjoni 4 jistgħu ikunu adottati biss b'konformità ma' l-Artikolu 314.

3. It-Tribunal jista jipproponi tali emendi għal dan l-Istatut skond ma' huwa jikkonsidra bħala meħtieġ, b'komunikazzjonijiet bil-miktub lejn l-Istati Partijiet għall-kunsiderazzjoni tagħhom b'konformità mal-paragrafi 1 u 2.

*ANNESS VII*

## ARBITRAZZJONI

*Artikolu 1*

**L-istituzzjoni tal-proċedimenti**

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Parti XV, kwalunkwe parti għal kwistjoni tista tippreżenta l-kwistjoni għall-proċedura ta' l-arbitraġġ li hemm provvediment dwarha f'dan l-Anness, b'notifika bil-miktub indirizzata lill-parti jew lil-partijiet l-oħrajn għal dik il-kwistjoni. In-notifika għandha tkun akkumpanjata bi stqarrija tat-talba u fuq ir-raġunijiet li fuqha tkun ibbażata.

*Artikolu 2*

**Lista ta' arbitraturi**

1. Lista ta' arbitraturi għandha tkun imħejjija u miżmumha mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Kull Stat Parti għandu jkun intitolat li jinnomina erba arbitraturi, li kull wieħed minnhom għandu jkun persuna b'esperjenza fl-affarijiet marittimi u li tgawdi l-għola reputazzjoni rigward il-ġustizzja, l-kompetenza u l-integrità. L-ismijiet tal-persuni hekk innominati għandhom jikkostitwixxu il-lista.

2. Jekk fi kwalunkwe waqt l-arbitraturi innominati minn Stat Parti fil-lista hekk kostitwita ikunu anqas minn erba', dak l-Istat Parti għandu jkun intitolat li jagħmel aktar nomini kif ikun meħtieġ.

3. L-isem ta' l-arbitratur għandu jibqa fuq il-lista sakemm ikun imneħħi mill-Istat Patri li jkun għamel in-nomina, basta li tali arbitratur għandu jibqa jkompli jservi fuq xi tribunal ta' l-arbitrazzjoni li fuqu dak l-arbitratur ikun ġie maħtur sakemm ikunu mitmuma l-proċedimenti quddiem dak it-tribunal ta' l-arbitrazzjoni.

*Artikolu 3*

**Il-kostituzzjoni tat-tribunal ta' l-arbitrazzjoni**

Għall-iskopijiet tal-proċedimenti permezz ta' dan l-Anness, it-tribunal ta' l-arbitrazzjoni għandu, sakemm il-partiet ma jifthiemux mod ieħor, li jkun kostitwit kif ġej:

(a) bla ħsara għas-subparagrafu (g), it-tribunal ta' l-arbitrzzjoni għandu jikkonsisti minn ħames membri;

(b) il-parti li tistitwixxi l-proċedimenti għandha taħtar membru wieħed li għandu jkun magħżul preferibbilment mil-lista msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness, li jista jkun ċittadin tagħha. Il-ħatra għandha tkun nkluża fin-notifika msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness;

(ċ) il-parti l-oħra għall-kwistjoni għandha, fi żmien 30 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness, taħtar membru wieħed li għandu jkun magħżul preferibbilment mill-lista, li jista jkun ċittadin tagħha. Jekk il-ħatra ma tkunx magħmula matul dak il-perjodu, il-parti li tistitwixxi l-proċedimenti tista, fi żmien ġimgħatejn minn meta jiskadi dak il-perjodu, li titlob li l-ħatra ssir skond is-subparagrafu (e);

(d) it-tlett membri l-oħrajn għandhom ikunu maħtura bi ftehim bejn il-partijiet. Dawn għandhom ikunu magħżula preferibbilment mill-lista u għandhom ikunu ċittadini ta' Stat terz sakemm il-partijiet ma jifthiemux mod ieħor. Il-partijiet fil-kwistjoni għandhom jaħtru il-President tat-tribunal ta' l-arbitraġġ minn fost dawk it-tlett membri. Jekk, fi żmien 60 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness, il-partijiet ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar il-ħatra ta' wieħed jew aktar tal-membri tat-tribunal li għandhom ikunu maħtura bi qbil, jew dwar il-ħatra tal-President, il-ħatra jew il-ħatriet li jkun baqa' għandhom isiru b'konformità mas-subparagrafu (e), fuq it-talba ta' parti fil-kwistjoni. Talba tali għandha ssir fi żmien ġimgħatejn minn meta jeskadi il-perjodu tas-60 jum imsemmi qabel;

(e) sakemm il-partijiet ma jaqblux li xi ħatra permezz tas-subparagrafi (ċ) u (d) issir minn persuna jew minn Stat terz magħżul mill-partijiet, il-President tat-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar għandu jagħmel il-ħatriet meħtieġa. Jekk il-President ma jkunx jista jaġixxi permezz ta' dan is-subparagrafu jew jekk huwa ċittadin ta' wieħed mill-partijiet fil-kwistjoni, il-ħatra għandha ssir mill-membru l-aktar anzjan wara l-President tat-Tribunal Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar li jkun disponibbli u li ma jkunx ċittadin ta' waħda mill-partijiet. Il-ħatriet imsemmija f'dan is-subparagrafu għandhom isiru mill-lista msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness fi żmien perjodu ta' 30 jum mill-wasla tat-talba u b'konsultazzjoni mal-partijiet. Il-membri hekk maħtura għandhom ikunu ta' nazzjonalitajiet differenti u ma jistgħux ikun fl-impieg ta', residenti ordinarji fit-territorju ta', jew ċittadini ta', kwalunkwe mill-partijiet fil-kwistjoni;

(f) kwalunkwe post vakanti għandu jkun mimli bl-istess mod kif preskritt għall-ħatra oriġinali;

(g) il-partijiet li jkollhom l-istess interess għandhom jaħtru membru wieħed tat-tribunal bi ftehim konġunt. Meta jkun hemm diversi partijiet li jkollhom interessi separati jew jekk ikun hemm disgwid dwar jekk ikunx hemm l-istess interessi, kull waħda minnhom għandha taħtar membru wieħed għat-tribunal; In-numru tal-membri tat-tribunal maħtura separatament mill-partijiet għandu dejjem ikun iżgħar b'wieħed milli min-numru tal-membri tat-tribunal li għandhom ikunu maħtura konġuntament mill-partijiet;

(h) fi kwistjonijiet li jinvolvu aktar minn żewġ partijiet, id-disposizzjonijiet tas-subparagrafi (a) u (f) għandhom ikunu applikabbli għal-limiti massimu possibbli.

*Artikolu 4*

**Il-funzjonijiet tat-tribunal ta' l-arbitrazzjoni**

Tribunal ta' l-arbitrazzjoni li huwa kostitwit permezz ta' l-Artikolu 3 ta' dan l-Anness għandu jiffunzjona b'konformità ma' dan l-Anness u mad-disposizzjonijiet l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 5*

**Proċedura**

Sakemm il-partijiet fil-kwistjoni ma jaqblux mod ieħor, it-tribunal ta' l-arbitrazzjoni għandu jiddetermina l-proċedura tiegħu, jassigura li kull parti jkollha opportunità sħiħa li tkun mismuħa u li tippreżenta l-każ tagħha.

*Artikolu 6*

**Id-doveri tal-partijiet fi kwistjoni**

Il-partijiet fi kwistjoni għandhom jiffaċilitaw ix-xogħol tat-tribunal ta' l-arbitraġġ u, partikolarment, b'konformità mal-liġi tagħhom u bl-użu tal-mezzi kollha għad-disposizzjoni tagħhom, għandhom:

(a) jipprovduh bid-dokumenti, bil-faċilitajiet u bl-informazzjoni kollha relevanti; u

(b) jawtorizzawh meta meħtieġ li jsejjaħ xiehda jew esperti u li jirċievi ix-xhieda tagħhom u li jżur il-lokalitajiet li dwarkom il-każ ikun jirrelata.

*Artikolu 7*

**Spejjeż**

Sakemm it-tribunal ta' l-arbitraġġ ma jiddeċidix mod ieħor minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjez tat-tribunal, inkluża r-remunerazzjoni tal-membri tiegħu, għandhom ikunu merfugħa mill-partijiet fil-kwistjoni b'ishma ugwali.

*Artikolu 8*

**Il-maġġoranza meħtieġa għad-Deċiżjonijiet**

Id-Deċisjonijiet tat-tribunal ta' l-arbitraġġ għandhom jittieħdu b'vot ta' maġġoranza fost il-membri tiegħu. In-nuqqas jew l-astenzjoni ta' anqas minn nofs il-membri m'għandux joħloq xkiel għat-tribunal li jasal f'Deċisjoni. Fil-każ ta' ugwaljanza tal-voti, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv.

*Artikolu 9*

**In-nuqqas ta' dehra**

Jekk waħda mill-partijiet ma tidhirx quddiem it-tribunal ta' l-arbitraġġ jew tonqos milli tiddefendi l-każ, il-parti l-oħra tista titlob lit-tribunal li jibqa miexi bil-proċedimenti u li jagħti d-Deċisjoni tiegħu. L-assenza ta' parti jew in-nuqqas ta' parti milli tiddefendi il-każ tagħha m'għandux joħloq intopp għall-proċedimenti. Qabel ma jasal għad-Deċisjoni tiegħu, it-tribunal ta' l-arbitraġġ għandu jkun sodisfatt mhux biss li jkollu l-ġurisdizzjoni f'dik il-kwistjoni, imma wkoll li t-talba tkun sew fondata fil-fatt u fil-liġi.

*Artikolu 10*

**L-għotja**

L-għotja tat-tribunal ta' l-arbitraġġ għandha tkun limitata għas-suġġett tal-materja tal-kwistjoni u tistqarr ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata. Din għandha jkun fiha l-ismijiet tal-membri li jkunu pparteċipaw u d-data ta' l-għotja. Kwalunkwe membru tat-tribunal jista jehmeż opinjoni separata u dissendenti ma' l-għotja.

*Artikolu 11*

**Il-finalità ta' l-għotja**

L-għotja għandha tkun finali u mingħajr appell, sakemm il-partijiet fil-kwistjoni ma jkunux qablu bil-quddiem dwar il-proċedura ta' l-appell. Din għandha tkun imħejjija mill-partijiet fil-kwistjoni.

*Artikolu 12*

**L-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-għotja**

1. Xi kontroversja li tista tinqalha bejn il-partijiet fil-kwistjoni fir-rigward ta' l-interpretazzjoni jew fil-manjiera ta' l-implimentazzjoni ta' l-għotja tista tkun ippreżentatha minn kwalunkwe parti għal Deċisjoni lit-tribunal ta' l-arbitraġġ li jkun għamel l-għotja. Għal dan l-iskop, xi post vakanti fit-tribunal għandu jkun mimli bil-manjiera li hemm provvediment dwarha fil-ħatriet oriġinali tal-membri tat-tribunal.

2. Xi kontroversja tista tkun ippreżentatha lejn qorti jew tribunal ieħor permezz ta' l-Artikolu 287 bi ftehim bejn il-partijiet kollha fil-kwistjoni.

*Artikolu 13*

**L-applikazzjoni fuq l-entitajiet apparti milli l-Istati Partijiet**

Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness jistgħu ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal xi kwistjoni li tinvolvi entitajiet apparti milli l-Istati Partijiet.

*ANNESS VIII*

## ARBITRAZZJONI SPEĊJALI

*Artikolu 1*

### L-istituzzjoni tal-proċedimenti

Bla ħsara għall-Parti XV, kwalunkwe parti fi kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta’ l-Artikoli ta’ din il-Konvenzjoni li jirrigwardaw (1) is-sajd, (2) il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta’ l-ambjent marittimu, (3) ir-riċerka xjentifika marittima, jew (4) in-navigazzjoni, inkluż it-tniġġiż minn vapuri jew *b’dumping*, tista tippreżenta l-kwistjoni għall-proċedura ta’ l-arbitraġġ speċjali li hemm provvediment dwarha f’dan l-Anness, b’notifika bil-miktub indirizzata lill-parti jew lill-partijiet l-oħrajn f’dik il-kwistjoni. In-notifika għandha tkun akkumpanjata bi stqarrija tat-talba u fuq ir-raġinijiet li fuqha tkun ibbażata.

*Artikolu 2*

### Lista ta’ esperti

1. Lista ta’ esperti għandha tkun stabbilita u miżmumha fir-rigward ta’ kull wieħed minn dawn l-oqsma (1) tas-sajd, (2) tal-protezzjoni u l-preservazzjoni ta’ l-ambjent marittimu, (3) tar-riċerka xjentifika marittima, u (4) tan-navigagazzjoni, inkluż it-tniġġiż minn vapuri u minn *dumping*.

2. Il-listi ta’ l-esperti għandhom ikunu mhejjija u miżmuma, fil-qasam tas-sajd mill-Organizzazzjoni ta’ l-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, fil-qasam tal-protezzjoni u l-preservazzjoni ta’ l-ambjent marittimu mill-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti, fil-qasam tar-riċerka xjentifika marittima mill-Kummissjoni Oċeanografika Intergovernamentali, fil-qasam tan-navigazzjoni, inkluż it-tniġġiż mill-vapuri u *dumping*, mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, jew f’kull każ mill-korp sussidjarju xieraq ikkonċernat li miegħu, l-organizzazzjoni, il-programm jew il-kummissjoni xierqa jkunu ġew iddelegati din il-funzjoni.

3. Kull Stat Parti għandu jkun intitolat li jinnomina żewġ esperti f’kull wieħed mill-oqsma li kompetenza tagħhom fl-aspetti legali, xjentifiċi jew tekniċi tal-qasam partikolari tkun stabbilita u ġeneralment rikonoxxuta u li jgawdi l-għola reputazzjoni għall-ġustizzja u l-integrità. L-ismijiet tal-persuni hekk innominati f’kull qasam għandhom jikkostitwixxu il-lista.

4. Jekk fi kwalunkwe waqt l-esperti innominati minn Stat Parti fil-lista hekk kostitwita ikunu anqas minn tnejn, dak l-Istat Parti għandu jkun intitolat li jagħmel aktar nomini kif ikun meħtieġ.

5. L-isem ta’ l-espert għandu jibqa fuq il-lista sakemm ikun imneħħi mill-Istat Parti li jkun għamel in-nomina, basta li tali espert għandu jibqa jkompli jservi fuq xi tribunal speċjali ta’ l-arbitrazzjoni li fuqu dak l-espert ikun ġie maħtur sakemm ikunu mitmuma l-proċedimenti quddiem dak it-tribunal speċjali ta’ l-arbitrazzjoni.

*Artikolu 3*

### Il-kostituzzjonu tat-tribunal speċjali ta’ l-arbitrazzjoni

Għall-iskopijiet tal-proċedimenti permezz ta’ dan l-Anness, it-tribunal speċjali ta’ l-arbitrazzjoni għandu, sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor, li jkun kostitwit kif ġej:

(a) bla ħsara għas-subparagrafu (g), it-tribunal ta’ l-arbitrazzjoni speċjali għandu jikkonsisti minn ħames membri;

(b) il-parti li tistitwixxi l-proċedimenti għandha taħtar żewġ membri li għandhom ikunu magħżula preferibbilment mil-lista jew mil-listi xierqa msemmija fl-Artikolu 2 ta’ dan l-Anness, hekk kif tirrigwarda l-materja tal-kwistjoni, li wieħed minnhom jista jkun ċittadin tagħha. Il-ħatriet għandhom ikunu nklużi fin-notifika msemmija fl-Artikolu 1 ta’ dan l-Anness;

(ċ) il-parti l-oħra fil-kwistjoni għandha, fi żmien 30 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 1 ta’ dan l-Anness, taħtar żewġ membri li għandhom ikunu magħżula preferibbilment mill-lista jew mill-listi li jirrigwardaw il-materja fil-kwistjoni, li wieħed minnhom jista jkun ċittadin tagħha. Jekk il-ħatriet ma jkunux magħmula matul dak il-perjodu, il-parti li tistitwixxi l-proċedimenti tista, fi żmien ġimgħatejn minn meta jeskadi dak il-perjodu, li titlob li l-ħatriet isiru skond is-subparagrafu (e);

(d) il-partijiet fi kwistjoni għandhom bi ftehim jaħtru l-President tat-tribunal speċjali ta’ l-arbitrazzjoni, magħżul preferibbilment mil-lista xierqa, li għandu jkun ċittadin ta’ Stat terz, sakemm il-partiet ma jaqblux mod ieħor. Jekk, fi żmien 30 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 1 ta’ dan l-Anness, il-partijiet ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar il-ħatra tal-President, il-ħatra għandha ssir b’konformità mas-subparagrafu (e), fuq it-talba ta’ parti fil-kwistjoni. Talba tali għandha ssir fi żmien ġimgħatejn minn meta jeskadi il-perjodu ta’ 30 jum imsemmi qabel;

(e) sakemm il-partijiet ma jaqblux li l-ħatra ssir minn persuna jew minn Stat terz magħżul mill-partijiet, is-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jagħmel il-ħatriet meħtieġa fi żmien ta’ 30 jum mill-wasla tat-talba permezz tas-subparagrafi (c) u (d). Il-ħatriet msemmija f’dan is-subparagrafu għandhom isiru mill-lista jew mill-listi ta’ l-esperti msemmija fl-Artikolu 2 ta’ dan l-Anness u b’konsultazzjoni mal-partijiet fil-kwistjoni u ma’ l-organizzazzjoni internazzjonali xierqa. Il-membri hekk maħtura għandhom ikunu ta’ nazzjonalitajiet differenti u ma jistgħux ikun fl-impieg ta’, residenti ordinarji fit-territorju ta’, jew ċittadini ta’, kwalunkwe mill-partijiet fil-kwistjoni;

(f) kwalunkwe post vakanti għandu jkun mimli bl-istess mod kif preskritt għall-ħatra oriġinali;

(g) il-partijiet li jkollhom l-istess interess għandhom jaħtru żewġ membri tat-tribunal bi ftehim konġunt. Meta jkun hemm diversi partijiet li jkollhom interessi separati jew jekk ikun hemm disgwid dwar jekk ikunx hemm l-istess interessi, kull waħda minnhom għandha taħtar membru wieħed għat-tribunal;

(h) fi kwistjonijiet li jinvolvu aktar minn żewġ partijiet, id-disposizzjonijiet tas-subparagrafi (a) u (f) għandhom ikunu applikabbli għall-limitu massimu possibbli.

*Artikolu 4*

### Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Anness VII, l-Artikoli 4 sa 13, japplika *mutatis mutandis* għall-proċedimenti ta’ l-arbitraġġ speċjali b’konformità ma dan l-Anness.

*Artikolu 5*

**Is-sejbien tal-fatti**

1. Il-partijiet fi kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni li jirrigwardaw il-(1) is-sajd, (2) il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu, (3) ir-riċerka xjentifika marittima, jew (4) in-navigazzjoni, inkluż it-tniġġiż minn vapuri u minn *dumping*, jistgħu fi kwalunkwe waqt jaqblu li jitolbu lit-tribunal speċjali ta' l-arbitrazzjoni b'konformità ma' l-Artikolu 3 ta' dan l-Anness sabiex iwettaq inkjesta u jistabbilixxi l-fatti li jkunu taw bidu għall-kwistjoni.

2. Sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor, is-sejbien tal-fatti mit-tribunal speċjali ta' l-arbitrazzjoni li jaġixxi b'konformità mal-paragrafu 1 għandu jkun meqjus bħala konklussiv bejn il-partijiet.

3. Jekk il-partijiet kollha fil-kwistjoni hekk jitolbu, it-tribunal speċjali ta' l-arbitrazzjoni jista jifformula rakommandazzjonijiet li, mingħajr ma jkollhom il-forza ta' Deċisjoni, jikkostitwixxu biss il-bażi għal reviżjoni mill-partijiet fil-kwistjonijiet li jkunu taw bidu għall-kwistjoni.

4. Bla ħsara għall-paragrafu 2, it-tribunal speċjali ta' l-arbitrazzjoni għandu jaġixxi b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor.

*ANNESS IX*

## PARTEĊIPAZZJONI MILL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

*Artikolu 1*

**L-użu tat-termini**

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 305 u ta' dan l-Anness, "organizzazzjoni internazzjonali" tfisser l-organizzazzjoni intergovernamentali kostitwita mill-Istati li lilha l-Istati membri tagħha jkunu ttrasferew il-kompetenza dwar materji rregolati b'din il-Konvenzjoni, inkluża l-kompetenza li jidħlu fi trattati fir-rigward ta' dawk il-materji.

*Artikolu 2*

**Firma**

Organizzazzjoni internazzjonali tista tiffirma din il-Konvenzjoni jekk maġġoranza ta' l-Istati membri tagħha huma firmatarji ta' din il-Konvenzjoni filwaqt ta' l-iffirmar, organizzazzjoni internazzjonali għandha tagħmel dikjarazzjoni li tispeċifika l-materji rregolati b'din il-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-kompetenza tkun ġiet trasferita lil dik l-organizzazzjoni mill-Istati membri tagħha li huma firmatarji, u n-natura u l-limitu ta' dik il-kompetenza.

*Artikolu 3*

**Konferma u adeżjoni formali**

1. Organizzazzjoni internazzjonali tista tiddeposita l-istrument tagħha tal-konferma formali jew ta' l-adeżjoni jekk il-maġġoranza ta' l-Istati membri tagħha jiddepożitaw jew ikunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni.

2. L-istrumenti depożitati mill-organizzazzjoni internazzjonali għandhom jinkludu l-impenji u d-dikjarazzjonijiet meħtieġa bl-Artikoli 4 u 5 ta' dan l-Anness.

*Artikolu 4*

**Il-medda tal-parteċipazzjoni u d-drittijiet u l-obbligi**

1. L-istrument ta' konferma formali jew ta' l-adeżjoni ta' l-organizzazzjoni internazzjonali għandu jkun fih impenn li din taċċetta d-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati permezz ta' din il-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-materji li jirrelataw mal-kompetenza ikunu ġew trasferiti lilha mill-Istati membri tagħha li huma Partijiet ta' din il-Konvenzjoni.

2. Organizzazzjoni internazzjonali għandha tkun Parti ta' din il-Konvenzjoni sal-limitu li hija jkollha l-kompetenza b'konformità mad-dikjarazzjoni, il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni jew tan-notifiki msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan l-Anness.

3. Tali organizzazzjoni internazzjonali għandha teżerċita d-drittijiet li twettaq l-obbligi li dwarhom l-Istati membri tagħha huma Partijiet kieku kien ikollhom permezz ta' din il-Konvenzjoni, dwar il-materji li jirrelataw mal-kompetenza ikunu kieku ġew trasferiti lilha mill-Istati membri tagħha li huma Stati membri. L-Istati membri ta' dik l-organizzazzjoni internazzjonali m'għandhomx jeżerċitaw il-kompetenza li huma jkunu ttrasferew lilha.

4. Parteċipazzjoni f'tali organizzazzjoni internazzjonali m'għandha fl-ebda każ tinvolvi żieda fir-rappreżentazzjoni li għaliha l-Istati membri tagħha li huma Stati Partijiet ikun b'mod ieħor intitolati, inklużi d-drittijiet fit-teħid tad-Deċisjonijiet.

5. Parteċipazzjoni f'tali organizzazzjoni internazzjonali m'għandha bl-ebda mod tagħti xi drittijiet permezz ta' din il-Konvenzjoni lill-Istati membri ta' l-organizzazzjoni li ma humiex Stati Partijiet ta' din il-Konvenzjoni.

6. Fil-każ ta' kunflitt bejn l-obbligi ta' l-organizzazzjoni internazzjonali permezz ta' din il-Konvenzjoni u l-obbligi tagħha permezz tal-ftehim li jistabbilixxi l-organizzazzjoni jew ma xi atti relatati magħha, l-obbligi permezz ta' din il-Konvenzjoni għandhom ikollhom prevalenza.

*Artikolu 5*

**Dikjarazzjonijiet, notifiki u komunikazzjonijiet**

1. L-istrument ta' konferma formali jew ta' l-adeżjoni ta' l-organizzazzjoni internazzjonali għandu jkun fih dikjarazzjoni ta' impenn li jispeċifika l-materji rregolati b'din il-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-kompetenza ikunu ġew trasferiti lilha mill-Istati membri tagħha li huma Partijiet ta' din il-Konvenzjoni.

2. Stat membru ta' l-organizzazzjoni internazzjonali għandu, fil-waqt li fih huwa jirratifika jew jissieħeb ma' din il-Konvenzjoni jew fil-waqt meta l-organizzazzjoni tiddeposita l-istrument tagħha ta' konferma formali jew ta' adeżjoni, liema minnhom tkun l-aktar tard, jagħmel dikjarazzjoni li tispeċifika l-materji rregolati b'din il-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom huwa jkun trasferixxa l-kompetenza lill-organizzazzjoni.

3. L-Istati Partijiet li huma Stati membri ta' l-organizzazzjoni internazzjonali li tkun Parti ta' din il-Konvenzjoni għandhom ikunu meqjusa li jkollhom il-kompetenza dwar il-materji kollha irregolati b'din il-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom it-trasferiment tal-kompetenza lill-organizzazzjoni ma jkunux ġew speċifikament iddikjarati, notifikati jew ikkomunikati minn dawk l-Istati permezz ta' dan l-Artikolu.

4. L-organizzazzjoni internazzjonali u l-Istati membri tagħha li huma Stati Partijiet għandha minnufih tinnotifika lid-depositarju ta' din il-Konvenzjoni b'xi tibdil fid-distribuzzjoni tal-kompetenza, inklużi trasferimenti ġodda ta' kompetenza, speċifikati fid-dikjarazzjoni permezz tal-paragrafi 1 u 2.

5. Kwalunwe Stat Parti jista jitlob lill-organizzazzjoni internazzjonali u lill-Istati membri tagħha li huma Stati Partijiet sabiex tipprovdi informazzjoni dwar liema, bħal bejn l-organizzazzjoni u l-Istati membri tagħha, ikollu l-kompetenza dwar xi kwistjoni speċifika li tkun inqalgħet. L-organizzazzjoni u l-Istati membri kkonċernati għandhom jipprovdu din l-informazzjoni matul żmien raġjonevoli. L-organizzazzjoni internazzjonali u l-Istati membri jistgħu wkoll, bl-inizjattiva tagħhom, jipprovdu din l-informazzjoni.

6. Id-dikjarazzjonijiet, in-notifiki u l-komunikazzjonijiet ta' l-informazzjoni permezz ta' dan l-Artikolu għandhom jispeċifikaw in-natura u l-medda tal-kompetenza trasferita.

*Artikolu 6*

**Responsabbiltà u obbligazzjonijiet**

1. Il-Partijiet li għandhom kompetenza permezz ta' l-Artikolu 5 ta' dan l-Anness għandhom ikollhom ir-responsabbiltà dwar in-nuqqas tal-konformità ma' l-obbligi jew għal xi vjolazzjoni oħra ta' din il-Konvenzjoni.

2. Kwalunkwe Stat Parti jista jitlob lill-organizzazzjoni internazzjonali jew lill-Istati membri tagħha li huma Stati Partijiet għall-informazzjoni dwar min għandu r-responsabbiltà fir-rigward ta' xi materja speċifika. L-organizzazzjoni u l-Istati membri kkonċernati għandhom jipprovdu din l-informazzjoni. Nuqqas li tkun ipprovduta din l-informazzjoni matul żmien raġjonevoli jew il-provvediment ta' l-informazzjoni kontradittorja għandu jirriżulta f'responsabbiltà konġunta u separata.

*Artikolu 7*

**Twettieq ta' kwistjonijiet**

1. Fil-waqt tad-depożitu ta' l-istrument tagħha tal-konferma finali jew ta' l-adeżjoni, jew fi kwalunkwe waqt wara dan, l-organizzazzjoni internazzjonali għandha tkun libera li tagħżel, permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub, mezz wieħed jew aktar għat-twettieq ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, msemmija fl-Artikolu 287(1)(a), (c) jew (d).

2. Il-Parti XV tapplika *mutatis mutandis* għal xi kwistjoni bejn il-Partijiet ta' din il-Konvenzjoni, li wieħed jew aktar minnhom huma organizzazzjonijiet internazzjonali.

3. Meta l-organizzazzjoni internazzjonali u wieħed jew aktar Stati membri huma partijiet konġunti fi kwistjoni, jew partijiet fl-istess interess, l-organizzazzjoni għandha tkun meqjusa bħala li tkun aċċettat l-istess proċeduri għat-twettieq ta' kwistjonijiet bħall-Istati membri; meta, b'dana kollu, Stat membru jkun għażel biss lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja permezz ta' l-Artikolu 287, l-organizzazzjoni u l-Istat membru kkonċernati għandhom ikunu meqjusa li jkunu aċċettaw l-arbitrazzjoni b'konformità ma l-Anness VII, sakemm il-partijiet fil-kwistjoni ma jkunux ftiehmu mod ieħor.

*Artikolu 8*

**L-applikabbilità tal-Parti XVII**

Il-Parti XVII tapplika *mutatis mutandis* għall-organizzazzjoni internazzjonali, apparti milli fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) l-istrument tal-konferma formali jew ta' l-adeżjoni ta' l-organizzazzjoni internazzjonali m'għandux ikun meqjus fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 308(1);

(b) (i) organizzazzjoni internazzjonali għandha jkollha l-kapaċità esklussiva fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 312 sa 315, sallimitu li hija għandha l-kompetenza permezz ta' l-Artikolu 5 ta' dan l-Anness fuq is-suġġett-materja kollu ta' l-emenda;

(ii) l-istrument tal-konferma formali jew ta' l-adeżjoni ta' l-organizzazzjoni internazzjonali ma l-emenda, is-suġġett-materja kollu li dwaru l-organizzazzjoni internazzjonali għandha kompetenza permezz ta' l-Artikolu 5 ta' dan l-Anness, għandu jkun meqjus bħala l-istrument tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni ta' l-Istat membri kollha li huma Stati Partijiet, għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 316(1), (2) u (3);

(iii) l-istrument tal-konferma formali jew ta' l-adeżjoni ta' l-organizzazzjoni internazzjonali m'għandux ikun meqjus fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 316(1) u (2), fir-rigward ta' l-emendi l-oħrajn kollha;

(ċ) (i) l-organizzazzjoni internazzjonali ma tistax tiddenunzja minn din il-Konvenzjoni b'konformità ma' l-Artikolu 317 jekk kwalunkwe mill-membri tagħha jkun Stat Parti u jekk dan jibqa jwettaq il-kwalifiki speċifikati fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness;

(ii) l-organizzazzjoni internazzjonali għandha tiddenunzja din il-Konvenzjoni meta ħadd mill-Istati membri tagħha ma jkun Stat Parti jew jekk l-organizzazzjoni internazzjonali ma tkunx aktar twettaq il-kwalifiki speċifikati fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness. Denunzja tali għandha jkollha effett immedjat.

# FTEHIM

## dwar l-implimentazzjoni tal-Parti XI tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ta' l-10 ta' Diċembru 1982

L-ISTATI LI HUMA PARTIJIET GĦAL DAN IL-FTEHIM,

JAGĦRFU l-kontribuzzjoni importanti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ta' l-10 ta' Diċembru 1982 (hawnhekk iżjed "il quddiem imsejħa" il-Konvenzjoni') għaż-żamma tal-paċi, ġustizzja u progress għall-popli kollha tad-dinja,

ISOSTNU li l-qiegħ tal-baħar u l-qiegħ ta' l-oċean u s-sottoswol tagħhom, oltre l-limiti tal-ġurisdizzjoni nazzjonali (hawnhekk iżjed "il quddiem imsejħa" iż-żona), kif ukoll ir-riżorsi f'din iż-żona, huma wirt komuni ta' l-umanità,

KONXJI ta' l-importanza tal-Konvenzjoni għall-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu u tat-tħassib dejjem jikber dwar l-ambjent dinji,

WARA LI IKKUNSIDRAW ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet informali bejn Stati, magħmula mill-1990 sa l-1994 dwar kwistjonijiet pendenti marbuta mal-Parti XI u dwar disposizzjonijiet relatati tal-Konvenzjoni (hawnhekk iżjed "il quddiem imsejħa" Parti XI'),

JIEĦDU NOTA tal-bidliet politiċi u ekonomiċi, inklużi ideali indirizzati lejn is-suq, li jolqtu l-implimentazzjoni tal-Parti XI,

XEWQANA li jħaffu l-parteċipazzjoni universali fil-Konvenzjoni,

IQISU li ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Parti XI huwa l-aħjar mod biex jiksbu l-għan tagħhom,

FTEHMU kif ġej:

*Artikolu 1*

### Implimentazzjoni tal-Parti XI

1. L-Istati li huma Partijiet għal dan il-Ftehim jintrabtu li jimplimentaw il-Parti XI skond dan il-Ftehim.

2. L-Anness huwa parti integrali ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 2*

### Relazzjoni bejn dan il-Ftehim u l-Parti XI

1. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u tal-Parti XI għandhom ikunu interpretati u applikati flimkien bħallikieku kienu strument wieħed. F'każ li jkun hemm xi inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u l-Parti XI, id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom jirbħu.

2. L-Artikoli 309 sa 319 tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw għal dan il-Ftehim bħal ma japplikaw għall-Konvenzjoni.

*Artikolu 3*

### Firma

Dan il-Ftehim għandu jibqa' miftuħ fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-iffirmar mill-Istati u mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 305(1)(a), (c), (d), (e) u (f) tal-Konvenzjoni, għal 12-il xahar mill-jum ta' l-adozzjoni tiegħu.

*Artikolu 4*

### Kunsens tar-rabta

1. Wara l-adozzjoni ta' dan il-Ftehim, kull strument ta' ratifika jew konferma formali ta' jew adeżjoni mal-Konvenzjoni għandhom jirrappreżentaw ukoll il-kunsens li jkunu marbuta b' dan il-Ftehim.

2. L-ebda Stat jew entità ma' jistgħu jistabbilixxu l-kunsens tagħhom li jintrabtu minn dan il-Ftehim jekk ma jkunux esprimew minn qabel jew jekk ma jesprimux fl-istess ħin il-kunsens tagħhom li jkunu marbuta mill-Konvenzjoni.

3. Stat jew entità imsemmija fl-Artikolu 3 jistgħu jesprimu l-kunsens tagħhom li jkunu marbuta minn dan il-Ftehim permezz ta:

(a) firma li mhix suġġetta għal ratifika, konferma formali jew għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5;

(b) firma li hija suġġetta għal ratifika jew konferma formali u li tkun segwita minn ratifika jew konferma formali;

(c) firma li hija suġġetta għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5; jew

(d) adeżjoni.

4. Konferma formali mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 305(1)(f) tal-Konvenzjoni għandha tkun skond l-Anness IX tal-Konvenzjoni.

5. L-istrumenti ta' ratifika, konferma formali jew adeżjoni għandhom ikunu iddepożitati mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 5*

**Proċedura ssimplifikata**

1. Stat jew entità li, qabel id-data ta' l-adozzjoni ta' dan il-Ftehim, ikunu iddepożitaw strument ta' ratifika jew konferma formali ta' jew adeżjoni mal-Convention and which has signed this Agreement in accordance with Article 4(3)(c) għandhom jitqiesu bħallikieku esprimew il-kunsens tagħhom li jkunu marbuta minn dan il-Ftehim 12-il xahar wara d-data ta' l-adozzjoni tiegħu, sakemm dak l-Istat jew entità ma jinnotifikawx bil-miktub lid-depożitarju, qabel dik id-data, li mhux jew mhix ħa tagħmel użu mill-proċedura issimplifikata stabbilita f'dan l-Artikolu.

2. F'każ li ssir notifika bħal din, il-kunsens biex ikunu marbuta minn dan il-Ftehim għandu jkun espress skond l-Artikolu 4(3)(b).

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ 30 jum wara l-jum li fih 40 Stat ikunu esprimew l-kunsens tagħhom li jkunu marbuta skond l-Artikoli 4 u 5, bil-kondizzjoni iżda li dawn l-Istati jkunu jinkludu ta' l-anqas sebgħa mill-Istati msemmija fil-paragrafu 1(a) tar-Riżoluzzjoni II tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (hawnhekk iżjed "il quddiem imsejħa" ir-Riżoluzzjoni II') u li ta' l-anqas ħamsa minn dawk l-Istati jkunu Stati żviluppati. Jekk dawn il-kondizzjonijiet dwar id-dħul fis-seħħ ikunu sodisfatti qabel is-16 ta' Novembru 1994, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Novembru 1994.

2. Fir-rigward ta' kull Stat jew entità li jesprimu l-kunsens tagħhom li jkunu marbuta minn dan il-Ftehim wara li l-ħtiġijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jkunu sodisfatti, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ 30 jum wara d-data ta' l-espressjoni tal-kunsens li jkunu marbuta.

*Artikolu 7*

**Applikazzjoni provviżorja**

1. Jekk, sas-16 ta' Novembru 1994, dan il-Fttehim ma jkunx daħal fis-seħħ, dan il-Ftehim għandu, sakemm jiddaħħal fis-seħħ, ikun applikat b'mod provviżorju minn:

(a) Stati li jkunu taw il-kunsens tagħhom għall-adozzjoni tiegħu fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, minbarra dawk l-Istati li minkejja li jkunu taw il-kunsens tagħhom b'dan il-mod, qabel is-16 ta' Novembru 1994, jinnotifikaw bil-miktub lid-depożitarju li mhux ħa japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju jew li huma ħa jagħtu l-kunsens tagħhom għall-applikazzjoni provviżorja biss meta jiffirmaw jew meta jagħmlu notifika bil-miktub;

(b) Stati u entitajiet li jiffirmaw dan il-Ftehim, minbarra dawk l-Istati jew entitajiet li minkejja li iffirmaw jinnotifikaw bil-miktub lid-depożitarju meta jiffirmaw li mhumiex ħa japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju;

(ċ) Stati u entitajiet li jagħtu l-kunsens tagħhom li dan il-Ftehim jkun applikat b'mod provviżorju billi jinnotifikaw bil-miktub lid-depożitarju;

(d) Stati li jiffirmaw dan il-Ftehim.

2. Dawn l-Istati u l-entitajiet kollha għandhom japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju skond il-liġijiet u regolamenti nazzjonali jew interni tagħhom, b'effett mis-16 ta' Novembru 1994 jew mid-data tal-firma, notifika tal-kunsens jew adeżjoni, jekk din tkun aktar tard.

3. L-applikazzjoni b'mod provviżorju għandha tintemm fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Fi kwalunkwe każ, l-applikazzjoni provviżorja għandha tintemm fis-16 ta' Novembru 1998 jekk sa dak il-jum il-ħtieġa fl-Artikolu 6(1) li jkun hemm il-kunsens tar-rabta minn dan il-Ftehim minn ta' l-anqas sebgħa mill-Istati (li minnhom ta' l-anqas ħamsa jridu jkunu Stati żviluppati) imsemmija fil-paragrafu 1(a) tar-Riżoluzzjoni II, ma tkunx sodisfatta.

*Artikolu 8*

**Stati li huma Partijiet**

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, "Stati li huma Partijiet" tfisser Stati li jkunu taw il-kunsens tagħhom li jkunu marbuta minn dan il-Ftehim u li fir-rigward tagħhom huwa fis-seħħ dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim japplika, *mutatis mutandis,* għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 305(1)(c), (d), (e) u (f) tal-Konvenzjoni li saru partijiet għal dan il-Ftehim skond il-kondizzjonijiet li japplikaw għal kull waħda minnhom. Għaldaqstant, u sa dak il-limitu, "Stati li huma Partijiet" tirreferi wkoll għal dawn l-entitajiet.

*Artikolu 9*

**Depożitarju**

Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jkun id-depożitarju ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 10*

**Testi awtentiċi**

L-oriġinali ta' dan il-Ftehim, redatt fl-ilsna Għarbi, Ċiniż, Ingliż, Franċiż, Russu u Spanjol, is-sitt testi bl-istess awtentiċità, għandu jkun iddepożitat mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

B'xhieda ta' dan, il-plenipotenzarji hawn taħt iffirmati, li huma awtorizzati biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi New York, illum it-28 jum ta' Lulju, elf disa'mija u erbgħa u disgħin.

*ANNESS*

TAQSIMA 1

**Spejjeż għall-Istati li huma Partijiet u arranġamenti istituzzjonali**

1. L-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità") hija l-organizzazzjoni li permezz tagħha l-Istati li huma Partijiet għall-Konvenzjoni għandhom, skond ir-reġim għaż-żona stabbilit fil-Parti XI u f'dan il-Ftehim, jorganizzaw u jikkontrollaw attivitajiet fiż-żona, b'mod partikolari bil-għan li jamministraw ir-riżorsi ta' din iż-żona. Is-setgħat u l-funzjonijiet ta' l-Awtorità għandhom ikunu dawk mogħtija lilha b'mod espress fil-Konvenzjoni. L-Awtorità għandu jkollha dawk il-poteri inċidentali, konsistenti mal-Konvenzjoni, li huma impliċiti ġo, u li huma meħtieġa għall-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat u l-funzjonijiet fir-rigward ta' attivitajiet fiż-żona.

2. Sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż għall-Istati li huma Partijiet, l-organi u l-organi sussidjarji kollha li għad iridu jkunu stabbiliti taħt il-Konvenzjoni u taħt dan il-Ftehim għandhom ikunu effettivi fil-ġestjoni u fl-ispejjeż. Dan il-prinċipju għandu japplika wkoll għall-frekwenza, tul u ippjanar ta' laqgħat.

3. It-twaqqif u l-ħidma ta' l-organi u ta' l-organi sussidjarji ta' l-Awtorità għandhom ikunu ibbażati fuq approċċ evoluzzjonarju li jieħu in konsiderazzjoni l-ħtiġijiet funzjonali ta' l-organi u ta' l-organi sussidjarji konċernati sabiex dawn ikunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv ir-responsabbilitajiet rispettivi tagħhom fid-diversi stadji ta' l-iżvilupp ta' attivitajiet f'din iż-żona.

4. Il-funzjonijiet tal-bidu ta' l-Awtorità malli tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni għandhom jitwettqu mill-Assemblea, mill-Kunsill, mis-Segretarjat, mill-Kummissjoni Legali u Teknika u mill-Kumitat tal-Finanzi. Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni ta' l-Ippjanar Ekonomiku għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni Legali u Teknika sakemm il-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor jew sakemm ikun approvat l-ewwel pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni.

5. Bejn id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni u l-approvazzjoni ta' l-ewwel pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni, l-Awtorità għandha tikkonċentra fuq:

(a) l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' pjani ta' ħidma għall-utilizzazzjoni skond il-Parti XI u skond dan il-Ftehim;

(b) l-implimentazzjoni ta' Deċisjonijiet tal-Kummissjoni Preparatorja għall-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar u għat-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni Preparatorja") dwar l-investituri pijunieri reġistrati u dwar l-Istati li iċċertifikawhom, inklużi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, skond l-Artikolu 308(5) tal-Konvenzjoni u skond ir-Riżoluzzjoni II (13);

(ċ) l-immonitorjar ta' osservanza ta' pjanijiet ta' ħidma għall-utilizzazzjoni approvati fil-forma ta' kuntratti;

(d) l-immonitorjar u l-eżaminar mill-ġdid ta' tendenzi u żviluppi marbuta ma' attivitajiet ta' tħaffir fil-fond f'qiegħ il-baħar, inklużi analiżi regolari tal-kondizzjonijiet fis-suq dinji tal-metalli u prezzijiet tal-metalli, tendenzi u prospetti;

(e) l-istudju ta' l-impatt potenzali ta' produzzjoni ta' minerali miż-żona fuq l-ekonomiji ta' prodotturi, ibbażati fuq l-art u li għadhom jiżviluppaw, ta' dawk il-minerali li x'aktarx ikunu l-aktar li jintlaqtu b'mod serju, bil-għan li jitnaqqsu d-diffikultajiet tagħhhom u li jkunu mgħejjuna fl-aġġustament ekonomiku tagħhom, fil-waqt li tqis ix-xogħol magħmul f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni Preparatorja;

(f) l-adozzjoni ta' regoli, regolamenti u proċeduri meħtieġa għall-ġestjoni ta' attivitajiet fiż-żona wara li dawn jibdew. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Anness III, l-Artikolu 17(2)(b) u (c), tal-Konvenzjoni, dawn ir-regoli, regolamenti u proċeduri għandhom jieħdu in konsiderazzjoni t-termini ta' dan il-Ftehim, id-dewmien imtawwal fit-tħaffir kummerċjali fil-fond f'qiegħ il-baħar u l-pass li bih x'aktarx jitmexxew l-attivitajiet fiż-żona;

(g) l-adozzjoni ta' regoli, regolamenti u proċeduri li jinkludu standards applikabbli għall-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu;

(h) il-promozzjoni u l-inkoraġġiment ta' riċerka marittima xjentifika dwar attivitajiet fiż-żona u l-kollezzjoni u t-tixrid tar-riżultati ta' din ir-riċerka u analiżi, meta din tkun disponibbli, b'emfasi partikolari fuq riċerka marbuta ma' l-impatt ambjentali ta' attivitajiet f'din iż-żona;

(i) il-kisba ta' tagħrif xjentifiku u l-immonitorjar ta' l-iżvilupp fit-teknoloġija marittima rilevanti għal attivitajiet f'din iż-żona, b'mod partikolari teknoloġija li għandha x'taqsam mal-protezzjoni u mal-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu;

(j) il-valutazzjoni tad-data disponibbli dwar it-tfittxija u l-esplorazzjoni;

(k) l-elaborazzjoni meta tkun meħtieġa ta' regoli, regolamenti u proċeduri għall-utilizzazzjoni, inklużi dawk dwar il-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu.

6. (a) Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni għandha tkun ikkunsidrata mill-Kunsill wara li jirċievi rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni mill-Kummissjoni Legali u Teknika. L-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni għandu jkun skond id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, inklużi l-Anness III tagħha, u ta' dan il-Ftehim, u għandu jkun suġġett għal dan li ġej:

(i) pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni, sottomess f'isem Stat jew entità, jew xi parti minn entità, imsemmija fir-Riżoluzzjoni II(1)(a)(ii) jew (iii), minbarra minn investitur pijunier reġistrat, li jkunu diġà wettqu attivitajiet sostanzjali fiż-żona qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni, jew is-suċċessuri fl-interess tagħhom, għandhom jitqiesu bħallikieku jissodisfaw il-kwalifikazzjonijiet finanzjarji u tekniċi meħtieġa għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma jekk l-Istat jew Stati li qed jipproponu dan il-pjan jiċċertifikaw li l-applikant nefaq ammont ekwivalenti għal mill-anqas 30 miljun dollaru Amerikan f'riċerka u attivitajiet ta' esplorazzjoni u nefaq mhux anqas minn 10 % ta' dak l-ammont fl-iskoperta tal-posizzjoni, fl-istudju u fl-evalwazzjoni taż-żona msemmija fil-pjan ta' ħidma. Jekk il-pjan ta' ħidma jissodisfa b'xi mod ieħor il-ħtiġijiet tal-Konvenzjoni u kull regoli, regolamenti u proċeduri adottati skond il-Konvenzjoni, huwa għandu jkun approvat mill-Kunsill fil-forma ta' kuntratt. Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima 3(11) ta' dan l-Anness għandhom ikunu interpretati u applikati skond dan li ntqal;

(ii) minkejja d-disposizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni II(8)(a), investitur pijunier reġistrat jista' jitlob approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni fi żmien 36 xahar mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni. Il-pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni għandu jikkonsisti f'dokumenti, rapporti u data oħra mibgħuta lill-Kummissjoni Preparatorja kemm qabel u anke wara r-reġistrazzjoni u għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikat ta' osservanza, li jikkonsisti f'rapport fattwali li jiddeskrivi l-*istatus* ta' l-issodisfar ta' l-obbligi taħt ir-reġim ta' l-investitur pijunier maħruġ mill-Kummissjoni Preparatorja skond ir-Riżoluzzjoni II(11)(a). Pjan ta' ħidma bħal dan għandu jitqies bħala approvat. Pjan ta' ħidma approvat bħal dan għandu jkun fil-forma ta' kuntratt konkluż bejn l-Awtorità u l-investitur pijunier reġistrat skond il-Parti XI u skond dan il-Ftehim. Il-piż ta' 250 000 dollaru Amerikan imħallas skond ir-Riżoluzzjoni II(7)(a) għandu jitqies bħala l-piż relatat mal-fażi ta' esplorazzjoni skond it-Taqsima 8(3) ta' dan l-Anness. It-Taqsima 3(11) ta' dan l-Anness għandha tkun interpretata u applikata skond dan li ntqal;

(iii) skond il-prinċipju li ma għandhiex issir diskriminazzjoni, kuntratt ma' Stat jew entità jew xi parti minn din l-entità msemmija fis-subparagrafu (a)(i), għandu jinkludi arranġamenti li għandhom ikunu bħal u mhux anqas favorevoli minn dawk miftiehma ma' xi investitur pijunier reġistrat imsemmi fis-subparagrafu (a)(ii). Jekk xi wieħed mill-Istati jew mill-entitajiet jew mill-partijiet ta' dawn l-entitajiet imsemmija fis-subparagrafu (a)(i) jingħata arranġamenti aktar favorevoli, il-Kunsill għandu jagħmel arranġamenti simili u mhux inqas favorevoli fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi aċċettati mill-investituri pijunieri reġistrati msemmija fis-subparagrafu (a)(ii), sakemm dawn l-arranġamenti ma jaffettwax u lanqas ma jippreġudikaw l-interessi ta' l-Awtorità;

(iv) Stat li jipproponi applikazzjoni għal pjan ta' ħidma skond id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (a)(i) jew (ii) jista' jkun Stat li huwa Parti jew Stat li qiegħed japplika dan il-Ftehim b'mod provviżorju skond l-Artikolu 7, jew Stat li huwa membru ta' l-Awtorità fuq bażi provviżorja skond il-paragrafu 12;

(v) Ir-Riżoluzzjoni II(8)(c) għandha tkun interpretata u applikata skond is-subparagrafu (a)(iv).

(b) L-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma għall-utlizzazzjoni għandha tkun skond l-Artikolu 153(3) tal-Konvenzjoni.

7. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma għandha tkun akkumpanjata minn stima ta' l-impatti potenzali li l-attivitajiet proposti jista' jkollhom fuq l-ambjent u minn deskrizzjoni ta' programm għall-studji oċeanografiċi u studji ambjentali fuq linji bażiċi, skond ir-regoli, regolamenti u proċeduri adottati mill-Awtorità.

8. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma għall-esplorazzjoni, mingħajr ħsara għall-paragrafu 6(a)(i) jew (ii), għandha tkun ipproċessata skond il-proċeduri stabbiliti fit-Taqsima 3(11) ta' dan l-Anness.

9. Pjan ta' ħidma għall-esplorazzjoni għandu jkun approvat għal perjodu ta' 15-il sena. Meta jintemm il-perjodu ta' pjan ta' ħidma għall-esplorazzjoni, il-kontrattur għandu japplika għal pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni sakemm il-kuntrattur ma jkunx applika diġà jew sakemm il-kuntrattur ma jkunx kiseb estenzjoni għall-pjan ta' ħidma għall-esplorazzjoni. Kuntratturi jistgħu japplikaw għal estenzjonijiet tal-perjodi ta' mhux aktar minn ħames snin kull waħda. Dawn l-estenzjonijiet għandhom ikunu approvati jekk il-kuntrattur ikun għamel sforz, in *bona fede*, biex iħares il-ħtiġijiet tal-pjan ta' ħidma iżda minħabba raġunijiet li ma kellux kontroll fuqhom ma rnexxilux itemm ix-xogħol ta' preparazzjoni meħtieġ biex jibda l-istadju ta' utilizzazzjoni jew jekk iċ-ċirkostanzi ekonomiċi prevalenti ma jiġġustifikawx li jinbeda l-istadju ta' utilizzazzjoni.

10. L-indikazzjoni ta' żona riservata għall-Awtorità skond l-Anness III, Artikolu 8, tal-Konvenzjoni għandha ssir flimkien ma' approvazzjoni ta' applikazzjoni għal pjan ta' ħidma għall-esplorazzjoni jew ma' approvazzjoni ta' applikazzjoni għal pjan ta' ħidma għall-esplorazzjoni u l-utilizzazzjoni.

11. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 9, pjan ta' ħidma għall-esplorazzjoni approvat li jkun propost minn ta' l-anqas Stat wieħed li japplika dan il-Ftehim b'mod provviżorju, għandu jieqaf jekk dan l-Istat ma jibqax japplika dan il-Ftehim b'mod provviżorju u ma sarx membru fuq bażi provviżorja skond il-paragrafu 12 jew ma sarx Stat li huwa Parti.

12. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Stati u l-entitatjiet imsemmija fl-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim li kienu qegħdin japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju skond l-Artikolu 7 u li fir-rigward tagħhom dan il-Ftehim għadu mhux fis-seħħ, jistgħu jibqgħu membri ta' l-Awtorità fuq bażi provviżorja sakemm dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fir-rigward tagħhom, skond is-subparagrafi li ġejjin:

(a) jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ qabel is-16 ta' Novembru 1996, dawn l-Istati u entitatjiet jistgħu jibqgħu jipparteċipaw bħala membri fl-Awtorità fuq bażi provviżorja jekk jinnotifikaw lid-depożitarju ta' dan il-Ftehim l-intenzjoni tagħhom li jipparteċipaw bħala membri fuq bażi provviżorja. Huma jistgħu jibqgħu membri fuq bażi provviżorja sas-16 ta' Novembru 1996 jew sakemm dan il-Ftehim u l-Konvenzjoni jidħlu fis-seħħ fir-rigward ta' dak il-membru, skond liema data tiġi l-ewwel. Il-Kunsill jista, fuq talba mill-Istat jew entità involuti, jżommhom bħala membri wara s-16 ta' Novembru 1996 għal perjodu jew perjodi itwal iżda b'kollox għal mhux aktar minn sentejn bil-kondizzjoni li l-Kunsill ikun sodisfatt li l-Istat jew entità konċernati kienu qegħdin jagħmlu sforz in *bona fede* biex isiru partijiet għall-Ftehim u għall-Konvenzjoni;

(b) jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ wara l-15 ta' Novembru 1996, dawn l-Istati u entitajiet jistgħu jitolbu l-Kunsill biex ikunu jistgħu jibqgħu membri fl-Awtorità fuq bażi provviżorja għal perjodu jew perjodi sas-16 ta' Novembru 1998. Il-Kunsill għandu jħallihom membri b'effett mid-data tat-talba jekk ikun sodisfatt li l-Istat jew l-entità kienu qegħdin jagħmlu sforz *in bona fede* biex isiru partijiet għall-Ftehim u għall-Konvenzjoni;

(ċ) Stati u entitajiet li huma membri ta' l-Awtorità fuq bażi provviżorja skond is-subparagrafi (a) jew (b) għandhom japplikaw it-termini tal-Parti XI u dan il-Ftehim skond il-liġijiet, regolamenti u l-allokazzjonijiet annwali fil-budget nazzjonali jew interni tagħhom u għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-membri l-oħra, inklużi:

(i) l-obbligu li jikkontribbwixxu għall-*budget* amministrattiv ta' l-Awtorità skond l-iskala ta' kontribuzzjonijiet stmati;

(ii) id-dritt li jipproponu applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma għall-esplorazzjoni. Fil-każ ta' entitajiet li partijiet minnhom huma persuni naturali jew ġuridiċi b'nazzjonalità ta' aktar minn Stat wieħed, pjan ta' ħidma għall-esplorazzjoni ma għandux ikun approvat jekk l-Istati kollha li persuni naturali jew ġuridiċi tagħhom jagħmlu parti minn dawk l-entitajiet ma jkunux Stati li huma Partijiet jew membri fuq bażi provviżorja.

(d) minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 9, pjan ta' ħidma approvat fil-forma ta' kuntratt ta' esplorazzjoni li kien propost skond is-subparagrafu (c)(ii) minn Stat li kien membru fuq bażi provviżorja, għandu jintemm jekk l-Istat ma jibqax membru u l-Istat jew entità ma sarux Stat li huwa Parti;

(e) jekk dan il-membru ma jagħmilx il-kontribuzzjonijiet stmati tiegħu jew ma jħarisx b'xi mod ieħor l-obbligi tiegħu skond dan il-paragrafu, dan il-membru ma jithalliex jibqa' membru fuq bażi provviżorja.

13. Ir-referenza fl-Anness III, Artikolu 10, tal-Konvenzjoni għal esekuzzjoni li ma kienetx sodisfaċenti għandha tkun interpretata bħala li l-kuntrattur ma ħarisx il-ħtiġijiet ta' pjan ta' ħidma approvat minkejja li saritlu twissija jew twissijiet bil-miktub mill-Awtorità biex jimxi ma' dawn il-ħtiġijiet.

14. L-Awtorità għandu jkollha il-budget tagħha stess. Sa l-aħħar tas-sena ta' wara s-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, l-ispejjeż amministrattivi ta' l-Awtorità għandhom jithallsu mill-budget tan-Nazzjonijiet Uniti. Wara l-aħħar tas-sena ta' wara s-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, l-ispejjeż ta' l-Awtorità għandhom jithallsu minn

kontribuzzjonijiet stmati mill-membri tagħha, inklużi membri fuq bażi provviżorja, skond l-Artikolu 171(a) u l-Artikolu 173 tal-Konvenzjoni u skond dan il-Ftehim, sakemm l-Awtorità jkollha fondi biżżejjed minn sorsi oħra biex tħallas dawn l-ispejjeż. L-Awtorità ma għandhiex teżerċita s-setgħa msemmija fl-Artikolu 174(1) tal-Konvenzjoni li tissellef fondi sabiex tiffinanzja l-budget amministrattiv tagħha.

15. L-Awtorità għandha, skond l-Artikolu 162(2)(o)(ii) tal-Konvenzjoni, telabora u tadotta regoli, regolamenti u proċeduri ibbażati fuq il-prinċipji tat-Taqsimiet 2,5,6,7 u 8 ta' dan l-Anness, kif ukoll regoli, regolamenti u proċeduri addizzjonali meħtieġa biex tkun imħaffa l-approvazzjoni ta' pjani ta' ħidma għall-esplorazzjoni jew għall-utilizzazzjoni, skond is-subparagrafi li ġejjin:

(a) il-Kunsill jista' jagħmel din l-elaborazzjoni meta jħoss li r-regoli, regolamenti jew proċeduri kollha jew uħud minnhom huma meħtieġa għall-ġestjoni ta' attivitajiet fiż-Żona, jew meta jiddeċiedi li daqt tibda utilizzazzjoni kummerċjali, jew fuq talba ta' Stat li ċittadin tiegħu qiegħed jaħseb li japplika għal approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni;

(b) jekk issir talba minn Stat imsemmi fis-subparagrafu (a), il-Kunsill għandu, skond l-Artikolu 162(2)(o) tal-Konvenzjoni, itemm l-adozzjoni ta' dawn ir-regoli, regolamenti u proċeduri fi żmien sentejn minn meta ssir it-talba;

(c) jekk il-Kunsill ma jkunx lesta l-elaborazzjoni tar-regoli, regolamenti u proċeduri dwar l-utilizzazzjoni fiż-żmien stabbilit u jkun hemm applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni pendenti, il-Kunsill għandu, xorta waħda, jqis u japprova b'mod provviżorju dan il-pjan ta' ħidma billi jibbaża ruħu fuq id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u fuq xi regoli, regolamenti u proċeduri li l-Kunsill seta' adotta b'mod provviżorju, jew billi jibbaża ruħu fuq in-normi stabbiliti fil-Konvenzjoni u t-termini u prinċipji stabbiliti f'dan l-Anness u wkoll fuq il-prinċipju li ma ssirx diskriminazzjoni fost il-kuntratturi.

16. Ir-regoli, regolamenti u proċeduri abbozzati u xi rakkomandazzjonijiet dwar id-disposizzjonijiet tal-Parti XI, kif jinsabu fir-rapporti u fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Preparatorja, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Awtorità fl-adozzjoni ta' regoli, regolamenti u proċeduri skond il-Parti XI u skond dan il-Ftehim.

17. Id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Parti XI, Taqsima 4, tal-Konvenzjoni għandha tkun interpretata u applikata skond dan il-Ftehim.

TAQSIMA 2

**L-Impriża**

1. Is-segretarjat ta' l-Awtorità għandu jwettaq il-funzjonijiet ta' l-impriża sakemm din tibda topera b'mod indipendenti mis-segretarjat. Is-Segretarju Ġenerali ta' l-Awtorità għandu jaħtar Direttur Ġenerali temporanju minn fost il-persunal ta' l-Awtorità sabiex jieħu ħsieb it-twettiq tal-funzjonijiet tas-segretarjat.

Dawn il-funzjonijiet għandhom ikunu:

(a) l-immonitorjar u l-eżaminar mill-ġdid ta' tendenzi u żviluppi marbuta ma' attivitajiet ta' tħaffir fil-fond f'qiegħ il-baħar, inklużi analiżi regolari tal-kondizzjonijiet fis-suq dinji tal-metalli u prezzijiet tal-metalli, tendenzi u prospetti;

(b) l-istima tar-riżultati ta' riċerka xjentifika marittima dwar attivitajiet fiż-żona, b'emfasi partikolari fuq riċerka dwar l-impatt ambjentali ta' attivitajiet fiż-żona;

(ċ) l-istima ta' data disponibbli dwar it-tfittxija u l-esplorazzjoni, inklużi il-kriterji għal dawn l-attivitajiet;

(d) l-istima ta' żviluppi teknoloġiċi rilevanti għal attivitajiet fiż-żona, b'mod partikolari teknoloġija relatata mal-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu;

(e) l-evalwazzjoni ta' informazzjoni u data dwar żoni riservati għall-Awtorità;

(f) l-istima ta' approċċji lejn operazzjonijiet *joint venture*;

(g) il-ġabra ta' informazzjoni dwar il-persunal imħarreġ disponibbli;

(h) l-istudju ta' għażliet ta' politika ta' ġestjoni għall-amministrazzjoni ta' l-impriża fl-istadji differenti ta' l-operazzjonijiet tagħha.

2. L-impriża għandha twettaq l-ewwel operazzjonijiet ta' tħaffir fil-fond f'qiegħ il-baħar permezz ta' *joint ventures*. Meta jkun approvat pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni għal entità li mhix impriża, jew meta l-Kunsill jirċievi applikazzjoni għal operazzjoni *joint venture* ma' l-impriża, il-Kunsill għandu jkun responsabbli mill-funzjonament ta' l-impriża indipendentament mis-segretarjat ta' l-Awtorità. Jekk operazzjonijiet *joint-venture* ma' l-impriża jkunu skond prinċipji kummerċjali soda, il-Kunsill għandu joħroġ direttiva skond l-Artikolu 170(2) tal-Konvenzjoni fejn jistabbilixxi funzjonament indipendenti.

3. L-obbligu ta' Stati li huma Partijiet li jagħtu fondi għal sit ta' tħaffir wieħed ta' l-impriża, kif stabbilit fl-Anness IV, Artikolu 11(3) tal-Konvenzjoni, ma għandux japplika u Stati li huma Partijiet ma għandhom ikunu taħt l-ebda obbligu li jiffinanzjaw xi waħda mill-operazzjonijiet f'xi sit ta' tħaffir ta' l-impriża jew taħt l-arranġamenti *joint-venture* tagħha.

4. L-obbligi li japplikaw għal kuntratturi għandhom japplikaw għall-impriża. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 153(3) u l-Anness III, Artikolu 3(5) tal-Konvenzjoni, pjan ta' ħidma għall-impriża meta tkun approvata għandu jkun fil-forma ta' kuntratt konkluż bejn l-Awtorità u l-impriża.

5. Kuntrattur li ikkontribbwixxa żona partikolari lill-Awtorità bħala żona riservata għandu d-dritt li jkun l-ewwel wieħed li jagħżel jekk jidħolx f'arranġament ta' *joint-venture* ma' l-impriża għall-esplorazzjoni u utilizzazzjoni ta' dik iż-żona. Jekk l-impriża ma tibgħatx applikazzjoni għal pjan ta' ħidma għal attivitajiet dwar żona riservata ta' dan it-tip fi żmien 15-il sena minn meta bdiet taħdem indipendentament mis-segretarjat ta' l-Awtorità jew fi żmien 15-il sena mid-data li fiha dik iż-żona kienet riservata għall-Awtorità, skond liema data tiġi l-aħħar, il-kuntrattur li ikkontribbwixxa ż-żona għandu jkollu d-dritt li japplika għal pjan ta' ħidma għal dik iż-żona bil-kondizzjoni li joffri, *in bona fede*, li jinkludi l-impriża bħala sieħba fuq bażi ta' *joint-venture*.

6. L-Artikolu 170(4), Anness IV u disposizzjonijiet oħra tal-Konvenzjoni dwar l-impriża għandhom ikunu interpretati u applikati skond din it-taqsima.

TAQSIMA 3

## Teħid ta' Deċiżjonijiet

1. Il-politika ġenerali ta' l-Awtorità għandhom ikunu stabbiliti mill-Assemblea b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

2. Bħala regola ġenerali, l-organi ta' l-Awtorità għandhom jieħdu d-Deċisjonijiet permezz ta' konsensus.

3. Jekk isiru l-isforzi kollha biex tittieħed Deċisjoni permezz ta' konsensus imma dan ma jkunx possibbli, id-Deċisjonijiet għandhom jittieħdu b'vot fl-Assemblea. Jekk id-Deċisjoni tkun dwar kwistjonijiet ta' proċedura ikun hemm bżonn ta' maġġoranza tal-membri preżenti u li jivvutaw fil-waqt li jekk id-Deċisjoni tkun dwar kwistjonijiet ta'sustanza hemm bżonn ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti u li jivvutaw, kif stabbilit fl-Artikolu 159(8) tal-Konvenzjoni.

4. Deċisjonijiet ta' l-Assemblea dwar xi kwistjoni li fuqha l-Kunsill ukoll għandu kompetenza jew dwar xi kwistjoni amministrattiva, budgetarja jew finanzjarja għandhom ikunu ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Jekk l-Assemblea ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fuq xi kwistjoni, hija għandha tibgħat lura l-kwistjoni lill-Kunsill biex dan ikompli jiddiskutiha. Il-Kunsill għandu jqis il-kwistjoni mill-ġdid fid-dawl ta' l-opinjonijiet espressi mill-Assemblea.

5. Jekk l-isforzi kollha biex tinstab Deċisjoni permezz ta' konsensus ikunu użati kollha iżda dan ma jkunx possibbli, id-Deċisjonijiet għandhom jittieħdu permezz ta' vot fil-Kunsill. Jekk id-Deċisjoni tkun dwar kwistjonijiet ta' proċedura ikun hemm bżonn ta' maġġoranza tal-membri preżenti u li jivvutaw, fil-waqt li jekk id-Deċisjoni tkun dwar kwistjonijiet ta'sustanza (minbarra fejn il-Konvenzjoni taħseb għal Deċisjonijiet permezz ta' konsensus fil-Kunsill) ikun hemm bżonn ta'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti u li jivvutaw, bil-kondizzjoni li dawn id-Deċisjonijiet ma jkunux opposti minn maġġoranza f'xi waħda mill-kmamar imsemmija fil-paragrafu 9. Meta jieħu Deċisjonijiet, il-Kunsill għandu jfittex li jmexxi l-quddiem l-interessi tal-membri kollha ta' l-Awtorità.

6. Meta l-Kunsill jidhirlu li ma sarux l-isforzi kollha possibbli biex jintlaħaq konsensus dwar xi kwistjoni, huwa jista' jiddiffferixxi t-teħid ta' Deċisjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru aktar negozjati.

7. Deċiżjonijiet ta' l-Assemblea jew tal-Kunsill li jkollhom implikazzjonijiet fuq il-finanzi jew fuq il-budget għandhom ikunu ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Finanzi.

8. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 161(8)(b) u (c) tal-Konvenzjoni ma għandhomx japplikaw.

9. (a) Kull grupp ta' Stati elett taħt il-paragrafu 15(a) sa (c) għandu jkun trattat bħala kamra għall-għanijiet ta' votazzjoni fil-Kunsill. L-Istati li qegħdin jiżviluppaw eletti taħt il-paragrafu 15(d) u (e) għandhom ikunu trattati bħala kamra waħda għall-għanijiet ta' votazzjoni fil-Kunsill.

(b) Qabel ma jkunu eletti l-membri tal-Kunsill, l-Assemblea għandha tistabbilixxi listi ta' pajjiżi li jissodisfaw il-kriterji biex ikunu membri fil-gruppi ta' Stati fil-paragrafu 15(a) sa (d). Jekk Stat jissodisfa l-kriterji biex ikun membru f'aktar minn grupp wieħed, dan l-Istat jista' jkun propost biss minn grupp wieħed biex ikun elett fil-Kunsill u huwa għandu jirrappreżenta biss dak il-grupp meta jivvota fil-Kunsill.

10. Kull grupp ta' Stati fil-paragrafu 15(a) sa (d) għandu jkun rappreżentat fil-Kunsill minn dawk il-membri nominati minn dak il-grupp. Kull grupp għandu jinnomina numru ta' kandidati skond in-numru ta' siġġijiet li dak il-grupp għandu bżonn jimla biss. Meta n-numru ta' kandidati potenzali f'kull wieħed mill-gruppi msemmija fil-paragrafu 15(a) sa (e) jaqbeż in-numru ta' siġġijiet disponibbli f'kull wieħed minn dawk il-gruppi rispettivi, bħala regola ġenerali, għandu japplika il-prinċipju ta' rotazzjoni. L-Istati membri f'kull wieħed minn dawk il-gruppi għandhom jiddeċiedu kif dan il-prinċipju għandu japplika f'dawk il-gruppi.

11. (a) Il-Kunsill għandu japprova rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Legali u Teknika għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix li ma japprovax pjan ta' ħidma permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu li jkunu preżenti u li jivvutaw, inkluża maġġoranza tal-membri preżenti u li jivvutaw f'kull waħda mill-kmamar tal-Kunsill. Jekk il-Kunsill ma jieħux Deċisjoni dwar rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma fil-perjodu stabbilit, ir-rakkomandazzjoni għandha titqies bħallikieku kienet approvata mill-Kunsill meta jintemm dak il-perjodu. F'każijiet normali, il-perjodu stabbilit għandu jkun ta' 60 ġurnata sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix li jistabbilixxi perjodu itwal. Jekk il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill ma japprovax pjan ta' ħidma jew ma tagħmilx rakkomandazzjoni, il-Kunsill jista' xorta waħda japprova l-pjan ta' ħidma skond ir-regoli ta' proċedura tiegħu li japplikaw għat-teħid ta' Deċisjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza.

(b) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 162(2)(j) tal-Konvenzjoni ma għandhomx japplikaw.

12. Meta tinqala' xi kwistjoni dwar pjan ta' ħidma li ma kienx approvat, din il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-proċeduri ta' soluzzjoni ta' kwistjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni.

13. Deċisjonijiet meħuda permezz ta' vot fil-Kummissjoni Legali u Teknika għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-membri preżenti u li jivvutaw.

14. Il-Parti XI, Taqsima 4, subtaqsimiet B u C, tal-Konvenzjoni għandhom ikunu interpretati u applikati skond din it-taqsima.

15. Il-Kunsill għandu jkun magħmul minn 36 membru ta' l-Awtorità eletti mill-Assemblea f'din l-ordni:

(a) erba' membri minn fost dawk l-Istati li huma Partijiet li, matul l-aħħar ħames snin li dwarhom hemm statistiċi, użaw aktar minn 2 % fil-valur tal-konsum dinji totali jew kellhom importazzjonijiet netti ta' aktar minn 2 % tal-valur ta' l-importazzjoni dinjija totali tal-merkanzija prodotta mill-kategoriji ta' minerali miksuba miż-żona, bil-kondizzjoni li l-erba' membri għandhom jinkludu Stat wieħed mir-reġun ta' l-Ewropa tal-Lvant li għandu l-akbar ekonomija f'dak ir-reġjun skond il-prodott gross domestiku u wkoll l-Istat li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, jkollu l-akbar ekonomija skond il-prodott gross domestiku, jekk dawn l-Istati jixtiequ li jkunu rappreżentati f'dan il-grupp;

(b) erba' membri minn fost it-tmien Stati li huma Partijiet li għamlu l-akbar investimenti bi preparazzjoni għal u għat-twettiq ta' attivitajiet fiż-żona, direttament jew permezz taċ-ċittadini tagħhom;

(ċ) erba' membri minn fost l-Istati li huma Partijiet li, fuq il-bażi ta' produzzjoni fiż-żoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, huma esportaturi netti maġġuri tal-kategoriji ta' minerali miksuba miż-żona, inklużi ta' l-anqas żewġ Stati li qegħdin jiżviluppaw li l-esportazzjonijiet tagħhom ta' dawn il-minerali għandhom effett sostanzjali fuq l-ekonomiji tagħhom;

(d) sitt membri minn fost Stati li huma Partijiet li qegħdin jiżviluppaw u li jirrappreżentaw interessi speċjali. L-interessi speċjali li ħa jkunu rappreżentati għandhom jinkludu dawk ta' Stati b'popolazzjoni kbira, Stati li ma għandhomx aċċess għall-baħar jew li huma żvataġġjati ġeografikament, Stati li huma iżoli, Stati li huma importaturi maġġuri tal-kategoriji ta' minerali miksuba miż-żona, Stati li huma prodotturi potenzali ta' dawn il-minerali u Stati li huma l-anqas żviluppati;

(e) 18-il membru elett skond il-prinċipju li tkun assigurata distribuzzjoni ġeografika ġusta tas-siġġijiet fil-Kunsill bħala totalità, bil-kondizzjoni li kull reġjun ġeografiku għandu jkollu mill-anqas membru wieħed elett taħt dan is-subparagrafu. Għal dan il-għan, ir-reġjuni ġeografiċi għandhom ikunu l-Afrika, l-Asja, l-Ewropa tal-Lvant, l-Amerika Latina u l-Karibew, l-Ewropa tal-Punent u Oħrajn.

16. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 161(1) tal-Konvenzjoni ma għandhomx japplikaw.

TAQSIMA 4

## Konferenza għal Eżami mill-Ġdid

Id-dispożizzjonijiet dwar il-Konferenza ta' Eżaminazzjoni mill-Ġdid fl-Artikolu 155(1), (3) u (4) tal-Konvenzjoni ma għandhomx japplikaw. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 314(2) tal-Konvenzjoni, l-Assemblea, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, tista' tagħmel fi kwalunkwe ħin eżaminazzjoni mill-ġdid tal-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 155(1) tal-Konvenzjoni. Emendi marbuta ma' dan il-Ftehim u mal-Parti XI għandhom ikunu suġġetti għall-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 314, 315 u 316 tal-Konvenzjoni, bil-kondizzjoni li l-prinċipji, reġim u termini oħra msemmija fl-Artikolu 155(2) tal-Konvenzjoni għandhom jinżammu u d-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu ma għandhomx ikunu milquta.

TAQSIMA 5

## Trasferiment ta' teknoloġija

1. Minbarra d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 144 tal-Konvenzjoni, it-trasferiment ta' teknoloġija għall-għanijiet tal-Parti XI għandu jkun regolat ukoll minn dawn il-prinċipji:

(a) l-impriża, u Stati li qegħdin jiżviluppaw, li jixtiequ jiksbu teknoloġija għat-tħaffir fil-fond ta' qiegħ il-baħar, għandhom ifittxu li jiksbu din it-teknoloġija fuq termini u kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġonevoli fuq is-suq ħieles, jew permezz ta' arranġamenti ta' *joint-venture*.

(b) jekk l-impriża jew Stati li qegħdin jiżviluppaw ma jirnexxielhomx jiksbu teknoloġija għat-tħaffir fil-fond ta' qiegħ il-baħar, l-Awtorità tista' titlob lill-kuntratturi kollha jew lil xi wħud minnhom u lill-Istat jew Stati rispettivi tagħhom biex jikkoperaw magħha sabiex tiffaċilita l-kisba ta' teknoloġija għat-tħaffir fil-fond ta' qiegħ il-baħar mill-impriża jew mill-*joint venture* tagħha, jew minn Stat jew Stati li qegħdin jiżviluppaw u li qegħdin jipprovaw jiksbu din it-teknoloġija fuq termini u kondizzjonijiet kummerċjali ġusti u raġonevoli. L-Awtorità għandha dejjem tirrispetta l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet għall-proprjetà intellettwali. Stati li huma Partijiet jintrabtu li jikkoperaw kompletament u b'mod effettiv ma' l-Awtorità għal dan il-għan u li jassiguraw li l-kuntratturi sponsorjati minnhom ukoll jikkoperaw kompletament ma' l-Awtorità;

(ċ) bħala regola ġenerali, Stati li huma Partijiet għandhom iġibu "l quddiem koperazzjoni internazzjonal fit-teknoloġija u fix-xjenza fir-rigward ta' attivitajiet fiż-żona jew bejn il-partijiet konċernati jew billi jiżviluppaw programmi ta' taħriġ, assistenza teknika ta' koperazzjoni xjentifika fix-xjenza u fit-teknoloġija marittima u fil-protezzjoni u fil-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu."

2. Id-disposizzjonijiet ta' l-Anness III, Artikolu 5, tal-Konvenzjoni ma għandhomx japplikaw.

TAQSIMA 6

## Politika ta' produzzjoni

1. Il-produzzjoni ta' l-Awtorità għandha tkun ibbażata fuq dawn il-prinċipji:

(a) żvilupp tar-riżorsi taż-żona għandu jsir skond prinċipji kummerċjali sodi;

(b) id-disposizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar Tariffi u Kummerċ, il-kodiċi rilevanti tiegħu u ftehim li jieħdu postu għandhom japplikaw fir-rigward ta' attivitajiet fiż-żona;

(ċ) b'mod partikolari, ma għandhomx jingħataw sussidji għall-attivitajiet fiż-żona minbarra kif jista' jkun permess taħt il-ftehim imsemmijin fis-subparagrafu (b). L-għoti ta' sussidji għall-għanijiet ta' dawn il-prinċipji għandu jkun definit skond il-ftehim imsemmijin fis-subparagrafu (b);

(d) ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni bejn minerali miksuba miż-żona u dawk miksuba minn sorsi oħra. Ma għandux ikun hemm aċċess preferenzali għal swieq għal dawn il-minerali jew għal importazzjonijiet ta' merkanzija manifatturata minn dawn il-minerali, b'mod partikolari:

(i) permezz ta' l-użu ta' barrieri permezz ta' tariffi jew permezz ta' tneħħija ta' tariffi, u

(ii) mogħtija minn Stati li huma Partijiet lil dawn il-minerali jew merkanzija prodotti mill-impriżi Statali tagħhom jew minn persuni naturali jew ġuridiċi li huma ċittadini tagħhom jew li huma kontrollati minnhom jew miċ-ċittadini tagħhom;

(e) il-pjan ta' ħidma għall-utilizzazzjoni approvat mill-Awtorità fir-rigward ta' kull żona ta' tħaffir għandu jindika pjan antiċipat ta' produzzjoni li għandu jinkludi l-ammonti massimi ikkalkulati ta' minerali li ħa jkunu prodotti kull sena taħt il-pjan ta' ħidma;

(f) dan li ġej għandu japplika għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet dwar id-disposizzjonijiet tal-ftehim imsemmijin fis-subparagrafu (b):

(i) meta l-Istati li huma Partijiet konċernati huma partijiet għal dawk il-ftehim, huma għandhom jirreferu għall-proċeduri ta' soluzzjoni ta' kwistjonijiet taħt dawk il-ftehim;

(ii) meta wieħed jew aktar mill-Istati li huma Partijiet konċernati ma humiex partijiet għal dawk il-ftehim, huma għandhom jirreferu għall-proċeduri ta' soluzzjoni stabbiliti fil-Konvenzjoni;

(g) f'ċirkostanzi fejn issir determinazzjoni, taħt il-ftehim imsemmijin fis-subparagrafu (b), li Stat li huwa Parti ta sussidju li mhux permess jew li laqat b'mod negattiv l-interess ta' Stat li huwa Parti ieħor, u ma ttieħdux passi xierqa mill-Istat jew Stati li huwa jew li huma Parti rilevanti, Stat li huwa Parti ijista' jitlob lill-Kunsill biex jieħu passi xierqa.

2. Il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx jolqtu d-drittijiet u l-obbligi taħt xi disposizzjonijiet tal-ftehim imsemmijin fil-paragrafu 1(b), kif ukoll il-ftehim rilevanti ta' kummerċ hieles u ta' għaqda doganali, fir-relazzjonijiet ta' bejn l-Istati li huma Partijiet li huwa wkoll partijiet għal dawn il-ftehim.

3. L-aċċettazzjoni minn naħa ta' kuntrattur ta' sussidji minbarra dawk li jistgħu jsiru taħt il-ftehim imsemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tammonta għal ksur tat-termini fundamentali tal-kuntratt li jagħmel pjan ta' ħidma ta' xogħol għat-twettiq ta' attivitajiet fiż-żona.

4. Kull Stat li huwa Parti li għandu raġunijiet biex jaħseb li kien hemm ksur tal-ħtiġijiet tal-paragrafu 1(b) sa (d) jew tal-paragrafu 3 jista' jibda proċeduri għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet skond il-paragrafu 1(f) jew (g).

5. Stat li huwa Parti jista', fi kwalunkwe waqt, jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar attivitajiet li fl-opinjoni tiegħu huma inkonsistenti mal-ħtiġijiet tal-paragrafu 1(b) sa (d).

6. L-Awtorità għandha tiżviluppa regoli, regolamenti u proċeduri li jassiguraw l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, inklużi regoli, regolamenti u proċeduri rilevanti li jirregolaw l-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' ħidma.

7. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 151(1) sa (7) u (9), l-Artikolu 162(2)(q), l-Artikolu 165(2)(n), u l-Anness III, Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7, tal-Konvenzjoni ma għandhomx japplikaw.

## TAQSIMA 7

### Għajnuna ekonomika

1. Il-politika ta' l-Awtorità li tgħin pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li jsoffru effetti negattivi serji fuq id-dħul mill-esportazzjoni jew fuq l-ekonomiji tagħhom minħabba tnaqqis fil-prezz ta' mineral affettwat jew minħabba tnaqqis fil-volum ta' esportazzjoni f'dak il-mineral, sakemm dan it-tnaqqis huwa r-riżultat ta' l-attivitajiet fiż-żona, għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-Awtorità għandha tistabbilixxi fond ta' għajnuna ekonomika minn parti mill-fondi ta' l-Awtorità li taqbeż dak li huma neċessarji biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi ta' l-Awtorità. L-ammont imwarrab għal dan il-għan għandu jkun deċiż mill-Kunsill minn żmien għal żmien, fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi. Fondi minn pagamenti magħmula minn kuntratturi, inklużi mill-impriża, u kontribuzzjonijiet voluntarji biss għandhom jintużaw għat-twaqqif ta' fond ta' għajnuna ekonomika;

(b) Stati produtturi ibbażati fuq l-art u li qegħdin jiżviluppaw u li nstab li l-ekonomiji tagħhom huma milqutin b'mod serju mill-produzzjoni ta' minerali fil-fond mill-qiegħ tal-baħar, għandhom ikunu mgħejjuna mill-fond ta' għajnuna ekonomika ta' l-Awtorità;

(ċ) l-Awtorità għandha tagħti għajnuna mill-fond lil Stati produtturi ibbażati fuq l-art u li qegħdin jiżviluppaw, meta jkun xieraq, b'koperazzjoni ma' l-istituzzjonijiet eżistenti ta' żvilupp globali jew reġjonali li għandhom l-infrastruttura u l-kompetenza biex iwettqu dawn il-programmi ta' għajnuna;

(d) il-limitu u l-perjodu ta' din l-għajnuna għandha tkun deċiża skond il-każ. Meta tkun qiegħda tittieħed din id-Deċisjoni, għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa lin-natura u lis-serjetà tal-problemi li jiltaqgħu magħhom Stati produtturi ibbażati fuq l-art u li qegħdin jiżviluppaw milquta.

2. L-Artikolu 151(10) tal-Konvenzjoni għandu jkun implimentat permezz ta' miżuri ta' għajnuna ekonomika msemmija fil-paragrafu 1. L-Artikolu 160(2)(1), l-Artikolu 162(2)(n), l-Artikolu 164(2)(d), l-Artikolu 171(f) u l-Artikolu 173(2)(c) tal-Konvenzjoni għandhom ikunu interpretati skond dan li ntqal.

## TAQSIMA 8

## Termini finanzjarji tal-kuntratti

1. Il-prinċipji li ġejjin għandhom ikunu l-bażi li fuqhom ikunu stabbiliti regoli, regolamenti u proċeduri għat-termini finanzjarji ta' kuntratti:

(a) is-sistema ta' pagamenti lill-Awtorità għandha tkun ġusta kemm għall-kuntrattur u kemm għall-Awtorità u għandha tforni mezzi xierqa kif ikun deċiż jekk il-kuntrattur hux jimxi ma' din is-sistema;

(b) ir-rati ta' pagamenti taħt din is-sistema għandhom ikunu fil-limiti ta' dawk l-aktar użati fir-rigward ta' tħaffir fuq l-art għall-istess minerali jew għal minerali simili sabiex ikun evitat li dawk li jħaffru fil-fond fil-qiegħ tal-baħar jingħataw vantaġġ artifiċjali fil-kompetizzjoni jew sabiex ikun evitat li dawn ikunu żvantaġġjati fil-kompetizzjoni;

(ċ) is-sistema ma għandhiex tkun kumplikata u lanqas ma għandha tissarraf fi spejjeż amministrattivi kbar għall-Awtorità jew għal kuntrattur. L-adozzjoni ta' sistema ta' *royalty* jew taħlita ta' sistema ta' *royalty* u tqassim tal-profitt għandha tkun meqjusa. Jekk jingħażlu sistemi alternattivi, il-kuntrattur għandu d-dritt li jagħżel liema sistema tapplika għall-kuntratt tiegħu. Madanakollu, jekk aktar tard issir xi bidla bejn is-sistemi alternattivi, din għandha ssir bi ftehim bejn l-Awtorità u l-kuntrattur;

(d) mid-data tal-bidu ta' produzzjoni kummerċjali għandu jitħallas piż annwali stabbilit. Dan il-piż jista' jkun ikkreditat kontra pagamenti oħra dovuti taħt is-sistema adottata skond is-subparagrafu (c). L-ammont tal-piż għandu jkun stabbilit mill-Kunsill;

(e) is-sistema ta' pagamenti tista' tkun eżaminata mill-ġdid perjodikament fid-dawl ta' ċirkustanzi li jinbidlu. Jekk isiru xi bidliet dawn għandhom ikunu applikati b'mod li ma jiddiskriminax. Dawn il-bidliet jistgħu japplikaw għal kuntratti eżistenti jekk il-kuntrattur jagħżel hekk biss. Jekk aktar tard issir xi bidla bejn is-sistemi alternattivi, din għandha ssir bi ftehim bejn l-Awtorità u l-kuntrattur;

(f) kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tar-regoli u tar-regolamenti ibbażati fuq dawn il-prinċipji għandhom ikunu suġġetti għall-proċeduri ta' soluzzjoni ta' kwistjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni.

2. Id-disposizzjonijiet ta' l-Anness III, Artikolu 13 (3) sa (10), tal-Konvenzjoni ma għandhomx japplikaw.

3. Fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-Anness III, Artikolu 13(2), tal-Konvenzjoni, il-piż għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma limitat għal fażi waħda, jew għall-fażi ta' esplorazzjoni jew għall-fażi ta' utilizzazzjoni, għandu jkun ta' 250 000 dollaru Amerikan.

## TAQSIMA 9

## Il-Kumitat tal-Finanzi

1. Kumitat ta' Finanzi qiegħed hawnhekk ikun stabbilit. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn 15-il membru bi kwalifikazzjonijiet xierqa li huma rilevanti għal materji finanzjarji. L-Istati li huma Partijiet għandhom jinnominaw kandidati bl-ogħla standards ta' kompetenza u integrità.

2. Ma jistax ikun hemm żewġ membri tal-Kumitat tal-Finanzi li huma ċittadini ta' l-istess Stat li huwa Parti.

3. Membri tal-Kumitat tal-Finanzi għandhom ikunu eletti mill-Assemblea u l-ħtieġa għal distribuzzjoni ġeografika ġusta u għar-rappreżentazzjoni ta' interessi speċjali għandhom jitqiesu bil-mod dovut. Kull grupp ta' Stati msemmi fit-Taqsima 3(15)(a), (b), (ċ) u (d) ta' dan l-Anness għandu jkun irrappreżentat fuq il-Kumitat minn ta' l-anqas membru wieħed. Sakemm l-Awtorità jkollha fondi biżżejjed li ma jkunux kontribuzzjonijiet stmati biex tħallas għall-ispejjeż amministrattivi tagħha, il-membri tal-Kumitat għandhom jinkludu rappreżentanti tal-ħames l-akbar kontributuri finanzjarji għall-budget amministrattiv ta' l-Awtorità. Wara li l-Awtorità jkollha biżżejjed fondi, l-elezzjoni ta' membru wieħed minn kull grupp għandha tkun fuq il-bażi ta' nominazzjoni mill-membri tal-grupp rispettiv, mingħajr ħsara għall-possibilità li jkun hemm aktar membri eletti minn kull grupp.

4. Membri tal-Kumitat tal-Finanzi għandhom jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' ħames snin. Huma għandhom ikunu eliġibbli għal elezzjoni mill-ġdid għal perjodu ieħor.

5. F'każ ta' mewt, inkapaċità jew risenja ta' membru tal-Kumitat tal-Finanzi qabel ma jintemm il-perjodu tal-kariga, l-Assemblea għandha teleġi membru mill-istess reġjun ġeografiku jew mill-istess grupp ta' Stati għall-bqija tal-perjodu.

6. Membri tal-Kumitat Finanzjarju ma għandu jkollhom l-ebda interess finanzjarju f'xi attività marbuta mal-materji li dwarhom il-Kumitat għandu r-responsabbilità li jagħmel rakkomandazzjonijiet. Huma ma għandhomx jikxfu, anke wara li jtemmu l-funzjonijiet tagħhom, xi informazzjoni konfidenzali li tasal għandhom minħabba l-kompiti tagħhom ma' l-Awtorità.

7. Deċisjonijiet mill-Assemblea u mill-Kunsill dwar dawn il-kwistjonijiet għandhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Finanzi:

(a) regoli, regolamenti u proċeduri abbozzati għall-organi ta' l-Awtorità u l-ġestjoni finanzjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja interna ta' l-Awtorità;

(b) stima ta' kontribuzzjonijiet ta' membri għall-budget amministrattiv ta' l-Awtorità skond l-Artikolu 160(2)(e) tal-Konvenzjoni;

(ċ) il-materji finanzjarji rilevanti kollha, inklużi l-budget annwali propost ippreparat mis-Segretaru Ġenerali ta' l-Awtorità skond l-Artikolu 172 tal-Konvenzjoni u l-aspetti finanzjarji ta' l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tas-segretarjat;

(d) il-budget amministrattiv;

(e) obbligi finanzjarji ta' Stati li huma Partijiet li joħorġu mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u tal-Parti XI kif ukoll l-implikazzjonijiet fuq l-amministrazzjoni u fuq il-budget ta' proposti u rakkomandazzjonijiet li jinvolvu spejjeż mill-fondi ta' l-Awtorità;

(f) regoli, regolamenti u proċeduri dwar it-tqassim ġust ta' vantaġġi finanzjarji u vantaġġi ekonomiċi oħra miksuba minn attivitajiet fiż-żona u d-Deċisjonijiet li għandhom isiru fuqhom.

8. Deċisjonijiet fil-Kumitat ta' Finanzi dwar mistoqsijiet ta' proċedura għandhom jittieħdu permezz ta' maġġoranza tal-membri preżenti u li jivvutaw. Deċisjonijiet fuq mistoqsijiet ta' sustanza għandhom jittieħdu permezz ta' konsensus.

9. Il-ħtieġa ta' l-Artikolu 162(2)(y) tal-Konvenzjoni biex ikun stabbilit organi sussidjarju sabiex jieħu ħsieb materji finanzjarji għandha titqies bħala sodisfatt bit-twaqqif tal-Kumitat tal-Finanzi skond din it-taqsima.

*ANNESS II*

## L-ISTRUMENT TAL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-KONFERMA FORMALI

Il-Komunità Ewropea tippreżenta l-awguri tagħha lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u għandha l-unur li tiddepożita l-istrument tagħha tal-konferma formali tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-28 ta' Lulju 1994 li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-Parti XI tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Diċembru 1982 tal-Liġi tal-Baħar.

Bid-depożitu ta' dan l-istrument, il-Komunità għandha l-unur li tiddikjara l-aċċettazzjoni tagħha, fir-rigward tal-materji li dwarhom il-kompetenza ġiet ittrasferita lilha minn dawk l-Istati Membri tagħha li huma partijiet tal-Konvenzjoni, tad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti għall-Istati fil-Konvenzjoni u l-Ftehim. Id-dikjarazzjoni li tikkonċerna l-kompetenza li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 5(1) ta' l-Anness IX tal-Konvenzjoni hija mhemuża hawnhekk.

Il-Komunità tixtieq ukoll tiddikjara, b'konformità ma l-Artikolu 310 tal-Konvenzjoni, l-oġġezzjoni tagħha għal xi dikjarazzjoni jew posizzjoni li teskludi jew li temenda l-iskop legali tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, u partikolarment dawk li jirrigwardaw l-attivitajiet tas-sajd. Il-Komunità ma tikkunsidrax il-Konvenzjoni bħala li tirrikonoxxi d-drittijiet jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati kostali rigward l-esplojtazzjoni, il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi tal-ħut apparti milli l-ispeċje sedentarji il-barra miż-żona ekonomika esklussiva.

Il-Komunità tirridserva d-dritt li tagħmel dikjarazzjonijiet sussegwenti fir-rigward tal-Konvenzjoni u tal-Ftehim u b'reazzjoni ta' dikjarazzjonijiet u posizzjonijiet futuri.

Il-Komunità tieħu din l-apportunità li tistqarr mill-ġdid lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti l-assigurazzjoni ta' l-għola kunsiderazzjoni tagħha.

# DIKJARAZZJONI LI TIKKONĊERNA L-KOMPETENZA TAL-KOMUNITÀ EWROPEA FIR-RIGWARD TA' MATERJI RREGOLATI MILL-KONVENZJONI TAN-NAZZJONIJIET UNITI TAL-LIĠI TAL-BAĦAR TA' L-10 TA' DIĊEMBRU 1982 U TAL-FTEHIM TAT-28 TA' LULJU 1994 LI JIRRIGWARDAW L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PARTI XI TAL-KONVENZJONI

*(Dikjarazzjoni magħmulha bis-saħħa ta' l-Artikolu 5(1) ta' l-Anness XI tal-Konvenzjoni u ta' l-Artikolu 4(4) tal-Ftehim)*

L-Artikolu 5(1) ta' l-Anness IX tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Liġi tal-Baħar jipprovdi li l-istrumenti tal-konferma formali ta' l-organizzazzjoni internazzjonali għandu jkun fih dikjarazzjoni li tispeċifika l-materji rregolati bil-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-kompetenza tkun ġiet ittrasferita lill-organizzazzjoni mill-Istati Membri tagħha li huma Partijiet tal-Konvenzjoni ([1]).

L-Artikolu 4(4) tal-Ftehim jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-Parti XI tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Liġi tal-Baħar ta' l-10 ta' Diċembru 1982 ([2]) li jipprovdi li konferma formali minn organizzazzjoni internazzjonali għandha tkun konformi ma' l-Anness IX tal-Konvenzjoni.

Il-Komunitajiet Ewropej kienu stabbiliti bit-Trattati ta' Pariġi (KEFA) u ta' Ruma (KEE u Euratom), iffirmati fit-18 ta' April 1951 u l-25 ta' Marzu 1957 rispettivament. Wara li kienu rratifikati mill-Istati Firmatarji, it-Trattati daħlu fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 1952 u fl-1 ta' Jannar 1958. Dawn issa kienu emendati bit-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, li kien ġie ffirmat f'Maastricht fis-7 ta' Frar 1992 li daħal fis-seħħ, wara li kien ġie rratifikat mill-Istati Firmatarji, fl-1 ta' Novembru 1993, u l-aktar riċenti bit-Trattat ta' l-Adeżjoni iffirmat f'Korfù fl-24 ta' Ġunju 1994, li daħal b'effett fl-1 ta' Jannar 1995 ([3]).

Il-Membri preżenti tal-Komunitajiet huma r-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubbika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstria, r-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta'l-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-Parti XI tal-Konvenzjoni għandhom ikunu applikabbli fir-rigward tal-kompetenzi trasferiti lill-Komunità Ewropea, lejn it-territorji li fihom it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea huwa applikat u permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, partikolarment l-Artikolu 227 tiegħu.

Din id-dikjarazzjoni mhix applikabbli għat-territorji ta' l-Istati Membri li dwarhom l-imsemmi Trattat mhux applikabbli u hija mingħajr preġudizzju għal tali atti jew posizzjonijiet skond ma' jista' jkun adottat permezz tal-Konvenzjoni u l-Ftehim mill-Istati Membri kkonċernati u f'isem ta' u fl-interessi ta' dawk it-territorji.

B'konformità mad-disposizzjonijiet msemmija hawn fuq, din id-dikjarazzjoni tindika l-kompetenza li l-Istati Membri kienu trasferew lejn il-Komunità permezz tat-Trattati fil-materji rregolati bil-Konvenzjoni u fil-Ftehim.

---

([1]) Meta kienet ġiet iffirmata il-Konvenzjoni, il-Komunità għamlet id-dikjarazzjoni meħtieġa, b'konformità ma' l-Artikolu 2 ta' l-Anness IX, li fiha hija speċifikat il-materji trattati mill-Konvenzjoni li dwarhom il-kompetenza kienet ġiet trasferita lilha mill-Istati Membri tagħha.

([2]) Iffirmata mill-Komunità fid-29 ta' Lulju 1994 u applikata proviżjonalment b'effett mis-16 ta' Novembru 1994.

([3]) It-Trattat ta' Pariġi li stabbilixxa l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar kien irreġistrat mas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti fil-15 ta' Marzu 1957 permezz tan-Nru 3729; it-Trattiet ta' Ruma li jistabbixxu il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) kienu rreġistrati fil-21 ta' April u fl-24 ta' April 1959 rispettivament permezz tan-Nri 4300 u 4301. It-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea kien irreġistrat fit-28 ta' Diċembru 1993 permezz tan-Nru 30615; it-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-24 ta' Ġunju 1994 kien ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* C 241 tad-29 ta' Awissu 1994.

L-iskop u l-eżerċitar ta' tali kompetenzi mill-Komunità huma, bin-natura tagħhom, suġġetti għal żvilupp kontinwu, u l-Komunità tiffinalizza jew temenda din id-dikjarazzjoni, jekk meħtieġ, b'konformità ma' l-Artikolu 5(4) ta' l-Anness IX tal-Konvenzjoni.

Il-Komunità għandha l-kompetenza esklusiva dwar ċerti materji u taqsam il-kompetenza ma' l-Istati Membri tagħha dwar ċerti materji oħrajn.

1. **Il-Materji li dwarhom il-Komunità għandha kompetenza esklusiva**

— Il-Komunità tindika li l-Istati Membri tagħha kienu trasferew il-kompetenza lilha f'dak li jirrigwarda l-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fil-baħar. Għalhekk f'dan il-qasam hija għall-Komunità li tadotta r-regoli u r-regolamenti relevanti (li huma enforzabbli mill-Istati Membri) u, fil-kompetenza tagħha, li tidħol f'impenji esterni ma' Stati terzi jew ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti. Din il-kompetenza tapplika għall-ibħra li huma taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd nazzjonali u ta' l-ibħra internazzjonali. B'dana kollu, fir-rigward tal-miżuri li jirrigwardaw l-eżerċitar tal-ġurisdizzjoni fuq vapuri, l-għoti tal-bandieri u r-reġistrazzjoni ta' vapuri u l-infurzar ta' sanzjonijiet penali u amministrattivi, il-kompetenza hija ta' l-Istati Membri, waqt li jirrispettaw il-liġi tal-Komunità. Il-liġi tal-Komunità tipprovdi għal sanzjonijiet amministrattivi,

— bis-saħħa tal-istrateġija kummerċjali u doganali tagħha, il-Komunità għandha l-kompetenza fir-rigward ta' dawk id-disposizzjonijiet tal-Partijiet X u XI tal-Konvenzjoni u tal-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li huma relatati mal-kummerċ internazzjonali.

2. **Il-Materji li dwarhom il-Komunità taqsam il-kompetenza ma' l-Istati Membri tagħha**

— F'dak li jirrigwarda s-sajd, dwar ċertu numru ta' materji li ma humiex direttament relatati mal-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fil-baħar, per eżempju ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-koperazzjoni fl-iżvilupp, hemm kompetenza bi sħab,

— F'dak li jirrigwarda d-disposizzjonijiet dwar it-trasport, s-sigurtà tat-tbaħħir marittimu u l-prevenzjoni tat-tniġġiż marittimu li jinsabu, *inter alia*, fil-Partijiet II, III, V, VII u XII tal-Konvenzjoni, il-Komunità għandha l-kompetenza esklussiva biss sal-limitu li tali disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni jew tal-istrumenti legali adottati fl-implimentazzjoni tagħhom jaffettwaw ir-regoli komuni stabbiliti mill-Komunità. Meta r-regoli tal-Komunità jkunu jeżistu imma ma jkunux affettwati, f'każ partikolari fid-disposizzjonijiet tal-Komunità li jistabbilixxu biss normi minimi, l-Istati Membri għandhom il-kompetenza, mingħajr preġudizzju għall-Komunità li taġixxi f'dan il-qasam. Altrimentri l-kompetenza hija ta' l-Istati Membri.

Il-lista relevanti ta' l-atti tal-Komunità tidher fl-Appendiċi. Il-medda tal-kompetenza tal-Komunità li tirriżulta minn dawn l-atti għandha tkun assessjeta b'referenza għad-disposizzjonijiet eżatti ta' kull miżura, u partikolarment, il-limitu li dwaru dawn id-disposizzjonijiet jistabbilixxu regoli komuni.

— f'dak li jirrigwarda d-disposizzjonijiet tal-Partijiet XIII u XIV tal-Konvenzjoni, il-kompetenza tal-Komunità tirrigwarda primarjament ma' l-inkorraġġiment ta' koperazzjoni dwar ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku ma' pajjiżi li ma humiex membri u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali. L-attivitajiet imwettqa mill-Komunità, hawnhekk jikkumplimentaw l-attivitajiet ta' l-Istati Membri. Il-kompetenza f'dan il-każ hija mplementata bl-adozzjoni tal-programmi elenkati fl-appendiċi.

3. **L-impatt possibbli ta' l-istrateġiji l-oħrajn tal-Komunità**

— Referenza għandha ssir ukoll għall-istrateġiji tal-Komunità u l-attivitajiet fil-qasam tal-kontroll ta' prattiċi ekonomiċi mhux ġusti, l-akkwist mill-gvern u l-kompetittività industrijali kif ukoll fiż-żona ta' l-għajnuna ta' l-iżvilupp. Dawn l-istrateġiji jistgħu ukoll ikollhom xi relevanza għall-Konvenzjoni u l-Ftehim, partikolarment f'dak li jirrigwarda ċeri provvedimenti tal-Partijiet VI u XI tal-Konvenzjoni.

*Appendiċi*

## ATTI TAL-KOMUNITÀ LI JIRREFERU GĦALL-MATERJI RREGOLATI BIL-KONVENZJONI U BIL-FTEHIM

— **Fir-rigward tas-sigurtà u l-prevenzjoni fis-settur tat-tniġġiż marittimu**

Deċisjoni tal-Kummissjoni 92/143/KEE tal-25 ta' Frar 1992 rigward is-sistemi tan-navigazzjoni-bir-radju għall-Ewropa (ĠU L 59, ta' l-4.3.1992, p. 17)

Direttiva tal-Kunsill 79/115/KEE tal-21 ta' Diċembru 1978 li tikkonċerna l-pilotaġġ ta' vapuri minn piloti f'ibħra fondi fil-Baħar Nordiku u fil-Kanal Ingliż (ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 32)

Direttiva 93/75/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 li tikkonċerna l-ħtiġiet minimi għal vapuri li sejrin lejn, jew qiegħdin iħallu, il-portijiet tal-Komunità u li jġorru oġġetti perikolużi u tat-tniġġiż (ĠU L 247, tal-5.10.1993, p. 19)

Direttiva tal-Kunsill 93/103/KEE tat-23 ta' November 1993 li tikkonċerna l-ħtiġiet minimi dwar is-sigurtà u s-saħħa għax-xogħol abbord id-dgħajjes tas-sajd (it-13 il-Direttiva ndividwali fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE (ĠU L 307, tat-13.12.1993, p. 1)

Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1995 dwar ir-regoli komuni u n-normi għall-ispezzjoni tal-vapuri u l-organizzazzjonijiet tal-isħarriġ u għall-attivitajiet relevanti ta' l-amministrazzjonijiet marittimi (Id-Direttiva tas-Soċjetajiet tal-Klasifikazzjoni) (ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 20)

Direttiva tal-Kunsill 94/58/KE tat-22 ta' Novembru 1994 rigward il-livell minimu tat-taħriġ għall-baħħara (ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 28)

Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 li tikkonċerna l-infurzar, fir-rigward tat-tbaħħir ta' vapuri li jużaw il-portijiet tal-Komunità u t-tbaħħir fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, tan-normi internazzjonali tas-sigurtà għall-vapuri, il-prevenzjoni tat-tniġġiż u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien u tax-xogħol abbord (il-kontroll ta' Port tal-Istat) (ĠU L 157, tas-7.7.1995, p. 1)

Regolament tal-Kunsill 96/98/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-apparat marittimu (ĠU L 46, tas-17.2.1997, p.25)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 613/91 tal-4 ta' Marzu 1991 rigward it-trasferiment ta' vapuri minn reġistru wieħed lejn ieħor fi ħdan il-Komunià (ĠU L 68, tal-15.3.1991, p. 1) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2158/03 tat-28 ta' Lulju 1993 li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' l-emendi għall-Konvenjoni Internazzjonali għas-Sigurtà u l-Ħajja fuq il-Baħar, 1974, u tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġiż minn vapuri, 1973, għall-iskop tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 613/91 (ĠU L 194, tat-3.8.1993, p. 5)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2978/94 tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni ta' l-OMI (Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali) A.747(18) dwar l-applikazzjoni tal-kejl tat-tunnellaġġ fl-ispazji għas-saborra fil-bastimenti-tankijiet taż-żejt bis-saborra segregata (ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 tat-8 ta' Diċembru 1995 dwar l-amministrazzjoni tas-sigurtà abbord il-vapuri tal-passiġġieri (il-laneċ-*ro-ro*) (ĠU L 320, tat-30.12.1995, p. 14)

— **Fil-qasam tal-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marittimu, il-Parti XII tal-Konvenzjoni**

Deċisjoni tal-Kunsill 81/971/KEE tat-3 ta' Diċembru 1981 li tistabbilixxi sistema ta' l-informazzjoni tal-Komunità għall-kontroll u t-tnaqqis tat-tniġġiż ikkaġunat minn skart ta' l-idrokarburi fil-baħar (ĠU L 355, ta' l-10.12.1981, p. 52)

Deċisjoni tal-Kunsill 86/85/KEE tas-6 ta' Marzu 1986 li tistabbilixxi sistema ta' l-informazzjoni tal-Komunità għall-kontroll u t-tnaqqis tat-tniġġiż ikkaġunat minn tixrid tal-idrokarburi u sustanzi oħrajn ta' ħsara fil-baħar (ĠU L 77, tat-22.3.1986, p. 33)

Direttiva tal-Kunsill 75/439/KE tas-16 ta' Ġunju 1975 rigward ir-rimi ta' żjut ħżiena (ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 23).

Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Ġunju 1975 rigward l-iskart (ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 39).

Direttiva tal-Kunsill 76/160/KEE tat-8 ta' Diċembru 1975 li tikkonċerna l-kwalità ta' l-ilma għall-għawm (ĠU L 31, tal-5.2.1976, p. 1)

Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE tal-4 ta' Mejju 1976 rigward it-tniġġiż ikkaġunat minn ċerti sustanzi perikolużi mormija fl-ambjent akwatiku tal-Komunità (ĠU L 129, tat-18.5.1976, p. 23)

Direttiva tal-Kunsill 78/176/KE tal-20 ta' Frar 1978 rigward l-iskart mill-industria tad-diossidu tat-titanju (ĠU L 54, tal-25.2.1978, p. 19).

Direttiva tal-Kunsill 79/923/KEE tat-30 ta' Ottubru 1975 li tikkonċerna l-kwalità ta' l-ilmijiet għat-tkabbir tal-frott tal-baħar (ĠU L 281, ta' l-10.11.1979, p. 47)

Direttiva tal-Kunsill 80/779/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 rigward il-limiti tal-valuri tal-kwalità ta' l-arja u l-valuri ta' gwida għad-diossidu tal-kubrit u l-partikolati sospiżi (ĠU L 229, tat-30.8.1980, p. 30)

Direttiva tal-Kunsill 82/176/KEE tat-22 ta' Marzu 1982 rigward il-limiti tal-valuri u l-kwalità ta' l-iskart tal-merkurju mill-industria ta' l-elettroliżi klor-alkali (ĠU L 81, tas-27.3.1982, p. 29)

Direttiva tal-Kunsill 82/501/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 rigward il-perikoli ewlenija ta' l-inċidenti minn ċerti attivitajiet industrijali (ĠU L 230, tal-5.8.1982, p. 1)

Direttiva tal-Kunsill 82/883/KE tat-3 ta' Diċembru 1982 rigward il-proċeduri għas-sorveljanza u l-monitoraġġ ta' l-ambjenti kkonċernati bl-iskart mill-industria tad-diossidu tat-titanju (ĠU L 378, tal-31.12.1982, p. 1).

Direttiva tal-Kunsill 82/884/KE tat-3 ta' Diċembru 1982 dwar il-limitu ta' valur taċ-ċomb fl-arja (ĠU L 378, tal-31.12.1982, p. 15).

Direttiva tal-Kunsill 83/513/KEE tas-26 ta' Settembru 1983 rigward il-limiti tal-valuri u l-kwalità ta' l-obbjettivi ta' l-iskart tal-kadmju (ĠU L 291, ta' l-24.10.1983, p. 1)

Direttiva tal-Kunsill 84/156/KEE tat-8 ta' Marzu 1984 rigward il-limiti tal-valuri u l-kwalità ta' l-obbjettivi ta' l-iskart tal-merkurju minn setturi oħrajn apparti milli mill-industria ta' l-eletroliżi klor-alkali (ĠU L 74, tas-17.3.1984, p. 49)

Direttiva tal-Kunsill 84/360/KEE tat-28 ta' Ġunju 1984 dwar il-ġlieda mit-tniġġiż ta' l-arja minn impjanti industriali (ĠU L 188, tas-16.7.1984, p. 20).

Direttiva tal-Kunsill 84/491/KEE tad-9 ta' Ottubru 1984 rigward il-limiti tal-valuri u l-kwalità ta' l-obbjettivi ta' l-iskart tal-*hexachlorocyclohexane* (ĠU L 274, tas-17.10.1984, p. 11)

Direttiva tal-Kunsill 85/203/KEE tas-7 ta' Marzu 1985 rigward in-normi tal-kwalità għad-diossidu tan-nitroġenu (ĠU L 87, tas-27.3.1985, p. 1)

Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, tal-5.7.1985, p. 40)

Direttiva tal-Kunsill 86/280/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-valuri tal-limiti u l-obbjettivi tal-kwalità għall-iskart ta' ċerti sustanzi perikolużi inklużi fil-lista I ta' l-Anness tad-Direttiva 76/464/KEE (ĠU L 181, ta' l-4.7.1986, p. 16)

Direttiva tal-Kunsill 88/609/KEE tal-24 ta' Novembru 1988 dwar il-limitazzjoni mill-emisjonijiet ta' ċerti pollutanti fl-arja minn impjanti kbar ta' l-kombustjoni (ĠU L 336, tas-7.12.1988, p. 1).

Direttiva tal-Kunsill 89/369/KEE tat-8 ta' Ġunju 1989 dwar il-prevenzjoni tat-tniġġiż ta' l-arja minn impjanti ta' l-inċinerazzjoni ta' l-iskart muniċipali (ĠU L 163, ta' l-14.6.1989, p. 32).

Direttiva tal-Kunsill 89/429/KEE tal-21 ta' Ġunju 1989 dwar it-tnaqqis tat-tniġġiż ta' l-arja minn impjanti eżistenti ta' l-inċinerazzjoni ta' l-iskart muniċipali (ĠU L 203, tal-15.7.1989, p. 50).

Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 li tikkonċerna t-trattament ta' l-iskart tal-ilmijiet urbani (ĠU L 135, tat-30.5.1991, p. 40)

Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 li tikkonċerna l-protezzjoni ta' l-ilmijiet kontra t-tniġġiż ikkaġunat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, tal-31.12.1991, p. 1)

Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 rigward l-iskart perikoluż (ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 20).

Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 rigward il-konservazzjoni ta' l-abitat naturali u tal-*fauna* u l-*flora* ferjali (ĠU L 206, tat-22.7.1992, p. 7)

Direttiva tal-Kunsill 92/112/KKE tal-15 ta' Diċembru 1992 rigward il-proċeduri għall-armonizzazzjoni tal-programmi għat-tnaqqis u l-eliminazzjoni eventwali tat-tniġġiż ikkaġunat mill-industria tad-diossidu tat-titanju (ĠU L 409, tal-31.12.1992, p. 11).

Direttiva tal-Kunsill 94/67/KE tas-16 ta' Diċembru 1994 rigward l-inċenerazzjoni ta' skart perikoluż (ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 34).

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 ta' l-1 ta' Frar 1993 dwar is-sorveljanza u l-kontroll ta' konsenji ta' l-iskart fi ħdan, lejn u l-barra mill-Komunità Ewropea (ĠU L 30, tas-6.2.1993, p. 1)

— **Fir-rigward tar-riċerka fl-ambjent marittimu u l-koperazzjoni fis-settur xjentifiku u teknoloġiku**

Programm tax-xjenza u t-teknoloġija marittima

Programm ta' l-ambjent u tal-klima

Koperazzjoni ma pajjiżi li ma humiex membri u ma l-organizzazzjonijiet internazzjonali: Il-programm tal-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw (INCO-DC)

— **Il-Konvenzjonijiet li tagħhom il-Komunità hija parti**

Il-Konvenzjoni għal-prevenzjoni tat-tniġġiż marittimu minn sorsi bbażati fuq l-art, Pariġi, 4 ta' Ġunju 1974 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 75/437/KEE tat-3 Marzu 1975, ippublikata fil-ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 5)

Il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni għal-prevenzjoni tat-tniġġiż marittimu minn sorsi bbażati fuq l-art, Pariġi, 26 ta' Marzu 1986 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 87/57/KEE tat-28 ta' Diċembru 1986, ippublikata fil-ĠU L 24 27.1,.1987, p. 47)

Il-Protokoll għall-protezzjoni tal-Baħar tal-Mediterran kontra tat-tniġġiż minn sorsi bbażati fuq l-art, Ateni, 17 ta' Mejju 1980 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 83/101/KEE tat-28 ta' Frar 1986, ippublikata fil-ĠU L 67, tat-12.3.1983, p. 1)

Il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-Baħar tal-Mediterran kontra t-tniġġiż u l-Protokoll għall-prevenzjoni tat-tniġġiż tal-Baħar tal-Mediterran *b'dumping* minn vapuri u ajruplani, Barċellona, 16 ta' Frar 1976 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 77/585/KEE tal-25 ta' Lulju 1977, ippublikata fil-ĠU L 240, tad-19.9.1997, p. 1)

Il-Protokoll li jikkonċerna l-koperazzjoni fil-ġlieda tat-tniġġiż tal-Baħar tal-Mediterran miż-żejt u minn sustanzi oħrajn perikolużi f'każi ta' emerġenza, Barċellona, is-16 ta' Frar 1976 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 81/420/KEE tad-19 ta' Mejju 1981, ippublikat fil-ĠU L 162, tad-19.6.1981, p. 4)

Il-Konvenzjoni rigward it-tniġġiż ta' l-arja f'medda fit-tul transfruntiera, Ġinevra, it-13 ta' Novembru 1979 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981, ippublikata fil-ĠU L 171, tas-27.6.1981, p. 11)

Il-Protokoll tat-2 u tat-3 ta' April 1982 li jikkonċerna żoni protetti speċjali tal-Mediterran, Ġinevra, it-3 ta' April 1982 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 84/132/KEE tal-1 ta' Marzu 1984, ippubblikata fil-ĠU L 68, ta' l-10.3.1984, p. 36)

Il-Ftehim għall-koperazzjoni dwar l-ittrattar mat-tniġġiż tal-Baħar Nodiku miż-żejt u minn sustanzi oħrajn perikolużi, Bonn, it-13 ta' Settembru 1983 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 84/358/KEE tat-28 ta' Ġunju 1984, ippubblikat fil-ĠU L 188, tas-16.7.1984, p. 7)

Il-Ftehim tal-Koperazzjoni dwar il-protezzjoni tal-kosti u l-ibħra tal-grigal ta' l-Atlantiku kontra t-tniġġiż, Lisbona, is-17 ta' Ottubru 1990 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 93/550/KEE tal-20 ta' Ottubru 1993, ippubblikat fil-ĠU L 267, tat-28.10.1993, p. 20)

Il-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-kontrol tal-movimenti transfruntieri ta' skart perikoluż u r-rimi tagħhom, iffermata f'Basel fit-22 ta' Marzu 1989 (Id-Deċisjoni tal-Kunsill 93/98/KEE ta' l-1 ta' Frar 1993, ippubblikata fil-ĠU L 39, tas-16.12.1993, p. 1)

*ANNEX III*

## IL-MANDAT TAL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR IL-LIĠI TAL-BAĦAR

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi tal-Baħar jitratta l-eżami kontinwu tas-suġġetti li jirrigwardaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Novembru 1994. Ix-xogħol tiegħu ħejja t-triq għad-diskussjonijiet tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u b'hekk jikontribwixxi fil-preparazzjoni tal-politika tal-Komunità fiż-żoni ta' relevanza għal-Liġi tal-Baħar. Fil-preparazzjoni għal-laqgħat tal-Kunsill, dana jipprovdi lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (u, meta relevanti, il-Kumitat Politiku) bl-opinjonijiet dwar il-kompatibilità ta' tali politika mal-liġi internazzjonali, u partikolarment il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, jew fuq it-talba ta' dak il-Kumitat jew inkella bl-inizjattiva tiegħu stess.

Il-mandat tal-Grupp ta' Ħidma jinvolvi:

1. il-preparazzjoni tad-Deċisjoni tal-Kunsill li kkonkludiet il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim relatati ma l-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha;
2. il-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 5(1) u (4) ta' l-Anness IX tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;
3. il-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli 287 u 310 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;
4. il-preparazzjoni, dwar l-aspetti fi ħdan il-kompetenza tal-Komunità, ta' l-abbozzi tal-posizzjonijiet tal-Komunità fi ħdan korpi stabbiliti permezz tal-Konvenzjoni;
5. il-kordinazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha fl-Awtorità Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar u l-korpi tagħha, u konsultazzjonijiet bil-għan ta' l-abbozzar ta' posizzjonijiet komuni dwar l-aspetti ta' interess ġenerali li jidħlu fl-istrateġija estera u tas-sigurtà komuni (CFSP/SESK);
6. l-abbozzar tal-posizzjonijiet komuni dwar l-aspetti tal-politika estera ta' interess ġenerali li tikkonċerna l-iżvilupp tal-Liġi tal-Baħar u r-riperkussjonijiet tagħha fuq il-politika estera ta' l-Unjoni Ewropea;
7. l-eżami tal-konsistenza ta' proġetti u proposti ippreżentati lejn il-Kunsill bil-liġi internazzjonali li tikkonċerna il-liġi tal-baħar, u partikolarment il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

Il-Posizzjonijiet dwar kwistjonijiet fi ħdan il-kompetenza tal-Komunità huma adottati bi proċedura normali.

Il-kwistjonijiet li jidħlu fi ħdan il-politika estera ta' l-Unjoni Ewropea huma rregolati bit-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.